

Sena Liturġika 2023 - 2024

# ORDNI

għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa,
tal-Liturġija tas-Sigħat u Aġenda Ekkleżjastika

Arċidjoċesi ta' Malta Djoċesi ta' Għawdex

# ORDNI

## għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa u tal-Liturġija tas-Sigħat u Aġenda Ekkleżjastika

**Sena Liturġika 2023-2024**

Maħruġ b'ordni
tal-Eċċellenza Tiegħu
Mons Charles J Scicluna
Arċisqof ta' Malta
u
tal-Eċċellenza Tiegħu
Mons Anton Teuma
Isqof ta' Għawdex

# ORDNI

għaċ-Ċelebrazzjoni
tal-Quddiesa
u tal-Liturġija tas-Sigħat
u Aġenda Ekkleżjastika

**Sena Liturġika**
**2023-2024**

Pubblikazzjoni:
Kummissjoni Liturġija
Interdjoċesana
Kurja tal-Arċisqof, Floriana
Malta, Settembru, 2023

Disinn: Outlook Coop - Malta
Ritratt tal-Qoxra u stampi ta' ġewwa: Ian Noel Pace - Papal Media
Editur: Dun Jesmond Manicaro
Editur tal-parti tad-djoċesi ta' Għawdex: Dun Nazju Borġ

# Tagħrif dwar is-Sena Liturġika
# u ċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi

# Is-Sena Liturġika

Lista tal-ġranet liturġiċi skont l-ordni tal-preċedenza

## {I}

1 It-Tlitt ijiem tal-Għid, tal-Passjoni, il-mewt u l-Qawmien tal-Mulej mill-imwiet.

2 Il-Milied, l-Epifanija, Tlugħ il-Mulej fis-sema, u Għid il-Ħamsin.
Il-Ħdud tal-Avvent, tar-Randan, u tal-Għid.
L-Erbgħa tal-Irmied.
Il-ferji tal-Ġimgħa l-Kbira, mit-Tnejn sal-Ħamis.
Il-ġranet fost l-ottava tal-Għid.

3 Is-solennitajiet tal-Mulej, tal-Madonna, u tal-Qaddisin imniżżla fil-Kalendarju Ġenerali.
It-tifkira tal-fidili mejtin kollha.

4 Is-solennitajiet proprji, jiġifieri:

A Is-solennità tal-Patrun prinċipali tal-post jew belt jew raħal.

B Is-solennità tad-dedikazzjoni u tal-anniversarju tad-dedikazzjoni tal-knisja proprja.

C Is-solennità tal-Qaddis titulari tal-knisja proprja.

D Is-solennità jew tal-Qaddis titulari, jew tal-fundatur, jew tal-Patrun prinċipali tal-Ordni jew Kongregazzjoni.

## {II}

5 Il-festi tal-Mulej imniżżla fil-Kalendarju Ġenerali.

6 Il-Ħdud ta' żmien il-Milied u ta' "matul is-sena".

7 Il-festi tal-Madonna u tal-Qaddisin imniżżla fil-Kalendarju Ġenerali.

8 Il-festi proprji, jiġifieri:

A Il-festa tal-Patrun prinċipali tad-djoċesi.

B Il-festa tal-anniversarju tad-dedikazzjoni tal-katidral.

C Il-festa tal-Patrun prinċipali tal-provinċja, nazzjon jew territorju ikbar.

D Il-festa tal-Qaddis titulari, fundatur, Patrun prinċipali tal-Ordni jew Kongregazzjoni u tal-provinċja reliġjuża, sakemm jitħares dak li hemm imniżżel hawn taħt.

E Festi oħra proprji ta' xi knisja.

F Festi oħra mniżżla fil-Kalendarju proprju tad-djoċesi jew Ordni jew Kongregazzjoni.

9 Il-ferji tal-Avvent, mis-17 sa l-24 ta' Diċembru.
Il-ġranet fost l-ottava tal-Milied.
Il-ferji tar-Randan.

# {III}

10 It-tifkiriet obbligatorji mniżżla fil-Kalendarju ġenerali.

11 It-tifkiriet obbligatorji proprji, jiġifieri:

A It-tifkira tal-Patrun sekondarju tal-post, djoċesi, territorju u tal-provinċja reliġjuża.

B It-tifkiriet obbligatorji oħra mniżżla fil-Kalendarju proprju tad-djoċesi jew Ordni jew Kongregazzjoni.

12 It-tifkiriet mhux obbligatorji, li iżda jistgħu jsiru wkoll fil-ġranet imsemmija fin-nru 9, skont il-mod partikulari mfisser fl-Ordni għall-Quddiesa u fl-Ordni għall-Uffiċċju. Bl-istess mod ukoll dawk it-tifkiriet obbligatorji li jinzertaw fil-ferji tar-Randan jistgħu jiġu ċċelebrati bħala tifkiriet mhux obbligatorji.

13 Il-ferji tal-Avvent sas-16 ta' Diċembru.
Il-ferji ta' żmien il-Milied mit-2 ta' Jannar sas-Sibt wara l-Epifanija.
Il-ferji ta' żmien il-Għid mit-Tnejn wara l-ottava tal-Għid sas-Sibt qabel Għid il-Ħamsin.
Il-ferji taż-żmien ta' matul is-sena.

## Iċ-Ċelebrazzjonijiet li jaħbtu flimkien u fuq xulxin

Jekk iżjed minn ċelebrazzjoni waħda jaħbtu fl-istess ġurnata ssir dik li fil-lista tal-ġranet liturġiċi tiġi qabel. Dawk is-solennitajiet li jaħbtu f'ġurnata liturġika li tiġi qabilhom skont l-ordni tal-preċedenza jkunu trasferiti fl-eqreb jum ħieles mill-ġranet imsemmija fin-nri 1-8 fil-lista ta' preċedenza. Ċelebrazzjonijiet oħra għal dik is-sena jitħallew barra.

Meta fl-istess ġurnata jinzerta li jkollu jingħad l-Għasar tal-Uffiċċju ta' dakinhar stess u l-ewwel Għasar tal-għada, jirbaħ l-Għasar taċ-ċelebrazzjoni li fil-lista tal-ġranet liturġiċi tiġi qabel; jekk ikunu t-tnejn tal-istess grad jirbaħ l-Għasar tal-ġurnata.

# Kif jingħaqdu s-Sigħat tal-Uffiċċju mal-Quddiesa

Xi drabi, jekk ikun meħtieġ skont iċ-ċirkustanzi, iċ-ċelebrazzjoni fil-pubbliku jew fil-komun tista' ssir b'għaqda iktar sħiħa bejn il-Quddiesa u xi Siegħa mill-Uffiċċju. Din l-għaqda ssir skont ir-regoli li ġejjin u sakemm sew il-Quddiesa u sew is-Siegħa jkunu t-tnejn tal-istess Uffiċċju. Iżda wieħed irid joqgħod attent li dan ma jkun ta' ebda ħsara għall-ħidma pastorali (OĠLS 93).

### Skema A: Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum

- versett tal-bidu u innu tas-Siegħa *jew* kant tal-introjtu u l-purċissjoni tad-dħul u t-tislima taċ-ċelebrant
- salmi tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum
- tista' tingħad il-*Kyrie*, u skont kif indikat fir-rubriki l-*Glorja*
- kolletta tal-Quddiesa
- Liturġija tal-Kelma
- talba tal-fidili. Minflok jistgħu jingħadu l-preċi
- wara t-tqarbin jitkanta *l-Benedictus* bl-antifona
- talba ta' wara t-tqarbin u riti tal-għeluq bħas-soltu.

### Skema B: Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Għasar

L-Għasar jingħaqad mal-Quddiesa bħal fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Biss fis-solennitajiet, fil-Ħdud, u fil-festi tal-Mulej li jaħbtu l-Ħadd, l-ewwel Għasar tagħhom ma jistax isir jekk mhux wara li tkun diġà ġiet iċċelebrata l-Quddiesa tal-jum ta' qabel jew tas-Sibt (OĠLS 94.96).

# Normi għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat

(Tifsir għall-ittri li jidhru fil-Kalendarju f'kull ġurnata.)
**Nota:** Dawn in-normi għandhom iservu ta' għajnuna biex wieħed ikun jaf kif għandu jitlob il-Liturġija tas-Sigħat. Barra minn hekk qed jiġu evitati ħafna ripetizzjonijiet fil-kalendarju.

Għalhekk, jekk fil-Kalendarju issib [A], dan ifisser li l-Uffiċċjatura ta' dak inhar tingħad bil-mod imfisser hawn taħt fil-paragrafu [A].

**[A] Solennità** (OĠLS 225-230)

- Is-solennitajiet għandhom dejjem l-ewwel u t-tieni Għasar. Kollox jittieħed mill-proprju jew mill-komun.
- Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, is-salmi jkunu tal-Ħadd tal-ewwel ġimgħa. Mill-bqija, kollox jittieħed mill-proprju jew mill-komun.
- Fl-Uffiċċju tal-Qari kollox jittieħed mill-proprju jew mill-komun. Dejjem jingħad it-*Te Deum.*
- Fit-Talb ta' Nofs il-Jum:
  - L-innu tas-siegħa jittieħed mill-Ordinarju.
  - L-antifona, il-lezzjoni qasira, il-versett u t-talba jittieħdu mill-proprju jew mill-komun.
  - Is-salmi jekk ma jkunux proprji jittieħdu mis-salmodija komplimentari, jew jekk ikun il-Ħadd, mill-Ħadd tal-ewwel ġimgħa.
- Il-Kompieta bħal tal-Ħdud, kemm wara l-ewwel, kif ukoll wara t-tieni Għasar.

**[B] Festi** (OĠLS 231-233)

- Il-festi, minbarra dawk tal-Mulej li jaħbtu l-Ħadd, ma għandhomx l-ewwel Għasar. Fil-każ tal-festi tal-Mulej li jiġu l-Ħadd, kollox jittieħed mill-proprju jew mill-komun.
- Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum is-salmi jkunu tal-Ħadd tal-ewwel ġimgħa. Mill-bqija kollox mill-proprju jew mill-komun.
- Fl-Uffiċċju tal-Qari kollox jittieħed mill-proprju jew mill-komun. Dejjem jingħad it-*Te Deum.*
- Fit-Talb ta' Nofs il-Jum:
  - L-innu tas-siegħa jittieħed mill-Ordinarju
  - Il-lezzjoni qasira, il-versett u t-talba jittieħdu mill-proprju jew mill-komun.
  - L-antifoni u s-salmi tal-ferja tal-ġurnata, għalkemm f'xi okkażjonijiet l-antifona tkun proprja.
- L-Għasar kollox jittieħed mill-proprju u mill-komun.
- Il-Kompieta tingħad bħal fil-ġranet ordinarji.

## [Ċ] Tifkiriet (OĠLS 220, 234-236)

- Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar:
  - Salmi u antifoni tal-ferja, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor.
  - Antifona tal-Invitatorju, l-innijiet, il-lezzjonijiet qosra u r-responsorji ta' magħhom, l-antifoni tal-*Benedictus* u l-*Magnificat*, u l-preċi jittieħdu mill-proprju, jew jekk ma jkunx hemm proprju mill-komun jew tal-ferja.
  - It-talba tal-aħħar hi dejjem tat-tifkira.

- Fl-Uffiċċju tal-Qari:
  - Salmi u antifoni tal-ferja.
  - L-innu jittieħed mill-proprju jew mill-komun.
  - L-ewwel lezzjoni tkun dejjem tal-iskrittura kurrenti bir-responsorju tagħha.
  - It-tieni lezzjoni tkun tat-tifkira, b'responsorju tagħha. Tittieħed mill-proprju jew mill-komun.
  - It-*Te Deum* qatt ma jingħad.
  - It-talba tal-aħħar hi dejjem tat-tifkira.

- Fit-Talb ta' Nofs il-Jum u Kompieta:kollox jingħad mill-ferja.

## [D] Il-Ħdud (OĠLS 204-207)

- Kollox jittieħed mis-salterju u mill-proprju taż-żmien.
- Għandhom l-ewwel u t-tieni Għasar.
- Fl-Uffiċċju tal-Qari, minbarra fi żmien ir-Randan, jingħad it-*Te Deum*.

## [E] Ferji

- Kollox mill-Ordinarju, mis-salterju, u mill-proprju taż-żmien.
- Fl-Uffiċċju tal-Qari ma jingħadx it-*Te Deum*.
- It-talba tal-aħħar fl-Uffiċċju tal-Qari hi proprja. Fis-sigħat l-oħra, fit-tempi forti (Avvent-Milied-Randan-Għid) tittieħed mill-proprju. Fiż-żmien ta' matul is-sena tittieħed mis-salterju.

## [F] Tifkiriet fi żmien privileġġjat (OĠLS 237-239)

Fil-ferji mis-17 sal-24 ta' Diċembru, fil-ġranet tal-Ottava tal-Milied, u fil-ferji tar-Randan (minbarra l-Erbgħa tal-Irmied u l-ferji tal-Ġimgħa Mqaddsa), it-tifkiriet jistgħu jiġu ċċelebrati b'dan il-mod:

- Fl-Uffiċċju tal-Qari, wara l-lezzjoni patristika bir-responsorju tagħha, meħuda mill-proprju taż-żmien, tiżdied ukoll il-lezzjoni aġjografika bir-responsorju tagħha mill-proprju tal-qaddisin. Fit-tmiem tingħad it-talba tal-qaddis/a.
- Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar titħalla barra l-konklużjoni tat-talba tal-aħħar u minnufih tingħad l-antifona mill-proprju jew mill-komun u t-talba tal-qaddis/a.

# Normi għall-Għażla tal-Quddiesa

**Nota:** Dawn in-normi, mibnija fuq il-prinċipji mniżżla fl-*Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman* (IĠMR), fuq l-indikazzjonijiet tal-kotba ritwali l-ġodda u taċ-*Ċerimonjal tal-Isqfijiet* (CE), huma maħsuba li jgħinu lis-saċerdot fl-għażla tal-Quddiesa. Il-jiem liturġiċi huma mqassma f'7 kategoriji. In-numri fil-parentesi, eż. [1] [2] eċċ, ħdejn kull ġurnata tal-kalendarju jirreferu għall-indikazzjonijiet ta' hawn taħt.

**[1] Solennitajiet bl-obbligu tal-Quddies - Ħdud tal-Avvent - Ħdud tal-Għid u tar-Randan - Tridu tal-Għid - Il-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa.**

- Ma tista' ssir ebda Quddiesa għajr dik tal-ġurnata, lanqas ta' funeral.
- Minbarra fis-solennitajiet bl-obbligu tal-Quddies u fit-Tridu tal-Għid, fil-Quddiesa li jiġi ċċelebrat xi sagrament jew sagramental tista' ssir lezzjoni waħda mil-Lezzjonarju għall-Quddies Ritwali (ara il-praenotanda tar-rit partikulari u l-indikazzjonijiet dwar l-istess ċelebrazzjoni fiċ-CE).

**[2] Solennitajiet - Tifkira tal-mejtin kollha - L-Erbgħa tal-Irmied - It-Tnejn, it-Tlieta, u l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa - L-Ottava tal-Għid.**

- Tista' ssir Quddiesa ta' funeral (IĠMR 336).
- Tista' ssir iċ-ċelebrazzjoni ta' sagrament jew sagramental. Il-Quddiesa tkun dik tal-ġurnata, biss lezzjoni waħda tista' tittieħed mil-Lezzjonarju għall-Quddies Ritwali (ara il-praenotanda tar-rit partikulari u l-indikazzjonijiet dwar l-istess ċelebrazzjoni fiċ-CE).

**[3] Il-Ħdud ta' żmien il-Milied u taż-żmien ta' matul is-sena - Festi.**

- Tista' ssir Quddiesa ritwali (IĠMR 329, 330). Jekk isir żwieġ f'Quddiesa li tkun tal-ħin, il-Quddiesa tkun tal-jum, b'silta waħda tal-qari meħuda mil-lezzjonarju ritwali (CE 603). Jekk iċ-ċelebrazzjoni ma ssirx fil-Quddiesa tal-ħin tista' titqaddes il-Quddiesa ritwali.
- Bl-ordni jew permess tal-Ordinarju, tista' ssir Quddiesa għal "ħtiġijiet diversi" jew "votiva" jekk ikun ta' ħtieġa pastorali kbira (IĠMR 332).
- Tista' ssir il-Quddiesa tal-funeral (IĠMR 336).

**[4] Fil-ferji tal-Avvent mis-17 sal-24 ta' Diċembru - Fl-Ottava tal-Milied - Fil-ferji tar-Randan.**

- Tista' ssir Quddiesa ritwali bil-qari meħud mil-lezzjonarju ritwali (IĠMR 329a, 330).

- Tista' ssir waħda mill-Quddisiet għal "ħtiġijiet diversi" jew "votiva" jekk ikun verament ta' ħtieġa jew fejda pastorali, skont il-ġudizzju tal-Ordinarju (IĠMR 332).
- Jista' jsir dan il-Quddies tal-mejtin: malli tasal l-aħbar tal-mewt; d-difna; l-ewwel anniversarju mill-mewt; u l-Quddiesa ta' funeral (IĠMR 336, 337).

**[5] Tifkiriet obbligatorji - Ferji tal-Avvent sas-16 ta' Diċembru - Ferji ta' żmien il-Milied mit-2 ta' Jannar - Ferji ta' żmien il-Għid.**

- Jista' jsir il-Quddies ritwali kollu (IĠMR 329a, 330).
- Fil-Quddiesa komunitarja tista' tintgħażel waħda mill-Quddies għal "ħtiġijiet diversi" jew "votiva", jekk fil-ġudizzju tar-rettur tal-knisja jew taċ-ċelebrant, hi ta' ħtieġa kbira jew ta' fejda pastorali (IĠMR 333).
- Jista' jsir dan il-Quddies tal-mejtin: malli tasal l-aħbar tal-mewt; d-difna; l-ewwel anniversarju mill-mewt; u l-Quddiesa ta' funeral (IĠMR 336, 337).
- Fil-ferji tal-Avvent sas-16 ta' Diċembru, f'dawk ta' żmien il-Milied mit-2 ta' Jannar, u fil-ferji ta' żmien il-Għid tista' ssir: a) il-Quddiesa tal-ġurnata; b) jew dik ta' xi qaddis/a li tiegħu/tagħha ssir it-tifkira (fakoltattiva) jew li t/jissemma fil-martiroloġju f'dik il-ġurnata (IĠMR 316b). Dan ma japplikax f'każ ta' tifkiriet obbligatorji.

**[6] Ferji taż-żmien ta' matul is-sena.** F'dawn il-ġranet hemm libertà sħiħa fl-għażla tal-Quddies (IĠMR 316c, 334)

Tista' ssir:

- Il-Quddiesa ta' wieħed mill-34 Ħadd ta' matul is-sena.
- Quddiesa votiva jew għal xi ħtieġa (IĠMR 329 bċ).
- Il-Quddiesa ta' xi qaddis/a li dak inhar tkun tista' ssir it-tifkira tiegħu/tagħha jew li ismu/isimha hu mniżżel fil-Martiroloġju għal dak inhar.
- Quddiesa ritwali (IĠMR 329, 330) jekk ikun qed jiġi ċċelebrat ir-rit ikkonċernat.
- Quddies tal-mejtin (IĠMR 337) - funeral, anniversarju jew dak imsejjaħ "ta' kuljum".

**[7] Tifkiriet fi żmien privileġġjat.**

Fil-ferji privileġġjati tal-Avvent (mis-17 sa' l-24 ta' Diċembru), fil-ferji fost l-Ottava tal-Milied, u fil-ferji tar-Randan (minbarra l-Erbgħa tal-Irmied u matul il-Ġimgħa Mqaddsa) jistgħu jsiru tifkiriet tal-Qaddisin jew tal-Madonna ndikati fil-Kalendarju, billi tingħad il-kolletta biss tal-Qaddis/a minflok tal-ferja. Mill-bqija kollox ikun tal-ferja.

# Meta jista' jitqaddes il-Quddies Votiv u l-Quddies tal-Mejtin

**V1** Quddies ritwali, Quddies għal kull ħtieġa jew votiv ordnat mill-Ordinarju għal raġunijiet ta' ħtieġa kbira.

**V2** Quddies għal kull ħtieġa jew votiv għal xi ħtieġa vera fil-fehma tar-rettur tal-Knisja jew tas-saċerdot li se jqaddes.

**V3** Quddies għal kull ħtieġa jew votiv magħżul mis-saċerdot minħabba d-devozzjoni tan-nies.

**D1** Quddiesa tal-funerali.

**D2** Quddiesa tal-mejtin għeluq is-sena tal-mewt, jew malli waslet l-aħbar tal-mewt jew fl-okkażjoni tal-aħħar difna tal-mejjet.

**D3** Quddiesa tal-mejtin "ta' kuljum". Meta D1 u D2 ma jistgħux isiru, lanqas ma ssir D3.

\+ Il-Quddiesa permessa.
– Il-Quddiesa mhux permessa.

| | |
|---|---|
| • Solennitajiet kmandati | V1- D1- |
| • Fil-Ħdud tal-Avvent, Randan u Għid | V1- D1- |
| • Ħamis ix-Xirka u Tlett ijiem mqaddsa tal-Għid | V1- D1- |
| • Solennitajiet mhux kmandati u l-Għid tal-imwiet | V1- D1+ D2- |
| • Ras ir-Randan; it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa tal-Ġimgħa l-Kbira | V1- D1+ D2- |
| • L-Ottava tal-Għid | V1- D1+ D2- |
| • Il-Ħdud ta' matul is-sena u fil-Ħadd fl-Ottava tal-Milied | V1+ V2- D1+ D2- |
| • Festi | V1+ V2- D1+ D2- |
| • Ferji tal-Avvent mis-17 sal-24 ta' Diċembru | V1+ V2- D1+ D2+ D3- |
| • Fl-Ottava tal-Milied | V1+ V2- D1+ D2+ D3- |
| • Fil-ferji tar-Randan | V1+ V2- D1+ D2+ D3- |
| • Tifkiriet (O) | V1+ V2+ V3- D1+ D2+ D3- |
| • Ferji tal-Avvent sas-16 ta' Diċembru | V1+ V2+ V3- D1+ D2+ D3- |
| • Ferji tal-Milied mit-2 ta' Jannar | V1+ V2+ V3- D1+ D2+ D3- |
| • Ferji ta' żmien il-Għid | V1+ V2+ V3- D1+ D2+ D3- |
| • Ferji matul is-sena | V1+ V2+ V3+ D1+ D2+ D3+ |

# Ġranet ta' Penitenza

Kan. 1249 Il-Liġi ta' Alla torbot lill-insara li jagħmlu penitenza kull wieħed skont il-mod tiegħu: iżda biex l-insara kollha jingħaqdu flimkien għal ċertu ħarsien tal-penitenza, hemm iffissati xi ġranet ta' penitenza li fihom l-insara b'mod speċjali jagħtu ruħhom għat-talb, għall-għemejjel ta' devozzjoni u mħabba, għaċ-ċaħda tagħhom infushom, billi jaqdu aħjar dmirijiethom u l-aktar billi jħarsu s-sawm u l-astinenza skont il-kanoni li ġejjin.

Kan. 1250 Il-ġranet ta' penitenza fil-Knisja Universali huma l-Ġimgħat kollha tas-sena u żmien ir-Randan.

Kan. 1251 Wieħed għandu jħares l-astinenza mil-laħam jew minn ikel ieħor, skont id-dispożizzjonijiet tal-Konferenza Episkopali, fil-Ġimgħat kollha tas-sena, barra dawk li fihom taħbat xi solennità. L-astinenza u s-sawm għandhom ikunu mħarsa fl-Erbgħa tar-Rmied u nhar il-Ġimgħa tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej.

Kan. 1252 Huma marbutin li jħarsu l-liġi tal-astinenza dawk kollha li għalqu l-erbatax-il sena; għandhom iħarsu l-liġi tas-sawm il-maġġorenni (jiġifieri dawk li għalqu t-tmintax-il sena) sa ma jidħlu fis-sittin sena. Iżda r-rgħajja tal-erwieħ u l-ġenituri għandhom iħabirku biex dawk li għadhom mhumiex obbligati li jħarsu l-liġi tas-sawm u tal-astinenza għax taħt l-età, jittrawmu fil-veru sens tal-penitenza.

Kan. 1253 Il-Konferenza Episkopali tkompli tiddetermina aktar fid-dettal kif għandhom jiġu mħarsa l-liġijiet tas-sawm u tal-astinenza, kif ukoll tgħid x'suriet oħra ta' penitenza – l-aktar għemejjel ta' mħabba u devozzjonijiet – jistgħu jiġu mibdula, għal kollox jew parzjalment, mas-sawm u l-astinenza.

Il-Konferenza Episkopali Maltija waqt li tfakkar li skont il-kan. 1250 il-jiem u ż-żminijiet tal-penitenza fil-Knisja huma l-Ġimgħat kollha ta' matul is-sena u ż-żmien tar-Randan, wara li eżaminat il-kan. 1251 u 1253, kif ukoll iċ-ċirkostanzi attwali taż-żewġ djoċesijiet, biex jitneħħa kull ekwivoku, iddeċidiet li tagħti dawn in-normi dwar l-astinenza:

1. Fit-termini tal-Kanoni 1251 l-Astinenza tiġi mħarsa billi wieħed ma jikolx laħam jew ikel ieħor li jkun jogħġbu ħafna.
2. Fit-termini tal-kan. 1253 l-obbligu tal-astinenza jista' jiġi mħares billi n-nisrani jagħmel wieħed minn dawn l-għemejjel li ġejjin:

   a. jastjeni ruħu minn kull xorb alkoħoliku;
   b. ma jpejjipx;
   c. jiċċaħħad minn xi divertiment;
   d. jieħu sehem f'Quddiesa, jew jagħmel il-Via Sagra;
   e. jitlob aktar mal-familja, v.g. igħid ir-Rużarju;
   f. jaqra l-Iskrittura mqaddsa;
   g. irażżan l-infiq u jagħti karità;
   h. iżur il-morda jew xjuħ li huma waħedhom.

3. F'Ras ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira għandu jibqa' mħares l-obbligu tal-astinenza mil-laħam jew minn ikel ieħor skont l-artikolu 1, kif ukoll l-obbligu tas-sawm.

# Iċ-Ċelebrazzjonijiet Ewlenin tas-Sena Liturġika

| Sena | Ċiklu tal-Ħdud | Ċiklu Ferjali | Ras ir-Randan | Għid il-Kbir | Lapsi | Għid il-Ħamsin | Corpus | Żmien ta' matul is-sena | | | | Bidu Avvent |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | Qabel ir-Randan | | Wara żmien il-Għid | | |
| | | | | | | | | sa | ġimgħa | minn | ġimgħa | |
| 2024 | B | II | 14 Frar | 31 Marzu | 12 Mejju | 19 Mejju | 2 Ġunju | 13 Frar | 6 | 20 Mejju | 7 | 1 Diċembru |
| 2025 | Ċ | I | 5 Marzu | 20 April | 1 Ġunju | 8 Ġunju | 22 Ġunju | 4 Marzu | 8 | 9 Ġunju | 10 | 30 Novembru |
| 2026 | A | II | 18 Frar | 5 April | 17 Mejju | 24 Mejju | 7 Ġunju | 17 Frar | 6 | 25 Mejju | 8 | 29 Novembru |
| 2027 | B | I | 10 Frar | 28 Marzu | 9 Mejju | 16 Mejju | 30 Mejju | 9 Frar | 5 | 17 Mejju | 7 | 28 Novembru |
| 2028 | Ċ | II | 1 Marzu | 16 April | 28 Mejju | 4 Ġunju | 18 Ġunju | 29 Frar | 8 | 5 Ġunju | 9 | 3 Diċembru |
| 2029 | A | I | 14 Frar | 1 April | 13 Mejju | 20 Mejju | 3 Ġunju | 13 Frar | 6 | 21 Mejju | 7 | 2 Diċembru |
| 2030 | B | II | 6 Marzu | 21 April | 2 Ġunju | 9 Ġunju | 23 Ġunju | 5 Marzu | 8 | 10 Ġunju | 10 | 1 Diċembru |
| 2031 | Ċ | I | 26 Frar | 13 April | 25 Mejju | 1 Ġunju | 15 Ġunju | 25 Frar | 7 | 2 Ġunju | 9 | 30 Novembru |
| 2032 | A | II | 11 Frar | 28 Marzu | 9 Mejju | 16 Mejju | 30 Mejju | 10 Frar | 5 | 17 Mejju | 7 | 28 Novembru |
| 2033 | B | I | 2 Marzu | 17 April | 29 Mejju | 5 Ġunju | 19 Ġunju | 1 Marzu | 8 | 6 Ġunju | 10 | 27 Novembru |
| 2034 | Ċ | II | 22 Frar | 9 April | 21 Mejju | 28 Mejju | 11 Ġunju | 21 Frar | 7 | 29 Mejju | 8 | 3 Diċembru |
| 2035 | A | I | 7 Frar | 25 Marzu | 6 Mejju | 13 Mejju | 27 Mejju | 6 Frar | 5 | 14 Mejju | 6 | 2 Diċembru |
| 2036 | B | II | 27 Frar | 13 April | 25 Mejju | 1 Ġunju | 15 Ġunju | 26 Frar | 7 | 2 Ġunju | 9 | 30 Novembru |

# Is-Sena Liturġika
# 2023 – 2024

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ewwel Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ewwel Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# 03 Il-Ħadd • Diċembru 2023

**L-ewwel Ħadd tal-Avvent – (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ewwel Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent I [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Is 63, 16b-17.19b; 64, 2-7 Mhux li kont iċċarrat is-smewwiet u tinżel!
- **SR** 79 (80), 2aċ.3b.15-16.18-19 Reġġagħna għal li konna Alla tal-eżerċti.
- **2L** 1 Kor 1, 3-9 Nistennew id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu.
- **E** Mk 13, 33-37 Ishru, għax ma tafux meta jerġa' jiġi sid id-dar.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ewwel Ħadd tal-Avvent [D]. L-Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

# It-Tnejn • Diċembru 2023 04

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)** *jew*
**San Ġwann Damaxxenu, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 2, 1-5 Il-Mulej jiġma' l-ġnus kollha fis-sliem tas-saltna ta' Alla għal dejjem .
- **SR** 121 (122), 1-2.3-4a.4b-5.6-7.8-9 Immorru ferħana f'dar il-Mulej.
- **E** Mt 8, 5-11 Għad jiġu ħafna mil-Lvant u mill-Punent u joqogħdu fis-saltna tas-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tad-dutturi tal-Knisja jew tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. (Birgu) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità trasferita (abjad)
- O.F.M. Cap. (Kalkara) – Santa Barbara, verġni u martri – Solennità (aħmar)
- U.S.A.M. (Sliema) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Damaxxenu twieled f'Damasku għall-ħabta tas-sena 650 minn familja nisranija. Studja l-filosofija, issieħeb mal-irħieb fil-monasteru ta' San Saba qrib Ġerusalemm, u ġie ordnat saċerdot. Hu meqjus bħala l-aħħar missier tal-Knisja tal-Lvant. Kiteb xi innijiet liturġiċi, kif ukoll ħafna tagħlim teoloġiku, l-aktar dwar il-kult tax-xbihat imqaddsa b'reazzjoni għat-tagħlim tal-ikonoklastiċi li kienu jipprojbixxu l-użu tal-ikoni. Miet fis-sena 749. Ġie ddikjarat duttur tal-Knisja mill-papa Ljun XIII fl-1890.

# 05 It-Tlieta • Diċembru 2023

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 11, 1-10 Fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej.
- **SR** 71 (72), 2.7-8.12-13.17 Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja, u s-sliem kotran għal dejjem.
- **E** Lq 10, 21-24 Ġesù tqanqal bil-ferħ mill-Ispirtu s-Santu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O. Carm. – Beatu Bartilmew Fanti, presbiteru – Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Beatu Filippu Rinaldi, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.S.B. – San Saba, abbati – Tifkira (abjad)
  *jew* Beatu Plaċidu Riccardi, presbiteru – Tifkira (abjad)

# L-Erbgħa • Diċembru 2023 06

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**
*jew* **San Nikola, isqof – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 25, 6-10a Sidi l-Mulej jagħmel għall-popli kollha mejda b'ikel fin u jixxotta d-dmugħ minn fuq kull wiċċ.
- **SR** 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6 Ngħammar f'dar il-Mulej sakemm indum ħaj!
- **E** Mt 15, 29-37 Ġesù fejjaq ħafna morda u qasam il-ħobż.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Siggiewi – San Nikola, isqof – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Nikola kien isqof ta' Mira f'Liċja, illum it-Turkija. Ħa sehem fil-Konċilju ta' Nicea kontra l-Arjani, li kienu jiċħdu d-divinità ta' Kristu. Miet għal nofs is-seklu 4, u hu mweġġaħ fil-Knisja kollha, l-aktar mis-seklu 10 'l hawn.

# 07 Il-Ħamis • Diċembru 2023

**San Ambroġ, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 26, 1-6 Jidħol il-poplu ġust li jżomm is-sewwa.
- **SR** 117 (118), 1 u 8-9.19-21.25-27a Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!
- **E** Mt 7, 21.24-27 Min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-knisja [Ċ]. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ambroġ twieled fi Treviri minn familja rumana għall-ħabta tas-sena 340; studja f'Ruma, u qeda uffiċċji ċivili għolja f'Sirmio. Fis-sena 374, meta kien prefett ta' Milan u għadu katekumenu, għażluh isqof tal-belt u ġie ordnat fis-7 ta' Diċembru. Ħadem b'reqqa tal-għaġeb f'dan il-ministeru, l-aktar bl-imħabba li wera lejn kulħadd li għamlitu tassew ir-ragħaj u l-imgħallem tal-fidili tiegħu. Fost dawk li kkonvertew bis-saħħa tiegħu nsibu lil Santu Wistin. Iddefenda bil-qawwa d-drittijiet tal-Knisja, ħadha kontra l-Arjani, u kiteb opri teoloġiċi ta' għerf kbir, kif ukoll xi innijiet liturġiċi li xi wħud minnhom għadhom użati sal-lum. Miet fil-vġili tal-Għid il-Kbir, 4 ta' April 397.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
Għal raġunijiet pastorali, minħabba d-devozzjoni tan-nies, flok il-Quddiesa ta' San Ambroġ tista' ssir il-Quddiesa tas-solennità ta' għada.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar proprju tas-solennità ta' għada. Salmodija mill-Komun tal-Madonna. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

# Il-Ġimgħa • Diċembru 2023 08

**It-Tnissil bla Tebgħa tal-Imqaddsa Verġni Marija – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Ġen 3, 9-15.20 Innissel mibegħda bejn nislek u bejn nisel il-mara.
- **SR** 97, 1-4 Ngħannu lill-Mulej, għax għamel l-għeġubijiet.
- **2L** Efes 1, 3-6.11-12 Alla għażilna fi Kristu sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.
- **E** Lq 1, 26-38 Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Fl-Uffiċċju tal-Qari, salmodija mill-Komun tal-Madonna. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona proprja, salmodija komplimentari. Fit-II Għasar, salmodija mill-Komun tal-Madonna. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-festa tat-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Omm Alla kienet issir fis-Sirja sa' mis-seklu ħamsa. Fit-8 ta' Diċembru 1854, il-papa Piju IX bl-enċiklika *Ineffabilis Deus* iddefinixxa bħala domma ta' fidi li l-Verġni mqaddsa Marija, mimlija bil-grazzja u mbierka fost in-nisa, għall-merti ta' Kristu meqjusin minn qabel, Alla ħarisha minn kull tebgħa ta' dnub sa mill-ewwel waqt tat-tnissil tagħha.

# 09 Is-Sibt • Diċembru 2023

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**
*jew* **San Ġwann Diegu Cuauhtlatoatzin – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **IL** Iż 30, 19-21.23-26 Il-Mulej iħenn għalik mal-ħoss tal-għajta tiegħek.
- **SR** 146 (147), 1-2.3-4.5-6 Alla ġust hu l-Mulej; henjin dawk li jafdaw fih.
- **E** Mt 9, 35 – 10, 1.6-8 Ra n-nies u tħassarhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin irġiel [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Diegu, Messikan ta' fidi sempliċi, twieled fl-1474. Ta' età matura ħaddan il-fidi nisranija li għixha b'umiltà. Wara dehra, b'ħeġġa ħabrek għall-bini tas-Santwarju tal-Madonna ta' Gwadalupe fuq l-għolja Tepeyac, qrib il-belt tal-Messiku. Miet fl-1548 fl-istess post fejn dehritlu l-Madonna.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tieni Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Diċembru 2023 10

**It-tieni Ħadd tal-Avvent – (vjola)**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Is 40, 1-5.9-11 Ħejju t-triq għall-Mulej.
- **SR** 84 (85), 8-9ab.10-14 Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek.
- **2L** 2 Piet 3, 8-14 Nistennew li jiġu smewwiet ġodda u art ġdida.
- **E** Mk 1, 1-8 Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tieni Ħadd tal-Avvent [D]. L-Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# 11 It-Tnejn • Diċembru 2023

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**
*jew* **San Damasu, papa – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **IL** Iż 35, 1-10 Alla ġej biex isalvakom.
- **SR** 84 (85), 9ab-10.11-12.13-14 Alla ġej biex isalvana.
- **E** Lq 5, 17-26 Rajna ħwejjeġ tal-għaġeb illum!

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ[Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- U.S.A.M. (Msida); Gudja (ta' Loreto) – Madonna ta' Loreto – Solennità trasferita (abjad).
- Gudja; Naxxar – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.Carm. (Valletta) – Beatu Franku minn Siena – Tifkira (abjad)
- O.C.D. – Santa Marija tal-Għaġeb ta' Ġesù, verġni – Tifkira O (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Għajnsielem (Knisja Parrokkjali) – It-Translazzjoni tad-Dar tal-Madonna f'Loretu – Solennità trasferita (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-papa Damasu twieled għall-ħabta tas-sena 305. Daħal fil-kleru ta' Ruma u sar papa fis-sena 366. Laqqa' sinodi kontra x-xiżmatiċi u l-eretiċi Arjani u Donatisti, qabbad lil San Ġirolmu jaqleb il-kotba tal-Iskrittura mqaddsa għal-Latin, xerred ħafna l-ġieħ tal-martri u żejjen l-oqbra tagħhom b'versi tiegħu. Miet fis-sena 384.

# It-Tlieta • Diċembru 2023 12

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija ta' Gwadalupe – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 40, 1-11 Alla jfarraġ il-poplu tiegħu.
- **SR** 95 (96), 1-2.3 u 10aċ.11-12.13 Sidi l-Mulej ġej bil-qawwa.
- **E** Mt 18, 12-14 Alla ma jridx li jintilef wieħed minn dawn iż-żgħar.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.Carm. (Balluta); Kalkara – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
L-Imqaddsa Verġni Marija ta' Gwadalupe hi omm il-poplu Messikan li jersaq fuq l-għolja Tepeyac, qrib il-belt tal-Messiku, biex jitlobha l-għajnuna. F'dan il-post kienet dehret lil San Ġwann Diegu Cuauhtlatoatzin. Hi l-ispirazzjoni tal-evanġelizazzjoni u l-għajnuna għall-fqar fil-Messiku u fl-Amerka Latina.

# 13 L-Erbgħa • Diċembru 2023

**Santa Luċija, verġni u martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 40, 25-31 Il-Mulej ikattar il-qawwa lil min hu bla saħħa.
- **SR** 102 (103), 1-2.3-4.8 u 10 Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!
- **E** Mt 11, 28-30 Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tal-verġni [Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Tarxien (Erwieħ) – L-anniversarju tad-dedikazzjoni tal-knisja ( 2002) – Solennità (abjad)
- Mtarfa – Santa Luċija, verġni u martri – Solennità (aħmar)

Djoċesi ta’ Għawdex
- Għarb (Bażilka tat-Tlugħ tal-Imqaddsa Verġni Marija fis-Sema “ta’ Pinu”) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1932) – Solennità (abjad)
- Kerċem (Knisja ta’ Santa Luċija) – Santa Luċija, verġni u martri – Solennità (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Luċija ħadet il-martirju f’Sirakuża, aktarx fil-persekuzzjoni ta’ Djoklezjanu fil-bidu tar-raba’ seklu. Il-kult tagħha xtered kważi fil-Knisja kollha sa minn żmien antik ħafna, u isimha ddaħħal fil-Kanone Ruman.

# Il-Ħamis • Diċembru 2023 14

**San Ġwann tas-Salib, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonajru Ferjali III**
- **1L** Iż 41, 13-20 Jien il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael!
- **SR** 144 (145), 1 u 9.10-11.12-13ab Il-Mulej twajjeb u ħanin.
- **E** Mt 11, 11-15 Ħadd ma qam akbar minn Ġwanni l-Battista.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. – San Ġwann tas-Salib, presbiteru, duttur tal-Knisja u missier tagħna – Solennità (abjad)
- O. Carm. – San Ġwann tas-Salib, presbiteru u duttur tal-Knisja – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann tas-Salib twieled f'Fontiberos fi Spanja, qrib l-1542. Daħal mal-Karmelitani ta' Medina del Campo. Santa Tereża ta' Ġesù ħeġġitu biex jitħabat għar-riforma tal-Ordni u ndaħal għaliha minkejja diffikultajiet kbar. Kiteb opri spiritwali b'għerf kbir fuq il-ħajja mistika. Miet f'Oviedo, fl-1591.

# 15 Il-Ġimgħa • Diċembru 2023

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 48, 17-19 Li kieku tajt widen għall-kmandamenti tiegħi!
- **SR** 1, 1-2.3.4 u 6 Min jimxi warajk, Mulej, ikollu d-dawl tal-ħajja.
- **E** Mt 11, 16-19 La minn Ġwanni u lanqas minn Bin il-bniedem ma jridu jisimgħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

# Is-Sibt • Diċembru 2023 16

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Sir 48, 1-4.9-11 Elija jerġa' jiġi.
- **SR** 79 (80), 2aċ u 3b.15-16.18-19 Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti.
- **E** Mt 17, 10-13 Elija ġa ġie, u huma baqgħu ma għarfuhx.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. – Beata Marija tal-Anġli Fontanella, verġni – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Kerċem (Kappella tas-Sorijiet Karmelitani) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1973) – Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tielet Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

# 17 Il-Ħadd • Diċembru 2023

**It-tielet Ħadd tal-Avvent – (vjola jew roża)**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent II [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Is 61, 1-2a. 10-11Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej.
- **SR** Lq 1, 46-48.49-50.53-54 Taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi.
- **2L** 1Tess 5, 16-24 Sħaħ bla mittiefsa, sa ma jiġi Sidna Ġesù Kristu.
- **E** Ġw 1, 6-8.19-28 F'nofskom hemm dak li intom ma tafuhx.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tielet Ħadd tal-Avvent [D]. Lezzjonijiet, antifoni tal-Benedictus u tal-Magnificat u l-preċi jittieħdu mill-Uffiċċju tas-17 ta' Diċembru. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# It-Tnejn • Diċembru 2023 18

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tat-18 ta' Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Ġer 23, 5-8 Inqajjem lil David rimja ġusta.
- **SR** 71 (72), 2.12-13.18-19 Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja u s-sliem.
- Hallelujah: O Mexxej tad-dar ta' Iżrael.
- **E** Mt 1, 18-24 Ġesù jitwieled minn Marija, għarusa ta' Ġużeppi, bin David.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-18 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni tat-Tnejn qabel l-24 ta' Diċembru. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- San Ġiljan – Dedikazzjoni tal-knisja parrokkjali – Solennità trasferita (abjad).

# 19 It-Tlieta • Diċembru 2023

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tad-19 ta' Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Mħal 13, 2-7.24-25a Anġlu tal-Mulej iħabbar it-twelid ta' Sansun.
- **SR** 70 (71), 3-4a.5-6ab.16-17 Mulej, mimli fommi b'tifħirek u b'sebħek.
- Hallelujah: O Għerq ta' Ġesse.
- **E** Lq 1, 5-25 L-anġlu Gabrijel iħabbar it-twelid ta' Ġwanni l-Battista.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tad-19 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni tat-Tlieta qabel l-24 ta' Diċembru. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

# L-Erbgħa • Diċembru 2023 20

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tal-20 ta' Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 7, 10-14 Araw, ix-xebba titqal u tiled iben.
- **SR** 23 (24), 1-2.3-4ab.5-6 Araw, ġej il-Mulej, is-Sultan tal-glorja!
- Hallelujah: O Muftieħ ta' David.
- **E** Lq 1, 26-38 Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-20 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni tal-Erbgħa qabel l-24 ta' Diċembru. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

# 21 Il-Ħamis • Diċembru 2023

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tal-21 ta’ Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].
Tista’ ssir it-tifkira ta’ San Pietru Kanisju, presbiteru u duttur tal-Knisja, bil-mod indikat f’[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Għan 2, 8-14 Il-maħbub tiegħi: arah, ġej, jaqbeż fuq il-muntanji. *jew* Sof 3, 14-18a Il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f’nofsok.
- **SR** 32 (33), 2-3.11-12.20-21 Għannu, ġusti, bil-ferħ, lill-Mulej; għannulu għanja ġdida.
- Hallelujah: O Xemx tielgħa.
- **E** Lq 1, 39-45 Minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi?

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-21 ta’ Diċembru [E].
Fit-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni tal-Ħamis qabel l-24 ta’ Diċembru. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.
Tista’ ssir it-tifkira ta’ San Pietru Kanisju, presbiteru u duttur tal-Knisja, bil-mod indikat f’[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pietru Kanisju twieled f’Nijmegen fl-Olanda, fl-1521; studja f’Köln, il-Ġermanja, u ssieħeb fis-Soċjetà ta’ Ġesù; ġie ordnat saċerdot, u għal ħafna snin ħabrek bil-kitba u bil-prietki tiegħu biex iħares u jsaħħaħ il-fidi kattolika. Fost il-ħafna kitbiet tiegħu nsibu l-Katekiżmu Ġermaniż. Miet fi Friburg, fl-Isvizzera, fl-1597.

# Il-Ġimgħa • Diċembru 2023 22

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tat-22 ta' Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** 1 Sam 1, 24-28 Ir-radd ta' ħajr ta' Anna għat-twelid ta' Samwel.
- **SR** 1 Sam 2, 1.4-5.6-7.8abċd Ferħet qalbi fil-Mulej.
- Hallelujah: O sultan tal-ġnus.
- **E** Lq 1, 46-55 Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-22 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni tal-Ġimgħa qabel l-24 ta' Diċembru. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. – Anniversarju tal-appovazzjoni tal-Ordni.

# 23 Is-Sibt • Diċembru 2023

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja tat-23 ta' Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Ġwann de Kety, presbiteru, bil-mod indikat f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Mal 3, 1-4.23-24 Nibagħtilkom 'l Elija l-profeta qabel ma jasal Jum il-Mulej.
- **SR** 24 (25), 4bċ-5ab.8-9.10 u 14 Erfgħu raskom, għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.
- Hallelujah: O Għimanu-El.
- **E** Lq 1, 57-66 It-twelid ta' Ġwanni l-Battista.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tat-23 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum antifoni tas-Sibt qabel l-24 ta' Diċembru. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Ġwann de Kety, presbiteru, bil-mod indikat f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann twieled fir-raħal ta' Kety, djoċesi ta' Krakow, fl-1390; ġie ordnat saċerdot u għadda ħafna snin jgħallem fl-università ta' Krakow; sar kappillan tal-parroċċa ta' Olkusz. Kien bniedem ta' fidi safja, u għallimha bir-reqqa. Kien imżejjen bil-virtujiet, l-aktar bl-imħabba lejn il-foqra. Miet fl-1473.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tar-raba' Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat *O Għimmanu-El.* Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Diċembru 2023 24

**Ir-raba' Ħadd tal-Avvent – (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent II [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** 2 Sam 7, 1-5.8b-12.14a.16 It-tron tiegħek jibqa' sħiħ għal dejjem.
- **SR** 88 (89), 2-5.27.29 It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.
- **2L** Rum 16, 25-27 Il-misteru li kien moħbi fis-skiet tal-eternità issa ġie rrivelat.
- **E** Lq 1, 26-38 Int se tnissel fi ħdanek u jkollok iben.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tar-raba' Ħadd tal-Avvent [D]. Fl-Uffiċċju tal-Qari versett, lezzjonijiet u responsorji tal-24 ta' Diċembru. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fit-Talb ta' Nofs il-Jum kollox isir kif indikat għall-24 ta' Diċembru. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

**Filgħaxija**

**It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tal-vġili proprja, Glorja, Kredu – mal-kliem *U ħa l-ġisem* … kulħadd jinżel għarkopptejh, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Is 62, 1-5 Il-Mulej tgħaxxaq bik.
- **SR** 88 (89), 4-5.16-17.27.29 It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.
- **2L** Atti 13, 16-17.22-25 Pawlu jixhed għal Kristu, Bin David.
- **E** Mt 1, 1-25 Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu bin David. *jew*
  Mt 1, 18-25 Marija jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd. Il-Kompieta ma tingħadx minn min jieħu sehem fil-Quddiesa ta' nofsillejl.

# 25 It-Tnejn • Diċembru 2023

**It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tal-lejl tal-Milied, ta' Sbiħ il-Jum, ta' Jum il-Milied
tas-solennità, Glorja, Kredu – mal-kliem *U ħa l-ġisem* … kulħadd jinżel għarkopptejh, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].
Is-saċerdot li jqaddes tliet Quddisiet jista' jżomm l-elemożina tat-tlieta li huma (CIC kan. 951 § 1).

**Quddiesa ta' Nofsillejl – Lezzjonarju għall-Ħdud Sena B**

- **1L** Is 9, 1-6 Ingħatalna iben.
- **SR** 95 (96), 1-2a.2b-3.11-12.13 Illum twildilna Salvatur, li hu Kristu l-Mulej.
- **2L** Tit 2, 11-14 Dehret il-grazzja ta' Alla lill-bnedmin kollha.
- **E** Lq 2, 1-14 Illum twildilkom Salvatur.

**Quddiesa tas-Sebħ – Lezzjonarju għall-Ħdud Sena B**

- **1L** Is 62, 11-12 Arah ġej is-Salvatur tiegħek.
- **SR** 96 (97), 1.6.11-12 Illum jiddi fuqna d-dawl, għax twildilna l-Mulej.
- **2L** Tit 3, 4-7 Hu salvana minħabba fil-ħniena tiegħu.
- **E** Lq 2, 15-20 Sabu lil Marija u lil Ġużeppi u t-tarbija.

**Quddiesa ta' Binhar – Lezzjonarju għall-Ħdud Sena B**

- **1L** Is 52, 7-10 Raw it-truf kollha tal-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
- **SR** 97 (98), 1-6 Raw it-truf kollha tal-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
- **2L** Lhud 1, 1-6 Alla kellimna permezz ta' Ibnu.
- **E** Ġw 1, 1-18 (Ġw 1, 1-5.9-14) Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-Solennità [A]. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

# It-Tlieta • Diċembru 2023 26

**San Stiefnu, protomartri – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 6, 8-10; 7, 54-59 Qiegħed nara s-smewwiet miftuħa.
- **SR** 30, 3cd-4.6ab.7b.8a.16 F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi.
- **E** Mt 10, 17-22 L-Ispirtu ta' Missierkom jitkellem permezz tagħkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum ikunu tal-festa ta' San Stiefnu mill-Proprju tal-qaddisin. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Milied, salmi tat-Tlieta tar-IV ġimgħa u l-kumplament mill-uffiċċju tal-festa tal-ġurnata mill-Proprju tal-qaddisin. Għall-Għasar, l-innu, l-antifoni u s-salmi tat-tieni Għasar tal-Milied u l-kumplament mill-Proprju taż-żmien għas-26 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Stiefnu kien mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, wieħed mis-sebat "irġiel ta' isem tajjeb" li l-Appostli għażluhom biex jgħinuhom fil-qadi tal-ewwel komunità, u l-ewwel wieħed mid-dixxipli tal-Mulej li xerred demmu biex jagħti xhieda għal Ġesù, li hu rah fil-lemin ta' Alla, u talab għal dawk li kienu qegħdin iħaġġruh.

# 27 L-Erbgħa • Diċembru 2023

**San Ġwann, appostlu u evanġelista – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Ġw 1, 1-4 Dak li rajna u smajna, dan se nxandrulkom.
- **SR** 96, 1-2.5-6.11-12 Ifirħu, ġusti, fil-Mulej.
- **E** Ġw 20, 2-8 Id-dixxiplu l-ieħor ħaffef aktar minn Pietru, u laħaq qablu ħdejn il-qabar.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum ikunu tal-festa ta' San Ġwann mill-Proprju tal-qaddisin. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Milied, salmi tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa u l-kumplament mill-uffiċċju tal-festa tal-ġurnata mill-Proprju tal-qaddisin. Għall-Għasar, l-innu, l-antifoni u s-salmi tat-tieni Għasar tal-Milied u l-kumplament mill-Proprju taż-żmien għas-27 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, martri) – San Ġwann, appostlu – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann, Appostlu u Evanġelista, bin Żebedew, flimkien ma' ħuh Ġakbu u ma' Pietru, kien xhud tat-trasfigurazzjoni u tal-passjoni tal-Mulej. Minn fuq is-salib Ġesù tah lil Ommu Marija biex tkun Ommu. Fl-Evanġelju, fl-Ittri u fl-Apokalissi tiegħu juri ruħu bħala teologu li stħaqqlu jara l-glorja tal-Verb magħmul bniedem u xandar dak li ra.

# Il-Ħamis • Diċembru 2023 28

**Il-Qaddisin Innoċenti Martri – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Ġw 1, 5 – 2, 2 Id-demm ta' Ġesù Kristu jnaddafna minn kull dnub.
- **SR** 123, 2-5.7b-8 Ħajjitna ħelset mix-xbiek.
- **E** Mt 2, 13-18 Erodi qatel it-tfal subien kollha ta' Betlehem.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum ikunu tal-festa tal-Qaddisin innoċenti martri mill-Proprju tal-qaddisin. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Milied, salmi tal-Ħamis tar-IV ġimgħa u l-kumplament mill-uffiċċju tal-festa tal-ġurnata mill-Proprju tal-qaddisin. Għall-Għasar, l-innu, l-antifoni u s-salmi tat-tieni Għasar tal-Milied u l-kumplament mill-Proprju taż-żmien għat-28 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-festa tal-lum issir f'ġieħ it-tfal subien ta' minn sentejn 'l isfel li Erodi qatel f'Betlehem ta' Ġuda bil-ħsieb li fosthom joqtol ukoll lit-tfajjel Ġesù. Il-Knisja sa mill-ewwel sekli tathom ġieħ bħala l-ewwel xhieda ta' Kristu fost il-martri kollha li kienu se jxerrdu demmhom għal Alla u għall-Ħaruf tiegħu matul is-sekli.

# 29 Il-Ġimgħa • Diċembru 2023

**Il-ħames jum fost l-Ottava tal-Milied (abjad)**

**Quddiesa**
proprja tal-ħames jum fost l-ottava tal-Milied, Glorja, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Tumas Becket, isqof u martri, bil-mod indikat f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** 1 Ġw 2, 3-11 Min iħobb 'il ħuħ, jgħammar fid-dawl.
- **SR** 95 (96), 1-2a.2b-3.5b-6 Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art.
- **E** Lq 2, 22-35 Dawl biex idawwal il-ġnus.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ħames jum fost l-Ottava. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, l-innu, l-antifoni u s-salmi mit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum tal-Milied, filwaqt li l-kumplament mill-partijiet proprji tal-ħames jum fost l-ottava tal-Milied. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Milied u salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa tas-salterju. Għall-Għasar, l-innu, l-antifoni u s-salmi tat-tieni Għasar tal-Milied, filwaqt li l-kumplament mill-Proprju taż-żmien għad-29 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Tumas Becket, isqof u martri, bil-mod indikat f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Tumas Becket twieled f'Londra fl-1118; studja f'Pariġi, sar djaknu tal-Knisja ta' Canterbury u kanċillier tar-Re Enriku II. Fl-1162 sar isqof u ddefenda d-drittijiet tal-Knisja kontra r-Re, li għalhekk eżiljah fi Franza, fejn dam sitt snin. Meta reġa' lura f'pajjiżu ħabbat wiċċu ma' ħafna inkwiet ieħor; fl-1170 erba' kavallieri tar-Re ħabtu għalih u neħħewlu ħajtu.

# Is-Sibt • Diċembru 2023 30

**Is-sitt jum fost l-Ottava tal-Milied (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja tas-sitt jum fost l-ottava tal-Milied, Glorja, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** 1 Ġw 2, 12-17 Min jagħmel ir-rieda ta' Alla jibqa' għal dejjem.
- **SR** 95 (96), 7-8a.8b-9.10 Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art.
- **E** Lq 2, 36-40 Anna bdiet titkellem fuq it-tarbija ma' dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tas-sitt jum fost l-Ottava. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, l-innu, l-antifoni u s-salmi mit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum tal-Milied, filwaqt li l-kumplament mill-partijiet proprji tas-sitt jum fost l-ottava tal-Milied. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Milied u salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa tas-salterju.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żurrieq – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd.

# 31 Il-Ħadd • Diċembru 2023

**Il-Familja Mqaddsa ta’ Ġesù, Marija u Ġużeppi – Festa (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Ġen 15, 1-6; 21, 1-3 Wieħed ħiereġ mill-ġewwieni tiegħek, hu għad jirtek.
- **SR** 104 (105), 1b-2.3-4.6.8-9 Jaħweh hu Alla tagħna! Jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **2L** Lhud 11, 8.11-12.17-19 Il-fidi ta’ Abraham, ta’ Sarah u ta’ Iżakk.
- **E** Lq 2, 22-40 (Lq 2, 22.39-40) It-tifel baqa’ jikber u jissaħħaħ, mimli bil-għerf.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta’ Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-festa [B]. Antifona għall-Benedictus proprja għas-sena B. Fit-Talb ta’ Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- U.S.A.M. (Sliema) – Il-Familja Mqaddsa ta’ Ġużeppi, Marija, Ġesù – Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-solennità tal-Imqaddsa Verġni Marija Omm Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità tal-Imqaddsa Verġni Marija Omm Alla. Kompieta ta’ wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd.

# It-Tnejn • Jannar 2024 01

**L-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla – Solennità (abjad)**
**Jum il-Paċi**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, Kredu, prefazju tal-Madonna. Jekk jingħad l-ewwel prefazju fil-*maternità*. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].

Bil-permess tal-Ordinarju tista' ssir Quddiesa waħda għal Jum il-Paċi.

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Num 6, 22-27 Isejħu ismi fuq ulied Iżrael, u jiena nberikom.
- **SR** 66 (67), 2-3.5.6.8 Iħenn għalina Alla, u jberikna.
- **2L** Gal 4, 4-7 Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara.
- **E** Lq 2, 16-21 Sabu lil Marija u lil Ġużeppi, bit-tarbija mimduda f'maxtura.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona proprja u salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd.

# 02 It-Tlieta • Jannar 2024

**San Bażilju l-kbir u San Girgor Nazjanzenu, isqfijiet u dutturi tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju għat-2 ta' Jannar, prefazju tal-Milied jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ[5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Ġw 2, 22-28 Intom jgħammar fikom dak li smajtu sa mill-bidu.
- **SR** 97 (98), 1.2-3ab.3ċd-4 L-art kollha rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
- **E** Ġw 1, 19-28 Warajja ġej bniedem li hu aqwa minni, għax kien qabli.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja. Antifona proprja għall-Benedictus u l-Magnificat [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bażilju twieled f'Ċesarija tal-Kappadoċja fis-sena 330; tħarreġ u kiber fl-għerf u l-qdusija, u beda ħajja ta' eremita; fis-sena 370 sar isqof ta' belt twelidu. Ħadha kontra l-Arjani u kiteb ħafna tagħlim ta' siwi kbir, bħalma huma xi regoli monastiċi li ħafna mill-irħieb tal-Lvant għadhom jimxu fuqhom sal-lum. Kien ta' għajnuna kbira għall-foqra u l-morda. Miet fl-1 ta' Jannar tas-sena 379.

San Girgor twieled qrib Nazjanze fis-sena 330; tkisser fl-għerf u sar ħabib ma' San Bażilju; fis-sena 381 sar isqof ta' Kostantinopli, iżda kien imġiegħel iwarrab minn hemm u mar Nazjanze, fejn miet fil-25 ta' Jannar tas-sena 389 jew 390. Iddefenda b'qawwa kbira d-divinità tal-Verb; minħabba l-għerf kbir u l-ħlewwa tad-diskorsi tiegħu kienu jsibuh bħala 'it-Teologu'.

# L-Erbgħa • Jannar 2024 03

**Ferja ta' żmien il-Milied – (abjad)** *jew*
**L-Isem Imqaddes ta' Ġesù – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Erbgħa fil-ferji ta' żmien il-Milied, qari proprju għat-3 ta' Jannar, prefazju tal-Milied [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** 1 Ġw 2, 29 – 3, 6 Kull min igħammar fi Kristu ma jidnibx.
- **SR** 97 (98), 1.3ċd-4.5-6 L-art kollha rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
- **E** Ġw 1, 29-34 Ara, hawn hu l-Ħaruf ta' Alla.

*Jekk issir il-Quddiesa tal-Isem Imqaddes ta' Ġesù:*

**Quddiesa**
proprja, qari proprju, prefazju tal-Milied.

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Fil 2, 1-11 (pg 525) Ikollkom l-istess imħabba.
- **SR** 8, 4-9 (pg 572) Mulej, kemm hu kbir ismek fl-art kollha.
- **E** Lq 2, 16-21 (pg 688) Tawh l-isem ta' Ġesù.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-3 ta' Jannar [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. – Solennità tal-għoti tal-Isem ta' Ġesù (titular tal-Kumpanija) – Solennità (abjad)
- O.P.; O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – L-Isem Imqaddes ta' Ġesù – Tifkira O (abjad)
- O.S.A. – San Fulġenz, isqof – Tifkira (abjad)
- O.Carm. – San Ċirijaku Elija Chavara, presbiteru -Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Fil-jum taċ-ċirkonċiżjoni l-Mulej ġie mogħti l-isem ta' Ġesù, li jfisser Alla jsalva. Id-devozzjoni lejn l-Isem Imqaddes tkabbret fis-seklu 15 minn San Bernardin ta' Siena u San Ġwann Capistrano li kienu jużaw il-monogramma ta' Ġesù (IHS) meta kienu jmorru jippritkaw. Aħna nqimu l-Isem Imqaddes ta' Ġesù mhux biss għax hu l-isem tas-salvatur imma għax hi talba qawwija fiha nfisha.

# 04 Il-Ħamis • Jannar 2024

**Ferja ta' żmien il-Milied – (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Ħamis fil-ferji ta' żmien il-Milied, qari proprju għall-4 ta' Jannar, prefazju tal-Milied [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** 1 Ġw 3, 7-10 Kull min hu mwieled minn Alla ma jagħmilx dnub.
- **SR** 97 (98), 1.7-8.9 L-art kollha rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
- **E** Ġw 1, 35-42 Sibna l-Messija.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-4 ta' Jannar [E]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. – Santa Zdislava ta' Lemberk, omm – Tifkira (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – Sant'Anġla minn Foligno, reliġjuża – Tifkira (abjad)
- O.C.D. – San Ċirijaku Elija Chavara, presbiteru -Tifkira (abjad)

# Il-Ġimgħa • Jannar 2024 05

**Ferja ta' żmien il-Milied – (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Ġimgħa fil-ferji ta' żmien il-Milied, qari proprju għall-5 ta' Jannar, prefazju tal-Milied [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** 1 Ġw 3, 11-21 Għaddejna mill-mewt għall-ħajja, għax inħobbu 'l ħutna.
- **SR** 99 (100), 2-5 Għajtu bil-ferħ lill-Mulej.
- **E** Ġw 1, 43-51 Int l-Iben t'Alla, inti s-sultan ta' Israel.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-5 ta' Jannar [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. Cap. – Beatu Diegu José ta' Cadiz, presbiteru – Tifkira (abjad)

# 06 Is-Sibt • Jannar 2024

**Ferja ta' żmien il-Milied – (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tas-Sibt fil-ferji ta' żmien il-Milied, qari proprju għas-6 ta' Jannar, prefazju tal-Milied [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** 1 Ġw 5, 5-13 L-Ispirtu, l-ilma u d-demm.
- **SR** 147, 12-13.14-15.19-20 Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej.
- **E** Mk 1, 7-11 Inti ibni l-għażiż ; fik sibt l-għaxqa tiegħi. *jew* Lq 3, 23-38 Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin Adam, bin Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tas-6 ta' Jannar [E]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-vġili tas-solennità tal-Epifanija [1].

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd.

# Il-Ħadd • Jannar 2024 07

**L-Epifanija tal-Mulej – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, Kredu, prefazju proprju. Jekk tingħad l-ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Is 60, 1-6 Is-sebħ tal-Mulej jiddi fuqek.
- **SR** 71 (72), 1-2.7-8.10-11.12-13 Il-ġnus kollha tal-art jagħtuk qima, Mulej.
- **2L** Ef 3,2-3a.5-6 Issa ġie rrivelat li l-pagani huma msejħa biex ikollhom sehem mill-istess wegħda.
- **E** Mt 2, 1-12 Ġejna mil-Lvant nagħtu qima lis-Sultan.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd.

*F'kull Quddiesa, jew f'dik ewlenija, wara l-Evanġelju jitħabbru l-festi ta' matul is-sena.*

Ħuti għeżież,
f'dawn il-ġranet deher fostna s-sebħ tal-Mulej
u se jibqa' jidher sa ma jerġa' jiġi
b'setgħa u glorja kbira.
Tul is-sena kollha, flimkien mal-Knisja,
aħna ngħixu l-misteru tas-salvazzjoni tagħna,
li jilħaq il-qofol tiegħu
fit-tlett ijiem imqaddsa tal-Għid,
li fihom niċċelebraw il-passjoni, il-mewt
u l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

Din is-sena l-ferħ tal-Għid il-Kbir
li jixxerred ma' kullimkien fid-dinja,
se ngħixuh mal-Knisja kollha fil-31 ta' Marzu.

Iżda kull nhar ta' Ħadd
il-Knisja tistedinna biex ngħixu dan il-ferħ tal-Għid,
għax kull nhar ta' Ħadd il-Knisja tiċċelebra
il-misteru kbir tal-fidwa tagħna
u tfakkarna li l-Mulej bil-mewt tiegħu
qered il-mewt tagħna
u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet tana ħajja ġdida.

Marbutin ma' din il-festa tas-salvazzjoni tagħna
hemm il-jum qaddis tal-bidu tar-Randan Imqaddes
li din is-sena se niċċelebrawh fl-14 ta' Frar;
it-tlugħ tal-Mulej fis-sema
ser infakkruh fit-12 ta' Mejju;
il-Ħadd, 19 ta' Mejju, niċċelebraw Għid il-Ħamsin
li jagħlaq iż-żmien tal-Għid il-Kbir tal-Mulej.

U hemm imbagħad l-ewwel Ħadd tal-Avvent
fl-1 ta' Diċembru,
meta mill-ġdid mal-Knisja nibdew ngħixu
l-misteru tas-salvazzjoni tagħna.

Il-Knisja tħabbar ukoll il-misteru tal-Għid
meta, matul is-sena, tiċċelebra l-festi
tal-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla u Omm il-Knisja
tal-Appostli u tal-Qaddisin,
tal-Martri u tar-Ragħajja tal-Erwieħ u tal-Verġni,
u kull meta tagħmel it-tifkira ta' ħutna l-mejtin,
waqt li tagħti tifħir, ġieħ, glorja u radd il-ħajr
lill-Mulej Ġesù, li kien, li hu, u li jibqa' għal dejjem,
Sid iż-żminijiet u Sultan tal-Ħolqien kollu.



# 08 It-Tnejn • Jannar 2024

**Il-Magħmudija tal-Mulej – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Is 55, 1-11 Ejjew għall-ilma: Isimgħu minni, u ruħkom titpaxxa b'ikel bnin.
  *Jew* 1 Ġw 5, 1-9 L-Ispirtu, l-ilma u d-demm.
- **SR** Is 12, 2-3.4bċd.5-6 Kollkom ferħana timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni.
- **E** Mk 1, 7-11 Inti ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa bl-antifona proprja tal-festa. Fit-tieni Għasar salmi u kantiku tat-tieni Għasar tal-Epifanija tal-Mulej. Wara l-Kompieta jispiċċa ż-żmien tal-Milied u jibda ż-żmien ta' matul is-sena.

# It-Tlieta • Jannar 2024 09

**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Sam 1, 9-20 Il-Mulej ftakar f’Anna, u wildet iben u semmietu Samwel.
- **SR** 1 Sam 2, 1.4-5.6-7.8abċd Ferħet qalbi bil-Mulej.
- **E** Mk 1, 21b-28 Ġesù beda jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa.

(Meta l-festa tal-Magħmudija tal-Mulej taħbat it-Tnejn, il-qari ferjali tat-Tnejn jista’ jingħaqad ma’ dak tat-Tlieta biex il-bidu tal-ktieb jew Evanġelju ma jintilifix. Dan hu l-qari tat-Tnejn:
- **1L** 1 Sam 1, 1-8 Il-mara l-oħra kienet tinki lil Anna u tweġġagħha, għax il-Mulej kien għalqilha ġufha.
- **E** Mk 1, 14-20 Indmu u emmnu fl-Evanġelju.)

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.Carm. – Sant’Andrija Corsini, isqof – Festa (abjad)
- O.C.D. – Sant’Andrija Corsini, isqof – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta’ Għawdex
- Għasri (Knisja Parrokkjali Ġesù Ewkaristiku) – L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1916) – Solennità (abjad)

# 10 L-Erbgħa • Jannar 2024

**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Sam 3, 1-10.19-20 Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'.
- **SR** 39 (40), 2 u 5.7-8a.8b-9.10 Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.
- **E** Mk 1, 29-39 Fejjaq ħafna morda minn kull xorta ta' mard.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. – San Girgor Nissenu, isqof – Tifkira (abjad)

# Il-Ħamis • Jannar 2024 11

**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Sam 4, 1-11 L-Iżraelin tħarbtu u l-arka ta' Alla nqabdet.
- **SR** 43 (44), 10-11.14-15.24-25 Eħlisna, Mulej, f'ġieħ it-tieba tiegħek.
- **E** Mk 1, 40-45 Il-lebbra marritlu u ġismu ndaf.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. – Beatu Bernardu Scammacca, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – San Tumas Placidi minn Cori, presbiteru – Tifkira (abjad)

# 12 Il-Ġimgħa • Jannar 2024

**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Sam 8, 4-7.10-22a Dakinhar tgħajtu minħabba s-sultan li tkunu ħtartu, imma l-Mulej dakinhar ma jismagħkomx.
- **SR** 88 (89), 16-17.18-19 It-tieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.
- **E** Mk 2, 1-12 Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. – San Bernard minn Corleone, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Conv. – San Bernard minn Corleone, reliġjuż – Tifkira (abjad)

# Is-Sibt • Jannar 2024 13

**tal-ewwel ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **Sant'Ilarju, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Sam 9, 1-4.17-19; 10, 1a Hawn hu r-raġel li għedtlek: Dan jaħkem fuq il-poplu tiegħi.
- **SR** 20 (21), 2-3.4-5.6-7 Mulej, bil-qawwa tiegħek jifraħ is-sultan.
- **E** Mk 2, 13-17 Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna jew tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Ilarju, duttur tal-Knisja, kien isqof ta' Poitiers, fi Franza; fir-raba' seklu, fi żmien l-imperatur Kostantinu, iddefenda b'qawwa kbira d-duttrina tal-Konċilju ta' Niċea dwar it-Trinità u dwar id-divinità ta' Kristu kontra l-Arjani u għalhekk sofra l-eżilju fil-Friġja għal erba' snin; l-aqwa opri tiegħu huma t-*Tifsir fuq is-Salmi* u t-*Tifsir fuq l-Evanġelju skont San Mattew*.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tieni Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# 14 Il-Ħadd • Jannar 2024

**It-tieni Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** 1 Sam 3, 3b-10.19 Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'.
- **SR** 39 (40), 2.4ab.7-8a.8b-9.10 Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.
- **2L** 1 Kor 6, 13ċ-15a.17-20 L-iġsma tagħkom huma membri ta' Kristu.
- **E** Ġw 1, 35-42 Marru u raw fejn kien jgħammar il-Mulej.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# It-Tnejn • Jannar 2024 15

**tat-tieni ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa,* prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Sam 15, 16-23 L-ubbidjenza hi aqwa mis-sagrifiċċji.
- **SR** 49 (50), 8-9.16 bċ-17.21 u 23 Min jimxi bis-sewwa nurih is-salvazzjoni ta' Alla.
- **E** Mk 2, 18-22 L-għarus qiegħed magħhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – San Mawru u San Plaċidu, dixxipli ta' San Benedittu – Festa (abjad)
- S.D.B. – Beatu Alwiġ Variara, presbiteru – Tifkira (abjad)

# 16 It-Tlieta • Jannar 2024

**tat-tieni ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa,* prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Sam 16, 1-13 Samwel dilek lil David quddiem ħutu, u ħakmu l-ispirtu tal-Mulej.
- **SR** 88 (89), 20.21-22.27-28 Sibt 'il David, qaddej tiegħi.
- **E** Mk 2, 23-28 Is-Sibt kien magħmul għall-bniedem, u mhux il-bniedem għas-Sibt.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. – San Berardu u sħabu l-ewwel martri Franġiskani – Festa (aħmar)
- O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Berardu u sħabu l-ewwel martri Franġiskani – Tifkira O (aħmar)
- O.S.A. – Tifkira tal-qraba u ġenituri mejtin tal-familja Agostinjana – Tifkira O (vjola)

# L-Erbgħa • Jannar 2024 17

**Sant'Anton, abbati – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Sam 17, 32-33.37.40-51 David rebaħ lill-Filisti bi żbandola u b'ċagħqa.
- **SR** 143 (144), 1.2.9-10 Imbierek il-Mulej, il-blata tiegħi.
- **E** Mk 3, 1-6 "X'jiswa li tagħmel nhar ta' Sibt, issalva ħajja jew toqtolha?"

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex
- Xagħra (Knisja ta' Sant'Anton abbati) – Sant'Anton, abbati – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Wara l-mewt tal-ġenituri tiegħu, Sant'Anton abbati qassam ġidu lill-fqar biex jobdi l-kmandament evanġeliku u mar jgħix bħala eremita fit-Tebajde tal-Eġittu; għadda ħajja axxetika u ħabrek ħafna għall-Knisja. Fil-bidu tar-raba' seklu waqt il-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu, żamm sħiħ fil-fidi, u għen lil Sant'Atanasju kontra l-ereżija arjana. Ħafna saru dixxipli tiegħu, u hu meqjus bħala missier l-irħieb.

# 18 Il-Ħamis • Jannar 2024

**tat-tieni ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa,* prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Sam 18, 6-9; 19, 1-7 Sawl missieri qiegħed ifittex li joqtlok.
- **SR** 55 (56), 2-3.9-10ab.10ċ-11.12-13 F'Alla nafda, m'għandix għax nibża'.
- **E** Mk 3, 7-12 L-ispirti ħżiena kienu jgħajtu: "Inti l-Iben ta' Alla!"

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. – Santa Margerita tal-Ungerija, verġni – Tifkira (abjad)
- F.S.C. – San Jaime Hilario Barbal, martri – Tifkira (aħmar)

Bejn it-18 u l-25 ta' Jannar – Ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Insara. Fil-knejjes kollha, fejn ikun hemm aktar minn Quddiesa waħda, fil-ħin l-aktar adatt għan-nies, għandha titqaddes il-Quddiesa votiva għall-Għaqda tal-Insara mill-Missal, bil-qari mil-Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin.

# Il-Ġimgħa • Jannar 2024 19

**tat-tieni ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa,* prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Sam 24, 3-21 Ma jkun qatt li mmidd idi fuqu, għax hu l-midluk tal-Mulej.
- **SR** 56 (57), 2.3-4.6 u 11 Ħenn għalija, o Alla, ħenn għalija.
- **E** Mk 3, 13-19 Sejjaħ lejh lil dawk li ried.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Qormi (San Sebastjan) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- S.J. – Il-Qaddisin Ġwann Ogilve, presbiteru, Stiefnu Pongracz u Melkjor Grodziecki, presbiteri, u Marku ta’ Krizevci, kanonku ta’ Esztergom; il-Beati Ġakbu Sales, presbiteru; Guliermu Saultemouche, reliġjuż; Injazju de Azevedo, presbiteru, u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. (Monasteru S. Klara); O.F.M. Conv. – Santa Ewstokja Calafato minn Messina, verġni – Tifkira (abjad)

# 20 Is-Sibt • Jannar 2024

**tat-tieni ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **San Fabjan, papa u martri – Tifkira (aħmar)**
*jew* **San Sebastjan, martri – Tifkira (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 2 Sam 1, 1-4.11-12.19.23-27 Kif waqgħu l-qalbenin, waqgħu fil-ġlied!
- **SR** 79 (80), 2-3.5-7 Itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, Mulej, u nkunu salvi.
- **E** Mk 3, 20-21 Qrabatu qalu li tilef moħħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna jew tal-martri [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Qormi – San Sebastjan, martri – Solennità (aħmar)
- O.F.M. Conv. – Beatu Ġwann Battista Triquerie, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)
- O.Carm. – Beatu Angelo Paoli, presbiteru – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Fabjan kien għadu lajk meta skont il-pjan ta' Alla fis-sena 236 inħatar papa; ta eżempji mill-isbaħ ta' fidi u ta' qawwa u sofra l-martirju fil-persekuzzjoni tal-imperatur Deċju. San Ċiprijan faħħru ħafna għat-tħabrik tiegħu biex imexxi l-Knisja u għax-xhieda li ta għall-fidi. Difnuh fiċ-ċimiterju ta' San Kallistu f'Via Appia, Ruma.

San Sebastjan twieled Milan; mar Ruma u sofra l-martirju fil-bidu tal-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu fl-ewwel snin tas-seklu erbgħa. Sa mill-eqdem żminijiet l-insara dejjem taw ġieħ kbir lill-fdalijiet tiegħu midfuna fil-katakombi li jinsab f'Via Appia.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tielet Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Jannar 2024 21

**It-tielet Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Ġona 3, 1-5.10 L-indiema tan-nies ta' Ninwè.
- **SR** 24 (25), 4bċ-5ab.6-7bċ.8-9 Triqatek, Mulej, għarrafni.
- **2L** 1 Kor 7, 29-31 Is-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi.
- **E** Mk 1, 14-20 Indmu u emmnu fl-Evanġelju.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# 22 It-Tnejn • Jannar 2024

**San Publiju, Prinċep ta’ Malta – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju komun jew tal-Qaddisin jew tar-Ragħajja [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 28, 1-10 Publiju laqagħna u bil-qalb kollha żammna għandu.
- **SR** 15, 1-2.5.7-8.11 Int, Mulej, is-sehem tal-wirt tiegħi.
- **E** Mt 25, 31-40 Kemm għamiltu ma’ wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin irġiel jew tar-ragħajja minbarra l-partijiet li jinsabu fil-Proprju tal-Qaddisin [Ċ]. Fit-Talb ta’ Nofs il-Jum antifoni u salmi tal-ġurnata. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Floriana – San Publiju, prinċep ta’ Malta – Solennità (aħmar)
- F.M.A. – Beata Lawra Vicuna – Tifkira O (abjad)
- S.D.B. – Beata Lawra Vicuna – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta’ Għawdex

- L-anniversarju mill-ordinazzjoni episkopali tal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Mario Grech, Isqof emeritus ta’ Għawdex (2006).

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Publiju, prinċep ta’ Malta, laqa’ bil-qalb lill-appostlu Pawlu u lil sħabu wara n-nawfraġju fi gżiritna u żammhom għandu għal tlitt ijiem. Missier Publiju li kien marid bid-diżenterija flimkien mal-morda l-oħra tal-gżira, tfejqu minn San Pawl.

# It-Tlieta • Jannar 2024 23

**tat-tielet ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa,* prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 2 Sam 6, 12b-15.17-19 David u d-dar kollha ta' Iżrael wasslu l-arka tal-Mulej b'għajjat ta' ferħ.
- **SR** 23 (24), 7.8.9.10 Il-Mulej hu s-Sultan tal-glorja.
- **E** Mk 3, 31-35 Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.A. – Beata Ġużeppa Marija minn Beniganim, verġni – Tifkira O (abjad)

# 24 L-Erbgħa • Jannar 2024

**San Franġisk ta' Sales, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 2 Sam 7, 4-17 Jiena nqajjem nislek warajk, u nsaħħaħ is-saltna tiegħu.
- **SR** 88 (89), 4-5.27-28.29-30 It-tieba tiegħi nżommha fuqu għal dejjem.
- **E** Mk 4, 1-20 Il-bidwi ħareġ jiżra'.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.D.B.; F.M.A. – San Franġisk ta' Sales, isqof u duttur tal-Knisja – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Franġisk ta' Sales twieled fis-Savoja fl-1567. Ġie ordnat saċerdot u ħadem ħafna għat-tiġdid tal-fidi kattolika f'art twelidu. Inħatar isqof ta' Ġinevra u mexa tassew bħala ragħaj tajjeb tal-kleru u tal-fidili; saħħaħhom fil-fidi bil-kitba u l-ħidmiet tiegħu, u kien ta' eżempju mill-aqwa għal kulħadd. Flimkien ma' Santa Ġovanna de Chantal waqqaf l-ordni tas-sorijiet tal-Viżitazzjoni. Miet f'Lyons fit-28 ta' Diċembru 1622; il-fdalijiet tiegħu jinsabu midfuna f'Annecy.

# Il-Ħamis • Jannar 2024 25

**Il-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 22, 3-16 Qum, tgħammed u tnaddaf minn dnubietek, inti u ssejjaħ l-isem ta' Ġesù.
  *jew* Atti 9, 1-22 Mulej, xi tridni nagħmel?
- **SR** 116, 1.2 Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba.
- **E** Mk 16, 15-18 Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Katidral; Safi; M.S.S.P. – Il-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl – Solennità (abjad)
- O.F.M. – Il-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl, Patrun tal-Provinċja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Illum niċċelebraw il-festa tal-Appostlu Missierna San Pawl li, meta kien għadu bil-qawwa kollha jhedded bil-mewt lid-dixxipli tal-Mulej, hu u sejjer Damasku deherlu Ġesù stess fil-glorja tiegħu u għażlu biex imur ixandar l-Evanġelju lill-ġnus.

# 26 Il-Ġimgħa • Jannar 2024

**San Titu u San Timotju, isqfijiet – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ[5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 2 Tim 1, 1-8 Niftakar fil-fidi vera tiegħek
  *jew* Tit 1, 1-5 Lil Titu, ibni veru fil-fidi tagħna lkoll.
- **SR** 95, 1-3.7-8a.10 Xandru fost il-popli kollha l-għeġubijiet tal-Mulej.
- **E** Lq 10, 1-9 Il-ħsad kbir, imma l-ħaddiema ftit (p. 100).

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – San Robertu, Sant'Alberiku u San Stiefnu, abbatijiet ta' Citeaux – Tifkira (abjad)
- F.S.C. – It-Trasferiment tar-relikwi ta' San Ġwann Battista De La Salle – Tifkira (abjad)

Arċidjoċesi ta' Malta

- L-anniversarju mill-ordinazzjoni episkopali ta' Monsinjur Paul Cremona, O.P., Arċisqof emeritus ta' Malta (2007).

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Titu u Timotju kienu tnejn mid-dixxipli ta' San Pawl appostlu li tawh għajnuna kbira fil-ħidmiet tiegħu. Timotju kien isqof tal-Knisja ta' Efesu, u Titu isqof tal-Knisja ta' Kreta. San Pawl kitbilhom l-ittri hekk imsejħa pastorali, li fihom insibu ħafna twissijiet mill-aħjar għat-tagħlim tar-ragħajja tal-erwieħ u tal-insara afdati f'idejhom.

# Is-Sibt • Jannar 2024 27

**tat-tielet ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **Santa Anġela Merici, verġni – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 2 Sam 12, 1-7a, 10-17 Jien dnibt kontra l-Mulej!
- **SR** 50 (51), 12-13.14-15.16-17 Oħloq fija qalb safja, o Alla.
- **E** Mk 4, 35-41 Dan min hu, mela, biex saħansitra r-riħ u l-baħar jisimgħu minnu?

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna jew tal-verġni jew tal-qaddisin nisa: għall-edukaturi [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- U.S.A.M. – Santa Anġela Merici, verġni – Solennità (abjad)
- San Ġiljan – San Ġiljan, ospitaljer – Solennità (abjad)
- O.S.B. – San Titu u San Timotju, isqfijiet – Tifkira (abjad)
- O.C.D. – San Enriku de Osso, presbiteru – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Anġela Merici twieldet għall-ħabta tal-1470 f'Desenzano, fl-istat ta' Venezja. Kienet terzjarja Franġiskana, ġabret xi xbejbiet magħha u ħarrġithom fl-opri ta' karità. Fl-1535, fi Brescia, waqqfet kongregazzjoni reliġjuża għan-nisa, li semmietha għal Sant'Orsla, bil-ħsieb li tingħata trobbija nisranija lit-tfajliet fqar. Mietet fl-1540.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tar-raba' Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.

# 28 Il-Ħadd • Jannar 2024

**Ir-raba’ Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tar-raba’ Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta’ matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Dewt 18, 15-20 Jien nqajmilhom profeta u nqiegħed kliemi fuq fommu.
- **SR** 94 (95), 1-2.6-7.8-9 Mhux li kontu llum tisimgħu leħen il-Mulej.
- **2L** 1 Kor 7, 32-35 Ikunu ħsibijietna fil-ħwejjeġ tal-Mulej.
- **E** Mk 1, 21-28 Kien jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

# It-Tnejn • Jannar 2024 29

**tar-raba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 2 Sam 15, 13-14.30; 16, 5-13a Ħa naħarbu minn quddiem Absalom. Ħallu lil Simgħi jisħet, għax hekk ordnalu l-Mulej.
- **SR** 3, 2-3.4-5.6-7 Ma nibżax minn poplu sħiħ li jinġema' madwari kontrija.
- **E** Mk 5, 1-20 Oħroġ, ja spirtu ħażin, minn dan il-bniedem!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- F.S.C. (fejn ma tiġix iċċelebrata fit-13 ta' Awwissu) – San Benild Romançon, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O. Carm. – Beata Arkanġla Girlani, verġni – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Fontana (Knisja Parrokkjali tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù) – L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1905) – Solennità (abjad)

# 30 It-Tlieta • Jannar 2024

**tar-raba’ ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 2 Sam 18, 9-10.14b.21a.24-25a.30-19,3 Ibni Absalom! Mhux li mitt jien minflokok!
- **SR** 85 (86), 1-2.3-4.5-6 Agħtini widen, Mulej, u weġibni.
- **E** Mk 5, 21-43 Tfajla, qiegħed ngħidlek, qum!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- F.S.C. – San Mutien-Marie Wiaux, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. ; O.F.M. Cap. – Santa Ġaċinta Mariscotti, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.S.B. – Tifkira tas-Superjuri mejtin (vjola)
- S.D.B.; F.M.A. – Beatu Bronislai Markiewicz, presbiteru – Tifkira (abjad)

# L-Erbgħa • Jannar 2024 31

**San Ġwann Bosco, presbiteru – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 2 Sam 24, 2.9-17 Jien dnibt meta għamilt iċ-ċensiment. Imma dawn in-nagħaġ x'għamlu?
- **SR** 31 (32), 1-2.5.6.7 Aħfirli, Mulej, il-ħażen tiegħi.
- **E** Mk 6, 1-6 Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f'pajjiżu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-qaddisin irġiel: għall-edukaturi [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.D.B.; F.M.A. – San Ġwann Bosco, presbiteru – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Belt Vittorja (Kappella tal-Oratorju Don Bosco) – San Ġwann Bosco, presbiteru – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Bosco twieled fl-1815 qrib Castelnuovo, fid-djoċesi ta' Turin; trabba fil-faqar u fl-għaks. Ġie ordnat qassis, u ngħata b'ruħu u ġismu għall-edukazzjoni u l-formazzjoni taż-żgħażagħ. Waqqaf is-Soċjetà tas-Sależjani biex jgħallem liż-żgħażagħ xi sengħa u jtellagħhom ta' nsara u ma' Santa Marija Duminka Mazzarello, waqqaf ukoll il-Kongregazzjoni ta' Marija Awżiljatriċi. Ħareġ kotba għall-ħarsien u d-difiża tar-reliġjon. Miet fl-1888.

# 01 Il-Ħamis • Frar 2024

**tar-raba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Slat 2, 1-4.10-12 Jien wasalt biex naqbad it-triq li minnha jgħaddi kulħadd.
- **SR** 1 Kron 29, 10.11ab.11d-12a.12bċd Mulej int taħkem fuq kollox.
- **E** Mk 6, 7-13 Kristu kellu jqum mill-imwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.Carm. (Fgura) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.Carm. – Beata Marija Candelaria ta' San Ġużepp, verġni u fundatriċi – Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Tifkira tas-Salesjani mejtin – Tifkira (vjola)

# Il-Ġimgħa • Frar 2024 02

**Il-Preżentazzjoni tal-Mulej – Festa (abjad)**
**Jum il-Ħajja Konsagrata**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Mal 3, 1-4 Jasal fit-tempju tiegħu s-Sid mistenni minnkom.
  *jew* Lhud 2, 14-18 Sar jixbaħ lil ħutu f'kollox.
- **SR** 23, 7-10 Il-Mulej hu s-Sultan tal-glorja.
- **E** Lq 2, 22-40 Għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek.

Illum isir it-tberik tax-xemgħa qabel il-Quddiesa ewlenija tal-ġurnata. Wara t-tberik f'xi oratorju jew f'xi post ieħor issir il-purċissjoni lejn il-knisja fejn ser titqaddes il-Quddiesa. Jekk ma ssirx il-purċissjoni jista' jsir introjtu solenni b'purċissjoni lejn l-altar fejn se titqaddes il-Quddiesa. Meta ssir il-purċissjoni jitħalla barra l-Att Penitenzjali.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmi tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej kienet, u fil-Knejjes tal-Lvant għadha sal-lum, magħrufa bħala l-festa ta' *Hypapante*, jiġifieri *tmur tiltaqa'*. Fiha ssir it-tifkira ta' meta Marija u Ġużeppi, erbgħin jum wara t-twelid, ħadu lil Ġesù fit-Tempju biex jippreżentawh lil Alla skont il-liġi ta' Mosè. F'din il-ġrajja l-Knisja tara sa minn kmieni l-missjoni ta' Ġesù li ried jiltaqa' mal-poplu li emmen u feraħ bih u xandru bħala dawl li jdawwal il-ġnus u glorja tal-poplu ta' Iżrael.

# 03 Is-Sibt • Frar 2024

**tar-raba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **San Bjaġju, isqof u martri – Tifkira (aħmar)**
*jew* **Sant'Ansgarju, isqof – Tifkira (abjad)**

---

---

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna jew tal-Martri jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Slat 3, 4-13 Agħti lill-qaddej tiegħek moħħ ħafif biex jifhem, biex jista' jmexxi l-poplu tiegħek.
- **SR** 118 (119), 9.10.11.12.13.14 Mulej għallimni l-kmandamenti tiegħek.
- **E** Mk 6, 30-34 Kienu qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. – Beatu Stiefnu Bellesini, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. – Tifkira tal-aħwa, ġenituri u benefatturi mejtin – Tifkira O (vjola)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bjaġju kien isqof ta' Sebaste, fl-Armenja, fis-seklu 4, fejn sofra l-martirju fi żmien l-imperatur Liċinju.

Sant'Ansgarju twieled fi Franza fil-bidu tas-seklu 9 u tgħallem fil-monasteru ta' Corbie. Sar isqof ta' Hamburg u mbagħad ta' Bremen fil-Ġermanja. Il-papa Girgor IV bagħtu bħala legat tiegħu u tħabat ħafna biex ixandar l-Evanġelju fil-Ġermanja, fid-Danimarka u fl-Iżvezja. Miet fi Bremen fis-sena 865.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ħames Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ħames Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Frar 2024 04

**Il-ħames Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-ħames Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta’ matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Ġob 7, 1-4.6-7 Il-ħajja tal-bniedem fuq l-art.
- **SR** 146 (147), 1-2.3-4.5-6 Faħħru l-Mulej, li jfejjaq il-qlub maqsuma.
- **2L** 1 Kor 9, 16-19.22-23 Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju.
- **E** Mk 1, 29-39 Ġesù jfejjaq ħafna morda minn bosta mardiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta’ Għawdex

- Għajnsielem (Knisja ta’ Sant’Antnin ta’ Padova, Mġarr) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1912) – Solennità (abjad)

# 05 It-Tnejn • Frar 2024

**Sant'Agata, verġni u martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-komun jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Slat 8, 1-7.9-13 Wasslu l-arka tal-patt tal-Mulej f'postha ġos-santwarju tat-tempju.
- **SR** 131 (132), 6-7.8-10 Qum u ejja, Mulej, lejn il-mistrieħ tiegħek.
- **E** Mk 6, 53-56 Dawk kollha li kienu jmissuh kienu jfiqu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira [Ċ], mill-Komun tal-martri jew tal-verġni. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- M.S.S.P. – Sant'Agata, verġni u martri – Solennità (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Agata ħadet il-martirju f'Katanja, fi Sqallija, aktarx fil-persekuzzjoni ta' Deċju, biex tħares il-verġinità tagħha u l-fidi tagħha fi Kristu.

# It-Tlieta • Frar 2024 06

**San Pawl Miki u sħabu, martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Slat 8, 22-23.27-30 Int kont għedt, Mulej : « Ismi jkun hemm ! ». Isma' t-talba li jagħmillek il-poplu tiegħek Iżrael.
- **SR** 83 (84), 3.4.5 u 10.11 Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti!
- **E** Mk 7, 1-13 Intom twarrbu l-kmandamenti ta' Alla biex tħaddnu t-tradizzjoni tal-bnedmin.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun ta' aktar minn martri wieħed [Ċ]. L-antifoni għall-Benedictus u l-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sorijiet Dorotej – Santa Dorotea, verġni u martri – Solennità (aħmar)
- S.J. – San Pawl Miki, reliġjuż u sħabu, martri; il-Beati Karlu Spinola, Bastjan Kimura, presbiteri u sħabhom, martri – Tifkira O (aħmar)
- O.F.M.; O.F.M. Cap.; O.F.M. Conv. – San Pietru Battista, presbiteru, San Pawl Miki u sħabhom, martri tal-Ewwel u t-Tielet Ordni – Tifkira O (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pawl twieled fil-Ġappun. Daħal fis-Soċjetà ta' Ġesù u xandar l-Evanġelju lin-nies ta' pajjiżu bi frott kbir. Fi żmien ta' persekuzzjoni kontra l-insara nqabdu tmien saċerdoti u reliġjużi mis-Soċjetà ta' Ġesù u Franġiskani Minuri kif ukoll sbatax-il lajk, xi wħud minnhom tfal, u sallbuhom f'Nagasaki fil-5 ta' Frar 1597.

# 07 L-Erbgħa • Frar 2024

**Arċidjoċesi ta’ Malta**
**tal-ħames ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**
**Djoċesi ta’ Għawdex**
**Beatu Piju IX, papa, fundatur tad-djoċesi – Tifkira (abjad)**

## Arċidjoċesi ta’ Malta

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa,* prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Slaten 10, 1-10 Is-sultana ta’ Saba rat l-għerf kollu ta’ Salamun.
- **SR** 36 (37), 5-6.30-31.39-40 Minn fomm il-ġust joħroġ kliem l-għerf.
- **E** Mk 7, 14-23 Dak li joħroġ minn gol-bniedem, dak hu li jtabba’ lill-bniedem.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. (II Ordni) – Santa Koleta ta’ Corbie, verġni – Festa (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – Santa Koleta ta’ Corbie, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.P. – Anniversarju tal-ġenituri mejtin – Tifkira (vjola)
- O.S.A. – Beatu Anselmu Polanco, isqof u martri – Tifkira (aħmar)
- S.D.B.; F.M.A.; O.S.B. – Beatu Piju IX, papa – Tifkira (abjad)

## Djoċesi ta’ Għawdex

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Belt Vittorja (Knisja tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija “ta’ Savina”) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1904) – Solennità (abjad)
- Belt Vittorja (Knisja Katidrali) – Beatu Piju IX, fundatur tad-djoċesi – Tifkira O (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Piju IX xandar bil-qawwa l-verità ta’ Kristu, li miegħu kien marbut b’rabta speċjali, waqqaf diversi djoċesijiet, mexxa ‘l quddiem il-qima lejn l-Imqaddsa Verġni Marija, u fetaħ il-Konċilju Ekumeniku Vatikan I.

# Il-Ħamis • Frar 2024 08

**tal-ħames ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Ġilormu Emiliani, presbiteru u reliġjuż – Tifkira (abjad)**
*jew* **Santa Ġużeppina Bakhita, verġni – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju tal-komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Slaten 11, 4-13 Ladarba ma ħaristx il-patt tiegħi, jiena se nċarrat is-saltna minn fuqek; ikun hemm tribù, wieħed biss, li lill ibnek inħallihulu, minħabba l-qaddej tiegħi David.
- **SR** 105 (106), 3-4.35-36.37 u 40 Ftakar fija, Mulej, fi mħabbtek għall-poplu.
- **E** Mk 7, 24-30 Taħt il-mejda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak mill-ħobż tat-tfal.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Jekk issir it-tifkira ta' San Ġilormu Emiliani, l-antifoni għall-Benedictus u l-Magnificat proprji. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Sorijiet tal-Bon Pastur – Il-Qalb bla tebgħa ta' Marija – Solennità (abjad)
- O.F.M. Conv. – San Eġidju M. Pomtillo minn Taranto, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- O.F.M. Conv. – San Ġwann Lantrua minn Triora, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġilormu Emiliani twieled Venezja fl-1486. Daħal suldat u, meta spiċċa mis-servizz, ta ruħu biex jgħin lill-proxxmu, l-iżjed lill-iltiema u lill-morda. Miegħu ngħaqdu oħrajn, u hekk bdiet il-Kongregazzjoni tal-Kjeriċi Regolari ta' Somaska. Hu u jdur bil-morda marad bil-pesta u miet f'Somaska qrib Bergamo fl-1537.

Santa Ġużeppina Bakhita twieldet fis-sena 1868 f'Darfur fis-Sudan. Fi tfulitha ġiet mibjugħa bosta drabi bħala lsira u batiet ħafna. Infdiet mill-jasar u marret tgħix Venezja. Tgħammdet u ngħaqdet mas-sorijiet Kanossjani tal-Karità u għaddiet il-bqija ta' ħajjitha fil-belt ta' Schio, qrib Vicenza, f'ħidmiet umli fil-kċina, mal-bieb u fis-sagrestija, minn fejn kisbet fama ta' qdusija. Mietet fis-sena 1947.

# 09 Il-Ġimgħa • Frar 2024

**Santa Skolastika, verġni – Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Slaten 11, 29-32; 12, 19 Iżrael inqata' minn dar David.
- **SR** 80 (81), 10-11ab.12-13.14-15 Jiena l-Mulej, Alla tiegħek.
- **E** Mk 7, 31-37 Jagħti s-smiegħ lit-torox u l-kliem lill-imbikkmin.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tat-tifkira mill-Komun tal-verġni [Ċ]. Antifona proprja għall-Benedictus. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – Santa Skolastika, verġni – Solennità (abjad)
- F.S.C. – San Miguel Febres Cordero, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Beata Eusebia Palomino, verġni – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Skolastika, oħt San Benedittu, twieldet f'Norcia madwar is-sena 480. Bħalu kkonsagrat ruħha lil Alla u marret miegħu Monte Cassino bħala l-ewwel soru Benedittina, fejn mietet għall-ħabta tas-sena 547.

**Filgħaxija**

**L-Appostlu Missierna San Pawl, Patrun ta' Malta – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità ta' għada.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar proprju. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**L-Appostlu Missierna San Pawl, Patrun ta’ Malta – Solennità (abjad)**
**FESTA KMANDATA**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [1].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Għerf 14, 3-7 Tajtu triq fil-baħar, u mogħdija żgura fost il-ħalel.
- **SR** 106, 21-31 Ħa jsebbħu l-Mulej għal tjubitu.
- **2L** Atti 27, 16 – 28, 10 Il-Maltin ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha.
  jew 2 Kor 11, 18.24-31 Tliet darbiet rajt l-għarqa.
- **E** Mk 16, 15-20 Marru jippriedkaw kullimkien.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità. Fit-Talb ta’ Nofs il-Jum salmodija komplimentari. It-tieni Għasar tas-solennità. Kompieta ta’ wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur* [A].

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Conv. – L-Appostlu Missierna San Pawl, Patrun tal-Provinċja – Solennità (abjad)

Djoċesi ta’ Għawdex
- Munxar (Knisja Parrokkjali ta’ San Pawl Nawfragu) – In-Nawfraġju ta’ Missierna San Pawl – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Knisja f’Malta trodd ħajr lill-Mulej għaliex sejħilna mid-dlamijiet tad-dnub u mid-dell tal-mewt li fihom konna qed ngħixu, u daħħalna fid-dawl tiegħu tal-għaġeb meta bagħtilna lill-appostlu tiegħu jxandrilna l-bxara t-tajba tal-Evanġelju.

# 11 Il-Ħadd • Frar 2024

**Is-sitt Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-sitt Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Lev 13, 1-2.45-46 Joqgħod għalih waħdu u jgħammar 'il bogħod minnies.
- **SR** 31 (32), 1-2.5.11 Int kenn għalija, iddawwarni u tferraħni bil-ħelsien tiegħek.
- **2L** 1 Kor 10, 3 – 11, 1 Ixbhu lili, bħalma jien nixbah lil Kristu.
- **E** Mk 1, 40-45 Il-ġdiem marlu u ġismu ndaf.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Paola (par. Lourdes); San Ġwann; O.F.M. Cap. (Furjana-kappella ta' Lourdes) – Il-Verġni Marija ta' Lourdes – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Għajnsielem (Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, Mġarr) – Id-Dehra tal-Verġni Marija f'Lourdes – Solennità (abjad)

# It-Tnejn • Frar 2024 12

**tas-sitt ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew a*d diversa,* prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** Ġak 1, 1-11 It-tiġrib tal-fidi tagħkom inissel is-sabar biex tkunu perfetti u sħaħ.
- **SR** 118 (119), 67.68.71.72.75.76 Tiġi fuqi tjubitek, biex ikolli l-ħajja.
- **Mk** 8, 11-13 Għalfejn irid sinjal dan in-nisel?

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. Cap. – Beatu Leopoldo minn Alpandeire, reliġjuż – Tifkira (abjad)

# 13 It-Tlieta • Frar 2024

**tas-sitt ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**

ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa,* prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** Ġak 1, 12-18 Alla mhu se jġarrab lil ħadd.
- **SR** 93 (94), 12-13a.14-15.18-19 Hieni l-bniedem li int twiddbu, Mulej.
- **E** Mk 8, 14-21 Attenti mill-ħmira tal-Fariżej u mill-ħmira ta' Erodi.

**Liturġija tas-Sigħat**

ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. – Beatu Ġordan ta' Sassonja, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.S.A. – Beata Kristina minn Spoleto, lajka agostinjana – Tifkira (abjad)

# L-Erbgħa • Frar 2024 14

**L-Erbgħa tal-Irmied – (vjola)**
**Jum ta’ sawm (għal dawk bejn it-18 u 59 sena)**
**u astinenza (għal dawk minn 14-il sena ’l fuq)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan III jew IV [2].
It-tberik u t-tqegħid tal-irmied fuq ras in-nies jista’ jsir fil-Quddies kollu wara l-omelija jew wara l-qari tal-Evanġelju. F’dan il-każ jitħalla barra l-att penitenzjali. Ir-rit tat-tberik u t-tqegħid tal-irmied għandu dejjem isir fil-Quddiesa ewlenija tal-ġurnata.

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Ġoel 2, 12-18 Ċarrtu qlubkom, u mhux ilbieskom.
- **SR** 50 (51), 3-4.5-6a.12-13.14 u 17 O Alla, ħenn għalina għax dnibna!
- **2L** 2 Kor 5, 20 – 6, 2 Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu. Araw, issa hu ż-żmien it-tajjeb.
- **E** Mt 6, 1-6.16-18 Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok hu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa. Fit-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum tista’ tingħad is-salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa minħabba l-karattru penitenzjali tagħha.

# 15 Il-Ħamis • Frar 2024

**wara l-Erbgħa tal-Irmied – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Dewt 30, 15-20 Jien illum qegħedt quddiemek il-barka u s-saħta.
- **SR** 1, 1-2.3.4 u 6 Hieni l-bniedem li jqiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu.
- **E** Lq 9, 22-25 Min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isalvaha.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.J. – Tista' ssir it-tifkira ta' San Klawdju de la Colombiere, presbiteru, kif imfisser f'[7] u [F]

Djoċesi ta' Għawdex

- Fontana (Santwarju Qalb ta' Ġesù) – Tista' ssir it-tifkira ta' San Klawdju de la Colombiere, presbiteru, kif imfisser f'[7] u [F]

# Il-Ġimgħa • Frar 2024 16

**wara l-Erbgħa tal-Irmied – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 58, 1-9a Jaqaw jien jogħġobni sawm bħal dan?
- **SR** 50 (51), 3-4.5-6a.18-19 Qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla.
- **E** Mt 9, 14-15 Meta l-għarus jeħduhulhom minn magħhom, imbagħad isumu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.A. – Tista' ssir it-tifkira tal-Beatu Xmun minn Cascia, presbiteru, kif imfisser f'[7] u [F]

# 17 Is-Sibt • Frar 2024

**wara l-Erbgħa tal-Irmied – Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4]. Tista' ssir it-tifkira tas-Seba' Qaddisin Fundaturi tal-Ordni tas-Serviti ta' Marija, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 58, 9b-14 Jekk int qalbek toħroġ għall-imġewwaħ, imbagħad id-dawl tiegħek ifiġġ fid-dlam.
- **SR** 85 (86), 1-2.3-4.5-6 Urini, Mulej, triqatek.
- **E** Lq 5, 27-32 Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa. Tista' ssir it-tifkira tas-Seba' Qaddisin Fundaturi tal-Ordni tas-Serviti ta' Marija, kif imfisser f'[F].

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Manikata – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Seba' irġiel minn Firenze, membri ta' fratellanza tal-Madonna, fl-1233 bdew jgħixu fuq l-għolja Senario. Imbagħad daru t-Toscana kollha jxandru l-Kelma ta' Alla, u waqqfu l-Ordni tas-Serviti ta' Marija biex jimmeditaw fuq il-passjoni ta' Kristu u d-duluri tal-Madonna. L-Ordni ġie approvat mis-Santa Sede fl-1304. It-tifkira tagħhom issir il-lum, il-jum li fih, kif jingħad, miet Sant'Alessju Falconieri, wieħed mis-sebgħa.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ewwel Ħadd tar-Randan.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ewwel Ħadd tar-Randan. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Frar 2024 18

**L-ewwel Ħadd tar-Randan – (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ewwel Ħadd tar-Randan, Kredu, prefazju proprju [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Ġen 9, 8-15 Alla jeħles lil Noé mid-dilluvju u jagħmel patt miegħu.
- **SR** 24, 4-9 Il-mogħdijiet tal-Mulej, kollhom tjieba u fedeltà.
- **2L** 1 Piet 3, 18-22 L-ilma tal-magħmudija jsalva lilkom ukoll.
- **E** Mk 1, 12-15 Kien imġarrab mix-xitan, u l-anġli kienu jaqduh.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ewwel Ħadd tar-Randan [D]. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B.

# 19 It-Tnejn • Frar 2024

**tal-ewwel ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Lev 19, 1-2.11-18 Agħmel ħaqq mill-proxxmu tiegħek fis-sewwa.
- **SR** 18 (19), 8.9.10.15 Il-kliem tiegħek Mulej huwa spirtu u ħajja.
- **E** Mt 25, 31-46 Kulma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Mellieħa – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità trasferita (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Għajnsielem (Kappella tal-Madonna ta' Lourdes, Mġarr) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1950) – Solennità (abjad)

# It-Tlieta • Frar 2024 20

**tal-ewwel ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 55, 10-11 Kelmti tagħmel dak li jogħġob lili.
- **SR** 33 (34), 4-5.6-7.16-17.18-19 Il-Mulej jeħles il-ġusti mid-dwejjaq kollha tagħhom.
- **E** Mt 6, 7-15 Mela itolbu hekk.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- KonKattidral ta' San Ġwann – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.S.J. – Dedikazzjoni tal-knisja konventwali ta' San Ġwann – Festa (abjad)

# 21 L-Erbgħa • Frar 2024

**tal-ewwel ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].
Tista’ ssir it-tifkira ta’ San Pietru Damiani, isqof u duttur tal-Knisja, kif imfisser f’[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Ġona 3, 1-10 In-nies ta’ Ninwè reġgħu lura minn triqthom il-ħażina.
- **SR** 50 (51), 3-4.12-13.18-19
  Qalb maqsuma u sogħbiena ma twarrabhiex, o Alla.
- **E** Lq 11, 29-32 Ebda sinjal ma jingħata lil dan in-nisel ħlief is-sinjal ta’ Ġona.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.
Tista’ ssir it-tifkira ta’ San Pietru Damiani, isqof u duttur tal-knisja, kif imfisser f’[F].

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – Tista’ ssir it-tifkira ta’ San Pietru Damiani, isqof u duttur tal-Knisja, kif imfisser f’[7] u [F]

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pietru Damiani twieled f’Ravenna fl-1007; daħal mal-eremiti ta’ Fonte Avellana. Fi żminijiet diffiċli għall-Knisja tħabat għat-tiġdid tagħha. Bil-ħidma u l-kitba tiegħu, ħeġġeġ fl-irħieb l-imħabba għall-ħajja kontemplattiva, wissa lill-kjeriċi biex jgħixu skont id-dinjità tagħhom, u ħabrek biex l-awtoritajiet ċivili jerġgħu jagħmlu paċi mas-Santa Sede. Il-papa Stiefnu IX għamlu kardinal u isqof ta’ Ostia; miet f’Faenza fit-22 ta’ Frar 1072. Ġie ddikjarat duttur tal-Knisja fl-1828.

# Il-Ħamis • Frar 2024 22

**Il-Kattedra ta' San Pietru, Appostlu – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** 1 Piet 5, 1-4 Presbiteru u xhud tat-tbatijiet ta' Kristu.
- **SR** 22, 1-6 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.
- **E** Mt 16, 13-19 Inti Pietru: jien nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- F.M.M. (Balzan) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Għall-festa tal-Kattedra tal-Appostlu San Pietru ntgħażel il-jum li fih ir-Rumani kienu jfakkru l-mejtin tagħhom u mbagħad waqt l-ikla fid-dar kienu jqiegħdu siġġu (kattedra) vojt biex ifisser il-preżenza ta' xi ħadd nieqes. F'dan il-jum titfakkar il-Kattedra ta' San Pietru bħala sinjal glorjuż tiegħu li mill-għolja tal-Vatikan jippresiedi fuq il-ġemgħa kollha tal-fidili magħquda fl-imħabba.

# 23 Il-Ġimgħa • Frar 2024

**tal-ewwel ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Polikarpu, isqof u martri, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Eżek 18, 21-28 Forsi jien togħġobni l-mewt tal-bniedem il-ħażin, mhux aktar jogħġobni li jerġa' lura minn triqatu u jgħix?
- **SR** 129 (130), 1-2.3-4ab.4ċ-6.7-8 Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej, min jista' jżomm sħiħ?
- **E** Mt 5, 20-26 Mur l-ewwel irranġa ma' ħuk.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Polikarpu, isqof u martri, kif imfisser f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Polikarpu, dixxiplu tal-Appostli u isqof ta' Smirna, laqa' għandu lil Sant'Injazju ta' Antjokja huwa u sejjer għall-martirju. Fis-sena 154 mar Ruma biex jiddiskuti mal-papa Aniċetu dwar il-kwistjoni tad-data tal-festa tal-Għid. Għall-ħabta tas-sena 155, meta kellu kważi disgħin sena, ħa l-martirju billi ħaqruh fl-anfiteatru.

# Is-Sibt • Frar 2024 24

**tal-ewwel ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Dewt 26, 16-19 Tkun ġens ikkonsagrat lill-Mulej, Alla tiegħek.
- **SR** 118 (119), 1-2.4-5.7-8 Henjin dawk li jimxu fil-liġi tal-Mulej.
- **E** Mt 5, 43-48 Kunu perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tar-Randan.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tieni Ħadd tar-Randan. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# 25 Il-Ħadd • Frar 2024

**It-tieni Ħadd tar-Randan – (vjola)**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tar-Randan, Kredu, prefazju proprju [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Ġen 22, 1-2.9-13.15-18 Is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham.
- **SR** 115, 10.15-19 Jien nimxi quddiem il-Mulej f'art il-ħajjin.
- **2L** Rum 8, 31b-34 Alla lanqas lil Ibnu stess ma ħafirha.
- **E** Mk 9, 2-10 Dan hu Ibni l-għażiż.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tieni Ħadd tar-Randan [D]. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B.

# It-Tnejn • Frar 2024 26

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Dan 9, 4b-10 Aħna dnibna, ġibna ruħna ħażin.
- **SR** 78 (79), 8.9.11 u 13 Mulej timxix magħna skont ma ħaqqhom ħtijietna.
- **E** Lq 6, 36-38 Aħfru u ssibu l-maħfra.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

# 27 It-Tlieta • Frar 2024

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Girgor ta' Narek, abbati u duttur tal-Knisja, kif imfisser f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Girgor ta' Narek twieled fl-Armenja fis-sena 951. Missieru kien arċisqof u meta kien għadu tfajjel ġie afdat f'idejn Ananija, kuġin ta' missieru u abbati tal-monasteru ta' Narek. Hemmhekk Girgor baqa' ħajtu kollha u rnexxielu jikber fl-ispirtwalità u jikseb għarfien kulturali kbir kif jixhdu l-kitbiet tiegħu li huma wkoll meqjusa fost il-klassiċi tal-lingwa Armena. B'mod partikulari fil-*Ktieb tal-Lamentazzjonijiet* jispjega it-tagħlim mistiku tiegħu. Ix-xogħlijiet ta' Girgor ġew maqluba f'diversi lingwi u huma fost it-teżori tal-letteratura Nisranija. Dan il-kittieb mistiku miet fl-1003 u mill-ewwel ġie meqjum bħala qaddis fil-Knisja Armena.

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Girgor ta' Narek, abbati u duttur tal-Knisja, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 1, 10.16-20 Tgħallmu agħmlu t-tajjeb, fittxu d-dritt.
- **SR** 49 (50), 8-9.16bċ-17.21 u 23 Lil min jimxi bis-sewwa nurih is-salvazzjoni ta' Alla.
- **E** Mt 23, 1-12 Kliem biss għandhom, imma fatti xejn.

# L-Erbgħa • Frar 2024 28

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Ġer 18, 18-20 Ejjew nonsbulu nasba lill-bniedem ġust.
- **SR** 30 (31), 5-6.14.15-16 Mulej, fit-tieba tiegħek eħlisni.
- **E** Mt 20, 17-28 Jaqtgħuhielu għall-mewt.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

# 29 Il-Ħamis • Frar 2024

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**

tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Ġer 17, 5-10 Misħut il-bniedem li jittama fil-bnedmin. Imbierek il-bniedem li jittama fil-Mulej.
- **SR** 1, 1-2.3.4 u 6 Hieni l-bniedem li jqiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu.
- **E** Lq 16, 19-31 It-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll Lazzru, il-ħażin irċevieh f'ħajtu.

**Liturġija tas-Sigħat**

tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

# Il-Ġimgħa • Marzu 2024 01

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Ġen 37, 3-4.12-13a.17b-28 Arah, ġej il-ħalliem! Issa ejjew ħa noqtluh!
- **SR** 104 (105), 16-17.18-19.20-21 Niftakru Mulej fl-għeġubijiet tiegħek.
- **E** Mt 21, 33-43.45-46 Ara l-werriet! Ejjew noqtluh!

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. (Sliema) – Ġesù Nazzarenu – Solennità (aħmar)

# 02 Is-Sibt • Marzu 2024

**tat-tieni ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Mik 7, 14-15.18-20 Jarmi ħtijietna kollha f'qiegħ il-baħar.
- **SR** 102 (103), 1-2.3-4.9-10.11-12 Ħanin u twajjeb il-Mulej.
- **E** Lq 15, 1-3.11-32 Dan ħuk kien mejjet u raġa' qam.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.Carm. (Mdina) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tar-Randan.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tielet Ħadd tar-Randan. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Marzu 2024 03

**It-tielet Ħadd tar-Randan – (vjola)**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tar-Randan, Kredu, prefazju tar-Randan [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Eżodu 20, 1-17 Il-Liġi ngħatat permezz ta' Mosé.
- **SR** 18, 8-11 Mulej, int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem.
- **2L** 1 Kor 1, 22-25 Aħna nxandru 'l Kristu msallab.
- **E** Ġw 2, 13-25 Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu.

Għal raġunijiet pastorali jista' jsir il-qari taċ-ċiklu A:

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena A**
- **1L** Eżodu 17, 3-7 Agħtina ilma x'nixorbu.
- **SR** 94 (95), 1-2.6-7.8-9 Illum jekk tisimgħu leħen il-Mulej, la twebbsux qalbkom.
- **2L** Rum 5, 1-2.5-8 L-imħabba ssawbet fina permezz tal-Ispirtu mogħti lilna.
- **E** Ġw 4, 5-42 Għajn ta' ilma li jnixxi sal-ħajja ta' dejjem.

Jekk jinqara dan il-qari jsir il-prefazju proprju.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tielet Ħadd tar-Randan [D].
Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.
Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B.

# 04 It-Tnejn • Marzu 2024

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Każmiru kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** 2 Slat 5, 1-15a Kien hemm bosta lebbrużi f'Iżrael, imma ħadd minnhom ma ġie mfejjaq ħlief Nagħman tas-Sirja.
- **SR** 41 (42), 2.3; 42 (43), 3.4 Ruħi għatxana għal Alla.
- **E** Lq 4, 24-30 Ġesù bħal Eliżew u Elija ġie għal kulħadd.

F'xi ġurnata matul din il-ġimgħa jista' jsir dan il-qari:

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Eżodu 17, 1-7 Joħroġ l-ilma u l-poplu jixrob.
- **SR** 94 (95), 1-2.6-7.8-9 Isimgħu leħen il-Mulej: la twebbsux qalbkom.
- **E** Ġw 4, 5-42 Għajn tal-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem.

Jekk isir dan il-qari jista' jingħad il-prefazju li jaqbel mas-silta tal-Evanġelju.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Każmiru kif imfisser f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Każimiru twieled fl-1458 u kien it-tielet iben tas-sultan Każimiru IV tal-Polonja. Għex ħajja safja u ta għajnuna kbira lill-foqra. Kien imħeġġeġ għall-fidi, u kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija u l-Madonna. Miet fi Grodno, il-Litwanja, fl-1484.

# It-Tlieta • Marzu 2024 05

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Dan 3, 25.34-43 B'qalbna niedma u ruħna mċekkna, jalla nkunu ningħoġbu quddiemek, Mulej.
- **SR** 24, 4bċ-5ab.6-7bċ.8-9 Ftakar fil-ħniena u t-tieba tiegħek, Mulej.
- **E** Mt 18, 21-35 Jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom, anqas il-Missier ma jaħfer lilkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

# 06 L-Erbgħa • Marzu 2024

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Dewt 4, 1.5-9 Ħarsu l-liġijiet u agħmluhom.
- **SR** 147, 12-13.15-16.19-20 Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej.
- **E** Mt 5, 17-19 Min iħares u jgħallem il-kmandamenti, dan kbir jissejjaħ fis-Saltna tas-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

# Il-Ħamis • Marzu 2024 07

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' Santa Perpetwa u Santa Feliċita, martri, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Ġer 7, 23-28 Dan hu l-ġens li ma jismax leħen il-Mulej Alla tiegħu.
- **SR** 94 (95), 1-2.6-7.8-9 Mhux li kontu llum tisimgħu leħen il-Mulej: la twebbsux qalbkom.
- **E** Lq 11, 14-23 Min mhuwiex miegħi huwa kontra tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' Santa Perpetwa u Santa Feliċita, martri, kif imfisser f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Perpetwa kienet omm żagħżugħa nobbli, u Feliċita, l-ilsira tagħha li kienet fit-tqala, skont il-liġi ħallewha tiled; biex imbagħad kif naqraw fil-passju ta' Santa Perpetwa, it-tnejn ħadu l-martirju fl-anfiteatru ta' Kartaġni, fi żmien l-imperatur Septimus Severus.

# 08 Il-Ġimgħa • Marzu 2024

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Ġwann ta' Alla, reliġjuż u fundatur, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Ħos 14, 2-10 Lanqas ma ngħidu iżjed 'alla tagħna' lil xogħol idejna.
- **SR** 80 (81), 6ċ-8a.8bċ-9.10-11ab.14 u 17 Jiena l-Mulej, Alla tiegħek; ismagħni, poplu tiegħi!
- **E** Mk 12, 28b-34 Il-Mulej, Alla tagħna, Mulej wieħed hu, u int għandek tħobb lill-Mulej.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Ġwann ta' Alla, reliġjuż u fundatur, kif imfisser f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann twieled fil-Portugal fl-1495 u f'ħajtu wettaq firxa ta' ħidmiet: ragħaj, suldat u bejjiegħ tal-kotba. Meta kellu 42 sena, imħeġġeġ minn San Ġwann ta' Avila, ikkonverta u beda jaqdi l-morda fi Granada, Spanja. Għal dan il-għan waqqaf dak li llum hu magħruf bħala l-Ordni Ospidalier ta' San Ġwann ta' Alla. Miet fi Granada fit-8 ta' Marzu 1550. Hu meqjum bħala l-patrun tal-morda, tal-isptarijiet u tal-bejjiegħa tal-kotba.

# Is-Sibt • Marzu 2024 09

**tat-tielet ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' Santa Franġiska Rumana, reliġjuża u fundatriċi, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Ħos 6, 1-6 Għaliex jiena tieba rrid, mhux sagrifiċċju.
- **SR** 50 (51), 3-4.18-19.20-21ab Jiena tieba rrid, mhux sagrifiċċju.
- **E** Lq 18, 9-14 Il-pubblikan, u mhux il-fariżew, niżel id-dar iġġustifikat.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa. Tista' ssir it-tifkira ta' Santa Franġiska Rumana, reliġjuża u fundatriċi, kif imfisser f'[F].

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. – Tista' ssir it-tifkira ta' Santa Franġiska Rumana, reliġjuża u fundatriċi, kif imfisser f'[7] u [F]

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Franġiska twieldet f'Ruma fl-1384; iżżewġet żgħira u kellha sitt itfal. F'ħajjitha għaddiet minn hemm kbir, fosthom il-mewt ta' tnejn minn uliedha, l-eżilju ta' żewġha u t-telfa ta' ħafna mill-ġid materjali. Kienet mogħtija għall-ħidma ta' karità. Fl-1443 waqqfet il-Kongregazzjoni tal-Oblati u tathom ir-Regola ta' San Benedittu. Mietet fl-1440. Il-papa Piju XI ħatarha bħala patruna tas-sewwieqa tal-karrozzi.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tar-Randan.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tar-raba' Ħadd tar-Randan. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.

# 10 Il-Ħadd • Marzu 2024

**Ir-raba' Ħadd tar-Randan – (vjola jew roża)**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tar-Randan, Kredu, prefazju tar-Randan [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** 2 Kron 36, 14-16.19-23 Il-jasar u l-ħelsien tal-poplu huma sinjal tal-korla u l-ħniena tal-Mulej.
- **SR** 136, 1-6 Jeħilli lsieni mas-saqaf ta' ħalqi jekk ma niftakarx fik, Ġerusalemm!
- **2L** Ef 2, 4-10 Kontu mejta minħabba fid-dnubiet, u bi grazzja intom salvi.
- **E** Ġw 3, 14-21 Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex bih hija ssalva.

Għal raġunijiet pastorali jista' jsir il-qari taċ-ċiklu A:

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena A**

- **1L** 1 Sam 16, 1b.6-7.10-13a David ikkonsagrat sultan ta' Iżrael.
- **SR** 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.
- **2L** Efes 5, 8-14 Qum mill-imwiet, ħa jiddi fuqek Kristu.
- **E** Ġw 9, 1-41 Mort, inħsilt, u ġejt nara.

Jekk jinqara dan il-qari, il-prefazju jkun proprju.

**Liturġija tas-Sigħat**
tar-raba' Ħadd tar-Randan [D].
Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.
Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B.

# It-Tnejn • Marzu 2024 11

**tar-raba' ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 65, 17-21 Ma jinstemax aktar leħen il-biki, lanqas leħen in-niket.
- **SR** 29 (30), 2 u 4.5-6.11-12a u 13b Ngħollik, Mulej, għax erfajtni.
- **E** Ġw 4, 43-54 Mur, ibnek ħaj.

F'xi ġurnata matul din il-ġimgħa jista' jsir dan il-qari:

**Lezzjonarju Ferjali III (Quddiesa libera)**

- **1L** Mikea 7, 7-9 Jekk ninsab fid-dlam, Alla d-dawl tiegħi.
- **SR** 26 (27), 1.7-8a.8b-9abċ.13-14 Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.
- **E** Ġw 9, 1-41 Mar, inħasel u ġie jara.

Jekk isir dan il-qari jista' jingħad il-prefazju li jaqbel mas-silta tal-Evanġelju.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Kappella tas-Seminarju) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1986) – Solennità trasferita (abjad)

# 12 It-Tlieta • Marzu 2024

**tar-raba' ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Eżek 47, 1-9.12 Rajt l-ilma ħiereġ mit-tempju, u salvaw dawk kollha li fuqhom wasal dan l-ilma.
- **SR** 45 (46), 2-3.5-6.8-9 Il-Mulej tal-eżerċti magħna.
- **E** Ġw 5, 1-3a.5-16 Minnufih dak ir-raġel fieq.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

# L-Erbgħa • Marzu 2024 13

**tar-raba' ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 49, 8-15 Għamilt minnek patt mal-poplu, biex nerġa' nqajjem l-art.
- **SR** 144 (145), 8-9.13ċd-14.17-18 Twajjeb u ħanin il-Mulej.
- **E** Ġw 5, 17-30 Bħalma l-Missier iqajjem lill-mejtin u jagħtihom il-ħajja, hekk ukoll l-Iben jagħti l-ħajja lil dawk li jrid hu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Illum jaħbat l-anniversarju mill-elezzjoni tal-papa Franġisku (2013). F'kull quddiesa ssir intenzjoni fit-Talba tal-Fidili.

# 14 Il-Ħamis • Marzu 2024

**tar-raba' ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Eżodu 32, 7-14 Erġa' lura missaħna tal-korla tiegħek.
- **SR** 105 (106), 19-20.21-22.23 Ftakar fija, Mulej, fi mħabbtek għall-poplu tiegħek.
- **E** Ġw 5, 31-47 Dak li jakkużakom huwa Mosè, li fih qegħedtu t-tama tagħkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

# Il-Ġimgħa • Marzu 2024 15

**tar-raba' ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Għerf 2, 1a.12-22 Naqtgħuhielu għall-mewt tal-mistħija.
- **SR** 33 (34), 17-18.19-20.21 u 23 Qrib il-Mulej lejn dawk b'qalbhom maqsuma.
- **E** Ġw 7, 1-2.10.25-30 Fittxew li jaqbdu lil Ġesù, iżda s-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

# 16 Is-Sibt • Marzu 2024

**tar-raba' ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tar-Randan [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Ġer 11, 18-20 Bħal ħaruf ġwejjed meħud għall-qatla.
- **SR** 7, 2-3.9bċ-10.11-12 Mulej, Alla tiegħi, fik il-kenn tiegħi.
- **E** Ġw 7, 40-53 Mela l-Messija għandu jiġi mill-Galilija?

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ħames Ħadd tar-Randan.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ħames Ħadd tar-Randan. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

**Nota**
Jistgħu jiġu mgħottija s-slaleb u x-xbihat fil-knejjes skont l-indikazzjonijiet tal-Konferenza Episkopali. Is-slaleb jibqgħu mgħottija sa tmiem iċ-ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej nhar il-Ġimgħa l-Kbira, filwaqt lix-xbihat sa qabel il-Velja tal-Għid.

# Il-Ħadd • Marzu 2024 17

**Il-ħames Ħadd tar-Randan – (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ħames Ħadd tar-Randan, Kredu, prefazju tar-Randan [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Ġer 31, 31-34 Nagħmel patt ġdid, u l-ħtijiet ma niftakarhomx iżjed.
- **SR** 50, 3-4, 12-15 Oħloq fija qalb safja, o Alla.
- **2L** Lhud 5, 7-9 Kristu sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem.
- **E** Ġw 12, 20-33 Jekk il-ħabba tal-qamħ, li taqa' fl-art, tmut, hi tagħmel ħafna frott.

Għal raġunijiet pastorali jista' jsir dan il-qari:

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena A**
- **1L** Eżek 37, 12-14 Inqiegħed ruħi fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja.
- **SR** 129, 1-8 Għand il-Mulej hemm it-tjieba.
- **2L** Rum 8, 8-11 L-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet igħammar fikom.
- **E** Ġw 11, 1-45 Jien hu l-qawmien u l-ħajja.

Jekk isir dan il-qari jista' jingħad il-prefazju li jaqbel mas-silta tal-Evanġelju.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ħames Ħadd tar-Randan [D]. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B.

# 18 It-Tnejn • Marzu 2024

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Ċirillu ta' Ġerusalemm, isqof u duttur tal-Knisja, kif imfisser f'[7].

Lezzjonarju Ferjali III

- **1L** Dan 13, 1-9.15-17.19-30.33-62 Issa se mmut, u minn dak li fil-ħażen tagħhom qalgħu fuqi jiena m'għamilt xejn.
- **SR** 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6 Ma nibżax mill-ħsara, Mulej, għax inti miegħi.
- **E** Ġw 8, 1-11 Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla.

F'xi ġurnata matul din il-ġimgħa jista' jsir dan il-qari:

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** 2 Slat 4, 18b-21.32-37 Imtedd fuq it-tifel; u dan bexxaq għajnejh.
- **SR** 16 (17), 1.6-7.8b u 15 Meta nqum, Mulej, nithenna bid-dehra tiegħek.
- **E** Ġw 11, 1-45 Jien hu l-qawmien u l-ħajja.

Jekk isir dan il-qari jista' jingħad il-prefazju li jaqbel mas-silta tal-Evanġelju.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa. Jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Ċirillu ta' Ġerusalemm, isqof u duttur tal-Knisja, kif imfisser f'[F].
Filgħaxija jsir l-ewwel Għasar tas-solennità ta' għada. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.D.B. (Sliema) – San Patrizju, isqof – Solennità trasferita (abjad)
- O.C.D. (Bormla) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ċirillu ta' Ġerusalemm twieled fis-sena 315 minn ġenituri nsara; fis-sena 348 sar isqof ta' Ġerusalemm wara Massimu. Tħabat kontra l-Arjani, u kellu jduq l-eżilju aktar minn darba. Xhieda tal-ħeġġa pastorali tiegħu huma d-diskorsi li ħalla, li bihom lill-fidili kien ifissrilhom id-duttrina t-tajba, l-Iskrittura mqaddsa u t-tradizzjonijiet. Miet fis-sena 386. Fl-1882 il-papa Ljun XIII iddikjarah duttur tal-Knisja.

# It-Tlieta • Marzu 2024 19

**San Ġużepp, l-Għarus tal-Imqaddsa Verġni Marija – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 2 Sam 7, 4-5a.12-14a.16 Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru.
- **SR** 88, 2-5.27.29 In-nisel tiegħu jibqa' għal dejjem.
- **2L** Rum 4, 13.16-18.22 Meta ma seta' jara ebda tama, huwa ttama u emmen.
- **E** Mt 1, 16.18-21.24a Ġużeppi għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej. *jew* Lq 2, 41-51a Missierek u jien konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja bis-salmodija komplimentari.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.J. – San Ġużepp, l-Għarus Verġni tal-Imqaddsa Verġni Marija, Patrun tal-Kumpanija ta' Ġesù – Solennità (abjad)
- O.S.A. – San Ġużepp, l-Għarus Verġni tal-Imqaddsa Verġni Marija, Patrun tal-Ordni – Solennità (abjad)
- O.Carm. – San Ġużepp, l-Għarus Verġni tal-Imqaddsa Verġni Marija, Protettur Prinċipali tal-Ordni – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
Qala (Knisja Parrokkjali) – San Ġużepp, l-Għarus Verġni tal-Imqaddsa Verġni Marija – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġużepp, raġel ġust mid-dar ta' David, kien l-għarus tal-Verġni Marija u l-missier putattiv ta' Ġesù, Bin Alla, li ried jissejjaħ bin Ġużeppi u kien jobdih kif iben jobdi 'l missieru. Bħalma l-Mulej qiegħdu fuq il-familja tiegħu, hekk il-Knisja tagħtih ġieħ speċjali bħala Patrun tagħha.

# 20 L-Erbgħa • Marzu 2024

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**

tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Dan 3, 14-20.91-92.95 Alla bagħat l-anġlu tiegħu u ħeles lill-qaddejja tiegħu.
- **SR** Dan 3, 52. 53-54.55-56 Ta' min ifaħħrek u jgħollik fuq kollox għal dejjem.
- **E** Ġw 8, 31-42 Jekk l-Iben jeħliskom, tkunu tabilħaqq ħielsa.

**Liturġija tas-Sigħat**

tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa. Jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Wied il-Għajn – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità trasferita (abjad).

# Il-Ħamis • Marzu 2024 21

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Ġen 17, 3-9 Nagħmel minnek missier ħafna ġnus.
- **SR** 104 (105), 4-5.6-7.8-9 Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **E** Ġw 8, 51-59 Missierkom Abraham qabeż bil-ferħ għall-ħsieb li kien se jara l-jum tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa. Jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. – Transitu ta' San Benedittu, abbati – Festa (abjad)

**Nota**
Illum jaħbat l-anniversarju mill-mewt ta' Monsinjur Ġużeppi Mercieca, Arċisqof emeritus ta' Malta (2016).

# 22 Il-Ġimgħa • Marzu 2024

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Ġer 20, 10-13 Il-Mulej miegħi bħal raġel qalbieni.
- **SR** 17 (18), 2-3a.3bċ-4.5-6.7 Fl-hemm tiegħi lill-Mulej sejjaħt, u semgħani.
- **E** Ġw 10, 31-42 Fittxew li jaqbduh, imma hu ħarbilhom minn taħt idejhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa. Jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Illum tista' ssir il-festa ta' devozzjoni ta' Marija Addolorata – (abjad)

# Is-Sibt • Marzu 2024 23

**tal-ħames ġimgħa tar-Randan – Ferja (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Passjoni I [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Turibju ta' Mogrovejo, isqof, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Eżek 37, 21-28 Nagħmilhom ġens wieħed.
- **SR** Ġer 31, 10.11-12ab.13 Il-Mulej iħarisna kif ragħaj iħares il-merħla tiegħu.
- **E** Ġw 11, 45-56 Biex jiġbor ġemgħa waħda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.
Jistgħu jintużaw l-innijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Turibju ta' Mogrovejo, isqof, kif imfisser f'[F].

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- B'kara (tal-Ħerba) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Turibju twieled fi Spanja għall-ħabta tal-1538, u studja l-liġi kanonika f'Salamanka. Fl-1580 inħatar arċisqof ta' Lima, fil-Perù. Mimli ħeġġa appostolika, sikwit laqqa' sinodi li mexxew ħafna 'l quddiem il-ħajja reliġjuża f'dik l-art kollha. Iddefenda b'qawwa kbira l-jeddijiet tal-Knisja, ħaseb bla heda għall-merħla afdata f'idejh u kien sikwit iżurha, u ħabrek ħafna għall-indiġeni. Miet fl-1606.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
ta' Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar ta' Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-II ġimgħa tas-salterju.

# 24 Il-Ħadd • Marzu 2024

**Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej – (aħmar)**

**Tifkira tad-Daħla tal-Mulej f'Ġerusalemm**

It-tifkira ssir:

- b'ċelebrazzjoni f'xi kappella jew post ieħor adatt u b'purċissjoni għall-knisja fejn se ssir il-Quddiesa prinċipali tal-ġurnata. Qabel il-purċissjoni jitbierku l-friegħi tal-palm u taż-żebbuġ u jinqara l-Evanġelju tad-dħul ta' Kristu f'Ġerusalemm.
- b'introjtu solenni għall-Quddiesa. Is-saċerdot ibierek il-palm u ż-żebbuġ ħdejn il-bieb tal-knisja; jinqara l-Evanġelju. Imbagħad is-saċerdot u l-ministri jgħaddu proċessjonalment tul il-korsija għal fuq il-presbiterju.

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **E** Mk 11, 1-10 jew Ġw 12, 12-16 Imbierek min ġej f'isem il-Mulej.

**Quddiesa**

proprja, Kredu, prefazju proprju.
L-Att Penitenzjali jitħalla barra jekk issir il-purċissjoni jew l-introjtu solenni [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Is 50, 4-7 Ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir.
- **SR** 21, 8-9.17-20.23-24 Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?
- **2L** Fil 2, 6-11 Kristu ċekken lilu nnifsu; għalhekk Alla għollieh.
- **E** Mk 14, 1 – 15, 47 Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

Waqt ir-rakkont tal-Passjoni ma jintużawx l-akkolti jew iċ-ċensier.
Id-djakni, iżda mhux il-lajċi, jitolbu l-barka liċ-ċelebrant u jgħidu: *Naddafli qalbi u fommi.*
Ma ssirx it-tislima *Il-Mulej magħkom* fil-bidu tal-qari u lanqas is-sinjal tas-salib fuq l-Evanġelarju.
Il-parti ta' Kristu tinqara dejjem minn saċerdot jew djaknu.
Ir-rakkont tal-passjoni jagħlaq bil-kliem: *Il-Kelma tal-Mulej.*
Fl-aħħar ma tingħatax bewsa lill-ktieb tal-Evanġelju.

**Liturġija tas-Sigħat**

Uffiċċju proprju [D]. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

**tal-Ġimgħa Mqaddsa – (vjola)**

**Quddiesa**
proprja, prefazju tal-Passjoni II [2].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 42, 1-7 Ma jgħajjatx, ma jsemmax leħnu fil-pjazez.
- **SR** 26 (27), 1.2.3.13-14 Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.
- **E** Ġw 12, 1-11 Ħalliha, din il-fwieħa refgħetha għal jum id-difna tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa [E].

**Nota**
Is-solennità tat-Tħabbira tal-Mulej lill-Verġni Marija tiġi trasferita għat-Tnejn, 8 ta' April.

# 26 It-Tlieta • Marzu 2024

**tal-Ġimgħa Mqaddsa – (vjola)**

**Quddiesa**
proprja, prefazju tal-Passjoni II [2].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 49, 1-6 Jien nagħmel minnek dawl għall-ġnus, biex is-salvazzjoni tiegħi sa truf l-art tinfirex.
- **SR** 70 (71), 1-2.3-4a.5-6ab.15 u 17 Mulej, fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek.
- **E** Ġw 13, 21-33.36-38 Wieħed minnkom se jittradini ... is-serduk ma jkunx idden qabel ma tkun ċħadtni tliet darbiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa [E].

# L-Erbgħa • Marzu 2024 27

**tal-Ġimgħa Mqaddsa – (vjola)**

**Quddiesa**
proprja, prefazju tal-Passjoni II [2].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 50, 4-9a Ma ħbejtx wiċċi mit-tgħajir u l-bżieq.
- **SR** 68 (69), 8-10.21bċd-22.31 u 33-34 O Alla, fil-kobor ta' tjubitek, weġibni.
- **E** Mt 26, 14-25 Bin il-bniedem imur kif hemm miktub fuqu imma ħażin għalih dak il-bniedem li permezz tiegħu Bin il-bniedem ikun mogħti f'idejn l-għedewwa!

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa.
Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa [E].

# 28 Il-Ħamis • Marzu 2024

**tal-Ġimgħa Mqaddsa – (vjola għal-Liturġija tas-Sigħat u abjad għall-Quddiesa tal-Griżma)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja tal-Griżma, Glorja, qari proprju, tiġdid tal-wegħdiet saċerdotali, prefazju proprju, tberik taż-żjut. Permessa biss il-Quddiesa li ssir mill-Arċisqof fil-Kon-Katidral u mill-Isqof fil-Katidral. Mhux permess Quddies ieħor, lanqas dak ta' funeral. F'kull ħin tal-ġurnata jista' jsir it-Tqarbin tal-Morda.

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Is 61, 1-3a.6a.8b.9 Il-Mulej ikkonsagrani b'żejt ta' ferħ.
- **SR** 88 (89), 21-22.25.27 It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.
- **2L** Apok 1, 5-8 Kristu għamilna saltna, qassisin għal Alla tiegħu u Missieru.
- **E** Lq 4, 16-21 L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum): Uffiċċju tal-Ħamis tal-Ġimgħa Mqaddsa. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa [E]. Fl-Uffiċċju tal-Qari minflok is-salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa, tista' tingħad is-salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Nota**
Jispiċċa ż-żmien tar-Randan u jibdew it-Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid.

**Filgħaxija**

**Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej – (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, l-ewwel prefazju tal-Ewkaristija. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika l-partijiet: *Imseħbin*, *Ilqa'*, u *Awl il-lejl* huma proprji.

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Eżodu 12, 1-8.11-14 Preċetti dwar l-ikla tal-Għid.
- **SR** 115 (116), 12-13.15-16bċ.17-18 Il-kalċi mbierek huwa xirka mad-demm ta' Kristu.
- **2L** 1 Kor 11, 23-26 Kull meta tieklu u tixorbu, ixxandru l-mewt tal-Mulej.
- **E** Ġw 13, 1-15 Ħabbhom għall-aħħar.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċjatura proprja. L-Għasar ma jingħadx minn min jieħu sehem fil-Quddiesa ta' filgħaxija. Fil-Kompieta, l-innu *Kristu dija u jum*, salmodija ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-jum.

**Noti**

- Il-Quddiesa tat-Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej tiġi ċċelebrata wara nżul ix-xemx, f'ħin li jiffavorixxi s-sehem sħiħ tal-ġemgħa. Is-saċerdoti kollha jistgħu jikkonċelebraw, ukoll jekk ikunu diġà għamlu dan fil-Quddiesa tal-Griżma. Skont drawwa antikissima fil-Knisja, f'dan il-jum hi pprojbita ċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa mingħajr is-sehem tal-poplu.
- Għal motivi pastorali serji, l-Ordinarju jista' jagħti permess li ssir Quddiesa oħra għal dawk li bl-ebda mod ma jistgħu jieħdu sehem fil-Quddiesa prinċipali. Wieħed irid jevita li din iċ-ċelebrazzjoni barranija ssir għal xi gruppi partikulari u bl-ebda mod ma għandha ttellef dik prinċipali.
- It-tabernaklu għandu jkun vojt. F'din iċ-ċelebrazzjoni għandhom jiġu kkonsagrati ostji biżżejjed għal-lum u għada.
- Il-kappella tar-ripożizzjoni trid tiġi ppreparata tajjeb. Hawnhekk il-fidili jersqu għal mument ta' adorazzjoni. L-Ewkaristija trid tinżamm f'post magħluq. Ma tistax issir l-espożizzjoni tal-Ewkaristija fi sfera.
- Waqt il-Glorja jindaqqu l-qniepen li wara jinżammu siekta sal-Glorja li titkanta fil-Velja tal-Għid.
- Waqt iċ-ċelebrazzjoni jsir il-ħasil tar-riġlejn ta' tnax-il persuna. Dan il-ġest ifakkarna li n-Nisrani jrid ikun ta' servizz bħal Kristu "li ġie biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi".
- Waqt il-purċissjoni bl-offerti jistgħu jittellgħu xi għotjiet li jkunu nġabru fir-Randan bħala frott ta' penitenza.
- Kif tispiċċa t-Talba ta' wara t-Tqarbin, jitħallew barra r-riti tal-għeluq u tibda l-purċissjoni lejn l-altar tar-ripożizzjoni.
- Wara ċ-ċelebrazzjoni jitneżżgħu l-altari. Jixraq li s-slaleb fil-knisja jitgħattew jew jitneħħew.
- Il-purċissjoni u r-ripożizzjoni tas-sagrament ma jsirux f'dawk il-knejjes li fihom ma ssirx il-funzjoni tal-Ġimgħa.
- L-insara huma mħeġġa biex isibu ħin għall-adorazzjoni privata jew komunitarja. Wara nofsillejl, l-adorazzjoni ssir mingħajr solennità.



# Il-Ġimgħa • Marzu 2024 29

**Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej – (aħmar)**
**Sawm u Astinenza**

**Ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej**
kif deskritta fil-Missal.

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Is 52, 13 – 53, 12 Kien miġruħ minħabba fi dnubietna.
- **SR** 30 (31), 2.6.12-13.15-16.17.25 Missier, nerħi ruħi f'idejk.
- **2L** Lhud 4, 14-16; 5, 7-9 Kristu, awtur tas-salvazzjoni għal kulħadd.
- **E** Ġw 18, 1 – 19, 42 Il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

**Noti**

- Ir-rakkont tal-Passjoni jsir kif hemm imfisser għal Ħadd il-Palm.
- It-tqarbin tal-fidili jista' jsir biss waqt iċ-ċelebrazzjoni tat-tifkira, iżda t-tqarbin tal-morda jsir f'kull ħin tal-ġurnata.
- Illum jistgħu jiġu ċċelebrati biss is-Sagramenti tar-Rikonċiljazzjoni u tad-Dilka tal-Morda.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju proprju. Salmodija għat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.
Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar flok ir-responsorju jingħad il-vers tal-ġurnata.
L-Għasar ma jingħadx minn min jieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tat-3.00 p.m.
Jixraq li ċ-ċelebrazzjoni tal-Uffiċċju tal-Qari u tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum issir bis-sehem tal-poplu. Fil-Kompieta jingħadu l-innu *Kristu dija u jum* u s-salmodija ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd. Minflok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-jum.

# 30 Is-Sibt • Marzu 2024

**Is-Sibt Imqaddes tal-Għid – (vjola)**

Matul il-jum il-Knisja tishar ħdejn il-qabar tal-Mulej tistenna t-tħabbira tal-qawmien tiegħu mill-imwiet fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni tal-vġili solenni tal-Għid.

1. Illum jistgħu jiġu ċċelebrati biss is-sagramenti tar-rikonċiljazzjoni u tad-dilka tal-morda.
2. It-tqarbin illum isir biss bħala vjatku.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju proprju. Jixraq li partijiet tal-Uffiċċju jiġu ċċelebrati bil-parteċipazzjoni tal-fidili. Fil-Kompieta jingħadu l-innu *Kristu dija u jum* u s-salmodija ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd. Minflok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-jum. Il-Kompieta ma tingħadx minn dawk li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili.

**ŻMIEN IL-GĦID**

**Il-Lejl Qaddis tal-Vġili tal-Għid – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
solenni tal-Vġili skont ir-rubriki partikulari tal-Missal: mixgħela tal-Blandun, tħabbira tal-Għid, liturġija tal-Kelma, Glorja wara l-kolletta tas-VII lezzjoni, liturġija tal-magħmudija, liturġija tal-Ewkaristija. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji.

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Ġen 1, 1 – 2, 2 Alla ħares lejn kull ma għamel u ra li kollox kien sew ħafna.
- **SR** 103 (104), 1-2a.5-6.10 u 12.13-14.24 u 35ċ Ġedded il-wiċċ tal-art, Mulej.
  *jew* **SR** 32 (33), 4-5.6-7.12-13.20 u 22 Bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art.

- **2L** Ġen 22, 1-18 Is-sagrifiċċju ta' missierna Abraham.
- **SR** 15 (16), 5.8.9-10.11 Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.

- **3L** Eż 14, 15 – 15, 1a Ulied Iżrael daħlu fl-inxief f'nofs il-baħar.
- **SR** Eż 15, 1-2.3-4.5-6.17-18 Ngħanni lill-Mulej għax tkabbar bis-sħiħ.

- **4L** Is 54, 5-14 Bi mħabba ta' dejjem ħenn għalik il-Mulej.
- **SR** 29 (30), 2 u 4.5-6.11-13 Ngħollik, Mulej, għax erfajtni.

- **5L** Is 55, 1-11 Ersqu lejja, isimgħu u tieħdu r-ruħ.
- **SR** Is 12, 2-3.4bċd.5-6 Kollkom ferħana timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni.

- **6L** Bar 3, 9-15.32 – 4, 4 Imxi lejn id-dija tad-dawl tal-Mulej.
- **SR** 18 (19), 8.9.10.11 Mulej, int għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem.

- **7L** Eżek 36, 16-17a.18-28 Inroxx fuqkom ilma safi, u nagħtikom qalb ġdida.
- **SR** 41 (42), 3.5bċd; 42, 3.4 Tixxennaq ruħi għalik, o Alla tiegħi!
*jew jekk tiġi ċċelebrata magħmudija*
**SR** 50 (51), 12-13.14-15.18-19 Oħloq fija qalb safja, o Alla.

- **EP** Rum 6, 3-11 Kristu qam mill-imwiet biex ma jmutx aktar.
- **SR** 117 (118), 1-2.16ab-17.22-23 Hallelujah, hallelujah.

- **E** Mk 16, 1-7 Ġesù ta' Nazaret, li kien mislub, qam mill-imwiet.

**Noti**

1. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili ma tistax tibda qabel jidħol il-lejl u trid tintemm qabel jisbaħ il-Ħadd. Għalhekk ma tistax tibda qabel it-8.00 p.m. u jkun aħjar jekk tibda aktar tard, p.e. fid-9.00 p.m. Tista' tiġi ċċelebrata fi knejjes u oratorji fejn ma jkunux saru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ħamis u tal-Ġimgħa.
2. F'każ ta' bżonn it-Tħabbira tal-Għid (Exultet) tista' titkanta minn lajk. F'dan il-każ ma jingħatax il-barka u jitħallew barra il-partijiet *U intom, ħuti għeżież ...* u *Il-Mulej magħkom*.
3. Jixraq li titqabbad ħuġġieġa barra l-bieb ewlieni tal-knisja fejn isir it-tberik tan-nar u l-mixgħela tal-Blandun, imbagħad il-konċelebranti, il-ministranti u l-poplu jidħlu fil-knisja mdawla biss bid-dawl tal-blandun.
4. Is-seba' lezzjonijiet mit-Testment il-Qadim, qabel il-Glorja, għandhom jinqraw kollha. F'xi ċirkustanzi jistgħu jinqraw tlieta. It-tielet lezzjoni qatt ma għandha titħalla barra. Fi tmiem din il-lezzjoni ma tingħadx *Il-Kelma tal-Mulej*, iżda wara mument ta' silenzju jibda s-salm responsorjali. Għal waqt il-qari tal-Evanġelju jista' jintuża l-inċens iżda mhux l-akkolti.
5. Jekk se tiġi ċċelebrata Magħmudija:
6. a. Ir-riti tal-bidu, sad-dlik biż-żejt tal-katekumeni, iridu jsiru jew matul ir-Randan jew matul il-jum, jew qabel tibda ċ-ċelebrazzjoni privatament. Id-dilka biż-żejt tal-katekumeni tista' ssir ukoll wara t-tberik tal-ilma.
7. b. Waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, dawk li ser jirċievu dan is-sagrament jew, jekk dawn huma trabi, il-ġenituri u l-parrini tagħhom f'isimhom, jagħmlu l-professjoni tal-fidi (il-wegħdiet tal-magħmudija).
8. c. Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, il-ġemgħa kollha ġġedded il-wegħdiet tal-Magħmudija.
9. It-tqarbin jista' jsir b'żewġ speċi.
10. Mhux permess iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa mingħajr ir-riti taċ-ċelebrazzjoni tal-vġili.
11. Il-Blandun jitpoġġa maġenb l-altar jew maġenb l-ambone sa nhar Għid il-Ħamsin.
12. Fil-Quddies kollu sat-II Ħadd tal-Għid, fi tmiem il-Quddiesa jingħad:
    V/ *Morru fil-paċi ta' Kristu. Hallelujah. Hallelujah.*
    R/ *Inroddu ħajr lil Alla. Hallelujah. Hallelujah*.

# Il-Ħadd • Marzu 2024 31

**Ħadd il-Għid tal-Qawmien tal-Mulej mill-Imwiet – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, sekwenza, Kredu, prefazju tal-Għid I. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Atti 10, 34a.37-43 Aħna kilna u xrobna miegħu wara li qam mill-imwiet.
- **SR** 117 (118), 1-2.16ab-17.22-23 Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; ħa nifirħu u nithennew fih.
- **2L** Kol 3, 1-4 Fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn qiegħed Kristu.
  *jew* 1 Kor 5, 6b-8 Tnaddfu mill-ħmira l-qadima, ħa tkunu għaġna ġdida.
- **E** Ġw 20, 1-9 Kristu kellu jqum mill-imwiet.
  *jew* Mk 16, 1-7 Ġesù ta' Nazaret, li kien mislub, qam mill-imwiet.
  *jew* filgħaxija Lq 24, 13-35 Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. L-Uffiċċju tal-Qari ma jingħadx minn dawk li jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd, bl-innu *O Ġesù Feddej tad-dinja*. Flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-ġurnata. L-antifona tal-Verġni Marija tkun *Sultana tas-sema, Ifraħ*.

# 01 It-Tnejn • April 2024

**tal-Ottava tal-Għid – (abjad)**

**Quddiesa**
tat-Tnejn fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *f'dan il-jum.* Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin u Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Atti 2, 14.22-33 Lil dan Ġesù, Alla qajmu mill-imwiet, u ta' dan aħna lkoll xhieda.
- **SR** 15 (16), 1-2a u 5.7-8.9-10.11 Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.
- **E** Mt 28, 8-15 Morru wasslu l-aħbar lil ħuti biex jitilqu lejn il-Galilija; lili jarawni hemmhekk.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tat-Tnejn fost l-Ottava [A]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu, antifoni u salmodija ta' Ħadd il-Għid. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bl-innu *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.* L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# It-Tlieta • April 2024 02

**tal-Ottava tal-Għid – (abjad)**

**Quddiesa**
tat-Tlieta fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin u Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 2, 36-41 Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu.
- **SR** 32 (33), 4-5.18-19.20 u 22 Bit-tieba tal-Mulej mimlija l-art.
- **E** Ġw 20, 11-18 Rajt il-Mulej u tani dil-bxara.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tat-Tlieta fost l-Ottava [A]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu, antifoni u salmodija ta' Ħadd il-Għid. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bl-innu *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*

# 03 L-Erbgħa • April 2024

**tal-Ottava tal-Għid – (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Erbgħa fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 3, 1-10 Dak li għandi se nagħtihulek: fl-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nazaret, imxi!
- **SR** 104 (105), 1-2.3-4.6-7.8-9 Tifraħ il-qalb ta' dawk li jfittxu l-Mulej.
- **E** Lq 24, 13-35 Għarfuh fil-qsim tal-ħobż.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tal-Erbgħa fost l-Ottava [A]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu, antifoni u salmodija ta' Ħadd il-Għid. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bl-innu *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*

# Il-Ħamis • April 2024 04

**tal-Ottava tal-Għid – (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Ħamis fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 3, 11-26 Qtiltu lill-awtur tal-ħajja, imma Alla qajmu mill-imwiet.
- **SR** 8, 2a u 5.6-7.8-9 Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!
- **E** Lq 24, 35-48 Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tal-Ħamis fost l-Ottava [A]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu, antifoni u salmodija ta' Ħadd il-Għid. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bl-innu *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*

# 05 Il-Ġimgħa • April 2024

**tal-Ottava tal-Għid – (abjad)**

**Quddiesa**
tal-Ġimgħa fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 4, 1-12 F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni.
- **SR** 117 (118), 1-2 u 4.22-24.25-27a Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka.
- **E** Ġw 21, 1-14 Ġesù resaq, qabad il-ħobż u newwilhulhom; u hekk ukoll għamel bil-ħut.

**Liturġija tas-Sigħat**
proprja tal-Ġimgħa fost l-Ottava [A]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu, antifoni u salmodija ta' Ħadd il-Għid. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bl-innu *O Ġesù, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*

# Is-Sibt • April 2024 06

**tal-Ottava tal-Għid – (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tas-Sibt fost l-Ottava, Glorja, sekwenza *ad libitum*, prefazju tal-Għid I bil-kliem *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [2].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Atti 4, 13-21 Aħna ma nistgħux ma nitkellmux fuq dak li rajna u smajna.
- **SR** 117 (118), 1 u 14-15.16ab-18.19-21 Niżżik ħajr, Mulej talli weġibtni.
- **E** Mk 16, 9-15 Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) proprja tas-Sibt fost l-Ottava [A]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, innu, antifoni u salmodija ta' Ħadd il-Għid.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tal-Għid, Glorja, sekwenza *ad libitum*, Kredu, prefazju tal-Għid I bil-kliem: *F'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tieni Ħadd tal-Għid [A]. L-innu, antifoni u salmodija tal-Għasar ta' Ħadd il-Għid u l-partijiet l-oħra proprji. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bl-innu *O* Ġesù, *Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.* Matul din il-ġimgħa tingħad it-tieni ġimgħa tas-salterju.

# 07 Il-Ħadd • April 2024

**It-tieni Ħadd tal-Għid jew il-Ħadd tal-Ħniena Divina – (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tal-Għid, Glorja, sekwenza *ad libitum*, Kredu, prefazju tal-Għid I bil-kliem *f'dan il-jum*. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika, il-partijiet *Imseħbin* u *Ilqa'* huma proprji [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Atti 4, 32-35 Qalb waħda u ruħ waħda.
- **SR** 117, 2-4.16ab-18.22-24 Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb.
- **2L** 1 Ġw 5, 1-6 Kull min hu mwieled minn Alla jirbaħ lid-dinja.
- **E** Ġw 20, 19-31 Tmint ijiem wara ġie Ġesù.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tieni Ħadd tal-Għid [A]. Fl-Uffiċċju tal-Qari, innu, antifoni u salmodija tat-Tnejn fost l-Ottava. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu, antifoni u salmodija ta' Ħadd il-Għid u l-partijiet l-oħra proprji. Talb ta' Nofs il-Jum ta' Ħadd il-Għid minbarra t-talba tal-aħħar li tittieħed mit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bl-innu *O* Ġesù*, Feddej tad-dinja* u flok ir-responsorju jingħad il-vers proprju tal-Ottava tal-Għid. L-antifona tal-Verġni Marija fi tmiem il-Kompieta tkun: *Sultana tas-sema, ifraħ.*

# It-Tnejn • April 2024 08

**It-Tħabbira tal-Mulej – Solennità trasferita (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2]. Waqt il-Kredu, fil-kliem *U ħa l-ġisem* ... ninżlu għarkopptejna.

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Is 7, 10-14; 8,10 Arawha, ix-xebba ssir omm.
- **SR** 39, 7-11 Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek.
- **2L** Lhud 10, 4-10 Ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla.
- **E** Lq 1, 26-38 Int se tnissel fi ħdanek u jkollok iben.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona proprja u salmodija komplimentari. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Kappella tal-Lunzjata) – It-Tħabbira tal-Mulej lil Marija Santissima – Solennità trasferita (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Fil-belt ta' Nazaret l-anġlu tal-Mulej ħabbar lil Marija: "Int se tnissel fil-ġuf u jkollok iben li jkun jissejjaħ Bin l-Għoli." Marija wieġbet u qalet: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek." U hekk fil-milja taż-żminijiet, l-Iben waħdieni ta' Alla, imnissel mill-Missier qabel kull żmien, niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna, u ħa l-ġisem bis-setgħa tal-Ispirtu s-Santu minn Marija Verġni u sar bniedem.

# 09 It-Tlieta • April 2024

**tat-tieni ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 4, 32-37 Qalb waħda u ruħ waħda.
- **SR** 92 (93), 1ab.1ċ-2.5 Il-Mulej isaltan, il-kobor libes.
- **E** Ġw 3, 7b-15 Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-bniedem, li niżel mis-sema.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Dingli – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (26.03.1939) – Solennità trasferita (abjad)
- O.Carm. (Valletta); San Pawl il-Baħar – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità trasferita (abjad)

# L-Erbgħa • April 2024 10

**tat-tieni ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

Lezzjonarju Ferjali III

- **1L** Atti 5, 17-26 Dawk l-irġel li intom xħettu l-ħabs qegħdin fit-tempju jgħallmu ’l-poplu.
- **SR** 33 (34), 2-3.4-5.6-7.8-9 Dan il-fqajjar sejjaħ u l-Mulej semgħu.
- **E** Ġw 3, 16-21 Alla bagħat lil Ibnu fid-dinja biex id-dinja ssalva permezz tiegħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

# 11 Il-Ħamis • April 2024

**San Stanislaw, isqof u martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 5, 27-33 Ta' dan kollu hawn xhieda aħna flimkien mal-Ispirtu s-Santu.
- **SR** 33 (34), 2 u 9,17-18.19-20 Dan il-fqajjar sejjaħ u l-Mulej semgħu.
- **E** Ġw 3, 31-36 Il-Missier iħobb lill-Iben, u ħalla kollox f'idejh.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tal-martri jew tar-ragħajja [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Stanislaw twieled fil-Polonja għall-ħabta tal-1030 u studja f'Pariġi. Ġie ordnat qassis, u fl-1071 sar isqof ta' Krakow. Kien tassew ir-ragħaj it-tajjeb tal-Knisja tiegħu, għen il-foqra, u ta' kull sena kien jagħmel żjara pastorali lill-kleru tiegħu. Fl-1097 is-sultan Boleslaw qatlu waqt li kien qed iqaddes għax waqaflu minħabba n-nuqqasijiet tiegħu. Sar qaddis fl-1253 u ġie maħtur patrun tal-Polonja.

# Il-Ġimgħa • April 2024 12

**tat-tieni ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 5, 34-42 L-appostli ħarġu minn quddiem is-Sinedriju ferħana talli ġew meqjusa bħala nies li jistħoqqilhom li jkunu mmaqdra minħabba l-Isem ta' Ġesù.
- **SR** 26 (27), 1.4.13-14 Ħaġa waħda tlabt lill-Mulej: li ngħammar fid-dar tiegħu.
- **E** Ġw 6, 1-15 Ġesù ħa l-ħobżiet u qassamhom lil dawk li kienu bilqiegħda; u kulħadd ħa kemm ried.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

# 13 Is-Sibt • April 2024

**tat-tieni ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**
*jew* **San Martin I, papa u martri – Tifkira (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Atti 6, 1-7 Agħżlu sebat irġiel mimlijin bl-Ispirtu s-Santu.
- **SR** 32 (33), 1-2.4-5.18-19 Ħa tkun, Mulej, it-tieba tiegħek fuqna.
- **E** Ġw 6, 16-21 Raw lil Ġesù miexi fuq il-baħar.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tal-martri jew tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Martin twieled f'Todi, fl-Umbrja, sar kjeriku tal-Knisja ta' Ruma, u fis-sena 649 ħatruh papa. Fl-istess sena laqqa' l-Konċilju Lateran li kkundanna l-ereżija tal-Monoteliti, li kienu jiċħdu d-duttrina kattolika dwar ir-rieda ta' Kristu. Fis-sena 653 l-imperatur Kustanz II arrestah u eżiljah f'Kostantinopli, fejn bata ħafna; imbagħad bagħtu fit-Traċja, fejn miet fis-sena 655.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tal-Għid.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tielet Ħadd tal-Għid. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-III ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • April 2024 14

**It-tielet Ħadd tal-Għid – (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tal-Għid, Glorja, Kredu, prefazju tal-Għid [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Atti 3, 13-15.17-19 Intom qtiltu lil Sid il-ħajja, imma Alla qajmu mill-imwiet.
- **SR** 4, 2.4.7.9 Ixħet fuqna, Mulej, id-dawl ta' wiċċek.
- **2L** 1 Ġw 2, 1-5a Kristu ħallas għad-dnubiet tagħna u tad-dinja kollha.
- **E** Lq 24, 35-48 Kif hemm miktub fl-iskrittura: Il-Messija kellu jbati u jqum mill-imwiet fit-tielet jum.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tielet Ħadd tal-Għid [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# 15 It-Tnejn • April 2024

**tat-tielet ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 6, 8-15 Ma kellhomx ħila jieqfu lil Stiefnu għall-għerf u għall-Ispirtu li bih kien jitkellem.
- **SR** 118 (119), 23-24.26-27.29-30 Henjin dawk li jimxu fil-liġi tal-Mulej.
- **E** Ġw 6, 22-29 Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

# It-Tlieta • April 2024 16

**tat-tielet ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**

tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 7, 51 – 8, 1a Mulej Ġesù, ilqa' r-ruħ tiegħi.
- **SR** 30 (31), 3ċd-4.6ab u 7b u 8a.17 u 21ab Mulej, f'idejk jien nerħi ruħi.
- **E** Ġw 6, 30-35 Mhux Mosé iżda Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-sema.

**Liturġija tas-Sigħat**

tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

# 17 L-Erbgħa • April 2024

**tat-tielet ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 8, 1b-8 Bdew ixandru l-kelma kull fejn marru.
- **SR** 65 (66), 1-3a.4-5.6-7a Għajtu bil-ferħ lil Alla, bnedmin tad-dinja kollha.
- **E** Ġw 6, 35-40 Din hi r-rieda tal-Missier: li kull min jara lill-Iben u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.Carm.; O.C.D. – Beatu Battista Spagnoli, presbiteru – Tifkira (abjad)

# Il-Ħamis • April 2024 18

**tat-tielet ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 8, 26-40 Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma nitgħammidx?
- **SR** 65 (66), 8-9.16-17.20 Għajtu bil-ferħ lil Alla, bnedmin tad-dinja kollha.
- **E** Ġw 6, 44-51 Jien hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D. – Beata Marija tal-Inkarnazzjoni Barba Acarie, reliġjuża – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Kappella tas-Sorijiet Franġiskani) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1909) – Solennità (abjad)

# 19 Il-Ġimgħa • April 2024

**tat-tielet ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 9, 1-20 Hu għodda magħżula minni biex iwassal ismi quddiem il-ġnus.
- **SR** 116 (117), 1.2 Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu.
- **E** Ġw 6, 52-59 Ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Marsa (Ssma Trinità) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

# Is-Sibt • April 2024 20

**tat-tielet ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**

tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 9, 31-42 Il-Knisja kienet dejjem tikber u tiżdied fl-għadd bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.
- **SR** 115 (116), 12-13.14-15.16-17 Xi rrodd lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi?
- **E** Ġw 6, 60-69 Mulej, għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem.

**Liturġija tas-Sigħat**

(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. – Sant'Anjeże ta' Montepulciano, verġni – Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**

tar-raba' Ħadd tal-Għid.

**Liturġija tas-Sigħat**

L-ewwel Għasar tar-raba' Ħadd tal-Għid. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.

# 21 Il-Ħadd • April 2024

**Ir-raba' Ħadd tal-Għid – (abjad)**
**JUM IL-VOKAZZJONIJIET**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tal-Għid, Glorja, Kredu, prefazju tal-Għid [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Atti 4, 8-12 M'hemmx salvazzjoni ħlief biss fl-Isem ta' Ġesù.
- **SR** 117, 1.8-9.21-23.26.28-29 Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka.
- **2L** 1 Ġw 3, 1-2 Għad jaraw lil Alla kif inhu.
- **E** Ġw 10, 11-18 Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħag tiegħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tar-raba' Ħadd tal-Għid [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

# It-Tnejn • April 2024 22

**tar-raba’ ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Atti 11, 1-18 Alla lill-pagani wkoll tahom l-indiema li twassal għall-ħajja!
- **SR** 41 (42), 2-3; 42 (43), 3.4 Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj.
- **E** Ġw 10, 1-10 Il-bieb tan-nagħaġ huwa jien.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Għargħur, Msida, Senglea (Knisja ta’ San Filippu) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- S.J. – L-Imqaddsa Verġni Marija, Omm il-Kumpanija ta’ Ġesù – Festa (abjad)
- O.S.B. – Beata Maria Gabriella Segheddu, verġni – Tifkira (abjad)

# 23 It-Tlieta • April 2024

**tar-raba' ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**
*jew* **San Ġorġ, martri – Tifkira (aħmar)**
*jew* **Sant'Adalbertu, isqof, martri – Tifkira (aħmar)**

**Djoċesi ta' Għawdex**
**San Ġorġ, martri. Patrun tal-Belt Vittorja u protettur tal-Għawdxin – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tal-Martri jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Atti 11, 19-26 Bdew ikellmu wkoll lill-Ġriegi u jxandrulhom l-Evanġelju tal-Mulej Ġesù.
- **SR** 86 (87), 1-3.4-5.6-7 Faħħru l-Mulej, intom ġnus kollha.
- **E** Ġw 10, 22-30 Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-martri [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Qormi – San Ġorġ, martri – Solennità (aħmar)
- O.S.B. – Sant'Adalbertu, isqof u martri – Tifkira O (aħmar)
- O.C.D. – Beata Tereża Marija tas-Salib Manetti, verġni – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – Beata Elena minn Udine, terzjarja Agostinjana – Tifkira (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – Beatu Eġidju minn Assisi, reliġjuż – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, martri) – San Ġorġ, martri. Patrun tal-Belt Vittorja u protettur tal-Għawdxin – Solennità (aħmar)
- Belt Vittorja – San Ġorġ, martri. Patrun tal-Belt Vittorja u protettur tal-Għawdxin – Festa (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġorġ tawh il-martirju f'Diospoli jew Lidda fil-Palestina fis-sena 303. It-tifkira tiegħu ilha ssir f'Ruma sa mis-sena 683, u l-kult tiegħu hu mxerred sewwa fost l-insara kollha tal-Lvant u l-Punent.

Sant'Adalbertu, it-tieni isqof ta' Praga, twieled qrib is-sena 956 minn familja nobbli tal-Boemja; sar isqof ta' Praga fis-sena 983; ma sabx għajnuna mill-prinċep tal-Boemja, Boleslav II, fil-ħidma tiegħu biex jeqred id-drawwiet pagani, u daħal fil-monasteru ta' Sant'Alessju f'Ruma. Il-papa ħeġġu jmur lura fi Praga, u minn hemm mar l-Ungerija fejn għammed lil dak li kellu jkun l-ewwel re tal-Ungerija, San Stiefnu. Billi l-prinċep Boleslav ma ridux lura fil-Boemja, mar ixandar l-Evanġelju fil-Prussja, fejn sofra l-martirju fit-23 ta' April tas-sena 997.

# L-Erbgħa • April 2024 24

**tar-raba' ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)** *jew*
**San Fidiel minn Sigmaringen, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tal-Martri jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Atti 12, 24 – 13, 5a Agħżluli malajr lil Barnaba u lil Sawl.
- **SR** 66 (67), 2-3.5.6 u 8 Ifaħħruk il-popli, o Alla, ifaħħruk il-popli kollha.
- **E** Ġw 12, 44-50 Jien huwa d-dawl li ġejt fid-dinja.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-martri [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sorijiet tal-Bon Pastur – Santa Marija Euphrasia Pelletier, reliġjuża – Solennità (abjad)
- O.F.M. Cap. – San Fidiel minn Sigmaringen, presbiteru u martri – Festa (aħmar)
- O.S.A. – Il-Konverżjoni ta' Santu Wistin – Festa (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – San Fidiel minn Sigmaringen, presbiteru u martri – Tifkira O (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Fidiel twieled f'Sigmaringen, il-Ġermanja, fl-1578. Daħal fl-Ordni tal-Franġiskani Minuri Kapuċċini, u għadda ħajja iebsa ta' ċaħda u talb. Il-Kongregazzjoni Mqaddsa għat-Tixrid tal-Fidi qabbditu jħabrek biex isaħħaħ it-tagħlim tajjeb f'Rezja, u ntefa' għax-xandir tal-Kelma ta' Alla. Fl-1622 l-eretiċi qatluh f'Seewis, fl-Iżvizzera.

# 25 Il-Ħamis • April 2024

**San Mark, evanġelista – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli II [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** 1 Piet 5, 5b-14 Iselli wkoll għalikom Marku, li hu ibni.
- **SR** 88, 2-3.6-7.16-17 Tjubitek, Mulej, irrid dejjem ngħanni.
- **E** Mk 16, 15-20 Xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa mill-Komun tal-appostli (fi żmien il-Għid) minbarra l-partijiet li jinsabu fil-Proprju tal-Qaddisin [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona ta' żmien il-Għid u s-salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa. Kompieta tal-Ħamis.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. (Rabat) – San Mark, evanġelista – Solennità (aħmar)
- O.S.A. – San Mark, protettur tal-provinċja – Festa (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Mark kien kuġin ma' Barnaba min-naħa ta' ommu; issieħeb mal-appostlu San Pawl fl-ewwel vjaġġ missjunarju tiegħu u kien miegħu f'Ruma. Kien dixxiplu ta' San Pietru u fisser fl-Evanġelju tiegħu t-tagħlim ta' dan l-appostlu. Jingħad li waqqaf il-Knisja f' Lixandra.

# Il-Ġimgħa • April 2024 26

**tar-raba' ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 13, 26-33 Il-wegħda li Alla kien għamel temmha għalina billi qajjem lil Ġesù mill-imwiet.
- **SR** 2, 6-7.8-9.10-11 Ibni int, jien illum nissiltek.
- **E** Ġw 14, 1-6 Jien hu t-Triq, il-Verita' u l-Ħajja.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.A. (Paceville) – Il-Verġni Marija, Omm tal-Parir it-Tajjeb – Solennità (abjad)
- O.S.A. – Il-Verġni Marija, Omm tal-Parir it-Tajjeb – Festa (abjad)
- F.S.C. – Il-Verġni Marija, Omm tal-Parir it-Tajjeb – Tifkira O (abjad)

# 27 Is-Sibt • April 2024

**tar-raba' ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Atti 13, 44-52 Aħna se nduru fuq il-pagani.
- **SR** 97 (98), 1.2-3ab.3ċd-4 L-art kollha, minn tarf għall-ieħor, rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
- **E** Ġw 14, 7-14 Min ra lili ra lill-Missier.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. – San Pietru Kanisju, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)
- F.S.C.- Beatu Nikol Roland, reliġjuż – Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ħames Ħadd tal-Għid.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ħames Ħadd tal-Għid. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

**Il-ħames Ħadd tal-Għid – (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ħames Ħadd tal-Għid, Glorja, Kredu, prefazju tal-Għid [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Atti 9, 26-31 Qalilhom kif Sawl ra lill-Mulej fit-triq.
- **SR** 21, 26-28.30-32 Mulej, nagħtik it-tifħir tiegħi f'ġemgħa kbira.
- **2L** 1 Ġw 3, 18-24 Dan hu l-kmandament tiegħu, li nemmnu u nħobbu.
- **E** Ġw 15, 1-8 Min jibqa' fija u jien fih, dan jagħmel ħafna frott.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ħames Ħadd tal-Għid [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

# 29 It-Tnejn • April 2024

**Santa Katerina ta' Siena, verġni, duttur tal-Knisja u patruna tal-Ewropa – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Ġw 1, 5 – 2, 2 (p 215) Id-demm ta' Ġesù Kristu jnaddafna minn kull dnub.
- **SR** 102, 1-4.8-9.13-14.17-18 (p 134) Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej.
- **E** Mt 11, 25-30 (p 159) Int ħbejt dawn il-ħwejjeġ lil min hu għaref, u għarrafthom liċ-ċkejknin.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa (għal żmien l-Għid) [B]. Innijiet fl-Uffiċċju tal-Qari, fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar proprji. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona ta' żmien il-Għid u salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. (Sorijiet) – Santa Katerina ta' Siena, verġni u duttur tal-Knisja – Solennità (abjad)
- O.P. – Santa Katerina ta' Siena, verġni u duttur tal-Knisja – Festa (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Xagħra (Knisja ta' Sant'Anton Abbati) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1988) – Solennità trasferita (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Katarina Benincasa twieldet fi Siena fl-1347; sa minn ċkunitha għamlet minn kollox biex tingħaqad ma' Alla u saret terzjarja Dumnikana. B'ħeġġa kbira għal Alla u l-proxxmu, ħabirket għall-paċi u l-għaqda fil-Knisja. Fi żmenijiet diffiċli tħabtet bil-qawwa għall-jeddijiet u l-libertà tal-papa. Flimkien ma' oħrajn li ġabret magħha ngħatat għall-ħidma ta' għajnuna għall-fqar u l-morda. Ħalliet kitbiet mimlija b'tagħlim kbir spiritwali. Mietet fl-1380. Il-papa Pawlu VI ħatarha duttur tal-Knisja fl-1970.

# It-Tlieta • April 2024 30

**San Piju V, papa – Tifkira O (abjad)**

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Tarxien (San Bert) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.P. – San Piju V, papa, Patrun tal-provinċja – Festa (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beatu Beneditt ta' Urbino, presbiteru – Tifkira (abjad)

**Quddiesa**

tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tar-Ragħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 14, 19-28 Qagħdu jgħarrfu lill-Knisja b'dak kollu li Alla għamel magħhom.
- **SR** 144 (145), 10-11.12-13ab.21 Il-ħbieb tiegħek, Mulej, huma s-sebħ tas-saltna tiegħek.
- **E** Ġw 14, 27-31a Nagħtikom is-sliem tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**

tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**

Antonju Ghislieri twieled f'Bosco Marengo ħdejn Alessandria, l-Italja, fl-1504. Daħal fl-Ordni tal-Predikaturi u ngħata l-isem ta' fra Mikiel; għallem it-teoloġija. Sar isqof ta' Nepi u Sutri u mbagħad ta' Mondovì. Il-papa Pawlu IV għamlu kardinal. Fl-1566 inħatar papa u ħa l-isem ta' Piju V. B'qawwa kbira ħabrek għat-tiġdid tal-Knisja mibdi mill-Konċilju ta' Trentu, u ħadem ħafna għat-tixrid tal-fidi u t-tiġdid liturġiku. Il-Maltin għandhom tassew għax iqisuh bħala missier li ħaseb fihom ħafna, billi tahom għajnuna kbira għall-bini tal-belt il-ġdida tagħhom Valletta. Miet fl-1 ta' Mejju 1572.

# 01 L-Erbgħa • Mejju 2024

**San Ġużepp Ħaddiem – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-Għid jew ta' San Ġużepp: *fit-tifkira* [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Ġen 1, 26 – 2, 3 Imlew l-art, u aħkmu fuqha.
  *jew* Kol 3, 14-15.17.23-24 Kull ma tagħmlu, agħmluh minn qalbkom.
- **SR** 89, 2-4.12-14.16 Wettaq xogħol idejna, Mulej.
- **E** Mt 13, 54-58 Dan mhuwiex bin il-mastrudaxxa?

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Proprju tal-Qaddisin, bil-partijiet nieqsa jittieħdu jew mid-19 ta' Marzu jew mill-Uffiċċju tal-ġurnata [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- B'Kara (par. San Ġużepp); O.F.M. Cap. (Xemxija); M.S.S.P. (S. Venera) – San Ġużepp Ħaddiem – Solennità (abjad)
- Siggiewi – Dedikazzjoni tal-Knisja – Solennità (abjad)
- O.F.M. (Rabat) – San Ġużepp Ħaddiem – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġużepp, il-mastrudaxxa ta' Nazaret, bil-ħidma tiegħu ħaseb għall-għajxien ta' Marija u ta' Ġesù, u ħarreġ lil Bin Alla fix-xogħol ta' idejn il-bnedmin. F'dan il-jum, li hu Jum il-Ħaddiema f'ħafna pajjiżi tad-dinja, il-ħaddiema nsara jagħtuh ġieħ bħala l-eżempju u l-protettur tagħhom.

# Il-Ħamis • Mejju 2024 02

**Sant'Atanasju, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**

tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ[5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 15, 7-21 Mhux ta' min idejjaqhom lill-pagani li jikkonvertu lejn Alla.
- **SR** 95 (96), 1-2a.2b-3.10 Xandru fost il-popli kollha l-għeġubijiet tal-Mulej.
- **E** Ġw 15, 9-11 Ibqgħu fi mħabbti, biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.

**Liturġija tas-Sigħat**

tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ: għal isqof jew tad-dutturi tal-Knisja [E]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Għaxaq – Dedikazzjoni tal-Knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**

Atanasju twieled f'Lixandra fis-sena 296, għen lill-isqof Alessandru fil-Konċilju ta' Niċea u laħaq warajh. Ħadha b'qawwa kbira kontra l-Arjani, bata ħafna u kien eżiljat bosta drabi. Kiteb xogħlijiet mill-aqwa biex ifisser u jiddefendi l-fidi kattolika. Miet fis-sena 373.

# 03 Il-Ġimgħa • Mejju 2024

**San Filippu u San Ġakbu, appostli – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Kor 15, 1-8 Il-Mulej deher lil Ġakbu, u wara lill-appostli kollha.
- **SR** 18, 2-5 Mal-art kollha jasal leħinhom.
- **E** Ġw 14, 6-14 Ili daqshekk magħkom, u għadkom ma għaraftunix?

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa (fi żmien il-Għid) [B]. Uffiċċjatura mill-Komun tal-appostli minbarra l-partijiet li jinsabu fil-Proprju tal-Qaddisin. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Għid, salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- B'Kara (S.Elena) – Is-Salib Imqaddes – Solennità (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Filippu, minn Betsajda, kien dixxiplu ta' Ġwanni l-Battista u l-Mulej sejjaħlu għal warajh. Wassal lil Bartilmew (imsejjaħ ukoll Natanjel) lejn il-Mulej li għażlu biex ikun dixxiplu tiegħu. Ġakbu, imsejjaħ il-ġust, kien kuġin tal-Mulej u bin Alfew; kien l-ewwel wieħed li mexxa l-Knisja ta' Ġerusalemm; hu l-awtur ta' waħda mill-Ittri tat-Testment il-Ġdid; għadda ħajja iebsa, u ressaq ħafna Lhud għall-fidi. Miet martri qrib is-sena 62.

# Is-Sibt • Mejju 2024 04

**tal-ħames ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Atti 16, 1-10 Ejja l-Maċedonja u għinna!
- **SR** 99 (100), 1-2.3.5 Għajtu bil-ferħ lill-Mulej, nies kollha tal-art.
- **E** Ġw 15, 18-21 M'intomx tad-dinja, għax jien ħriġtkom mid-dinja.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. (Paceville) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- S.J. – San Josè Maria Rubio, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.F.M. Cap. (Furjana) – Anniversarju mill-mewt ta' G.M. Ugo Loubens de Verdalle, benefattur tal-kunvent
- O.F.M. – Beati Tumas, Enriku, Arturu, Ġwann u Karlu, martri – Tifkira (aħmar)
- O.Carm.; O.C.D. – Beatu Anġlu Maria Prat Hostench, Luqa ta' San Ġużepp Tristany Pujol, presbiteri, u sħabhom, martri – Tifkira (aħmar)
- O.Carm. (Valletta) – Beatu Ġużeppi Maria Mateos Carbadillo, presbiteru, u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-sitt Ħadd tal-Għid.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-sitt Ħadd tal-Għid. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# 05 Il-Ħadd • Mejju 2024

**Is-sitt Ħadd tal-Għid – (abjad)**

**Quddiesa**
tas-sitt Ħadd tal-Għid, Glorja, Kredu, prefazju tal-Għid [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Atti 10, 25-26.34-35.44-48 Id-don tal-Ispirtu s-Santu ssawwab fuq il-pagani wkoll.
- **SR** 97, 1-4 Il-Mulej wera l-ġustizzja tiegħu lill-ġnus.
- **2L** 1 Ġw 4, 7-10 Alla hu mħabba.
- **E** Ġw 15, 9-17 Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.

*Jew*

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Atti 10, 25-26.34-35.44-48 Id-don tal-Ispirtu s-Santu ssawwab fuq il-pagani wkoll.*
- **SR** 97, 1-4 Il-Mulej wera l-ġustizzja tiegħu lill-ġnus.*
- **2L** 1 Ġw 4, 11-16 Jekk inħobbu ’l xulxin Alla jgħammar fina, u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina.**
- **E** Ġw 17, 11b-19 Ħa jkunu ħaġa waħda bħalna.**

* mis-6 Ħadd tal-Għid
**mis-7 Ħadd tal-Għid

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-sitt Ħadd tal-Għid [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# It-Tnejn • Mejju 2024 06

**tas-sitt ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **IL** Atti 16, 11-15 Il-Mulej fetaħ qalb Lidja biex tifhem dak li kien jgħid Pawlu.
- **SR** 149, 1-2.3-4.5-6a u 9b Il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu.
- **E** Ġw 15, 26 – 16, 4a L-Ispirtu tal-verità jixhed għalija.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Qormi (par. San Ġorġ); O.S.A. (Kappella Sta Rita); Iklin (2017) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- S.D.B. (Dingli) – San Duminku Savio, żagħżugħ – Solennità (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – San Duminku Savio, żagħżugħ – Festa (abjad)
- O.F.M.; C.I.M. – Beata Katarina Troiani, verġni – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, martri) – Id-dedikazzjoni tal-knisja ta' San Ġwann "ante portam latinam" – Festa (abjad)
- Belt Vittorja (Kappella Oratorju Don Bosco) – San Duminku Savio, żagħżugħ – Festa (abjad)

# 07 It-Tlieta • Mejju 2024

**tas-sitt ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**

tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **IL** Atti 16, 22-34 Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek.
- **SR** 137 (138), 1-2a.2bċ-3.7ċ-8 Mulej, il-leminija tiegħek issalvani.
- **E** Ġw 16, 5-11 Jekk ma mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom.

**Liturġija tas-Sigħat**

tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

Attard – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
O.S.A. – Beata Marija ta' San Ġużepp Alvarado, verġni – Tifkira (abjad)

# L-Erbgħa • Mejju 2024 08

**tas-sitt ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **IL** Atti 17, 15.22 – 18, 1 Dak li intom tqimuh bla ma tagħrfuh, inħabbarhulkom jien.
- **SR** 148, 1-2.11-12ab.12ċ-13a.13bċd-14 Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek.
- **E** Ġw 16, 12-15 L-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Marsaxlokk; Valletta (Knisja tal-Ġiżwiti) – L-Imqaddsa Verġni Marija ta’ Pompej – Solennità (abjad)
- Sliema (par. Stella Maris); M.S.S.P. (Għawdex) – L-Imqaddsa Verġni Marija, kewkba tal-baħar – Solennità (abjad)
- F.S.C. – L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Kewkba, omm l-iskejjel insara – Festa (abjad)
- O.P. – Il-Patroċinju tal-Imqaddsa Verġni Marija – Tifkira O (abjad)
- M.S.S.P. – L-Imqaddsa Verġni Marija ta’ Pompej – Tifkira (abjad)
- O. Carm. – Beatu Lwigi Rabatà, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beatu Ġeremija ta’ Valacchia, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- O.F.M.; O.S.A. – L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Grazzja – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta’ Għawdex
- Qala (Knisja Parrokkjali ta’ San Ġużepp) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1904) – Solennità (abjad)

# 09 Il-Ħamis • Mejju 2024

**San Ġorġ Preca, presbiteru u fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M. – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju (żieda)**

- **1L** Sir 21, 11-17, 21 Bħal tiżjin tad-deheb hu t-tagħlim għall-għaqli. *jew* 2 Tim 2, 1-11 Kull ma smajt mingħandi għaddih lil nies ta' fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lil oħrajn.
- **SR** 119, 33-42 Għallimni, Mulej, it-triq tal-kmandamenti tiegħek.
- **E** Mk 16, 14a.16-20 Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ[B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Għid, salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġorġ Preca twieled fil-belt Valletta fit-12 ta' Frar 1880. Ingħata b'ruħu u ġismu għat-tagħlim tal-katekiżmu tat-tfal u ż-żgħażagħ. Għal dan il-għan waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija MUSEUM biex tagħti xhieda tal-azzjoni providenzjali tal-Kelma ta' Alla fost il-poplu. Miet fis-26 ta' Lulju 1962 u ġie kkanonizzat mill-papa Benedittu XVI fit-3 ta' Ġunju 2007.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Tarxien – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- Kappella tal-Midalja Mirakoluża (Blata l-Bajda); Swatar – San Ġorġ Preca, presbiteru u fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M. – Solennità (abjad)
- O.Carm. – San Ġorġ Preca, presbiteru u terzjarju Karmelitan – Festa (abjad)
- O.F.M. (Monasteru S. Klara) – Santa Katerina minn Bologna, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Conv. – Santa Katerina Vigri minn Bologna, verġni – Tifkira (abjad)

# Il-Ġimgħa • Mejju 2024 10

**tas-sitt ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)** *jew*
**San Ġwann ta' Avila, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Atti 18, 9-18 Poplu kbir hemm għalija f'din il-belt.
- **SR** 46 (47), 2-3.4-5.6-7 Alla s-sultan tal-art kollha.
- **E** Ġw 16, 20-23a Il-ferħ tagħkom ħadd ma jeħodhulkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tad-dutturi tal-Knisja jew tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żejtun; O.S.A. (Tarxien) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.P. – Sant'Antonin Pierozzi ta' Firenze, isqof – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Belt Vittorja (Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb "taċ-Ċawla") – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1981) – Solennità (abjad)
- Għasri (Knisja tal-Patroċinju) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1789) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann ta' Avila għex fis-seklu XVI. Bħala saċerdot ippritka fir-reġjun tal-Andalusia fi Spanja. Inġustament ġie akkużat bl-ereżija u mixħut il-ħabs fejn kiteb l-aktar parti importanti tat-tagħlim spiritwali tiegħu. Il-papa Benedittu XVI iddikjarah duttur tal-Knisja u fl-2021, il-papa Franġisku daħħal ismu fil-Kalendarju Ruman.

# 11 Is-Sibt • Mejju 2024

**tas-sitt ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**

tal-ġurnata, prefazju tal-Għid [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 18, 23-28 Apollu kien jurihom mill-Iskrittura li Ġesù hu l-Messija.
- **SR** 46 (47), 2-3.8-9.10 Alla s-sultan tal-art kollha.
- **E** Ġw 16, 23b-28 Il-Missier iħobbkom, billi intom ħabbejtu lili u emmintu.

**Liturġija tas-Sigħat**

(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. Cap. – Sant'Injazju minn Laconi, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.S.B. – Sant'Odone, San Majolo, Sant'Odilone; Beatu Pietru l-Venerabbli, abbatijiet ta' Cluny – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Conv. – Sant'Injazju minn Laconi, reliġjuż – Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**

tas-solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema

**Liturġija tas-Sigħat**

L-ewwel Għasar tas-solennità ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

**Is-seba’ Ħadd tal-Għid – Tlugħ il-Mulej fis-Sema – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, Kredu, prefazju proprju. Jekk tintuża l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Atti 1, 1-11 Kien meħud ’il fuq waqt li huma kienu jħarsu lejh.
- **SR** 46, 2-3.6-9 Tela’ Alla b’għajjat ta’ ferħ.
- **2L** Ef 4, 1-13 Naslu fl-aħjar taż-żmien biex isseħħ il-milja ta’ Kristu.
- **E** Mk 16, 15-20 Il-Mulej Ġesù kien imtella’ fis-sema u qagħad in-naħa tal-lemin ta’ Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A].

# 13 It-Tnejn • Mejju 2024

**tas-seba' ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad) jew**
**L-Imqaddsa Verġni Marija ta' Fatima – Tifkira (abjad)**

---

---

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema jew tal-Madonna[5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 19, 1-8 Ħadtu intom l-Ispirtu s-Santu meta emmintu?
- **SR** 67 (68), 2-3.4-5aċ.6-7ab Slaten tal-art, għannu lil Alla.
- **E** Ġw 16, 29-33 Agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja!

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Żebbuġ – San Filep ta' Aġira, presbiteru – Solennità trasferita (abjad)
- O.F.M. Cap. (San Ġwann) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità trasferita (abjad)
- F.M.A. – Santa Marija Duminka Mazzarello, verġni – Solennità (abjad)
- S.D.B. – Santa Marija Duminka Mazzarello, verġni – Festa (abjad)
- O.P. – Beata Imelda Lambertini, verġni – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – Il-Madonna tas-Sokkors – Tifkira (abjad)
- O.F.M. – San Pietru Regalado, presbiteru – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Nadur (Knisja Parrokkjali u Bażilka ta' San Pietru u San Pawl, Appostli) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1867) – Solennità trasferita (abjad)
- Belt Vittorja (Knisja ta' Santu Wistin) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1789) – Solennità trasferita (abjad)
- Belt Vittorja (Kappella Oratorju Don Bosco) – Santa Marija Duminka Mazzarello, verġni – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Marija Verġni, Omm ħanina tagħna fl-ordni tal-grazzja, li dehret f'Fatima, fil-Portugal, fl-1917, riedet li d-devozzjoni lejn il-Qalb tagħha bla tebgħa tkun mezz ta' salvazzjoni għad-dinja. Għalhekk il-papa Piju XII, fil-31 ta' Ottubru 1942, ikkonsagra d-dinja lill-Qalb tagħha bla tebgħa; ħafna fidili jingħaqdu f'pellegrinaġġi u jmorru Fatima jitolbu t-talba tar-rużarju għall-konverżjoni tal-midinbin.

# It-Tlieta • Mejju 2024 14

**San Mattija, appostlu – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 1, 15-17.20-26 Ix-xorti waqgħet fuq Mattija, u dan ħa postu mal-Ħdax.
- **SR** 112, 1-8 Il-Mulej qiegħdu mal-kbarat tal-poplu tiegħu.
- **E** Ġw 15, 9-17 Ma nsejħilkomx aktar qaddejja; sejjaħtilkom ħbieb.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa (fi żmien il-Għid) mill-Komun tal-appostli minbarra l-partijiet proprji [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Għid u salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Żebbuġ – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità trasferita (abjad)
- B'Buġia – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Mattija, wieħed mit-tnejn u sebgħin dixxiplu ta' Ġesù, wara Għid il-Ħamis intgħażel mill-appostli biex jieħu l-post li ħalla Ġuda l-Iskarjota biex flimkien magħhom ikun xhud tal-qawmien tal-Mulej mill-imwiet. Skont it-tradizzjoni wassal l-Evanġelju fil-Lhudija, fil-Kappadoċja u fl-Etjopja.

# 15 L-Erbgħa • Mejju 2024

**tas-seba' ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid jew ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 20, 28-38 Nitlaqkom f'idejn Alla u l-kelma tal-grazzja tiegħu li għandha l-qawwa li tibnikom.
- **SR** 67 (68), 29-30.33-35a.35b-36ċ Slaten tal-art, għannu lil Alla.
- **E** Ġw 17, 11b-19 Ħa jkunu ħaġa waħda bħalna.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Valletta (par. San Pawl) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.F.M. (Ħamrun) – Il-Madonna tas-Sokkors Perpetwu – Festa (abjad)
- F.S.C. – San Ġwann Battista de la Salle, presbiteru, fundatur tal-aħwa tal-iskejjel insara, u patrun tal-għalliema – Solennità (abjad)
- O.S.B. – San Pakomju, abbati – Tifkira O (abjad)

# Il-Ħamis • Mejju 2024 16

**tas-seba' ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid jew ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 22, 30; 23, 6-11 Jeħtieġ li tagħti xhieda f'Ruma.
- **SR** 15 (16), 1-2a u 5.7-8.9-10.11 Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.
- **E** Ġw 17, 20-26 Biex isiru ħaġa waħda għalkollox.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.A. – Sant'Alipju u San Possidju, isqfijiet – Tifkira O (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – Santa Margerita minn Cortona, penitenta – Tifkira O (abjad)
- S.J. – Sant'Andrija Bobola, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)
- O.Carm.; O.C.D. – San Xmun Stock, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- S.D.B. ; F.M.A. – Sant'Alwiġ Orione, presbiteru – Tifkira  (abjad)

# 17 Il-Ġimgħa • Mejju 2024

**tas-seba' ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Għid jew ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Atti 25, 13b-21 Kwistjonijiet dwar ċertu Ġesù, li hu mejjet, imma Pawlu jgħid li hu ħaj.
- **SR** 102 (103), 1-2, 11-12, 19-20ab Il-Mulej waqqaf it-tron tiegħu fis-sema.
- **E** Ġw 21, 15-19 Irgħa l-ħrief tiegħi. Irgħa n-ngħaġ tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Baskal Baylon, reliġjuż – Tifkira O (abjad)



# 18 Is-Sibt • Mejju 2024

**tas-seba' ġimgħa tal-Għid – Ferja (abjad)**
*jew* **San Ġwann I, papa u martri – Tifkira (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Għid jew ta' Tlugħ il-Mulej fis-sema, tar-Ragħajja jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Atti 28, 16-20.30-31 Pawlu baqa' Ruma jxandrilhom is-Saltna ta' Alla.
- **SR** 10 (11), 4.5 u 7 Il-Mulej idawwar wiċċu lejn min hu sewwa.
- **E** Ġw 21, 20-25 Dan huwa d-dixxiplu li qiegħed jagħti xhieda għal dan kollu u li kiteb dawn il-ħwejjeġ, u aħna nafu li x-xhieda tiegħu hi minnha.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira (fi żmien il-Għid) mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-martri [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Lija (Kappella S.Pietru) – Dedikazzjoni tal-kappella – Solennità (abjad)
- O.F.M. Cap.- San Feliċ minn Cantalice, reliġjuż – Festa (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – San Feliċ minn Cantalice, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.S.J. – Beatu Ġerardu Meccati ta' Villamagna, reliġuż – Tifkira O (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – San Leonardu Murialdo, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – Beatu Guliermu minn Toulouse, presbiteru – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Għarb (Knisja taż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija lil Eliżabetta "taż-Żejt") – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1974) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann twieled fit-Toscana u sar papa fis-sena 523. Intbagħat Kostantinopli għand l-imperatur Ġustinu bħala legat tas-sultan Arjan Teodoriku bil-għan li jqarreb lejn xulxin il-Knejjes tal-Lvant u tal-Punent; meta reġa' lura, is-sultan laqgħu ħażin ħafna għax ix-xogħol li għamel ma għoġbux; tefgħu l-ħabs f'Ravenna, fejn miet fit-18 ta' Mejju tas-sena 526.

**Filgħaxija**

**Għid il-Ħamsin – Solennità (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-Vġili tal-Għid il-Ħamsin, Glorja, sekwenza, Kredu, prefazju proprju. Fi tmiem il-Quddiesa: *Morru fil-paċi ta' Kristu, hallelujah hallelujah.* Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika, *Imseħbin* proprja [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Ġen 11, 1-9 Issejħet Babel, għax hemmhekk il-Mulej ħawwad ilsien l-art kollha.
- **SR** 32, 10-15 Hieni l-ġens li l-Mulej hu Alla tiegħu.
  *u/jew*
- **1L** Eżodu 19, 3-8a.16b-20b Il-Mulej jinżel fuq il-muntanja Sinaj quddiem il-poplu.
- **SR** 102, 1-4.6-7.17-18 It-tjieba tal-Mulej ma' dawk li għandhom il-biża' tiegħu.
  *u/jew*
- **1L** Eżek 37, 1-14 Għadam niexef, jien se nġib fik ir-ruħ, u inti terġa' tgħix.
- **SR** 50, 3-4.8-9.12-14.17 Oħloq fija qalb safja, o Alla.
  *u/jew*
- **1L** Ġoel 3, 1-5 Insawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-qaddejja kollha tiegħi.
- **SR** 103, 1-2a.24.25ċ.27-30 Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art.
- **2L** Rum 8, 22-27 L-Ispirtu jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem.
- **E** Ġw 7, 37-39 Minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità ta' Għid il-Ħamsin. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd.

# 19 Il-Ħadd • Mejju 2024

**Għid il-Ħamsin – Solennità (aħmar)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, sekwenza, Kredu, prefazju proprju. Fi tmiem il-Quddiesa: *Morru fil-paċi ta' Kristu, hallelujah hallelujah*. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika, *Imseħbin* proprja [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Atti 2, 1-11 Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu.
- **SR** 103, 1ab.24aċ.29bċ-31.34 Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ tal-art.
- **2L** Gal 5, 16-25 Il-frott tal-Ispirtu.
- **E** Ġw 15, 26-27; 16, 12-15 L-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd.

**Nota**
Mal-Kompieta jispiċċa żmien il-Għid. Il-blandun jitpoġġa ħdejn il-battisterju biex jintuża waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija.

# It-Tnejn • Mejju 2024 20

**Marija Omm u Xbieha tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju proprju [5].

**Lezzjonarju (Żieda)**

- **1L** Ġen 3, 9-15.20 Omm il-ħajjin kollha.
  *jew* Atti 1, 12-14 Kienu jżommu sħiħ fit-talb, flimkien ma' Marija, Omm Ġesù.
- **SR** 86 (87), 1-2.3 u 5.6-7 Ħwejjeġ sbieħ jingħadu dwarek o Belt ta' Alla.
- **E** Ġw 19, 25-34 Hawn hu Ibnek, hemm hi ommok.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna minbarra l-partijiet proprji: innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u l-Għasar; l-antifoni għall-Benedictus u l-Magnificat [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Mqabba – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.F.M. – San Bernardin ta' Siena, presbiteru – Festa (abjad)
- O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Bernardin ta' Siena, presbiteru – Tifkira O (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
It-titlu tal-Imqaddsa Marija Omm il-Knisja kellu l-bidu tiegħu meta twieled minnha Kristu, ir-Ras tal-Knisja, u hija saret Omm il-Knisja qabel ma' binha miet fuq is-Salib. Il-papa Pawlu VI ikkonferma dan it-titlu tagħha solennement fid-diskors li kien għamel lill-Isqfijiet fil-Konċilju Vatikan II fil-21 ta' Novembru 1964 u ordna li għandha "tingħata dan il-ġieħ billi tissejjaħ b'dan l-isem ħelu li anki llum jintuża mill-poplu nisrani kollu".

# 21 It-Tlieta • Mejju 2024

**tas-seba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Kristofru Magallanes, presbiteru, u sħabu, martri - Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ġak 4, 1-10 Titolbu, u ma tiksbux, għax titolbu ħażin.
- **SR** 54 (55), 7-8.9-10a.10b-11a.23 Ħalli xortik f'idejn il-Mulej.
- **E** Mk 9, 30-37 Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-bnedmin.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-martri (għal aktar minn wieħed) [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Mellieħa (Santwarju) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Qala (Knisja ta' Marija Immakulata "Santa Marija tal-Qala") – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1950) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Kristoforu Magallanes twieled fis-sena 1869 f'San Rafaél Totatiche fil-Messiku. Fil-persekuzzjoni kontra l-Knisja kattolika, hu u erbgħa u għoxrin oħra, presbiteri u lajċi, fl-1927 sofrew il-martirju għall-fidi tagħhom fi Kristu Sultan.

# L-Erbgħa • Mejju 2024 22

**tas-seba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Santa Rita minn Cascia, reliġjuża – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin jew tar-Reliġjużi [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ġak 4, 13-17 Intom ma tafux x'għad isir għada. Għalhekk għandkom tgħidu: "Jekk il-Mulej irid."
- **SR** 48 (49), 2-3.6-7.8-10.11 Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
- **E** Mk 9, 38-40 Min mhuwiex kontra tagħna, huwa magħna.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin nisa [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żabbar (Knisja tas-Salib) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.S.A. (San Ġorġ) – Santa Rita minn Cascia, reliġjuża – Solennità (abjad)
- O.S.A. – Santa Rita minn Cascia, reliġjuża – Festa (abjad)
- O.Carm.; O.C.D. – Santa Ġwakkina de Vedruna de Mas, religjuża u fundatriċi – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Nadur (Knisja tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1910) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Rita twieldet f'Roccaporena, ħdejn Cascia, fl-1381; iżżewġet raġel ta' karattru iebes u għal għoxrin sena għexet b'sabar kbir żwieġ diffiċli. Irnexxiela tressaq lil żewġha lejn Alla; wara l-mewt tiegħu u ta' wliedha daħlet soru fl-Ordni ta' Santu Wistin u kienet għal kulħadd eżempju mill-isbaħ ta' sabar u ndiema; mietet fl-1457.

# 23 Il-Ħamis • Mejju 2024

**tas-seba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa,* prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** Ġak 5, 1-6 Il-ħlas tal-ħaddiema li żammejtuhulhom qiegħed jgħajjat kontra tagħkom u l-biki tagħhom wasal f'widnejn il-Mulej tal-eżerċti.
- **SR** 48 (49), 14-15b.15ċd-16.17-18.19-20 Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.
- **E** Mk 9, 41-50 Jaħbatlek aħjar li tidħol b'id waħda fil-ħajja, milli tmur b'idejk it-tnejn fl-infern.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Gżira; Blata l-Bajda (Kappella tal-Midalja Mirakoluża) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- S.O.C. – Santa Ġovanna Antida Thouret, verġni – Solennità (abjad)

# Il-Ġimgħa • Mejju 2024 24

**tas-seba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ġak 5, 9-12 L-imħallef qiegħed quddiem il-bieb.
- **SR** 102 (103), 1-2.3-4.8-9.11-12 Ħanin u twajjeb il-Mulej.
- **E** Mk 10, 1-12 Dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.D.B.; F.M.A.; M.S.S.P. (B'kara) – L-Imqaddsa Verġni Marija, Għajnuna tal-Insara – Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – Dedikazzjoni tal-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi – Festa (abjad)
- S.J. – L-Imqaddsa Verġni Marija tat-Triq (Patruna tal-provinċja) – Festa (abjad)
- O.P. – Traslazzjoni ta' San Duminku, Missierna – Tifkira O (abjad)
- O.S.B. – San Girgor VII, papa – Tifkira O (abjad)
- O.C.D. – San Beda Venerabli, persbiteru u duttur tal-Knisja *jew* San Girgor VII, papa – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Belt Vittorja (Kappella Oratorju Don Bosco) – L-Imqaddsa Verġni Marija, Għajnuna tal-Insara – Festa (abjad)

# 25 Is-Sibt • Mejju 2024

**tas-seba' ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **San Beda l-Venerabbli, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)**
*jew* **San Girgor VII, papa – Tifkira (abjad)**
*jew* **Santa Marija Maddalena de' Pazzi – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** Ġak 5, 13-20 It-talba tal-bniedem ġust magħmula bil-ħerqa għandha qawwa kbira.
- **SR** 140 (141), 1-2.3 u 8 Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek.
- **E** Mk 10, 13-16 Min is-saltna ta' Alla ma jilqagħhiex bħal tifel ċkejken ma jidħolx fiha.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Beda twieled qrib il-monasteru ta' Wearmouth, l-Ingilterra, fis-sena 673, u tħarreġ fl-iskola taħt San Benedittu Biscop; sar reliġjuż fl-istess monasteru, ġie ordnat saċerdot, u qeda l-ministeru tiegħu bit-tagħlim u l-kitba. Il-kotba tiegħu, teoloġiċi u storiċi, huma msejsa fuq it-tradizzjoni patristika u t-tifsir tal-Iskrittura mqaddsa. Miet fis-sena 735.

Ildebrandu twieled fit-Toscana għall-ħabta tal-1028; studja f'Ruma, u għadda għall-ħajja monastika; ħafna drabi l-Papiet ħatruh legat tagħhom biex jgħinhom fit-tiġdid tal-Knisja, li għaliha ħadem u ħabrek kemm felaħ. Fl-1073 intgħażel papa u ħa l-isem ta' Girgor VII. Bil-kuraġġ kollu ħadha kontra s-simonija, l-immoralità tal-kleru u l-indħil tas-slaten fil-ħatriet ekkleżjastiċi. Il-ħeġġa tiegħu għar-riforma wasslet biex jispiċċa fl-eżilju f'Salerno fejn miet fl-1085.

Santa Marija Maddalena de’ Pazzi twieldet minn waħda mill-aktar familji għonja ta’ Firenze fl-1566. Wara trobbija tajba, daħlet mas-Sorijiet Karmelitani u għexet ħajja moħbija ta’ talb u ċaħda. Talbet ħafna għat-tiġdid tal-Knisja, u mexxiet lis-sorijiet sħabha lejn il-perfezzjoni. Alla żejjinha b’ħafna doni. Mietet fl-1607.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. (Sliema) – Sidtna Marija tal-Qalb ta’ Ġesù – Solennità (abjad)
- Bormla – Dedikazzjoni tal-knisja parrokkjali – Solennità (abjad)
- R.S.C.J. – Santa Maddalena Sofia Barat – Solennità (abjad)
- O.Carm. – Santa Marija Maddalena de’ Pazzi, verġni – Festa (abjad)
- O.C.D. – Santa Marija Maddalena tal-Verb Inkarnat de’ Pazzi, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.S.B. – San Beda l-Venerabbli, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-solennità tat-Trinità Qaddisa.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel għasar tat-Trinità Qaddisa.
Matul din il-ġimgħa tingħad ir-IV ġimgħa tas-salterju.



# Il-Ħadd • Mejju 2024 26

**It-Trinità Qaddisa – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, Kredu, prefazju proprju [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Dewt 4, 32-34.39-40 Il-Mulej hu tassew Alla kemm fil-għoli tas-sema kif ukoll hawn isfel fl-art.
- **SR** 32, 4-6.9.18-20.22 Hieni l-poplu li l-Mulej għażel b'wirtu.
- **2L** Rum 8, 14-17 Irċevejtu l-Ispirtu tal-adozzjoni ta' wlied Alla.
- **E** Mt 28, 16-20 Għallmu u għammdu fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmi tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd.

**Nota**
It-testi tal-Quddiesa u tal-Liturġija tas-Sigħat jinsabu fi tmiem il-Proprju taż-Żmien.

# 27 It-Tnejn • Mejju 2024

**tat-tmien ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Santu Wistin ta' Canterbury, isqof – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Piet 1, 3-9 Lil Ġesù Kristu, għalkemm ma rajtuhx, intom tħobbuh u temmnu fih; għalhekk intom tifirħu b'ferħ glorjuż.
- **SR** 110 (111), 1-2.5-6.9 u 10ċ Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **E** Mk 10, 17-27 Mur bigħ li għandek! Ejja u imxi warajja!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- B'kara (par. San Ġużepp Ħaddiem) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità trasferita (abjad)
- S.D.B. (l-Isla) – San Filippu Neri, presbiteru – Solennità trasferita (abjad)
- O.S.B. – Santu Wistin ta' Canterbury, isqof – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beatu Ġużepp minn Igualada, presbiteru – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Xagħra (Knisja Parrokkjali u Bażilka ta' Marija Bambina) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1878) – Solennità trasferita (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Mill-monasteru ta' Sant'Andrija f'Ruma l-papa San Girgor il-Kbir fis-sena 596 bagħat lil Santu Wistin l-Ingilterra flimkien ma' xi 30 raħeb mill-istess monasteru biex ixandru l-Evanġelju. Huma waslu fil-gżira ta' Thanet, fis-saltna ta' Etelbertu, re ta' Kent, li tgħammed f'Għid il-Ħamsin tas-sena 597. Wistin sar isqof ta' Canterbury u bis-saħħa tiegħu ħafna ħaddnu l-fidi. Miet fis-26 ta' Mejju għall-ħabta tas-sena 605.

# It-Tlieta • Mejju 2024 28

**tat-tmien ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Piet 1, 10-16 Il-profeti ħabbru l-grazzja li kellha tingħata lilkom; għalhekk kunu rżina u ittamaw fil-grazzja li għad tingħatalkom.
- **SR** 97 (98), 1.2-3ab.3ċ-4 Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu.
- **E** Mk 10, 28-31 F'din id-dinja stess tirċievu għal mitt darba iktar, flimkien ma' persekuzzjonijiet, u l-ħajja ta' dejjem fiż-żmien li ġej.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Ħamrun (par. Kunċizzjoni); Floriana – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.S.J. – Santa Ubaldeska, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Conv. – Santa Marija Anna de Paredes, verġni – Tifkira (abjad)
- O.F.M. Cap – Beata Marija Kostanza Panas, verġni – Tifkira (abjad)

# 29 L-Erbgħa • Mejju 2024

**tat-tmien ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Pawlu VI, papa – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Piet 1, 18-25 Intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa bid-demm għażiż ta' Kristu.
- **SR** 147, 12-13.14-15.19-20 Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej.
- **E** Mk 10, 32-45 Aħna telgħin Ġerusalemm, u Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-qassisin il-kbar u l-kittieba.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. (G'Mangia) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Beatu Ġużeppi Kowalski, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)
- O.C.D. – Beata Elija ta' Sankliment Fracusso, verġni – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Giovanni Battista Montini, twieled f'Concesio, Brescia, fis-26 ta' Settembru 1897. Ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Mejju 1920. Ħadem fis-servizz tas-Sede Appostolika sakemm fl-1954 ġie maħtur Arċisqof ta' Milan. Kien elett papa fil-21 ta' Ġunju 1963 u wassal għat-tmiem tiegħu l-Konċilju Vatikan II. Impenja ruħu bi ħrara kbira biex iġib 'il quddiem ir-riforma fil-ħajja tal-Knisja, speċjalment fil-liturġija, fid-djaloġu ekumeniku u fix-xandir tal-Evanġelju fid-dinja tal-lum. Għadda għall-ħajja ta' dejjem fis-6 ta' Awwissu 1978.

# Il-Ħamis • Mejju 2024 30

**tat-tmien ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Piet 2, 2-5.9-12 Imma intom ġens magħżul, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru t-tifħir ta' dak li sejħilkom.
- **SR** 99 (100), 2.3.4.5 Idħlu quddiemu b'għana ferrieħi.
- **E** Mk 10, 46-52 Li nerġa' nara, Rabbuni!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Seminarju tal-Virtù – Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija – Festa (abjad)
- O.F.M. Conv.; O.F.M. (Monasteru S. Klara) – Santa Battista Varano, verġni – Tifkira (abjad)

# 31 Il-Ġimgħa • Mejju 2024

**Iż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Madonna (jekk jintuża l-ewwel wieħed fiż-*żjara*) [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Sof 3, 14-18a Is-Sultan ta' Israel, il-Mulej, hu f'nofsok.
  *jew* Rum 12, 9-16b Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li huma fil-bżonn; ilqgħu fi djarkom lill-barranin.
- **SR** Is 12, 2-6 Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Israel.
- **E** Lq 1, 39-56 Minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi?

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifoni u salmi tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. (Valletta); O.F.M. (Valletta – Rabat); S.D.B. (Senglea) – Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija – Solennità (abjad)
- Seminarju tal-Virtù – Dedikazzjoni tal-kappella tas-Seminarju – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Għarb (Knisja Parrokkjali u Bażilka taż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija lil Eliżabetta) – Iż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa Marija – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
L-Imqaddsa Verġni Marija marret iżżur lill-qariba tagħha Eliżabetta li kienet qed tistenna t-twelid ta' binha. Sellmitilha u ferħu b'xulxin. Il-Feddej minn ġuf Marija qaddes il-prekursur tiegħu, u Marija mtliet bil-ferħ fl-Ispirtu s-Santu u nfexxet f'innu ta' tifħir lill-Mulej.

# Is-Sibt • Ġunju 2024 01

**San Ġustinu, martri – Tifkira O (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** Ġuda 17.20b-25 Alla għandu l-qawwa jħariskom mill-waqgħa, u jqegħedkom bla tebgħa u ferħana quddiem is-sebħ tiegħu.
- **SR** 62 (63), 2.3-4.5-6 Għalik imxennaq jiena, Mulej, Alla tiegħi.
- **E** Mk 11, 27-33 Int b'liema setgħa qiegħed tagħmlu dan kollu?

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tat-tifkira mill-Komun tal-martri [Ċ]. Antifona proprja għall-Benedictus. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D. (Ta' Xbiex) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Ġustinu, filosofu u martri, twieled f'Nablus, fis-Samarija, għall-bidu tat-tieni seklu. Sar nisrani, u kiteb ħafna biex jiddefendi r-reliġjon. Fetaħ skola f'Ruma, u n-nies kienet tmur għandu tisimgħu jgħallem. Ħa l-martirju għall-ħabta tas-sena 165, fi żmien Marku Awrelju.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-solennità tal-Ġisem u d-Demm għażiż tal-Mulej.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel għasar tas-solennità tal-Ġisem u d-Demm għażiż tal-Mulej. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd. Matul din il-ġimgħa tingħad l-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# 02 Il-Ħadd • Ġunju 2024

**Il-Ġisem u d-Demm għażiż tal-Mulej – Solennità (abajd)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, sekwenza *ad libitum* (tista' tingħad il-forma l-qasira), Kredu, prefazju tal-Ewkaristija [1].
Waqt il-Quddiesa prinċipali tiġi kkonsagrata l-ostja għall-purċissjoni.
Il-Quddiesa ta' qabel il-purċissjoni tintemm bit-Talba ta' Wara t-Tqarbin.

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Eżodu 24, 3-8 Hawn hu d-demm tal-Patt li l-Mulej għamel magħkom.
- **SR** 115, 12-13.15-18 Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni u isem il-Mulej insejjaħ.
- **2L** Lhud 9, 11-15 Id-demm ta' Kristu jnaddaf il-kuxjenza tagħna.
- **E** Mk 14, 12-16.22-26 Dan hu ġismi. Dan hu demmi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona proprja u salmi tal-Ħadd tal-I ġimgħa tas-salterju. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd.

**Nota**
It-testi tal-Quddiesa u tal-Liturġija tas-Sigħat jinsabu fi tmiem il-Proprju taż-Żmien.

# It-Tnejn • Ġunju 2024 03

**San Karlu Lwanga u sħabu, martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 2 Piet 1, 2-7 Alla tana l-egħżeż u l-akbar ġid li kien wegħedna, biex bih tissieħbu fin-natura ta' Alla.
- **SR** 90 (91), 1-2.14-15ab.15ċ-16 Alla tiegħi, jien fik nittama.
- **E** Mk 12, 1-12 Qabdu lil ibnu l-għażiż u qatluh, u xeħtuh barra mill-għalqa.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-martri [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Paola (Kristu Re) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Fis-snin 1885-1887 is-sultan Mwanga tal-Uganda qatel ħafna Nsara, fosthom ta' min isemmi l-iżjed lil Karlu Lwanga u 21 oħra sħabu, li baqgħu sħaħ fil-fidi kattolika u ma ridux joqogħdu għax-xewqat żienja tas-sultan, li għalhekk lil xi wħud minnhom qatgħalhom rashom, fosthom lil San Ġużeppi Mukasa, u oħrajn ħaraqhom ħajjin. Ġew ikkanonizzati mill-papa Pawlu VI.

# 04 It-Tlieta • Ġunju 2024

**tad-disa’ ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Fejrali II/1**
- **1L** 2 Piet 3, 12-15a.17-18 Nistennew smewwiet ġodda u art ġdida.
- **SR** 89 (90), 2.3-4.10.14 u 16 Mulej, int għalina kenn minn nisel għal nisel.
- **E** Mk 12, 13-17 Agħtu lil Ċesari dak li hu ta’ Ċesari, u lil Alla dak li hu ta’ Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Santa Luċija – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.P. – San Pietru minn Verona, presbiteru, martri – Tifkira O (aħmar)
- O.S.A. – Beatu Ġakbu minn Viterbo, isqof – Tifkira O (abjad)

# L-Erbgħa • Ġunju 2024 05

**San Bonifazju, isqof u martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 2 Tim 1, 1-3.6-12 Qajjem fik id-don ta' Alla, li jinsab fik bit-tqegħid ta' idejja.
- **SR** 122 (123), 1-2a.2bċd Lejk, Mulej, nerfa' għajnejja.
- **E** Mk 12, 18-27 Alla mhux tal-mejtin, iżda tal-ħajjin!

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tar-ragħajja tal-erwieħ: għal isqof [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – San Bonifaċju, isqof u martri – Tifkira O (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bonifaċju twieled l-Ingilterra madwar is-sena 673; għadda ħajja monastika f'Exeter, u fis-sena 719 mar il-Ġermanja, fejn xandar il-fidi b'ġid kbir. Sar isqof ta' Mainz u, bl-għajnuna ta' dawk li ġabar madwaru, waqqaf jew ġedded ħafna Knejjes fil-Bavarja, fit-Turinġja u l-Frankonja; laqqa' konċilji u għamel liġijiet tajba. Kien qiegħed jagħmel ħidma missjunarja fil-gżejjer Frisjani, meta l-pagani tawh il-martirju fis-sena 754; il-qabar tiegħu jinsab fil-monasteru ta' Fulda, il-Ġermanja, li hu stess waqqaf.

# 06 Il-Ħamis • Ġunju 2024

**tad-disa’ ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Norbertu, isqof – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 2 Tim 2, 8-15 Il-kelma ta’ Alla mhijiex marbuta. Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll.
- **SR** 24 (25), 4bċ-5ab.8-9.10 u 14 Triqatek, Mulej, għarrafni.
- **E** Mk 12, 28b-34 Ma hemmx kmandament ieħor akbar minn dawn.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta’ Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ: għal isqof [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.
Filgħaxija, l-ewwel Għasar tas-solennità tal-Qalb Imqaddsa ta’ Ġesù.
Kompieta ta’ wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Norbertu twieled f’Santen għall-ħabta tal-1080; ġie ordnat saċerdot u ta ruħu għall-appostolat u l-predikazzjoni, l-aktar fi Franza u l-Ġermanja. Sieħeb oħrajn miegħu u waqqaf il-kanonċi regolari ta’ Premontre (Norbertini). Fl-1126 sar arċisqof ta’ Magdeburg, irriforma l-kleru, ħabrek għat-tiġdid tal-ħajja nisranija, u ħadem għall-għaqda u l-libertà fil-Knisja. Miet fl-1134.

**Il-Qalb Imqaddsa ta’ Ġesù – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Ħos 11, 1.3-4.8-9 Daret għalija qalbi.
- **SR** Is 12, 2-6 Kollkom ferħana, timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni.
- **2L** Ef 3, 8-12, 14-19 Kunu afu li l-imħabba ta’ Kristu tisboq kull għerf.
- **E** Ġw 19, 31-37 Nifidlu ġenbu b’lanza u minnufih ħareġ demm u ilma.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta’ Nofs il-Jum, antifona proprja, salmodija komplimentari. Kompieta ta’ wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D – Beata Anna ta' San Bartilmew, verġni – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta’ Għawdex

- Nadur (Knisja tal-Qalb ta’ Ġesù); Fontana – Il-Qalb ta’ Ġesù – Solennità (abjad)

# 08 Is-Sibt • Ġunju 2024

**Il-Qalb bla Tebgħa tal-Imqaddsa Verġni Marija – Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Is 61, 9-11 Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej.
- **SR** 1 Sam 2, 1.4.2.8 Qalbi tifraħ fil-Mulej.
- **E** Lq 2, 41-51 Kienet iżżomm u tgħożż dawn il-ħwejjeġ ġo qalbha.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tat-tifkira mill-Komun Madonna minbarra l-partijiet proprji. Antifona għall-Benedictus proprja [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Nota**
Il-Quddiesa u l-Liturġija tas-Sigħat jinsabu fil-Propju tal-Qaddisin fi tmiem ix-xahar ta' Mejju.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. – San Ġakbu Berthieu, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beatu Nikola minn Cestori, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- O.P. – Beati Diana u Ċeċilja, verġni – Tifkira (abjad)
- Sorijiet tal-Bon Pastur – Beata Marija Droste zu Vischering tal-Qalb ta' Ġesù – Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-għaxar Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-għaxar Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Ġunju 2024 09

**tal-għaxar Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-għaxar Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Ġen 3, 9-15 Innissel mibegħda bejn nislek u bejn nisel il-mara.
- **SR** 129 (130), 1-2.3-4ab.4ċ-6.7-8 Għand il-Mulej hemm it-tjieba u l-fidwa għandu bil-kotra.
- **2L** 2 Kor 4, 13 – 5,1 Emminna, u għalhekk tkellimna.
- **E** Mk 3, 20-35 Ix-xitan wasal fit-tmiem.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# 10 It-Tnejn • Ġunju 2024

**tal-għaxar ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Slaten 17, 1-6 Elija jservi quddiem il-Mulej, Alla ta' Iżrael.
- **SR** 120 (121), 1-2.3-4.5-6.7-8 L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej.
- **E** Mt 5, 1-12 Henjin il-foqra fl-ispirtu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. – Beatu Ġwann Dominici, isqof – Tifkira (abjad)

# It-Tlieta • Ġunju 2024 11

**San Barnaba, appostlu – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-appostli II [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 11, 21b-26; 13, 1-3 Kien raġel tajjeb, mimli bl-Ispirtu s-Santu u l-fidi.
- **SR** 97, 1-6 Il-Mulej għarraf is-salvazzjoni lill-gnus.
- **E** Mt 10, 7-13 Intom u sejrin xandru u għidu li s-saltna tas-smewwiet waslet.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-appostli minbarra l-partijiet li jinsabu fil-Proprju tal-Qaddisin [Ċ]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona u salmi tal-ġurnata. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Barnaba twieled f'Ċipru u kien wieħed mill-ewwel insara ta' Ġerusalemm. Ipprietka f'Antjokja, ingħaqad mal-appostlu San Pawl, u ssieħeb miegħu fl-ewwel vjaġġ missjunarju. Ħa sehem fil-Konċilju ta' Ġerusalemm. Imbagħad mar ixandar l-Evanġelju f'Ċipru, fejn miet. Jissemma fil-Kanone Ruman.

# 12 L-Erbgħa • Ġunju 2024

**tal-għaxar ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Slat 18, 20-39 Ħalli jkun jaf dan il-poplu li int, Mulej, int Alla.
- **SR** 15 (16), 1-2a.4.5 u 8.11 Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.
- **E** Mt 5, 17-19 Ma ġejtx biex inwaqqa' il-Liġi jew il-Profeti, iżda biex inwassalhom għall-milja tagħhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Sorijiet Dorotej – Santa Pawla Frassinetti – Solennità (abjad)
- O.S.J. – Santa Flora ta' Beaulieu, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.S.A. – San Ġwann minn Sahagun, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.C.D. – Beatu Alfons Marija tal-Ispirtu s-Santu Mazurek, presbiteru u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. Cap. – Beata Florida Cevoli, verġni – Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Beatu Franġisku Kesy u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)
- O.Carm. – Beatu Ilarjun Januszewski, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. Conv. – Beatu Piju Bartosik, presbiteru u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. (II Ordni) – Beata Jolanda, reliġjuża – Tifkira (abjad)

# Il-Ħamis • Ġunju 2024 13

**Sant'Antnin ta' Padova, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Slat 18, 41-46 Elija talab u s-sema radd ix-xita.
- **SR** 64 (65), 10abċd.10e-11.12-13 Tifħir lilek jistħoqq, o Alla.
- **E** Mt 5, 20-26 Il-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuħ.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja jew tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. (Għawdex); O.F.M. Cap. (Għajn Dwieli) – Sant Antnin ta' Padova, presbiteru u duttur tal-Knisja – Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – Sant Antnin ta' Padova, presbiteru u duttur tal-Knisja – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Antnin twieled f'Lisbona, fil-Portugal, fl-1195. Daħal mal-Kanonċi Regolari ta' Santu Wistin. Ġie ordnat saċerdot u ngħaqad mal-Franġiskani Minuri bil-ħsieb li jmur ixerred il-fidi fost il-pagani tal-Afrika, iżda bagħtuh jipprietka fi Franza u l-Italja, u għamel ġid kbir. Ikkonverta bosta eretiċi. Kien l-ewwel wieħed fl-Ordni tiegħu li għallem it-teoloġija lil ħutu r-reliġjużi. Kiteb prietki kollhom għerf u ħlewwa. Miet f'Padova fl-1231 u ġie kkanonizzat sena wara mewtu.

# 14 Il-Ġimgħa • Ġunju 2024

**tal-għaxar ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Slat 19, 9a.11-16 Oħroġ, u oqgħod fuq il-muntanja quddiem il-Mulej!
- **SR** 26 (27), 7-8a.8b-9abċ.13-14 Jien wiċċek infittex, Mulej.
- **E** Mt 5, 27-32 Kull min iħares lejn mara biex jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.Carm. – San Eliżew, profeta – Tifkira O (abjad)
- O.C.D – San Eliżew, profeta – Tifkira (abjad)
  *jew* Beata Marija Kandida tal-Ewkaristija Barba, verġni – Tifkira (abjad)

**tal-għaxar ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Il-Verġni Mqaddsa Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Slaten 19, 19-21 Elija xeħet fuq Eliżew il-mantell tiegħu, u dan beda jservih.
- **SR** 15 (16), 1-2a u 5.7-8.9-10 Mulej, inti s-sehem tal-wirt u r-risq tiegħi.
- **E** Mt 5, 33-37 Jiena ngħidilkom biex ma taħilfu xejn.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ħdax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ħdax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

# 16 Il-Ħadd • Ġunju 2024

**tal-ħdax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-ħdax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Eżek 17, 22-24 Siġra żgħira nkabbarha.
- **SR** 91 (92), 2-3.13-14.15-16 Tajjeb li nfaħħru l-Mulej.
- **2L** 2 Kor 5, 6-10 Infittxu li nogħġbu lill-Mulej, sew jekk nibqgħu hawn, sew jekk noħorġu minn dan il-ġisem.
- **E** Mk 4, 26-34 Hi l-iċken fost iż-żrieragħ kollha, imma ssir l-akbar waħda fost il-ħxejjex kollha.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- M.S.S.P. (B'kara) – Dedikazzjoni tal-kappella Marija Għajnuna tal-Insara – Solennità (abjad)

# It-Tnejn • Ġunju 2024 17

**tal-ħdax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 1 Slat 21, 1-16 Nabot ġie mħaġġar u miet.
- **SR** 5, 2-3.5-6.7 Mulej, agħti kas tat-tnehid tiegħi.
- **E** Mt 5, 38-42 Jiena ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiqfulux.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J.A. – Santa Emilja de Vialar – Solennità (abjad)
- O.F.M. Conv. – Sant'Albert Adam Chmielowski, reliġjuż – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Xewkija (Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann Battista) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1978) – Solennità (abjad)

# 18 It-Tlieta • Ġunju 2024

**tal-ħdax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 1 Slat 21, 17-29 Waqqajt lil Iżrael fid-dnub.
- **SR** 50 (51), 3-4.5-6a.11 u 16 Ħenn għalina, o Alla fi tjubitek.
- **E** Mt 5, 43-48 Ħobbu lill-għedewwa tagħkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. Cap. (Kalkara) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

# L-Erbgħa • Ġunju 2024 19

**tal-ħdax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Romwaldu, abbati – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 2 Slat 2, 1.6-14 Deher karru tan-nar u Elija tala' s-sema.
- **SR** 30 (31), 20.21.24 Issaħħu u qawwu qalbkom, intom ilkoll li tittamaw fil-Mulej.
- **E** Mt 6, 1-6.16-18 Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.J. – Beatu Girlandi, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.S.B. – San Romwaldu, abbati – Tifkira (abjad) *jew* Tifkira tal-Aħwa u qraba mejtin (vjola)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Romwaldu twieled f'Ravenna għall-ħabta tas-sena 950. Kien il-fundatur tal-patrijiet Kamaldoliżi, li jgħixu ħajja monastika skont ir-regola ta' San Benedittu. Ħabrek ħafna għall-perfezzjoni tiegħu nnifsu. Miet għall-ħabta tal-1027.

# 20 Il-Ħamis • Ġunju 2024

**tal-ħdax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** Sir 48, 1-14 Elija nħataf minn riefnu u Eliżew imtela bl-ispirtu tiegħu.
- **SR** 96 (97), 1-2.3-4.5-6.7.12a Ifirħu, ġusti, fil-Mulej.
- **E** Mt 6, 7-15 Mela itolbu hekk.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. – Beatu Patrizju u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)

# Il-Ġimgħa • Ġunju 2024 21

**Sant'Alwiġi Gonzaga, reliġjuż – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 2 Slat 11, 1-4.9-18.20 Dilku lil Ġowas u bdew jgħajtu "Viva s-sultan!".
- **SR** 131 (132), 11.12.13-14.17-18 Il-Mulej għażel 'il Sijon id-dar tiegħu.
- **E** Mt 6, 19-23 Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek ukoll.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. (Kulleġġ Sant'Alwiġi) – Sant'Alwiġi Gonzaga, reliġjuż – Festa (abjad)
- S.J. – Sant'Alwiġi Gonzaga, reliġjuż – Tifkira O (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Alwiġi Gonzaga twieled fl-1568 qrib Mantova, fil-Lombardija, mill-prinċpijiet ta' Castiglione. Ċaħad għall-jedd ereditarju tiegħu ta' prinċep u ta' tmintax-il sena daħal mal-Ġiżwiti f'Ruma. Kien idur bil-morda fl-isptarijiet, ittieħed bil-mard tagħhom, u miet żagħżugħ fl-1591. Il-Knisja ħatritu patrun tal-istudenti u ż-żgħażagħ.

# 22 Is-Sibt • Ġunju 2024

**Arċidjoċesi ta' Malta**
**tal-ħdax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **San Pawlinu ta' Nola, isqof – Tifkira (abjad)**
*jew* **San Ġwann Fisher, isqof u San Tumas More, martri – Tifkira (aħmar)**

**Djoċesi ta' Għawdex**
**Tifkira tal-anniversarju tas-sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima – Festa (abjad)**

**Filgħodu**

**Arċidjoċesi ta' Malta**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 2 Kron 24, 17-25 Qatlu lil Żakkarija bejn is-santwarju u l-altar.
- **SR** 88 (89), 4-5.29-30.31-32.33-34 It-tieba tiegħi nżommha fuqu għal dejjem.
- **E** Mt 6, 24-34 Toqogħdux tħabblu raskom għall-għada.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pawlinu twieled f'Bordeaux, Franza, fis-sena 353. Qabel ma tgħammed kellu diversi uffiċċji. Kien miżżewweġ u kellu tifel. Wara l-magħmudija u l-mewt tal-uniku tifel tiegħu, irtira flimkien ma' martu fi Spanja fejn għaddew ħajja ta' talb, studju u penitenza. Mar Nola fil-Campania u ġie maħtur isqof tal-post. Wera kuraġġ u qawwa fl-invażjoni tal-Goti. Magħruf l-aktar għall-poeżiji u l-ittri tiegħu. Miet fis-sena 431.

Ġwann Fisher twieled fl-1469, studja t-teoloġija f'Cambridge fejn wara sar kanċillier tal-Università. Ġie ordnat saċerdot, u mbagħad fl-1504 inħatar isqof ta' Rochester. Kien jgħakkes ħafna lilu nnifsu u kien sikwit iżur il-fidili tiegħu. Ħalla wkoll xi kitba kontra l-iżbalji ta' żmienu.
Tumas More twieled fl-1477 u studja f'Oxford. Kien miżżewweġ u kellu tifel u tlitt ibniet. Sar Kanċillier tas-saltna. Xandar kotba dwar it-tmexxija tajba tal-istat u d-difiża tar-reliġjon. Il-papa

Ġwann Pawlu II fl-2000 iddikjarah patrun tal-politiċi.
Fl-1535 is-sultan Enriku VIII ikkundannahom għall-mewt għax waqfulu fil-kwistjoni tad-divorzju tiegħu minn martu; lil Ġwann Fisher qatgħulu rasu fit-22 ta' Ġunju, u lil Tumas More fis-6 ta' Lulju.

**Djoċesi ta' Għawdex**

**Quddiesa**
proprja mill-Missal tal-Verġni Marija, Glorja, qari proprju, prefazju ta' Marija mtellgħa s-sema [3].

**Lezzjonarju tal-BVM**
- **1L** Żakk 2, 14-17 Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena bint Sijon.
- **SR** Lq 1, 46-55 Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar.
- **2L** Ef 4, 17-18.20-32; 5, 1-2 Ixbħu lil Alla bħala wlied maħbuba.
- **E** Ġw 2, 1-11 Omm Ġesù kienet hemm.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tal-festa, mill-Komun tal-Madonna [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Għarb (Knisja Bażilka tat-Tlugħ fis-Sema tal-Imqaddsa Verġni Marija "ta' Pinu") – Tifkira tas-sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima (1883) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Kien nhar it-22 ta' Ġunju 1883, qrib l-għaxra ta' filgħodu, meta x-xebba Karmni Grima kienet sejra lura lejn darha, u xħin waslet quddiem il-passaġġ li kien jagħti għall-kappella tal-Madonna Ta' Pinu semgħet leħen isejħilha: "Ejja, Ejja". Daħlet fil-kappella kollha biża' u bdiet titlob. Ftit wara reġgħet semgħet il-leħen li qalilha: "Għid tliet Ave b'tifkira tat-tlitt ijiem li ġismi dam fil-qabar". Fl-istess sena, Franġisk Portelli stqarr li huwa wkoll sema' dan il-leħen mill-kwadru li talbu biex ikabbar id-devozzjoni lejn il-pjaga tal-ispalla tal-Iben Divin ta' Marija, li saritlu bit-toqol tas-salib.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tnax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tnax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.



# Il-Ħadd • Ġunju 2024 23

**tat-tnax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**

tat-tnax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Ġob 38,1.8-11 Ma taqbiżx minn hawn il-qawwa tal-mewġ tiegħek.
- **SR** 106 (107), 23-24.25-26.28-29.30-31 Roddu ħajr lill-Mulej, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
- **2L** 2 Kor 5, 14-17 Il-qadim għadda, biex daħal il-ġdid floku.
- **E** Mk 4, 35-41 Dan min hu, biex saħansitra r-riħ u l-baħar jisimgħu minnu?

**Liturġija tas-Sigħat**

(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifona għall-Benedictus proprja għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

**Filgħaxija**

**It-Twelid ta' San Ġwann Battista – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**

tal-Vġili tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Ġer 1, 4-10 Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek.
- **SR** 70, 1-6a.15ab.17 Minn ħdan ommi inti ħadtni.
- **2L** 1 Piet 1, 8-12 Il-profeti stħarrġu u tkixxfu fuq din is-salvazzjoni.
- **E** Lq 1, 5-17 Martek se tagħtik iben, u inti ssemmih Ġwanni.

**Liturġija tas-Sigħat**

L-ewwel Għasar tas-solennità tat-twelid ta' San Ġwann Battista mill-proprju tal-Qaddisin. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

# 24 It-Tnejn • Ġunju 2024

**It-Twelid ta’ San Ġwann Battista – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Is 49, 1-6 Jien nagħmel minnek dawl għall-ġnus.
- **SR** 138, 1-3.13-15 Irroddlok ħajr, għax tal-għaġeb għamiltni.
- **2L** Atti 13, 22-26 Ġwanni deher ixandar minn qabel il-miġja ta’ Kristu.
- **E** Lq 1, 57-66.80 ‘Ismu huwa Ġwanni’.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta’ Nofs il-Jum, antifona proprja u salmodija komplimentari. Kompieta ta’ wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.J. – It-Twelid ta’ San Ġwann Battista – Solennità (abjad)

Djoċesi ta’ Għawdex

- Xewkija (Knisja Parrokkjali) – It-Twelid ta’ San Ġwann Battista – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Battista, iben Żakkarija u Eliżabetta, kien l-aħħar u l-aqwa fost il-profeti. Il-festa tat-twelid tiegħu tfakkar il-bidu tal-Patt il-Ġdid.

# It-Tlieta • Ġunju 2024 25

**tat-tnax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 2 Slat 19, 9b-11.14-21.31-35a.36 Jiena nħares din il-belt u nsalvaha minħabba fija nnifsi, u minħabba David, il-qaddej tiegħi.
- **SR** 47 (48), 2-3a.3b-4.10-11 Alla jżomm il-belt sħiħa għal dejjem!
- **E** Mt 7, 6.12-14 Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. Cap. (Għajn Dwieli) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.S.B. – San Guliermu, abbati – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beatu Ġakbu minn Għażir, presbiteru – Tifkira (abjad)

# 26 L-Erbgħa • Ġunju 2024

**tat-tnax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 2 Slat 22, 8-13; 23, 1-3 Is-sultan b'mod li jisimgħuh qara l-kliem kollu tal-ktieb tal-patt.
- **SR** 118 (119), 33.34.35.36.37.40 Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **E** Mt 7, 15-20 Mill-frott tagħhom tagħrfuhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.A. (Rabat) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- S.O.C. – Beata Nemesia Valle, verġni – Tifkira (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beatu Andrea Ġjaċintu Longhin, isqof – Tifkira (abjad)
- O.C.D – Beata Marija Ġużeppa ta' Ġesù Kurċifiss Catanea, verġni – Tifkira (abjad)

# Il-Ħamis • Ġunju 2024 27

**tat-tnax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)** *jew*
**San Ċirillu ta' Lixandra, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** 2 Slat 24, 8-17 Is-sultan ta' Babilonja ġarr fil-jasar lil Ġehojakin u l-kbarat tal-pajjiż.
- **SR** 78 (79), 1-2.3-5.8.9 Mulej, eħlisna u aħfrilna dnubietna, minħabba l-isem tiegħek.
- **E** Mt 7, 21-29 Id-dar mibnija fuq il-blat u d-dar mibnija fuq ir-ramel.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ċirillu ta' Lixandra twieled qrib is-sena 376, u għex ħajja monastika; ġie ordnat saċerdot, mar ma' zijuh, l-isqof ta' Lixandra, u sar isqof warajh fis-sena 412. Ħadha kontra t-tagħlim ta' Nestorju u kellu sehem kbir fil-Konċilju ta' Efesu. Kiteb ħafna u b'għaqal kbir biex ifisser u jiddefendi l-fidi kattolika. Miet fis-sena 444. Ġie ddikjarat duttur tal-Knisja fl-1882.

# 28 Il-Ġimgħa • Ġunju 2024

**Sant’Irinew, isqof u martri u duttur tal-Knisja – Tifkira O (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** 2 Slaten 25, 1-12 Ġuda meħud fl-eżilju.
- **SR** 136 (137), 1-2.3.4-5.6 Dejjem niftakar fik, Ġerusalemm!
- **E** Mt 8, 1-4 Jekk trid, tista’ tfejjaqni.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta’ Nofs il-Jum) tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Antifona għall-Benedictus proprja. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant’Irinew twieled għall-ħabta tas-sena 130 u ħa l-edukazzjoni fi Smirne; kien dixxiplu ta’ San Polikarpu, isqof ta’ dik il-belt. Fis-sena 177 ġie ordnat qassis f’Lyons, Franza, u ftit wara għażluh isqof tal-istess belt. Kiteb ħafna biex iħares il-fidi kattolika kontra l-ereżiji tal-Injostiċi. Ħa l-martirju madwar is-sena 200.

**Filgħaxija**

**San Pietru u San Pawl, appostli – Solennità (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-Vġili tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Atti 3, 1-10 Minn dak li għandi se nagħtik, fl-isem ta’ Ġesù, imxi!
- **SR** 18, 2-5 Mal-art kollha jasal leħinhom.
- **2L** Gal 1, 11-20 Alla għażilni sa minn ġuf ommi.
- **E** Ġw 21, 15-19 Irgħa l-ħrief tiegħi, irgħa n-nagħaġ tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità. Kompieta ta’ wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

# Is-Sibt • Ġunju 2024 29

**San Pietru u San Pawl, appostli – Solennità (aħmar)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 12, 1-11 Issa naf tassew li l-Mulej jeħlisni minn id Erodi.
- **SR** 33, 2-9 L-anġlu tal-Mulej jeħles lil min jibża' mill-Mulej.
- **2L** 2 Tim 4, 6-8.17-18 Hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja.
- **E** Mt 16, 13-19 Inti Pietru: jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija komplimentari. It-tieni Għasar tas-solennità. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Nadur (Knisja Parrokkjali u Bażilka ta' San Pietru u San Pawl, appostli) – San Pietru u San Pawl – Solennità (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Xmun, bin Ġwanni, kien ħu Indrì. Il-Mulej sejjaħlu u minkejja d-dgħufijiet tiegħu ħatru bħala l-ewwel fost it-tnax, u sejjaħlu Pietru (il-blata), u fuqu bena l-Knisja tiegħu. Wara Għid il-Ħamsin mar Antijokja u mbagħad Ruma. Ġie msallab rasu 'l isfel mill-imperatur Neruni u midfun fuq l-għolja tal-Vatikan.

Pawlu minn Tarsu, dak iż-żmien kapitali taċ-Ċiliċja, illum it-Turkija, kien fariżew, cittadin Ruman, jaħdem it-tined. Għall-bidu kien jippersegwita lill-insara fit-triq ta' Damasku. Wara li deherlu Kristu, sar appostlu tal-ġnus. Fil-vjaġġi tiegħu pprietka l-Evanġelju fil-Greċja, Malta, Ruma u x'aktarx Spanja. Qatgħulu rasu u difnuh fil-Via Ostiense, fejn illum hemm il-bażilka ta' San Paolo fuori le mura.

# 30 Il-Ħadd • Ġunju 2024

**It-tlettax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tlettax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Għerf 1, 13-15; 2, 23-24 Minħabba l-għira tax-xitan li l-mewt daħlet fid-dinja.
- **SR** 29, 2.4-6.11-13 Ngħollik, Mulej, għax erfajtni.
- **2L** 2 Kor 8, 7.9.13-15 Iż-żejjed tagħkom jagħmel tajjeb għan-nieqes tal-aħwa li ma għandhomx.
- **E** Mk 5, 21-43 Tfajla, qiegħed ngħidlek, qum!

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Rabat – Martirju ta' San Pawl, appostlu – Solennità (aħmar)

Djoċesi ta' Għawdex
- Għajnsielem (Knisja tal-Madonna ta' Loretu "il-Qadima") – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1889) – Solennità (abjad)

# It-Tnejn • Lulju 2024 01

**tat-tlettax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Beatu Nazju Falzon, kjeriku sekulari – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Għam 2, 6-10.13-16 Saħqu ras l-imsejknin mat-trab tal-art.
- **SR** 49 (50),16bċ-17.18-19.20-21.22-23 Mulej aħfer id-dnub tal-poplu tiegħek.
- **E** Mt 8, 18-22 Imxi warajja.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin irġiel [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. (il-Belt) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.P. (Sliema) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.F.M. (Valletta); B'kara (Kappella Beatu Nazju Falzon) – Beatu Nazju Falzon, kjeriku sekulari – Tifkira O (abjad)
- O.S.J. – San Nikasju, martri – Tifkira O (aħmar)
- O.F.M. Conv. – Beatu Rajmondu Lull, martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. Conv. – Beatu Nazju Falzon, kjeriku sekulari – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Belt Vittorja (Knisja tal-Madonna ta' Pompei) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1923) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Nazju Falzon twieled fl-1 ta' Lulju 1813 fil-Belt Valletta. Kien bniedem mogħti għat-talb: kellu devozzjoni kbira lejn l-Ewkaristija, lejn l-Imqaddsa Verġni Mqaddsa Marija u San Ġużepp. Il-missjoni tiegħu kienet it-tagħlim tal-katekiżmu. Beda bit-tagħlim tat-tfal, iżda jibqa' magħruf l-aktar għall-missjoni kateketika tiegħu mas-suldati u l-baħrin Ingliżi. Miet fl-1 ta' Lulju 1865. Ġie ddikjarat beatu mill-papa Ġwann Pawlu II fid-9 ta' Mejju 2001.

# 02 It-Tlieta • Lulju 2024

**tat-tlettax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** Għam 3, 1-8; 4, 11-12 Sidi l-Mulej jitkellem: min ma jħabbarx?
- **SR** 5, 5-6.7.8 Mexxini, Mulej fis-sewwa tiegħek.
- **E** Mt 8, 23-27 Qum, ordna lill-irjieħ u lill-baħar, u waqgħet kalma kbira.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.J. – Il-Qaddisin Bernardino Realino, Ġwann Franġisk Regis, Franġisk de Geronimo; il-Beati Ġiljan Maunoir u Anton Baldinucci, presbiteri – Tifkira (abjad)

# L-Erbgħa • Lulju 2024 03

**San Tumas, appostlu – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Ef 2, 19-22 Mibnija fuq is-sisien tal-appostli.
- **SR** 116, 1.2 Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba.
- **E** Ġw 20, 24-29 Mulej tiegħi u Alla tiegħi.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa mill-Komun tal-appostli minbarra l-partijiet mill-Proprju tal-qaddisin [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Tumas, imlaqqam it-tewmi, hu magħruf fost l-Appostli l-iżjed minħabba n-nuqqas ta' fidi tiegħu, għad li emmen bis-sħiħ meta ra 'l Kristu rxoxtat u xandar il-fidi tal-Knisja u stqarru meta qal: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!" Ma hemmx tagħrif ċert dwar ħajtu ħlief dak li nsibu fl-Evanġelju. Jingħad li mar l-Indja jxandar l-Evanġelju. Sa mis-seklu sitta, fit-3 ta' Lulju ssir it-tifkira ta' meta l-fdalijiet imbierka tiegħu ttieħdu f'Edessa.

# 04 Il-Ħamis • Lulju 2024

**tat-tlettax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Santa Eliżabetta tal-Portugal – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Għam 7, 10-17 Mur, ħabbar lill-poplu tiegħi.
- **SR** 18 (19), 8.9.10.11 Il-ġudizzji tal-Mulej sewwa, u mseddqa għalkollox.
- **E** Mt 9, 1-8 Qabdu jfaħħru lil Alla li ta setgħa bħal din lill-bnedmin.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Qaddisin nisa: għal dawk li għamlu opri tal-ħniena [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żebbuġ (Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.P. – Beatu Pier Giorgio Frassati, lajk Dumnikan – Tifkira (abjad)
- O. Carm. – Beata Marija Crocifissa Curcio, verġni u fundatriċi – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Sorijiet Karmelitani ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù (Kerċem) – Beata Marija Crocifissa Curcio, fundatriċi – Tifkira O (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Elizabetta kienet bint Pietru III, ir-re tal-Aragonja. Twieldet fl-1271 u żżewġet lir-re tal-Portugal, u kellha żewġt itfal. Ħabirket ħafna għall-paċi u tat għajnuna kbira lill-foqra. Wara l-mewt ta' żewġha riedet tidħol mal-Klarissi fil-kunvent li waqqfitilhom f'Coimbra, imma saret Terzjarja Franġiskana. Mietet fl-4 ta' Lulju 1336 f'Estremoz, fejn marret biex iġġib il-paċi bejn binha u ħatnu. Il-qabar tagħha jinsab fil-knisja tal-monasteru mwaqqaf minnha.

# Il-Ġimgħa • Lulju 2024 05

**tat-tlettax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Sant'Anton Marija Zaccaria, presbiteru – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** Għam 8, 4-6.9-12 Nibgħat il-ġuħ fl-art, mhux il-ġuħ tal-ħobż, iżda għas-smigħ tal-kelma tal-Mulej.
- **SR** 118 (119), 2.10.20.30.40.131 Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.
- **E** Mt 9, 9-13 It-tabib ma jeħtiġuhx dawk li huma f'saħħithom, iżda l-morda. Ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-qaddisin irġiel: għall-edukaturi jew għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Anton Marija Zaccaria twieled fi Cremona, l-Italja, fl-1502; sar tabib, u mbagħad ġie ordnat saċerdot u waqqaf il-Kongregazzjoni tal-Kjeriċi Regolari ta' San Pawl jew Barnabiti fl-1530. Miet fl-1539.

# 06 Is-Sibt • Lulju 2024

**tat-tlettax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **Santa Marija Goretti, verġni u martri – Tifkira (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Għam 9, 11-15 Irreġġa' l-poplu tiegħi Iżrael għal li kien, u nħawwilhom f'arthom.
- **SR** 84 (85), 9.11-12.13-14 Il-Mulej is-sliem ixandar, għall-poplu tiegħu.
- **E** Mt 9, 14-17 Huwa l-mistednin tal-għarus se jsewdu qalbhom sakemm l-għarus ikun għadu magħhom?

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna jew martri jew tal-verġni [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Twieldet f'Corinaldo, l-Italja, fl-1890, minn familja fqira. Għaddiet tfulitha tgħin lil ommha d-dar; kellha ġibda kbira għat-tjieba u kienet titlob ħafna. Fl-1902 sfat vittma ta' attentat ta' stupru u sofriet ġrieħi li wassluha għall-mewt biex tħares is-safa tagħha. Ftit qabel mietet ħafret lil min qatilha. Iż-żagħżugħ intbagħat il-ħabs fejn għadda minn konverżjoni tal-qalb u sar fratell kapuċċin. Kien preżenti għall-kanonizazzjoni ta' Santa Marija Goretti fl-1950.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-erbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-erbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Lulju 2024 07

**L-erbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-erbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Eżek 2, 2-5 Nies ta' ras iebsa huma; ħa jkunu jafu li hemm profeta ġo nofshom.
- **SR** 122, 1-4 Għajnejna lejn il-Mulej, sa ma jkollu ħniena minna.
- **2L** 2 Kor 12, 7-10 Niftaħar b'dak li hu dgħajjef fija, biex tistrieħ fuqi l-qawwa ta' Kristu.
- **E** Mk 6, 1-6 Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f'pajjiżu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# 08 It-Tnejn • Lulju 2024

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ħos 2, 16-17b.18.21-22 Għal dejjem ngħarrsek miegħi.
- **SR** 144 (145), 2-3.4-5.6-7.8-9 Twajjeb u ħanin il-Mulej.
- **E** Mt 9, 18-26 Binti iss’issa għadha kemm mietet. Imma int ejja, u hija tgħix.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salterju tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.J. – Beatu Adrijanu Fortescue, martri – Tifkira O (aħmar)
- F.M.M. – Santa Marija Ermellina ta’ Ġesù u sitt sħabha, martri taċ-Ċina – Tifkira O (aħmar)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – San Girgor Grassi, isqof, Santa Erminja, verġni, u sħabhom, martri – Tifkira (aħmar)

Djoċesi ta’ Għawdex
- Kerċem (Knisja Parrokkjali) – Il-Madonna tas-Sokkors Perpetwu – Solennità (abjad)

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)** *jew*
**Santu Wistin Zhao Rong, presbiteru, u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ħos 8, 4-7.11-13 Ladarba huma jiżirgħu r-riħ, għad jaħsdu r-riefnu.
- **SR** 113b (115), 3-4.5-6.7ab-8.9-10 Iżrael ittama fil-Mulej.
- **E** Mt 9, 32-38 Il-ħsad huwa kbir, iżda l-ħaddiema ftit.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-martri (għal aktar minn wieħed) [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. (B'kara) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.P. – San Ġwann minn Kolonja, presbiteru, u sħabu, martri – Tifkira O (aħmar)
  *jew* Il-Qaddisin Franġisk Fernandez de Capillas, presbiteru, Pietru Sanz, Isqof, Wistin Zhao Rong, presbiteru u Marija Zhu Wu u sħabhom, martri – Tifkira (aħmar)
- S.J. – San Ljun Mangin, presbiteru u Marija Zhu Wu u sħabhom, martri – Tifkira O (aħmar)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – San Nikola Pick, u sħabu, martri – Tifkira O (aħmar)
- O.Carm. – Beata Ġwanna Scopelli, verġni – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Wistin twieled fiċ-Ċina fl-1746; wara żmien fl-eżerċtu tal-imperatur, il-perseveranza tal-qaddisin martri qanqlitu biex iħaddan il-fidi nisranija; ġie ordnat saċerdot, u fl-1815 sofra l-martirju għax stqarr u xandar l-Evanġelju. Flimkien miegħu llum jitfakkru ħafna martri oħra, isqfijiet, saċerdoti, reliġjużi u lajċi rġiel u nisa, żgħażagħ u tfal, li tħabtu ħafna biex bil-kliem u bl-għemil jagħtu xhieda għal Kristu f'bosta nħawi taċ-Ċina. Santu Wistin u dawk li sofrew il-martirju fiċ-Ċina bejn l-1648 u l-1930 ġew ikkanonizzati mill-papa Ġwann Pawlu II fis-sena 2000.

# 10 L-Erbgħa • Lulju 2024

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ħos 10, 1-3.7-8.12 Wasal żmien li tfittxu l-Mulej.
- **SR** 104 (105), 2-3.4-5.6-7 Fittxu wiċċ il-Mulej il-ħin kollu.
- **E** Mt 10, 1-7 Fittxu n-nagħaġ il-mitlufa tad-dar ta' Iżrael.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salterju tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. – Santa Veronika Giuliani, verġni – Festa (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – Santa Veronika Giuliani, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.C.D. -San Enriku – Tifkira (abjad)

# Il-Ħamis • Lulju 2024 11

**San Benedittu, abbati u patrun tal-Ewropa – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Prov 2, 1-9 Iftaħ qalbek għall-għaqal.
- **SR** 33, 2-4.6.9.12.14-15 Kull ħin inbierek il-Mulej.
- **E** Mt 19, 27-29 Intom li ħallejtu kollox u ġejtu warajja, terġgħu tirċievu kollox għal mitt darba iktar.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi, minbarra l-partijiet li jinsabu fil-Proprju tal-Qaddisin [B]. Fit-Talb ta’ Nofs il-Jum antifona u salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. – San Benedittu, abbati – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Benedittu twieled f’Norcia, fl-Umbrja, għall-ħabta tas-sena 480; studja f’Ruma, u qabad ħajja ta’ eremita fl-inħawi ta’ Subiaco, fejn ġabar xi dixxipli madwaru; imbagħad mar Cassino. Hemm bena monasteru u kiteb regola li tferrxet ma’ kullimkien. Bir-raġun kollu jissejjaħ missier il-monastiċiżmu tal-Punent. Miet fil-21 ta’ Marzu tas-sena 547. Ġie maħtur patrun tal-Ewropa mill-papa Pawlu VI minħabba l-influwenza tiegħu fil-bini tal-Ewropa Nisranija.

# 12 Il-Ġimgħa • Lulju 2024

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ħos 14, 2-10 Lanqas ma ngħidu iżjed «alla tagħna" lil xogħol idejna.
- **SR** 50 (51), 3-4.8-9.12-13.14 u 17 Fommi jxandar it-tifħir tiegħek.
- **E** Mt 10, 16-23 Mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta' Missierkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salterju tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. – San Ġwann Gwalbertu – Tifkira O (abjad)
- O.S.J. – Beatu David Gunston, martri – Tifkira O (aħmar)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – San Ġwann Jones u San Ġwann Wall, presbiteri, martri – Tifkira (aħmar)
- O.Carm.; O.C.D. – San Lwiġi Martin u Santa Marija Żelja Guerin, lajċi – Tifkira (abjad)

**tal-erbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)** *jew*
**L-Imqaddsa Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)** *jew*
**San Enriku – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Is 6, 1-8 Bniedem b'xufftejh imniġġsa jien! Madankollu rajt b'għajnejja lis-Sultan, il-Mulej tal-eżerċti.
- **SR** 92 (93), 1ab.1ċ-2.5 Il-Mulej isaltan; il-kobor libes.
- **E** Mt 10, 24-33 Tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna jew tal-qaddisin irġiel [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Enriku twieled fil-Bavarja fis-sena 972; meta miet missieru, laħaq duka minfloku, u mbagħad ħatruh imperatur. Il-ħidma tiegħu dehret ħafna bħala mexxej ġust, difensur tal-Knisja, ħabib tal-foqra u xempju ta' virtù. Waqqaf bosta djoċesijiet u ta għajnuna finanzjarja lil ħafna monasteri. Miet fl-1024.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. – Santa Tereża ta' Ġesù Fernandez Solar, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.Carm. – Santa Tereża ta' Ġesù ta' Los Andes, verġni – Tifkira (abjad)
- O.F.M. – Beatu Manwel Ruiz u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ħmistax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ħmistax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

# 14 Il-Ħadd • Lulju 2024

**Il-ħmistax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-ħmistax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Għam 7, 12-15 Mur, ħabbar lill-poplu tiegħi.
- **SR** 84, 9-14 Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek.
- **2L** Ef 1, 3-14 (3-10) Għażilna fih sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.
- **E** Mk 6, 7-13 Il-missjoni tal-appostli.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# It-Tnejn • Lulju 2024 15

**San Bonaventura, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** Is 1, 10-17 Inħaslu u tnaddfu, neħħu l-ħażen ta' għemilkom minn quddiem għajnejja, ieqfu mill-ħażen.
- **SR** 49 (50), 8-9.16bċ-17.21 u 23 Lil min jimxi bis-sewwa nurih is-salvazzjoni ta' Alla.
- **E** Mt 10, 34 – 11, 1 Ġejt inġib mhux il-paċi, imma s-sejf.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Salterju tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Monasteru S. Katerina (Belt) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Bonaventura, isqof u duttur tal-Knisja – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bonaventura twieled għall-ħabta tal-1221 f'Bagnoregio, l-Italja. Daħal fl-Ordni tal-Franġiskani Minuri, studja l-filosofija u t-teoloġija f'Pariġi, u flimkien ma' San Tumas d'Aquino għallem lil ħutu r-reliġjużi. Għażluh Ministru Ġenerali tal-Ordni u mexxieh b'għaqal u għerf. Kiteb ħafna opri mimlijin għerf u spiritwalità. Il-papa Girgor X ħatru kardinal u isqof ta' Albano, u riedu jħejji xi materji biex ikunu ttrattati fit-Tieni Konċilju Ekumeniku ta' Lyons, li fih ħa sehem kbir. Miet f'Lyons fl-1274 qabel ma spiċċa l-Konċilju. Magħruf bħala d-duttur serafiku.

# 16 It-Tlieta • Lulju 2024

**L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Slat 18, 42-45 Elija jitlob għax-xita.
- **SR** 14, 1-4 Nimxu warajk kull fejn teħodna, Verġni Marija.
  *Jew*
- **1L** Żakk 2, 14-17 Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena, bint Sijon.
- **SR** Lq 1, 46-55 Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar.

- **E** Ġw 19, 25-27 Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib, ommu. *Jew*
  Mt 12, 46-50 Medd idu lejn id-dixxipli u qal: "Dawn, ara, huma ommi u ħuti".

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira [Ċ] mill-Komun tal-Madonna. L-Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Gżira; Fleur-de-lys – L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu – Solennità (abjad)
- O.Carm.; O.C.D. – Tifkira Solenni tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmel (abjad)
- Żejtun (Kappella ta' Ġesù Nazzarenu) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Knisja tal-Madonna tal-Karmnu "ta' Ħamet"); Xlendi – L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Bibbja tfaħħar il-ġmiel tal-Karmelu, fejn il-profeta Elija tħabat biex iħares is-safa tal-fidi ta' Iżrael f'Alla l-ħaj. Fis-seklu 12 xi eremiti marru jgħixu fl-istess muntanja u mbagħad waqqfu Ordni ta' ħajja kontemplattiva taħt il-patroċinju ta' Marija, l-Omm imqaddsa ta' Alla. Il-festa hi marbuta ma' dehra li saret lil San Xmun Stock fis-16 ta' Lulju 1251. Il-labtu, simbolu tal-libsa tal-karmelitani, jfakkar fl-għajnuna materna ta' Marija b'mod speċjali fil-ħin tal-mewt.

**tal-ħmistax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Is 10, 5-7.13-16 Forsi qatt ftaħret il-mannara kontra min iqaċċat biha?
- **SR** 93 (94), 5-6.7-8.9-10.14-15 Il-Mulej ma jitlaqx il-poplu tiegħu.
- **E** Mt 11, 25-27 Dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salterju tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. – Beata Tereża ta' Santu Wistin Lidoine u sħabha, verġni u martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. – Tifkira tal-aħwa, ġenituri u benefatturi mejtin – Tifkira O (vjola)
- O.Carm. – Beata Tereża ta' Santu Wistin, verġni, u sħabha, martri – Tifkira (aħmar)
- O.S.A. – Beata Maddalena Albrici, verġni – Tifkira (abjad)

# 18 Il-Ħamis • Lulju 2024

**tal-ħmistax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Is 26, 7-9.12.16-19 Jistenbħu u jgħannu dawk li jgħammru fit-trab.
- **SR** 101 (102), 13-14ab u 15.16-18.19-21 Il-Mulej jittawwal mis-sema lejn l-art.
- **E** Mt 11, 28-30 Jiena ta' qalb ħelwa u umli.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salterju tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. – San Xmun minn Lipnica, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.C.D. – Sant'Apollinaris, isqof u martri – Tifkira (aħmar)

# Il-Ġimgħa • Lulju 2024 19

**tal-ħmistax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Is 38, 1-6.21-22.7-8 Jien smajt it-talba tiegħek, rajt id-dmugħ tiegħek.
- **SR** Iż 38, 10·11·12abċd·16 Mulej, int salvajtli 'l ħajti mill-ħofra tal-qerda·
- **E** Mt 12, 1-8 Bin il-bniedem huwa Sid is-Sibt.

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-ġurnata [E]. Salterju tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Baħrija – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.F.M. – San Ġwann minn Dukla, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.C.D. – Santa Brigida, reliġjuża – Tifkira (abjad)

# 20 Is-Sibt • Lulju 2024

**tal-ħmistax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **Sant'Apollinaris, isqof u martri – Tifkira (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna jew tal-Martri jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Mik 2, 1-5 Jekk jitlebilbu għall-għelieqi, jisirquhom; jekk għad-djar jaħtfuhom.
- **SR** 9 (10), 22-23.24-25.28-29.35 Mulej la tinsihomx lill-imsejknin.
- **E** Mt 12, 14-21 Ordnalhom bis-sħiħ biex ma jurux min kien, biex hekk iseħħ dak li kien ingħad.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna jew tal-martri jew tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Monasteru S. Margerita (Bormla) – Santa Margerita, verġni u martri – Solennità (aħmar)
- O.Carm. – San Elija, profeta u missier tagħna – Solennità (aħmar)
- O.C.D. – San Elija, profeta u missier tagħna – Festa (aħmar)

Djoċesi ta' Għawdex
- Sannat (Knisja Parrokkjali) – Santa Margerita, verġni u martri – Solennità (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Apollinaris, probabilment kien minn Antijokja u għex bejn l-ewwel u t-tieni seklu; inħatar bħala l-ewwel isqof ta' Ravenna fejn skont it-tradizzjoni sofra l-martirju.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-sittax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-sittax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Lulju 2024 21

**Is-sittax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-sittax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Ġer 23, 1-6 Niġbor il-bqija tan-nagħaġ tiegħi, u nqiegħed fuqhom rgħajja.
- **SR** 22, 1-6 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.
- **2L** Ef 2, 13-18 Hu l-paċi tagħna, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed.
- **E** Mk 6, 30-34 Kienu qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

# 22 It-Tnejn • Lulju 2024

**Santa Marija Maddalena – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju proprju. [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Għan 3, 1-4a Sibt lil dak li qalbi tħobbu. *jew*
  2 Kor 5, 14-17 Issa lil Kristu ma nagħarfuhx aktar bil-għajnejn tal-ġisem.
- **SR** 62, 2-6.8-9 Għalik għatxana ruħi, Mulej, Alla tiegħi.
- **E** Ġw 20, 1-2.11-18 Mara, għaliex qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex?

**Liturġija tas-Sigħat**
tal-festa [B]. Uffiċċjatura proprja u mill-Komun tal-qaddisin nisa. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, antifoni proprji u salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Fl-Għasar antifoni proprji u salmodija mill-Komun tal-Qaddisin. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Marija ta' Magdala kienet waħda mid-dixxipli ta' Kristu, ratu jmut fuq is-salib, u kmieni filgħodu nhar l-Għid stħaqqilha tkun l-ewwel waħda li ratu rxoxtat. Il-kult tagħha daħal fil-Knisja tal-Punent fis-seklu tnax.

# It-Tlieta • Lulju 2024 23

**Santa Briġida, reliġjuża u patruna tal-Ewropa – Festa (abjad)**

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Kurja (Furjana) – Dedikazzjoni tal-kappella ta' San Kalċedonju – Solennità (abjad)
- O.C.D. – L-Imqaddsa Verġni Marija, Omm il-Grazzja Divina – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. (Monasteru Santa Klara) – Santa Kunegunda, reliġjuża – Tifkira (abjad)

**Quddiesa**

tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Gal 2, 19-20 (p.151) Ngħix, imma mhux jien, iżda Kristu jgħix fija.
- **SR** 33, 2-11 (p. 136) Kull ħin inbierek il-Mulej.
- **E** Ġw 15, 1-8 (p. 173) Min jibqa' fija, u jien fih, dan jagħmel ħafna frott.

**Liturġija tas-Sigħat**

Uffiċċju tal-festa, mill-Komun tal-qaddisin nisa: għar-reliġjużi [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**

Santa Briġida twieldet fl-Isvezja fl-1303; iżżewġet żagħżugħa u kellha żwieġ hieni li fih twieldu u trabbew tmint itfal, fosthom Santa Katerina tal-Isvezja. Daħlet terzjarja franġiskana u meta romlot ingħatat għal ħajja aktar axxetika. Imbagħad waqqfet Ordni reliġjuż. Kienet eżempju ta' virtujiet kbar għal kulħadd u kellha rivelazzjonijiet mistiċi. Ħadmet biex il-papa jerġa' jmur lura f'Ruma minn Avignon. Wara pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa reġgħet lura Ruma, fejn mietet fl-1373. Il-papa Ġwann Pawlu II ħatarha patruna tal-Ewropa fl-1999.

# 24 L-Erbgħa • Lulju 2024

**tas-sittax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Xarbel Makhluf, presbiteru – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin Reliġjużi u Verġni [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ġer 1, 1.4-10 Jien qegħedtek profeta fuq il-ġnus.
- **SR** 70 (71), 1-2.3-4a.5-6ab.15ab u 17 Mulej, fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek.
- **E** Mt 13, 1-9 Xi żerrigħat waqgħu f'art tajba, u għamlu l-frott.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ] mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Kurja (Furjana) – San Kalċedonju, martri – Tifkira O (aħmar)
- O.F.M. (Monasteru Santa Klara) – Beata Ludovika ta' Savoia, reliġjuża – Tifkira (abjad)
- O.Carm. – Beatu Ġwann Soreth, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.C.D. – Beati Marija Pilar ta' San Franġisk Borgia Martinez Garcia, Marija ta' Sant'Alwiġi Gonzaga Moragas Cantarero, u sħabhom. verġni u martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. Conv. – Beatu Anton Lucci, isqof – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Xarbel (Charbel) Makhlüf twieled f'Bekaa Kafra fil-Libanu fl-1828. Daħal fl-Ordni tal-Maroniti Libaniżi u ħa l-isem ta' Xarbel. Sar saċerdot u beda ħajja ta' solitudni stretta u perfezzjoni kbira. Mill-monasteru ta' Annaja mar fl-eremitaġġ fejn għex il-bqija ta' ħajtu fit-tgħakkis, fis-sawm u t-talb lil Alla. Miet fl-24 ta' Diċembru 1898.

# Il-Ħamis • Lulju 2024 25

**San Ġakbu, appostlu – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 2 Kor 4, 7-15 F'ġisimna qegħdin dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesù.
- **SR** 125, 1-6 Min jiżra' fid-dmugħ jaħsad bil-ferħ.
- **E** Mt 20, 20-28 Il-kalċi tiegħi tixorbuh.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa mill-Komun tal-appostli minbarra l-partijiet proprji [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Lija – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Knisja ta' San Ġakbu) – San Ġakbu, appostlu – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġakbu l-Kbir twieled f'Betsajda, bin Żebedew; kien imsejjaħ mill-Mulej flimkien ma' ħuħ Ġwanni biex jimxi warajh. Flimkien ma' Pietru u Ġwanni kien xhud tat-trasfigurazzjoni tal-Mulej u tal-agunija tiegħu fil-Ġetsemani. Erodi tah il-martirju għall-ħabta tas-sena 44. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu miqjuma f'Compostella, Spanja, post ta' devozzjoni għal ħafna Nsara.

# 26 Il-Ġimgħa • Lulju 2024

**San Ġwakkin u Sant’Anna, ġenituri tal-Imqaddsa Verġni Marija – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ġer 3, 14-17 Nagħtikom rgħajja għal qalbi: f’Ġerusalemm jinġabru l-ġnus kollha.
- **SR** Ġer 31, 10.11-12ab.13 Il-Mulej iħarisna kif ragħaj iħares il-merħla tiegħu.
- **E** Mt 13, 18-23 Dak li jisma’ l-Kelma u jifhimha, hu jagħmel il-frott.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira [Ċ] mill-Komun tal-qaddisin irġiel minbarra l-partijiet proprji. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Wied il-Għajn – Sant’Anna, omm il-Verġni Marija – Solennità (abjad)
- O.Carm. (Santa Venera) – Santa Venera, martri – Solennità (aħmar)
- O.Carm. – San Ġwakkin u Sant’Anna, Protetturi tal-Ordni – Tifkira O (abjad)

Djoċesi ta’ Għawdex
- Belt Vittorja (Knisja tal-Madonna tal-Karmnu “ta’ Ħamet”) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1952) – Solennità (abjad)
- San Lawrenz (Knisja ta’ Sant’Anna, Dwejra) – Sant’Anna, omm il-Verġni Marija – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Skont tradizzjoni antika li ġejja minn xi Lhud li saru Nsara, Ġwakkin u Anna kienu l-ismijiet tal-ġenituri tal-Verġni mqaddsa Marija. Ifakkruna li l-Verb sar bniedem fi ħdan familja tal-bnedmin. Id-devozzjoni tagħna lejhom hi marbuta mal-imħabba tagħna lejn Marija u l-Iben Divin tagħha.

**tas-sittax-il ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f’Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ġer 7, 1-11 Huwa din id-dar li fuqha ssejjaħ ismi, saret xi għar tal-ħallelin f’għajnejkom?
- **SR** 83 (84), 3.4.5-6a u 8a.11 Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti!
- **E** Mt 13, 24-30 Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta’ Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.Carm.; O.C.D. – San Titu Brandsma, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. (Monasteru Santa Klara); O.F.M. Cap. – Beata Marija Madalena Martinengo, verġni – Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-sbatax-il Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-sbatax-il Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena. Antifona proprja għall-Magnificat għas-sena B. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# 28 Il-Ħadd • Lulju 2024

**Is-sbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-sbatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** 2 Slat 4, 42-44 Jieklu, u jibqgħalhom iż-żejjed.
- **SR** 144, 10-11.15-18 Iftaħ idek, Mulej: ferraħna bil-ġid li tagħtina.
- **2L** Ef 4, 1-6 Ġisem wieħed, Mulej wieħed, magħmudija waħda.
- **E** Ġw 6, 1-15 Qassam, u kulħadd ħa kemm ried.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

# It-Tnejn • Lulju 2024 29

**Santa Marta, Santa Marija u San Lazzru – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju komun jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Ġw 4, 7-16 Jekk inħobbu 'l xulxin, Alla jgħammar fina.
- **SR** 33, 2-11 Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.
- **E** Ġw 11, 19-27 Jien nemmen li inti l-Messija, l-Iben ta' Alla. *jew* Lq 10, 38-42 Marta, inti tieħu rasek u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin minbarra l-partijiet proprji [Ċ]. Innijiet fl-Uffiċċju tal-Qari, fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar proprji. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – Santa Marta, Santa Marija, San Lazzru, li laqgħu għandhom lill-Mulej – Tifkira O (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Knisja ta' Santa Marta) – Santa Marta – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Marta, oħt Marija u Lazzru, laqgħet lill-Mulej f'Betanja, qdietu bil-qalb u hu ħeġġiġha biex tgħaqqad ix-xogħol tagħha mal-ħajja ta' talb. Bit-talb tagħha qalgħet il-grazzja tal-qawmien ta' ħuha mill-mewt.

# 30 It-Tlieta • Lulju 2024

**tas-sbatax-il ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Pietru Krisologu, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**

- **1L** Ġer 14, 17-22 Ftakar! Tiksirx il-patt li għamilt magħna.
- **SR** 78 (79), 8.9.11 u 13 F’ġieħ is-sebħ tal-isem tiegħek Mulej, eħlisna.
- **E** Mt 13, 36-43 Bħalma s-sikrana jiġbruha u jaħarquha fin-nar, hekk isir fi tmiem id-dinja.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja jew tad-dutturi [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pietru Krisologu twieled f’Imola, l-Italja, għall-ħabta tas-sena 380; ġie ordnat saċerdot u sar isqof ta’ Ravenna fl-433. Kien mimli ħeġġa pastorali għall-merħla tiegħu u għallimha bil-prietki u l-kitba tiegħu. Miet qrib is-sena 450. Ġie ddikjarat duttur tal-Knisja mill-papa Benedittu XIII fl-1729.

# L-Erbgħa • Lulju 2024 31

**Sant'Injazju ta' Loyola, presbiteru – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ġer 15, 10.16-21 Għaliex għandi nibqa' mnikket għal dejjem?
- **SR** 58 (59), 2-3.4-5a.10-11.17.18 Mulej, int kenn tiegħi f'jum id-dwejjaq.
- **E** Mt 13, 44-46 Imur ibigħ kulma jkollu u jixtri dik l-għalqa.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi minbarra l-partijiet proprji [Ċ]. Innu fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar proprju. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji.  Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. – Sant'Injazju ta' Loyola, presbiteru u fundatur tal-Kumpanija ta' Ġesù – Solennità (abjad)
- Kurja tal-Arċisqof (Furjana) – Sant'Injazju ta' Loyola – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Injazju twieled f'Loyola, fi Spanja fl-1491; għamel żmien fil-qorti tas-sultan u fis-servizz militari; kien ferut f'Pamplona fl-1521; waqt il-konvalexenza dar lejn Alla u kiteb l-eżerċizzi spiritwali; mar jistudja t-teoloġija f'Pariġi, fejn ġabar madwaru l-ewwel sħab tiegħu, li bihom imbagħad f'Ruma waqqaf is-Soċjetà ta' Ġesù. Għamel appostolat kbir bil-kitba u t-tagħlim tiegħu, u ħabrek kemm felaħ għat-tiġdid tal-Knisja. Miet f'Ruma fl-1556.

# 01 Il-Ħamis • Awwissu 2024

**Sant'Alfons Marija de' Liguori, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ġer 18, 1-6 Bħalma hu t-tafal f'idejn il-fuħħari, hekk intom f'idejja, dar Iżrael.
- **SR** 145 (146), 2abċ.2d-4.5-6 Hieni min f'Alla ta' Ġakobb isib l-għajnuna tiegħu.
- **E** Mt 13, 47-53 Jiġbru fil-kannestri dak li hu tajjeb u jarmu l-ħażin.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- B'Buġia – San Pietru appostlu *in vinculis* – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Alfons Marija de' Liguori twieled f'Napli fl-1696; sar avukat, u mbagħad ġie ordnat qassis u waqqaf il-Kongregazzjoni tar-Redentoristi. Ħadem ħafna biex iħeġġeġ il-poplu għall-ħajja nisranija, kemm bil-prietki u kemm bil-kitba tiegħu, l-aktar fil-morali, li fiha huwa tabilħaqq l-imgħallem. Sar isqof ta' Sant'Agata dei Goti fl-1762, iżda mbagħad ħalla dan l-uffiċċju u reġa' lura għand il-patrijiet tiegħu ta' Nocera dei Pagani, fejn miet fl-1787. Ġie ddikjarat duttur tal-Knisja mill-papa Piju IX fl-1871.

# Il-Ġimgħa • Awwissu 2024 02

**tas-sbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Ewsebju, isqof ta' Vercelli -Tifkira (abjad)**
*jew* **San Pietru Ġiljan Eymard, presbiteru – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ġer 26, 1-9 Il-poplu kollu nġabar madwar Ġeremija fit-tempju tal-Mulej.
- **SR** 68 (69), 5.8-10.14 O Alla, weġibni, fil-kobor ta' tjubitek.
- **E** Mt 13, 54-58 Dan mhuwiex bin il-mastrudaxxa? Mnejn ġieh dan kollu?

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. (Baħar iċ-Ċagħaq) – L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Anġli tal-Porzjunkula – Solennità (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Anġli tal-Porzjunkula – Festa (abjad)
- S.J. – San Pietru Faber, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.P. – Beata Ġwanna ta' Aza, omm Missierna San Duminku – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – Beatu Ġwann minn Rieti, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Beatu Awgustu Czartoryski, presbiteru – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ewsebju twieled f'Sardinja għall-bidu tas-seklu 4; daħal kjeriku f'Ruma u sar l-ewwel isqof ta' Vercelli fis-sena 340. Xerred ir-reliġjon bil-predikazzjoni tiegħu u daħħal il-ħajja monastika fid-djoċesi tiegħu. Minħabba l-fidi kien eżiljat mill-imperatur Kustanz u bata ħafna. Meta reġa' lura mill-eżilju, ħadem bis-sħiħ kontra l-Arjani. Miet f'Vercelli fis-sena 371.

San Pietru Ġiljan Eymard twieled f'La Mure fl-1811. Ġie ordnat presbiteru fl-1834. Għall-ewwel kien jagħmel parti mill-kleru djoċesan, iżda mbagħad ingħaqad mas-Soċjetà ta' Marija. Xerred ħafna tagħlim dwar l-Ewkaristija u waqqaf żewġ kongregazzjonijiet – waħda għall-irġiel u l-oħra għan-nisa – biex ikabbar u jħeġġeġ id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija. Miet fir-raħal ta' La Mure qrib Grenoble fi Franza fl-1868.

# 03 Is-Sibt • Awwissu 2024

**tas-sbatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien
ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/1**
- **1L** Ġer 26, 11-16.24 Hu tassew il-Mulej li bagħatni għandkom biex insemmgħalkom f'widnejkom dawn il-ħwejjeġ kollha.
- **SR** 68 (69), 15-16.30-31.33-34 O Alla, fil-kobor ta' tjubitek weġibni.
- **E** Mt 14, 1-12 Erodi bagħat jaqta' ras Ġwanni u d-dixxipli tiegħu marru jagħtu l-aħbar lil Ġesù.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D.- San Sistu II, papa, u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)
  *jew* San Gejtanu, presbiteru – Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tmintax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tmintax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona proprja għall-Magnificat għas-sena B. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Awwissu 2024 04

**It-tmintax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tmintax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Eżodu 16, 2-4.12-15 Nibgħatilkom xita ta' ħobż mis-sema.
- **SR** 77, 3.4.23-25.54 Il-Mulej tahom il-qamħ mis-sema.
- **2L** Ef 4, 17.20-24 Ilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla.
- **E** Ġw 6, 24-35 Min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-ġuħ, u min jemmen fija ma jkun qatt bil-għatx.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Arċidjoċesi ta' Malta

- L-anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Isqof Joseph Galea-Curmi (2018).

# 05 It-Tnejn • Awwissu 2024

**tat-tmintax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)** *jew* **Id-Dedikazzjoni tal-Bażilka ta' Santa Marija Maggiore, f'Ruma – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Ġer 28, 1-17 Ħananija, ma kienx il-Mulej li bagħtek, imma int ġagħalt lil dan il-poplu jittama f'gidba.
- **SR** 118 (119), 29.43.79.80.95.102 Għallimni, Mulej il-kmandamenti tiegħek.
- **E** Mt 14, 13-21 Rafa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newluhom lin-nies.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Jekk issir it-tifkira tad-Dedikazzjoni, antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. (M'Xlokk); O.P. (Rabat) – Il-Madonna tas-Silġ – Solennità (abjad)
- O.F.M. – Beatu Federiku Jansoone, presbiteru – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Kerċem (Knisja ta' Santa Luċija) – Il-Madonna tas-Silġ – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Wara li l-Konċilju ta' Efesu (431) stqarr li Omm Ġesù hi Omm Alla, il-papa Sistu III iddedika l-bażilka fuq l-Eskwilin, f'Ruma, lill-Imqaddsa Omm Alla. Din il-bażilka hi meqjusa bħala l-ewwel waħda fost il-knejjes iddedikati lill-Madonna għalhekk saret magħrufa bħala "Santa Maria Maggiore".

# It-Tlieta • Awwissu 2024 06

**It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Dan 7, 9-10.13-14 Ibiesu abjad silġ.
  *jew*
  2 Piet 1, 16-19 Smajna dan il-leħen ġej mis-sema.
- **SR** 96, 1-2.5-6.9 Il-Mulej isaltan, hu 'l fuq mill-art kollha.
- **E** Mk 9, 2-10 Dan hu ibni: isimgħu lilu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja, salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Lija – It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, martri) – It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
It-trasfigurazzjoni tal-Muej fuq il-muntanja Tabor seħħet biex issaħħaħ il-fidi tal-appostli Pietru, Ġakbu u Ġwanni, minħabba ż-żmenijiet iebsa li kienu riesqa. Bin il-Bniedem kien ser jiġi maqtul u għalhekk kulma kien ser jidher kienet id-dgħufija, l-umiljazzjoni u t-tbatija. Iżda t-trasfigurazzjoni turi li lil hinn mill-mistħija tas-salib hemm id-dawl u l-glorja tal-Qawmien: u lid-dixxipli u lilna turina d-divinità ta' Kristu – Dawl minn Dawl – u ddewwaqna l-glorja tas-sema.

# 07 L-Erbgħa • Awwissu 2024

**tat-tmintax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Sistu II, papa, u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)**
*jew* **San Gejtanu, presbiteru – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Ġer 31, 1-7 Bi mħabba ta' dejjem ħabbejtek.
- **SR** Ġer 31, 10.11-12ab.13 Il-Mulej iħarisna kif ragħaj iħares il-merħla tiegħu.
- **E** Mt 15, 21-28 Mara, il-fidi tiegħek kbira!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Ħamrun (San Gejtanu) – San Gejtanu, presbiteru – Solennità (abjad)
- O.Carm. – Sant'Albertu ta' Trapani, presbiteru – Festa (abjad)
- M.S.S.P. – San Gejtanu, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.C.D. – Sant'Albertu ta' Trapani, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beatu Agatanġlu minn Vendome u Beatu Kassjan minn Nantes, presbiteri martri – Tifkira (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Sistu sar papa fis-sena 257; is-sena ta' wara, huwa u jiċċelebra l-liturġija mqaddsa f'wieħed mill-katakombi ta' Ruma, is-suldati, bl-ordni tal-imperatur Valerjanu, arrestawh flimkien ma' sitt djakni Rumani u minnufih qatluhom. Difnuh fiċ-ċimiterju ta' San Kallistu.

San Gejtanu dei Conti di Thiene twieled f'Vicenza fl-1480. Beda karriera fil-professjoni legali u waqaf biex isir saċerdot. Ġie ordnat presbiteru fl-1516 u waqqaf f'Ruma s-soċjetà tal-Kjeriċi Regolari (Teatini) li ħadmet ħafna għall-formazzjoni tal-kleru. Ma kienx jieqaf mit-talb u mill-opri ta' karità mal-proxxmu. Miet f'Napli fl-1547.

# Il-Ħamis • Awwissu 2024 08

**San Duminku, presbiteru – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Ġer 31, 31-34 Jien nagħmel patt ġdid u ħtijiethom aktar ma niftakarhomx.
- **SR** 50 (51), 12-13.14-15.18-19 Oħloq fija qalb safja, o Alla.
- **E** Mt 16, 13-23 Inti Pietru. Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi minbarra l-partijiet proprji [Ċ]. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. – San Duminku missierna, presbiteru – Solennità (abjad)
- O.F.M. Conv.; O.F.M.; O.F.M. Cap. – Missierna San Duminku, presbiteru u fundatur tal-Ordni tal-Predikaturi – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Duminku twieled f'Caleruega, Spanja, għall-ħabta tal-1170. Studja t-teoloġija f'Valencia u sar kanonku tal-Knisja ta' Osma. Ħadem u għamel ġid kbir bl-eżempji qaddisa tiegħu u bil-predikazzjoni kontra l-Albiġiżi. Biex din il-ħidma tissokta, ġabar madwaru 'l xi wħud u waqqaf l-Ordni tal-Predikaturi. Miet f'Bologna fis-6 ta' Awwissu 1221.

# 09 Il-Ġimgħa • Awwissu 2024

**Santa Tereża Benedetta tas-Salib, verġni u martri, patruna tal-Ewropa – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Verġni jew tal-Martri [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Ħos 2, 16b.17b.21-22 (p 120) Għal dejjem ngħarrsek miegħi.
- **SR** 44, 11-12.14-17 (p 120) Oħorġu ilqgħu lil Kristu l-Mulej.
- **E** Mt 25, 1-13 (p 125) Il-Għarus ġej: oħorġu ilqgħuh.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa mill-Komun tal-verġni jew tal-martri [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmi tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.Carm.; O.C.D. – Santa Tereża Benedetta tas-Salib, verġni u martri u patruna tal-Ewropa – Festa (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Edith Stein twieldet fi Breslau, dak iż-żmien fil-provinċja Ġermaniża ta' Silesia, illum f'Wroclaw, il-Polonja, fl-1891; kienet il-ħdax-il wild f'familja Lhudija, u wriet ħila tal-għaġeb fil-filosofija. Wara li qrat il-bijografija ta' Santa Tereża ta' Ġesù fittxet il-magħmudija, u tgħammdet fl-1922. Ħdax-il sena wara ngħaqdet mas-sorijiet Tereżjani ta' Köln u ħadet l-isem ta' Tereża Benedetta tas-Salib. Fi żmien il-persekuzzjoni Nazista ntbagħtet rifuġjata fil-karmelu ta' Echt fl-Olanda; ġiet arrestata u fl-1942 ittieħdet f'Auschwitz ħdejn Krakow fil-Polonja u qatluha bil-gass. Ġiet ikkanonizzata mill-papa Ġwann Pawlu II li ħatarha wkoll patruna tal-Ewropa.

# Is-Sibt • Awwissu 2024 10

**San Lawrenz, djaknu u martri – Festa (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Martri [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 2 Kor 9, 6-10 Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ.
- **SR** 111, 1-2.5-9 Hieni l-bniedem li jħenn u jislef.
- **E** Ġw 12, 24-26 Min jaqdi lili, lilu Missieri jweġġah.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-festa mill-Komun tal-martri minbarra l-partijiet proprji [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Birgu – San Lawrenz, djaknu u martri – Solennità (aħmar)

Djoċesi ta' Għawdex

- Xlendi (Knisja tal-Madonna tal-Karmnu) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1974) – Solennità (abjad)
- San Lawrenz – San Lawrenz, djaknu u martri – Solennità (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Lawrenz kien wieħed mis-seba' djakni tal-papa Sistu II. Ġie arrestat u mitlub jagħti l-ġid tal-Knisja lill-imperatur Valerjanu. Hu wrieh il-foqra ta' Ruma u qallu li dawn huma t-teżori tal-Knisja. Ingħata l-martirju. Kostantinu l-Kbir bena bażilka fuq il-qabar tiegħu fil-Verano.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tad-dsatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tad-dsatax-il Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

# 11 Il-Ħadd • Awwissu 2024

**Id-dsatax-il Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tad-dsatax-il Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta’ matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** 1 Slat 19, 4-8 Bis-saħħa ta’ dan l-ikel baqa’ miexi sa ma wasal fil-muntanja tal-Mulej.
- **SR** 33, 2-9 Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.
- **2L** Ef 4, 30 – 5,2 Imxu bl-imħabba, bħal Kristu.
- **E** Ġw 6, 41-51 Jien hu l-ħobż tal-ħajja, li niżel mis-sema.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u l-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. (II Ordni) – Santa Klara, verġni – Solennità (abjad)
- Qawra (Knisja S. Franġisk) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

# It-Tnejn • Awwissu 2024 12

**tad-dsatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Santa Ġovanna Franġiska de Chantal, reliġjuża -Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Eżek 1, 2-5.24-28ċ Hekk dehritli x-xbieha tal-glorja tal-Mulej.
- **SR** 148, 1-2.11-12ab.12ċ-14a.14bċd Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek.
- **E** Mt 17, 22-27 Joqtluh, u fit-tielet jum iqum. Is-sudditi meħlusa mit-taxxa.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin nisa: għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.B. (Mdina) – Santa Feliċissima, martri – Tifkira (aħmar)
- O.Carm. – Beatu Isidor Bakanja, martri u miktub fil-Labtu – Tifkira (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Ġovanna Franġiska twieldet f'Dijon, Franza, fl-1572; iżżewġet lill-Baruni de Chantal, u tat lil uliedha trobbija tajba nisranija; wara l-mewt ta' żewġha għażlet lil San Franġisku de Sales bħala direttur spiritwali tagħha, u mxiet ħafna 'l quddiem fit-triq tal-perfezzjoni, l-iżjed bl-opri ta' karità mal-fqar u l-morda; taħt it-tmexxija tiegħu waqqfet il-Kongregazzjoni tal-Viżitazzjoni ta' Marija. Mietet fil-kunvent tagħha ta' Moulins fit-13 ta' Diċembru 1641, u difnuha f'Annecy ħdejn il-qabar ta' San Franġisku de Sales.

# 13 It-Tlieta • Awwissu 2024

**tad-dsatax-il ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Ponzjanu, papa, u Sant'Ippolitu, pesbiteru, martri - Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri jew tar-Ragħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Eżek 2, 8 – 3, 4 Jien kilt il-ktieb, u f'ħalqi ħassejtu ħelu għasel.
- **SR** 118 (119), 14.24.72.103.111.131 Kemm hi ħelwa l-wegħda tiegħek, Mulej!
- **E** Mt 18, 1-5.10.12-14 Araw li ma tonqsux mill-istima lejn xi wieħed minn dawn iż-żgħar.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tar-ragħajja [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- F.S.C. – San Benild Romançon, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beatu Mark minn Aviano, presbiteru – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Għajnsielem (Knisja tal-Madonna ta' Loretu "il-ġdida") – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1989) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Ponzjanu sar papa wara Urbanu I fis-sena 230; Ippolitu kien saċerdot Ruman, magħruf bħala anti-papa għax ma qabilx ma' xi tagħlim tas-suċċessur ta' Pietru. It-tnejn li huma ġew eżiljati f'Sardinja mill-imperatur Massiminu u sofrew il-martirju.


ni- hil est in hómi- ne, ni- hil est innó- xi- um.
Lava quod est sórdi- dum, ri- ga quod est á- ri- dum,
sana quod est sáuci- um. Flecte quod est ri-gi-dum,
fove quod est frí- gi- dum, rege quod est dé- vi- um.
Da tu- is fi- dé- li- bus, in te confi- dénti- bus,
sacrum septená- ri- um. Da virtú- tis mé- ri- tum,
da sa- lú- tis é- xi- tum, da pe- rénne gáudi-
A- men. Alle- lú- ia.

# 14 L-Erbgħa • Awwissu 2024

**San Massimiljan Marija Kolbe, presbiteru u martri – Tifkira O (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Eżek 9, 1-7; 10, 18-22 Għamel il-marka taw fuq ġbin dawk li ssibhom jitniehdu u jitbikkew minħabba l-qżiżijiet kollha li jsiru f'Ġerusalemm.
- **SR** 112 (113), 1-2.3-4.5-6 Ogħla mis-smewwiet hu sebħ il-Mulej.
- **E** Mt 18, 15-20 Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt lura lil ħuk.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ: għall-missjunarji, jew tal-martri [Ċ]. Antifona għall-Benedictus proprja. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Buġibba – San Massimiljan Marija Kolbe, presbiteru u martri – Solennità (aħmar)
- O.F.M. Conv. – San Massimiljan Marija Kolbe, presbiteru u martri – Festa (aħmar)
- O.F.M.; O.F.M. Cap.  – San Massimiljan Marija Kolbe, presbiteru u martri – Tifkira O (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Rajmond Kolbe twieled fis-7 ta' Jannar 1894 qrib Lodz, fil-Polonja, daħal fl-Ordni tal-Franġiskani Minuri Konventwali u ħa l-isem ta' Massimiljanu Marija. Studja f'Ruma, fejn waqqaf il-Milizzja ta' Marija Immakulata. Ġie ordnat saċerdot, u reġa' lura l-Polonja, u waqqaf il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani ta' Marija Immakulata. Imbagħad, wara xi żmien f'Nagasaki, il-Ġappun, għamel appostolat permezz ta' programm bir-radju li kien jinstema' fil-Polonja kollha. Fl-1941 il-Gestapo arrestawh u ħaduh f'Auschwitz, fejn offra ruħu minflok missier ta' familja kkundannat għall-mewt. Fl-14 ta' Awwissu 1941 tawh injezzjoni velenuża u miet. Ġie kkanonizzat mill-papa Ġwann Pawlu II fl-1982.

**Filgħaxija**

**L-Imqaddsa Verġni Marija Mtellgħa s-Sema – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tal-vġili, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju (tal-quddiesa ta' għada) [1].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Kron 15, 3-4.15-16; 16,1-2 Qiegħdu l-arka ta' Alla f'nofs it-tinda.
- **SR** 131, 6-7.9-10.13-14 Qum, Mulej, int u l-Arka tal-qawwa tiegħek.
- **2L** 1 Kor 15, 54-57 Alla tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.
- **E** Lq 11, 27-28 Hieni l-ġuf li ġiebek.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità tal-Imqaddsa Verġni Marija Mtellgħa s-Sema. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

# 15 Il-Ħamis • Awwissu 2024

**L-Imqaddsa Verġni Marija Mtellgħa s-Sema – Solennità (abjad)**
**Festa Kmandata**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [1].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Apok 11, 19a; 12, 1-6a.10ab Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha.
- **SR** 44, 10bc.11-12ab.16 F'lemintek is-Sultana mżejna b'deheb ta' Ofir.
- **2L** 1 Kor 15, 20-26 L-ewwel, Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu.
- **E** Lq 1, 39-56 Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar: għolla ċ-ċkejknin.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija komplimentari. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Knisja Katidrali) – It-Tlugħ is-Sema tal-Verġni Mqaddsa Marija, Patruna speċjali tal-Belt Vittorja u tad-Djoċesi ta' Għawdex, u titular tal-Katidral – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-festa ta' Marija Assunta ilha ssir sa mis-seklu 7 u biż-żmien xterdet fid-dinja kollha; il-papa Piju XII fl-1 ta' Novembru 1950 ipproklama bħala domma ta' fidi t-Tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija bir-ruħ u l-ġisem, il-Mara liebsa x-xemx u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha, ix-Xebba bi lbiesha minsuġ bid-deheb li kollha ġmiel ittieħdet għand is-Sultan tal-glorja.

# Il-Ġimgħa • Awwissu 2024 16

**tad-dsatax-il ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Stiefnu tal-Ungerija -Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Eżek 16, 1-15.60.63 Xejn ma kien jonqsu t-tiżjin li jien qegħedt fuqek, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.
- **SR** Iż 12, 2-3.4bċd.5-6 Il-korla tiegħek reġgħet lura Mulej, u farraġtni.
- **E** Mt 19, 3-12 Kien minħabba l-ebusija ta’ qalbkom li Mosè takom il-permess tibagħtu n-nisa tagħkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin irġiel [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- B’Kara (Knisja ta’ Santu Rokku) – Santu Rokku, konfessur – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Stiefnu twieled fil-Pannonja għall-ħabta tas-sena 975; tgħammed ta’ għaxar snin, meta missieru, id-duka tal-Ungerija sar nisrani, u fis-sena 1001 sar l-ewwel re tal-Ungerija. Mexxa b’qawwa u għerf u ħeġġeġ l-evanġelizazzjoni tal-poplu tiegħu. Waqqaf diversi djoċesijiet. Miet fl-1038. Martu Ġiżella kienet ibbeatifikata fl-1975 u ibnu Emerik hu meqjum ukoll bħala qaddis.

# 17 Is-Sibt • Awwissu 2024

**tad-dsatax-il ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f’Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Eżek 18, 1-10.13b.30-32 Lil kull wieħed minnkom niġġudikah skont imġibtu.
- **SR** 50 (51), 12-13.14-15.18-19 Oħloq fija qalb safja, o Alla.
- **E** Mt 19, 13-15 Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi, għax ta’ min hu bħalhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta’ Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.S.A. – Santa Kjara ta’ Montefalco, verġni – Festa (abjad)
- O.Carm. – Beatu Anġlu Wistin Mazzinghi, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.P. – San Ġjaċint tal-Polonja, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. – Santa Beatrice de Silva, verġni – Tifkira O (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-għoxrin Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-għoxrin Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. Ir-raba’ ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Awwissu 2024 18

**L-għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Prov 9, 1-6 Kulu l-ħobż tiegħi u ixorbu l-inbid li ħejjejtilkom.
- **SR** 33, 2-3.10-15 Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.
- **2L** Ef 5, 15-20 Fittxu x'inhi r-rieda tal-Mulej.
- **E** Ġw 6, 51-58 Ġismi huwa ikel tassew u demmi hu xorb tassew.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- B'Kara – Sant'Elena, imperatriċi – Solennità (abjad)
- Bugibba – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

# 19 It-Tnejn • Awwissu 2024

**tal-għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Ġwann Eudes, presbiteru – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Eżek 24, 15-24 Eżekjel ikun għalikom sinjal, għax kulma għamel hu għad tagħmluh intom ukoll.
- **SR** Dewt 32, 18-19.20.21 Insejt 'l Alla li nisslek.
- **E** Mt 19, 16-22 Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, u jkollok teżor fis-sema.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sorijiet tal-Bon Pastur – San Ġwann Eudes, presbiteru – Solennità (abjad)
- O.S.B. – San Bernardu Tolomei, abbati – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Conv. – San Ludovik minn Toloża, isqof – Tifkira O (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Cap. – San Ludovik minn Toloża, isqof – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – San Eżekjel Moreno, isqof – Tifkira O (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Eudes, twieled fid-djoċesi ta' Séez, Franza, fl-1601; ġie ordnat qassis fl-1625, u għamel ħafna snin jipprietka fil-parroċċi jxerred id-devozzjoni lejn il-Qlub ta' Ġesù u Marija. Waqqaf kongregazzjonijiet reliġjużi għall-irġiel u n-nisa. Ħadem għall-formazzjoni tas-saċerdoti fis-seminarji kif ukoll għall-għajnuna tan-nisa li jkunu f'periklu spiritwali. Miet fl-1680. Ġie kkanonizzat fl-1925.

**San Bernard, abbati u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Eżek 28, 1-10 M'intix ħlief bniedem, u mhux alla; ħsibt li għerfek hu għerf l-allat.
- **SR** Dewt 32, 26-27ab.27ċd-28.30.35ċd-36ab Ħadd ma hemm li jeħles minn idejja.
- **E** Mt 19, 23-30 Eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira [Ċ] mill-Komun tad-dutturi tal-Knisja jew tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar. Antifoni għall-Benedictus u l-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – San Bernard, abbati – Tifkira O (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bernard twieled fl-1090 ħdejn Dijon, Franza. Fl-1113 daħal maċ-Ċisterċensi f'Citeaux. Waqqaf il-monasteru ta' Clairvaux u ġie maħtur abbati. Bil-ħidma u l-eżempju mexxa r-reliġjużi fl-imħabba għall-virtujiet. Minħabba x-xiżmi li qamu fil-Knisja ġera l-Ewropa jitħabat għall-paċi u l-għaqda. Kiteb ħafna fuq it-teoloġija u l-axxetika. F'ħajtu għaqqad il-ħajja attiva ma' dik kontemplattiva u axxetika. Miet fl-1153.

# 21 L-Erbgħa • Awwissu 2024

**San Piju X, papa – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Eżek 34, 1-11 Neħdilhom minn taħt idejhom in-nagħaġ tiegħi u ma jirgħux iżjed ir-rgħajja lilhom infushom.
- **SR** 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.
- **E** Mt 20, 1-16a Qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba?

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira [Ċ] mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ: għal papa. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Santa Luċija – San Piju X, papa – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- L-anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Isqof Anton Teuma (2020)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Ġużeppi Sarto twieled f'Riese, l-Italja, fl-1835. Ġie ordnat qassis, sar isqof ta' Mantova u mbagħad Patrijarka ta' Venezja; fl-1903 intgħażel papa. It-tmexxija tiegħu bnieha fuq il-motto *Inġeddu kollox fi Kristu*, u għal dan il-ħsieb ħadem u ħabrek, b'sempliċità spiritwali u b'eżempju ta' faqar u qawwa, li bihom ħeġġeġ l-insara għall-ħajja t-tajba u tħabat bis-sħiħ kontra l-moderniżmu li kien isejjaħlu s-sintesi tal-ereżiji kollha. Ħabrek għal ċelebrazzjoni liturġika denja, mibnija fuq il-parteċipazzjoni attiva fl-Ewkaristija. Miet fl-20 ta' Awwissu 1914.

# Il-Ħamis • Awwissu 2024 22

**L-Imqaddsa Verġni Marija Reġina – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Eżek 36, 23-28 Nagħtikom qalb ġdida u nqiegħed ruħi ġo fikom.
- **SR** 50 (51), 12-13.14-15.18-19 Irroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom.
- **E** Mt 22, 1-14 Sejħu għall-festa lil kull min issibu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Innijiet tal-Uffiċċju tal-Qari, tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u tal-Għasar proprji. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Marsa (par. Marija Reġina) – L-Imqaddsa Verġni Marija Reġina – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-festa ta' Marija Reġina twaqqfet mill-papa Piju XII fl-11 ta' Ottubru 1954, b'tifkira tas-Sena Marjana f'għeluq il-mitt sena mid-definizzjoni tad-domma tal-Immakulata. Iċ-ċelebrazzjoni ssir illum, fl-ottava tal-Assunta, biex tidher aktar ir-rabta bejn it-tlugħ ta' Marija Verġni fis-sema u r-regalità tas-sultana tas-sema u l-Omm tal-ħniena li nisslet lil Bin Alla, li minnu ġej il-ġieħ tagħha bħala sultana.

# 23 Il-Ġimgħa • Awwissu 2024

**tal-għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Santa Roża ta' Lima, verġni -Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Verġni [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Eżek 37, 1-14 O għadam niexef, isma' l-kelma tal-Mulej. Ara, jiena niftaħ l-oqbra tagħkom, u ntellagħkom mill-oqbra tagħkom, ja poplu tiegħi.
- **SR** 106 (107), 2-3.4-5.6-7.8-9 Roddu ħajr lill-Mulej, għax għal dejjem it-tieba tiegħu.
- **E** Mt 22, 34-40 Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek u ħobb lil għajrek bħalek innifsek.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-verġni jew tal-qaddisin nisa: għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. – Santa Roża minn Lima, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. – San Bernard ta' Offida, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- Marsa (Marija Reġina) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.C.D. – San Ludovik – Tifkira (abjad) *jew* San Ġużepp ta' Kalasanz, presbiteru – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Roża twieldet f'Lima, il-Perù, fl-1586; ispirata minn Santa Katerina ta' Siena daħlet terzjarja Dumnikana, u mxiet 'il quddiem ħafna fit-triq tal-penitenza u l-kontemplazzjoni mistika. Mietet fl-24 ta' Awwissu 1617. Kienet l-ewwel waħda li ġiet ikkanonizzata fil-kontinent Amerikan. Patruna tal-Amerika t'Isfel u tal-Filippini.

# Is-Sibt • Awwissu 2024 24

**San Bartilmew, appostlu – Festa (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Apok 21, 9b-14 Fil-pedamenti hemm it-tnax-il isem tat-tnax-il Appostlu tal-Ħaruf.
- **SR** 144, 10-13.17-18 Ħbiebek ixandru l-ġmiel ta' saltnatek.
- **E** Ġw 1, 45-51 Israeli li jistħoqqlu dan l-isem; ma hemm ebda qerq fih.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-festa mill-Komun tal-appostli, minbarra l-partijiet proprji [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Għargħur; Tarxien (San Bert) – San Bartilmew, appostlu – Solennità (aħmar)
- Senglea – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Bartilmew twieled f'Kana; l-appostlu Filippu ħadu għand Ġesù. Jingħad li, wara Tlugħ il-Mulej fis-sema, mar ixandar l-Evanġelju fl-Indja u li hemm ħa l-martirju.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-wieħed u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-wieħed u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# 25 Il-Ħadd • Awwissu 2024

**Il-wieħed u għoxrin Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-wieħed u għoxrin Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta’ matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Ġoż 24, 1-2a.15-17.18b Aħna rridu naqdu ’l-Mulej, għax hu Alla tagħna.
- **SR** 33, 2-3.16-23 Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej.
- **2L** Ef 5, 21-32 Dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir.
- **E** Ġw 6, 60-69 Mulej, għand min immorru? Int għandek il-kliem tal-ħajja ta’ dejjem.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

# It-Tnejn • Awwissu 2024 26

**tal-wieħed u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 2 Tess 1, 1-5.11b-12 L-isem ta' Sidna Ġesù Kristu jkun igglorifikat fikom, u intom fih.
- **SR** 95 (96), 1-2a.2b-3.4-5 Xandru fost il-popli kollha l-għeġubijiet tiegħu.
- **E** Mt 23, 13-22 Ħażin għalikom, mexxejja għomja!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. (klawsura) – Santa Tereża ta' Ġesù, ommna, fin-nifda tal-qalb – Tifkira O (abjad)
- O. Carm. – Beatu Ġakbu Retouret, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)
- O.C.D. – Santa Tereża ta' Ġesù, ommna, fin-nifda tal-qalb – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – San Liberat, San Bonifazju u sħabhom, martri – Tifkira (aħmar)
- S.D.B.; F.M.A. – Beatu Żefferino Namuncurà, żagħżugħ – Tifkira (abjad)
- O.F.M. – Beatu Junipero Serra, presbiteru – Tifkira (abjad)

# 27 It-Tlieta • Awwissu 2024

**Santa Monika – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 2 Tess 2, 1-3a.13-17 Żommu ruħkom wieqfa u sħaħ fit-tradizzjonijiet li intom tgħallimtu.
- **SR** 138 (139), 1-3.4-6 Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni.
- **E** Mt 23, 23-26 Dawn kien imisskom tagħmlu, bla ma tħallu l-oħrajn barra.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin nisa [Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.A. – Santa Monika, armla – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Monika twieldet f'Tagaste, l-Alġerija għall-ħabta tas-sena 331. Iżżewġet lil Patrizju, u fost ulied oħra kellha lil Santu Wistin, li għall-konverżjoni tiegħu bkiet u talbet ħafna lil Alla u ferħet ħafna fil-magħmudija tiegħu fis-sena 387. Kienet eżempju ta' omm mill-aħjar, li qawwiet il-fidi tagħha bit-talb u b'taħriġ qaddis. Mietet f'Ostia fis-sena 387.

# L-Erbgħa • Awwissu 2024 28

**Santu Wistin, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.A. – Santu Wistin missierna, isqof u duttur tal-Knisja – Solennità (abjad)
- O.P.; D.S.H. – Santu Wistin, isqof u duttur tal-Knisja – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**

San Wistin twieled f'Tagaste, l-Alġerija, fis-sena 354; minkejja t-trobbija tajba li kellu mingħand ommu għadda żgħożija mqallba u ngħaqad mas-setta eretika tal-Manikej. Kellhu tifel barra ż-żwieġ li mietlu żgħir. Mar jgħallem f'Milan; ikkonverta ta' 35 sena u tgħammed minn Sant'Ambroġ. Reġa' lura fl-Afrika, qabad ħajja axxetika, ġie ordnat saċerdot u mbagħad sar isqof ta' Ippona (illum Annaba fl-Alġerija). Għal 34 sena kien ir-ragħaj eżemplari tal-merħla tiegħu; ippriektka u kiteb ħafna, mhux biss biex jgħallem il-fidili tiegħu, iżda wkoll biex jeħodha kontra l-ereżiji ta' żmienu u jfisser il-fidi b'dehen u għerf kbir. Ir-regola tiegħu għar-reliġjużi għada sal-lum ta' ispirazzjoni għal ħafna ordnijiet reliġjużi. Miet fis-sena 430.

**Quddiesa**

tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 2 Tess 3, 6-10.16-18 Jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas ma għandu jiekol.
- **SR** 127 (128), 1-2.4-5 Hieni kull min jibża' mill-Mulej.
- **E** Mt 23, 27-32 Intom ulied il-qattiela tal-profeti.

**Liturġija tas-Sigħat**

Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Innu fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar proprju. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

# 29 Il-Ħamis • Awwissu 2024

**Il-Martirju ta' Ġwanni l-Battista – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju proprju [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Ġer 1, 17-19 Għidilhom kull ma ordnajtlek; la tibżax minnhom.
- **SR** 70, 1-6.15.17 Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek.
- **E** Mk 6, 17-29 Irridek issa stess tagħtini ras Ġwanni l-Battista fuq platt.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.J. – Il-Martirju ta' Ġwanni l-Battista – Festa (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
L-Evanġelju jirrakonta kif San Ġwann il-Battista kkundanna bla biża' iż-żwieġ bejn Erodi u Erodja, peress li din kienet miżżewġa lil Filippu, ħu Erodi. Erodja ġegħlet lil Erodi jaqfel lil San Ġwann fil-ħabs u f'mument ta' dgħufija Erodi wiegħed lil bint Erodja dak li trid. Hi talbet ras Ġwanni l-Battista. B'hekk il-prekursur tal-Mulej, sofra l-martirju qabel l-imgħallem tiegħu.

**tal-wieħed u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 1 Kor 1, 17-25 Aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu u bluha għall-bnedmin; iżda għal dawk li huma msejħin, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla.
- **SR** 32 (33), 1-2.4-5.10ab u 11 Bit-tieba tal-Mulej mimlija l-art.
- **E** Mt 25, 1-13 Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- P.S.D.P. – Santa Jeanne Jugan, verġni – Festa (abjad)
- O.S.B. – Beatu Alfredu Idelfonsu Schuster, isqof – Tifkira (abjad)

# 31 Is-Sibt • Awwissu 2024

**tal-wieħed u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1 Kor 1, 26-31 Alla għażel id-dgħajfa tad-dinja.
- **SR** 32 (33), 12-13.18-19.20-21 Hieni l-poplu li l-Mulej għażel b'wirtu.
- **E** Mt 25, 14-30 Int kont fidil fil-ftit: idħol fl-hena ta' sidek.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. – Tifkira tal-aħwa, ġenituri u benefatturi mejtin – Tifkira O (vjola)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tnejn u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tnejn u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. Antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Settembru 2024 01

**It-tnejn u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tnejn u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Dewt 4, 1-2.6-8 Ħarsu l-liġijiet tal-Mulej Alla tagħkom.
- **SR** 14, 2-5 Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek?
- **2L** Ġak 1, 17-18.21-22.27 Kunu intom dawk li jagħmlu l-Kelma ta' Alla.
- **E** Mk 7, 1-8.14-15.21-23 Intom twarrbu l-kmandamenti ta' Alla biex tħaddnu t-tradizzjonijiet tal-bnedmin.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# 02 It-Tnejn • Settembru 2024

**tat-tnejn u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1 Kor 2, 1-5 Ħabbartilkom lil Kristu msallab.
- **SR** 118 (119), 97,98,99,100,101,102 Kemm inħobbha l-liġi tiegħek, Mulej!
- **E** Lq 4, 16-30 Bagħatni nwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Conv. – Beatu Ġanfranġisk Burtè, presbiteru, u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. Cap. – Beatu Apollinaris ta' Posat, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)
- F.S.C. – Beati Solomon Leclerq, Leon Mopinot, Roger Faverge, Uldaric Guillaume – martri fir-rivoluzzjoni Franċiża – Tifkira (aħmar)
- S.J. – Beati Ġakbu Bonnaud, presbiteru u sħabu; Ġużeppi Imbert u Ġwann Nikol Cordier, presbiteri, Tumas Sitjar, presbiteru, u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)

# It-Tlieta • Settembru 2024 03

**San Girgor il-Kbir, papa u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1 Kor 2, 10b-16 Il-bniedem naturali ma jilqax il-ħwejjeġ tal-Ispirtu ta' Alla; il-bniedem spiritwali jgħarbel kollox.
- **SR** 144 (145), 8-9.10-11.12-13 ab.13ċd-14 Ġust il-Mulej fl-imġiba tiegħu kollha.
- **E** Lq 4, 31-37 Jiena naf min int: il-Qaddis ta' Alla!

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja jew tad-dutturi [Ċ]. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sliema (S.Girgor) – San Girgor il-Kbir, papa u duttur tal-Knisja – Solennità (abjad)
- B'Kara (Knisja tal-Vitorja) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.S.B. – San Girgor il-Kbir, papa u duttur tal-Knisja – Festa (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Kerċem (Knisja Parrokkjali) – San Girgor il-Kbir, papa – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Girgor il-Kbir twieled f'Ruma għall-ħabta tas-sena 540 minn familja nobbli Rumana. Wara l-istudji tiegħu laħaq prefett tal-belt. Imbagħad beda ħajja monastika, ġie ordnat djaknu, u qeda l-uffiċċju ta' legat f'Kostantinopli. Fit-3 ta' Settembru tas-sena 590 għażluh papa, u wera ruħu bħala r-ragħaj fidil fit-tmexxija tal-Knisja, fl-għajnuna lill-foqra, u fit-tixrid u t-twettiq tal-fidi. Għal ħafna diskorsi u kitbiet tiegħu fuq it-teoloġija dommatika u morali ġie maħtur duttur tal-Knisja. Miet fit-12 ta' Marzu tas-sena 604.

# 04 L-Erbgħa • Settembru 2024

**tat-tnejn u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 1 Kor 3, 1-9 Aħna ħaddiema ma’ Alla; u intom l-għalqa ta’ Alla, intom il-bini ta’ Alla.
- **SR** 32 (33), 12-13.14-15.20-21 Hieni l-poplu li l-Mulej għażel b’wirtu.
- **E** Lq 4, 38-44 Jeħtieġli nxandar l-Evanġelju tas-Saltna ta’ Alla lill-ibliet l-oħra wkoll, għax għalhekk kont mibgħut.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.A. – Sidtna Marija tal-Konsolazzjoni, patruna tal-Familja Agostinjana – Solennità (abjad)
- O.F.M. Conv. – Santa Roża minn Viterbo, verġni – Tifkira (abjad)

# Il-Ħamis • Settembru 2024 05

**tat-tnejn u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Santa Tereża ta' Calcutta, verġni – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1 Kor 3, 18-23 Kollox hu tagħkom; u intom ta' Kristu, u Kristu ta' Alla.
- **SR** 23 (24), 1-2.3-4ab.5-6 Tal-Mulej hi l-art u kulma fiha.
- **E** Lq 5, 1-11 Telqu kollox u marru warajh.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin nisa: għal dawk li għamlu opri tal-ħniena jew mill-Komun tal-verġni [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. – Anniversarju tal-familjari u benefatturi mejtin tal-Ordni (vjola)
- M.C. – Santa Tereża ta' Calcutta – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Gonxha Agnes Bojaxhiu (Madre Tereża), imwielda f'Skopje l-Albanija fl-1910, qatgħet l-għatx ta' Kristu abbandunat fuq is-salib f'Calcutta bl-imħabba kbira tagħha lejn l-ifqar fost il-fqar. Waqqfet il-kongregazzjonijiet missjunarji tal-karità għall-qadi tal-morda u l-abbandunati. Mietet fil-5 ta' Settembru 1997 u ġiet ikkanonizzata mill-papa Franġisku fl-4 ta' Settembru 2016.

# 06 Il-Ġimgħa • Settembru 2024

**tat-tnejn u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 1 Kor 4, 1-5 Il-Mulej jikxef il-fehmiet mistura tal-qlub.
- **SR** 36 (37), 3-4.5-6.27-28.39-40 Is-salvazzjoni tal-ġusti mill-Mulej.
- **E** Lq 5, 33-39 Meta l-għarus jeħduhulhom minn magħhom, imbagħad isumu dakinhar.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

# Is-Sibt • Settembru 2024 07

**tat-tnejn u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1 Kor 4, 6b-15 Aħna bil-ġuħ u bil-għatx, bilkemm imlibbsa.
- **SR** 144 (145), 17-18.19-20.21 Qrib il-Mulej lejn kull minn isejjaħlu.
- **E** Lq 6, 1-5 Dan kif qegħdin tagħmlu dak li ma jiswiex nhar ta' Sibt?

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Valletta (San Ġwann) – Anniversarju tal-mejtin fiż-żewġ assedji ta' Malta – (vjola)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-solennità tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità tat-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija.
L-innu tal-Għasar u l-antifoni jittieħdu mit-tieni Għasar, mill-bqija kollox mill-Komun tal-Madonna.
Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

# 08 Il-Ħadd • Settembru 2024

**It-Twelid tal-Imqaddsa Verġni Marija – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju tal-Madonna [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Mik 5, 1-4a Sa ma teħles dik li għandha teħles.
- **SR** 12, 6 Nifraħ b'ferħ kbir fil-Mulej.
- **2L** Rum 8, 28-30 Lil dawk li Alla għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll.
- **E** Mt 1,1-14.18-23 Dak li tnissel fiha hu bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona u lezzjoni qasira proprji u salmodija komplimentari. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- L-Isla; Naxxar; Mellieħa – It-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija – Solennità (abjad)
- O.S.J. – Il-Madonna ta' Filermo – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Knisja tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija "ta' Savina"); Xagħra (Knisja Parrokkjali u Bażilka) – It-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Verġni mqaddsa Marija twieldet min-nisel ta' Abraham, mit-tribù ta' Ġuda u mill-familja rjali ta' David; skont it-tradizzjoni missierha u ommha kienu Ġwakkin u Anna. Il-festa tat-twelid bdiet fil-Lvant għall-ħabta tas-sitt seklu u aktar tard daħlet fil-Punent. It-twelid tagħha, bħal dak ta' San Ġwann Battista, jiġi ċċelebrat għax ħabbar lid-dinja l-miġja ta' Ġesù, il-bidu tal-Patt il-Ġdid.

# It-Tnejn • Settembru 2024 09

**tat-tlieta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Pietru Claver, presbiteru – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 1 Kor 5, 1-8 Tnaddfu mill-ħmira l-qadima. Il-Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul!
- **SR** 5, 5-6.7.12 Mexxini, Mulej, fis-sewwa tiegħek.
- **E** Lq 6, 6-11 Kienu moħħhom fih biex jaraw jekk ifejjaqx f'jum is-Sibt.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- S.J. – San Pietru Claver, presbiteru – Tifkira O (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pietru Claver twieled f'Verdù, Spanja, fl-1580. Daħal fis-Soċjetà ta' Ġesù, u għadda iktar minn erbgħin sena jaħdem u jħabrek fost l-ilsiera tal-Kolombja fl-Amerika t'Isfel; għammed hu stess eluf kbar minnhom. Miet fil-missjoni f'Kartaġena fl-1654.

# 10 It-Tlieta • Settembru 2024

**tat-tlieta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1 Kor 6, 1-11 L-aħwa jħarrku 'l xulxin, u dan quddiem il-pagani!
- **SR** 149, 1-2.3-4.5-6a u 9b Il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu.
- **E** Lq 6, 12-19 Għadda l-lejl fit-talb u għażel tnax, li semmiehom appostli.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- San Ġiljan (Knisja tal-Kunċizzjoni); S.J. (Kulleġġ Sant'Alwiġi) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.S.A. (Tarxien) – San Nikola ta' Tolentino, presbiteru – Solennità (abjad)
- O.S.A. – San Nikola ta' Tolentino, presbiteru – Festa (abjad)
- S.J. – Beatu Franġisk Garate, reliġjuż – Tifkira (abjad)

# L-Erbgħa • Settembru 2024 11

**tat-tlieta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 1 Kor 7, 25-31 Inti marbut ma' mara? Tfittixx li tinħall. Maħlul minn mara? Tfittixx mara.
- **SR** 44 (45), 11-12.14-15.16-17 Isma', binti, ħares u agħti widen.
- **E** Lq 6, 20-26 Henjin intom il-foqra. Ħażin għalikom, intom l-għonja.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. – Beatu Bonaventura minn Barcinone, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- O.C.D. – Beata Marija ta' Ġesù Lopez Rivas, verġni – Tifkira (abjad)

# 12 Il-Ħamis • Settembru 2024

**tat-tlieta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Isem tal-Imqaddsa Verġni Marija – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1Kor 8, 1b-7.11-13 Meta tfieru l-kuxjenza dgħajfa ta’ ħutkom, kontra Kristu tkunu tidinbu.
- **SR** 138 (139), 1-3.13-14ab.23-24 Mexxini, Mulej, fit-triq ta’ dejjem.
- **E** Lq 6, 27-38 Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Żabbar – L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Grazzja – Solennità (abjad)
- O.F.M. Conv. – Santa Katerina Fieschi minn Genova, reliġjuża – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta’ Għawdex
- Marsalforn (Knisja ta’ San Pawl) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1939) – Solennità (abjad)
- O.F.M. Cap. (Belt Victoria) – L-Imqaddsa Verġni Marija tal-Grazzja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-festa tal-Isem imqaddes ta’ Marija twaqqfet fl-1684 mill-papa Innoċenz XI bħala radd ta’ ħajr għall-ħelsien tal-belt ta’ Vjenna mit-Torok. L-isem ta’ Marija hu meqjus qaddis għaliex hu l-isem ta’ omm Alla, li ġabet fid-dinja l-Feddej divin. F’dan il-jum il-Knisja tfakkarna fl-imħabba tal-Verġni mqaddsa lejn binha Ġesù, u tistedinna nitolbuha bħala Omm il-Feddej tagħna.

# Il-Ġimgħa • Settembru 2024 13

**San Ġwann Grisostmu, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 1 Kor 9, 16-19.22b-27 Sirt kollox ma' kulħadd, biex insalva lil kulħadd.
- **SR** 83 (84), 3.4.5-6.12 Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti!
- **E** Lq 6, 39-42 Jista' agħma jmexxi agħma ieħor?

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira [Ċ] mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja, minbarra l-partijiet proprji. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Grisostmu twieled f'Antjokja qrib is-sena 350; wara l-istudji tiegħu għal avukat, beda ħajja axxetika, sar raħeb u ġie ordnat saċerdot. Fis-sena 398 sar isqof ta' Kostantinopli u ħadem biex il-kleru u l-poplu tiegħu jgħixu ħajja togħġob tassew lil Alla. Il-qorti imperjali u l-għedewwa tiegħu ma ħamluhx, u ġie eżiljat aktar minn darba; mifni bl-inkwiet, miet fl-eżilju f'Cumana Pontica, illum fit-Turkija, fl-14 ta' Settembru tas-sena 407. Ipprietka u kiteb ħafna biex ifisser it-tagħlim kattoliku u jagħti formazzjoni tajba lill-insara; minħabba l-elokwenza tiegħu sejħulu l-Grisostmu, li tfisser fomm tad-deheb.

# 14 Is-Sibt • Settembru 2024

**L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes – Festa (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Num 21, 4b-9 Meta xi ħadd kien jisfa' migdum, kien iħares lejh u jfiq. *jew* Fil 2, 6-11 Ċekken lilu nnifsu; għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet.
- **SR** 77, 1-2.34-38 Tinsewx l-għemejjel kbar ta' Alla.
- **E** Ġw 3, 13-17 Jinħtieġ li Bin il-bniedem ikun merfugħ.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Num 21, 4b-9 Meta xi ħadd kien jisfa' migdum, kien iħares lejh u jfiq.
- **SR** 77, 1-2.34-38 Tinsewx l-għemejjel kbar ta' Alla.
- **2L** Fil 2, 6-11 Ċekken lilu nnifsu; għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet.
- **E** Ġw 3, 13-17 Jinħtieġ li Bin il-bniedem ikun merfugħ.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M. (Valletta); O.F.M. Cap. (Floriana); Żabbar (Knisja tas-Salib) – L-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes – Solennità (aħmar)
- O.S.A. – Tifkira tat-twaqqif tal-Provinċja. Jingħad it-Te Deum wara r-responsorju tat-tieni qari tal-Uffiċċju tal-Qari.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Din il-festa bdiet fil-Knejjes tal-Lvant; fis-seklu 5 f'Ġerusalemm kienet issir b'solennità kbira daqs dik tal-Għid il-Kbir fl-anniversarju tad-dedikazzjoni tal-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu, il-jum li fih skont it-tradizzjoni nstab is-Salib, li hu s-sinjal tar-rebħa li Kristu għamel bil-misteru tal-Għid.

# Il-Ħadd • Settembru 2024 15

**L-erbgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-erbgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Is 50, 5-9a Tajt dahri lil dawk li kienu jsawtuni.
- **SR** 114, 1-6.8-9 Jien nimxi quddiem il-Mulej f'art il-ħajjin.
- **2L** Ġak 2, 14-18 Il-fidi mingħajr l-għemil hi mejta.
- **E** Mk 8, 27-35 Hu meħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- San Pawl il-Baħar – L-Imqaddsa Verġni tad-Duluri – Solennità (abjad)

# 16 It-Tnejn • Settembru 2024

**Arċidjoċesi ta' Malta**
**San Kornelju, papa, u San Ċiprijanu, isqof, martri – Tifkira O (aħmar)**
**Djoċesi ta' Għawdex**
**L-anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi (1864) – Festa (abjad)**

**Arċidjoċesi ta' Malta**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1 Kor 11, 17-26.33 Jekk hemm firda bejnietkom, mhux l-ikla tal-Mulej li intom tieklu.
- **SR** 39 (40), 7-8a.8b-9.10.17 Inxandru l-mewt tal-Mulej sa ma jiġi.
- **E** Lq 7, 1-10 Anqas f'Iżrael ma sibt fidi bħal din.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Kornelju sar papa fis-sena 251; ħadha kontra x-xiżmatiċi Novazjani li kienu jiċħdu d-dħul mill-ġdid fil-Knisja minn dawk li ċaħdu l-fidi. L-imperatur Gallo eżiljah, u miet fl-eżilju, probabilment minħabba t-tbatijiet li ġarrab, f'Civitavecchia f'Lulju tas-sena 253. Difnuh fiċ-ċimiterju ta' San Kallistu, f'Via Appia, Ruma.

Ċiprijanu twieled f'Kartaġni madwar is-sena 210; ġie ordnat qassis, u fis-sena 249 sar isqof ta' belt twelidu. Bħal Kornelju kien kontra n-Novazjani. Ġie eżiljat fi żmien il-persekuzzjoni ta' Valerjanu, u sofra l-martirju fl-14 ta' Settembru tas-sena 258.

**Djoċesi ta' Għawdex**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, prefazju komun IV [3].

**Lezzjonarju (żieda)**
- **1L** Iż 63, 7-9 Tifħir lill-Mulej, għax kbira l-ħniena tiegħu.
- **SR** 144, 1-11 Imbierek ismek Mulej għal dejjem.
- **E** Lq 1, 39-55 Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Id-djoċesi ta' Għawdex twaqqfet mill-papa Piju IX nhar is-16 ta' Settembru 1864. Aħna u nfakkru dan l-anniversarju rroddu ħajr lill-Mulej għat-tjieba kbira li wera magħna u għal kemm grazzji għoġbu jxerred fuqna, waqt li f'għaqda sħiħa mal-papa u mal-isqof tagħna nitolbuh ikompli jżomm sħiħa għal li ġej il-fidi tagħna.

**tal-erbgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Robertu Bellarmino, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)**
*jew* **Sant'Ildegarda ta' Bingen, verġni u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1 Kor 12, 12-14.27-31a Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru tiegħu.
- **SR** 100 (101), 1-2ab.2ċd-3ab.5.6 Aħna l-poplu tiegħu u n-nagħaġ tal-mergħa tiegħu.
- **E** Lq 7, 11-17 Żagħżugħ, qiegħed ngħidlek, qum!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. (Ħamrun); O.F.M. Conv. (Rabat); O.F.M. Conv. (Qawra) – San Franġisk fl-għoti tal-pjagi – Solennità (abjad/aħmar)
- M'Xlokk – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.Carm.; O.C.D. – Sant'Albertu ta' Ġerusalemm, isqof u leġislatur tal-Ordni – Festa (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Franġisk fl-għoti tal-pjagi – Festa (abjad/aħmar)
- S.J. – San Roberto Bellarmino, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)
- O.S.B. – Santa Ildegarda ta' Bingen, verġni – Tifkira O(abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Robertu Bellarmino twieled f'Montepulciano, l-Italja, fl-1542. Daħal fis-Soċjetà ta' Ġesù u ġie ordnat saċerdot. Għallem it-teoloġija fil-Kulleġġ Ruman u ħabrek għall-ħarsien tal-fidi. Ġie maħtur kardinal u arċisqof ta' Capua. Kien teologu magħruf u ddefenda t-tagħlim tal-Knisja kontra l-kritiċi protestanti bil-qawwa kollha. Miet f'Ruma fl-1621. Ġie kkanonizzat fl-1930 mill-papa Piju XI u sena wara ġie ddikjarat duttur tal-Knisja.

Santa Ildegarda ta' Bingen twieldet fis-sena 1098. Kienet badessa tal-monasteru benedittin ta' Disibodenberg. Magħrufa l-aktar għar-rivelazzjonijiet mistiċi u għall-kitbiet ta' għerf kbir dwar il-mistiċiżmu, l-axxetika, il-filosofija u l-mediċina naturali. Hi wkoll kompożitriċi ta' xogħlijiet mużikali. Mietet fis-17 ta' Settembru 1179. Ġiet ikkanonizzata mill-papa Benedittu XVI fl-2012 u maħtura duttur tal-Knisja fis-7 ta' Ottubru tal-istess sena.

# 18 L-Erbgħa • Settembru 2024

**tal-erbgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1 Kor 12, 31 – 13, 13 Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba!
- **SR** 32 (33), 2-3.4-5.12 u 22 Hieni l-poplu li l-Mulej għażel b'wirtu.
- **E** Lq 7, 31-35 Daqqejnielkom il-flawt u ma żfintux, għannejnielkom għanja ta' niket u ma ħabbattux fuq sidirkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Conv. – San Ġużepp ta' Copertino, reliġjuż – Festa (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Cap. – San Ġużepp ta' Copertino, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.P. – San Ġwann Macias, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- O.S.B. – Beatu Vittore III, papa – Tifkira (abjad)
- O.C.D. – San Robertu Bellarmino, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)

# Il-Ħamis • Settembru 2024 19

**tal-erbgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Ġennaru, isqof u martri – Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** 1 Kor 15, 1-11 Dan aħna xandarna, u dan emmintu intom.
- **SR** 117 (118), 1-2.16ab-17.28 Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb.
- **E** Lq 7, 36-50 Dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Franġisk Marija minn Camporosso, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.S.A. – Sant'Alfons de Orozco, presbiteru – Tifkira O (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġennaru twieled għall-ħabta tas-sena 304. Inħatar isqof ta' Benevento, l-Italja; fil-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu sofra l-martirju flimkien ma' oħrajn qrib Napli, fejn hu l-aktar miqjum.

# 20 Il-Ġimgħa • Settembru 2024

**Sant'Andrija Kim Taegon, presbiteru, u San Pawl Chong Hasang, u sħabhom, martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 1 Kor 15, 12-20 Jekk Kristu ma qamx mill-imwiet fiergħa hi l-fidi tagħkom.
- **SR** 16 (17), 1.6-7.8b u 15 Nithennew, Mulej, bid-dehra tiegħek.
- **E** Lq 8, 1-3 Kellu miegħu t-Tnax u xi nisa li kienu jaqduhom minn ġidhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun ta' aktar minn martri wieħed [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-fidi kattolika daħlet fil-Korea permezz ta' xi lajċi Koreani qalbiena, u kompliet tixtered u tissaħħaħ bil-predikazzjoni u l-appostolat ta' ħafna missjunarji. Sant'Andrija kien l-ewwel saċerdot Korean u sofra l-martirju ħdejn Seoul fl-1846 u San Pawl kien katekista lajk li ġie msallab fit-22 ta' Settembru 1839. Magħhom illum niċċelebraw it-tifkira ta' 3 isqfijiet, 8 saċerdoti, u 92 lajċi rġiel u nisa, xjuħ, żgħażagħ u tfal, li bejn is-snin 1839-1867 sofrew il-martirju għall-fidi tagħhom f'dak il-pajjiż. Ġew ikkanonizzati mill-papa Ġwann Pawlu II fl-1994.

# Is-Sibt • Settembru 2024 21

**San Mattew, appostlu u evanġelista – Festa (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Efes 4, 1-7.11-13 Alla ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud evanġelisti.
- **SR** 18, 2-5 Mal-art kollha jasal leħinhom.
- **E** Mt 9, 9-13 Ejja warajja. Dak qam u mar warajh.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-festa mill-Komun tal-appostli minbarra l-partijiet proprji [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Rabat – Dedikazzjoni tal-knisja parrokkjali– Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, martri) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1755) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Mattew, imsejjaħ ukoll Levi, kien bin Alfew. Kien pubblikan jiġifieri wieħed mill-uffiċjali li jiġbru t-taxxa għar-Rumani. Meta Ġesù sejjaħlu għal warajh, kien qiegħed jaqdi dmiru. Huwa wieħed mit-tnax-il dixxiplu li Ġesù ħatarhom appostli. Kiteb Evanġelju bil-Lhudi u jingħad li mar jipprietka fil-Lvant fejn sofra wkoll il-martirju.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ħamsa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ħamsa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# 22 Il-Ħadd • Settembru 2024

**Il-ħamsa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-ħamsa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Għerf 2, 12.17-20 Nikkundannawh għall-mewt l-aktar kiefra.
- **SR** 53, 3-6.8 Alla hu dak li jżommni.
- **2L** Ġak 3, 16 – 4, 3 Għal dawk li jfittxu jnisslu s-sliem, il-frott tal-ġustizzja hu miżrugħ fis-sliem.
- **E** Mk 9, 30-37 Min irid ikun l-ewwel wieħed, għandu jkun il-qaddej ta' kulħadd.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Żebbiegħ (Knisja Sant'Anna) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (2013) – Solennità (abjad)

# It-Tnejn • Settembru 2024 23

**San Piju ta' Pietrelcina, presbiteru – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Prov 3, 27-34 Min jimxi bl-imgħawweġ jistkerrhu l-Mulej.
- **SR** 14 (15), 2-3ab.3ċd-4ab.5 Mulej, min joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek?
- **E** Lq 8, 16-18 Il-musbieħ iqegħduh fuq l-imnara, biex kull min jidħol ġewwa jara d-dawl.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Piju ta' Pietrelcina, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.S.J. – San Żakkarija u Santa Eliżabetta, ġenituri ta' San Ġwann Battista – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. (II Ordni. Monasteru S. Klara) – Santa Klara ta' Assisi 'in inventione corporis' – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Piju twieled fi Pietrelcina, qrib Benevento, l-Italja, fl-1887. Daħal fl-Ordni tal-Franġiskani Minuri Kapuċċini u ġie ordnat saċerdot. Qeda bi qdusija kbira l-ministeru pastorali l-iżjed fil-kunvent ta' San Govanni Rotondo fil-Puglia; kien direttur spiritwali ta' ħafna fidili, ressaq ħafna midinbin lejn Alla, u ta għajnuna kbira lill-morda u lill-fqar. Qeda lill-poplu ta' Alla bit-talb u bl-umiltà. Sar jixbah f'kollox lil Kristu msallab u rċieva wkoll is-sinjali tal-passjoni tal-Mulej f'ġismu. Miet fit-23 ta' Settembru 1968.

# 24 It-Tlieta • Settembru 2024

**tal-ħamsa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Prov 21, 1-6.10-13 Tagħlim qaddis.
- **SR** 118 (119), 1.27.30.34.35.44 Mexxini mill-mogħdija tal-kmandamenti tiegħek.
- **E** Lq 8, 19-21 Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu li jgħid Hu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – Beata Columba Gabriella Sagheddu, verġni – Tifkira (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – San Paċifiku minn San Severino, presbiteru – Tifkira (abjad)

# L-Erbgħa • Settembru 2024 25

**tal-ħamsa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew ad diversa, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Prov 30, 5-9 Tagħtinix la faqar u lanqas għana, iżda agħtini l-ikel li neħtieġ.
- **SR** 118 (119), 29.72.89.101.104.163 Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek, Mulej.
- **E** Lq 9, 1-6 Bagħathom ixandru s-Saltna ta' Alla u jfejqu l-morda.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – Beatu Ġużeppi Beneditt Dusmet – Tifkira (abjad)

# 26 Il-Ħamis • Settembru 2024

**tal-ħamsa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Kosma u San Damjan, martri – Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew ad diversa jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Koħ 1, 2-11 Xejn ġdid m'hemm taħt ix-xemx.
- **SR** 89 (90), 3-4.5-6.12-13.14 u 17 Mulej, int kont għalina kenn minn nisel għal nisel.
- **E** Lq 9, 7-9 Lil Ġwanni qtajtlu rasu; mela min hu dan li fuqu qiegħed nisma' dan kollu?

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-martri [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Luqa, Ħamrun (S.Gejtanu) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beatu Awrelju minn Vinalesa, presbiteru, u sħabu martri ta' Valencia – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. Conv. – San Elżearju minn Sabran u l-Beata Delfina, lajċi – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- San Lawrenz (Knisja Parrokkjali) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1897) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Ma hemm ebda tagħrif dwar San Kosma u San Damjan ħlief isimhom, imma jingħad li kienu tobba u kkuraw il-morda bla ħlas f'Ċiro, fis-Sirja u wasslu ħafna minnhom għand Kristu. Ħadu l-martirju taħt l-imperatur Djoklezjanu madwar is-sena 300.

# Il-Ġimgħa • Settembru 2024 27

**San Vinċenz de Paul, presbiteru – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Koħ 3, 1-11 Kull ħaġa għandha waqtha taħt is-sema.
- **SR** 42 (43), 1.2.3.4 Ittama f'Alla, hu l-għajnuna u Alla tiegħi.
- **E** Lq 9, 18-22 Inti l-Messija ta' Alla. Jeħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-qaddisin irġiel: għal dawk li għamlu opri tal-ħniena [Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.O.C. – San Vinċenz de Paul, presbiteru – Solennità (abjad)
- F.S.C. – Beatu Scubilion Rousseau, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Beati Ġużepp Calasanz u Enriku Saiz, presbiteri u 93 sħabhom martri – Tifkira (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Vinċenz de Paul twieled fi Pouy, qrib Dax fil-Lbiċ ta' Franza, fl-1581. Studja fl-università ta' Toloża u ġie ordnat saċerdot meta kellu għoxrin sena. Bagħtuh kappillan tal-parroċċa ta' Châtillon-les-Dombes, minn fejn mar Pariġi u beda jagħmel appostolat fost il-ħabsin ikkundannati għall-qdif fuq ix-xwieni. Waqqaf il-Kongregazzjoni tal-Missjoni, magħrufa aktar bħala Lazaristi, għall-formazzjoni tal-kleru u għall-għajnuna tal-foqra, u bil-għajnuna ta' Santa Louise de Marillac waqqaf ukoll il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karità. Miet fis-27 ta' Settembru 1660. Ġie kkanonizzat mill-papa Klement XIII fl-1737.

# 28 Is-Sibt • Settembru 2024

**tal-ħamsa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **San Vinċeslaw, re tal-Boemja, martri – Tifkira (aħmar)**
*jew* **San Lawrenz Ruiz u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Koħ 11, 9 – 12, 8 Ftakar f'min ħalqek f'jiem żgħożitek, qabel mat-trab jerġa' jmur fl-art mnejn ġie, u n-nifs tal-ħajja jitlaq lejn Alla.
- **SR** 89 (90), 3-4.5-6.12-13.14 u 17 Mulej, int kont għalina kenn minn nisel għal nisel.
- **E** Lq 9, 43b-45 Bin il-bniedem għandu jkun mogħti f'idejn il-bnedmin. Huma beżgħu jistaqsuh dwar dak li kien qal.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna jew tal-martri [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. – San Duminku Ibanez u sħabu martri tal-Ġappun – Tifkira (aħmar)
- O.S.A. – Beatu Pietru de Zuniga, Beatu Tumas ta' Santu Wistin, presbiteri, u sħabhom, martri – Tifkira O (aħmar)
- O.F.M. Cap. – Beatu Innoċenz minn Berzo, presbiteru – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Għarb (Knisja Parrokkjali u Bażilka taż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija lil Eliżabetta) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1755) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Vinċeslaw twieled fil-Boemja, qrib Praga, fis-sena 907. Sar duka tal-Boemja fid-921. Minkejja d-diffikultajiet li ħabbat wiċċu magħhom, mexxa tajjeb ħafna, b'attenzjoni partikulari għall-foqra. Fittex fuq kollox il-ħarsien tal-fidi tas-sudditi tiegħu. Ġie maqtul minn ħuh Boleslaw fis-27 ta' Settembru 929. Ħafer lil ħuh qabel ma miet. L-Insara minnufih tawh ġieħ bħala martri.

San Lawrenz Ruiz twieled f'Manila, fil-Gżejjer Filippini qrib is-sena 1600. Kien miżżewweġ u kellhu tlett itfal. Flimkien ma' ħmistax oħra, saċerdoti, reliġjużi u lajċi rġiel u nisa, xerred il-fidi nisranija fil-Filippini u fil-Ġappun, u ħadu l-martirju f'Nagasaki fl-1637. Kien l-ewwel qaddis martri tal-Filippini.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-sitta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-sitta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tieni ġimgħa tas-salterju.



# Il-Ħadd • Settembru 2024 29

**Is-sitta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-sitta u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Num 11, 25-29 Kulħadd profeta fil-poplu tal-Mulej.
- **SR** 18, 8.10.12-14 Il-preċetti tal-Mulej dritti, u jferrħu l-qalb.
- **2L** Ġak 5, 1-6 Il-ġid tagħkom tħassar.
- **E** Mk 9, 38-43.45.47-48 Min mhux kontra tagħna, huwa magħna.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. (Birgu) – Dedikazzjoni tal-kappella – Solennità (abjad)

# 30 It-Tnejn • Settembru 2024

**San Ġirolmu, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali I/2**

- **1L** Ġob 1, 6-22 Il-Mulej tani, il-Mulej ħadli: ikun imbierek isem il-Mulej!
- **SR** 16 (17), 1.2-3.6-7 Ressaq widintek lejja Mulej, isma' kliemi.
- **E** Lq 9, 46-50 Min hu l-iżgħar fostkom ilkoll, dan hu l-kbir.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tad-dutturi tal-Knisja[Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Żebbuġ (Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1736) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġirolmu twieled fi Stirdone, id-Dalmazja, illum fil-Kroatja, għall-ħabta tas-sena 342; studja u tgħammed f'Ruma. Beda ħajja axxetika, mar fil-Lvant u ġie ordnat saċerdot. Reġa' lura Ruma, u l-papa Damasu għamlu segretarju tiegħu u qabbdu jaqleb il-Bibbja għal-Latin; mexxa 'l quddiem il-ħajja monastika. Imbagħad mar Betlehem u ta sehem tassew kbir biex jgħin lill-Knisja fil-ħtiġijiet tagħha.

# It-Tlieta • Ottubru 2024 01

**Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D. (B'kara) – Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja – Solennità (abjad)
- O.Carm.; O.C.D. – Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja – Festa (abjad)

**Quddiesa**

tat-tifkira, prefazju tal-komun jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Ġob 3, 1-3.11-17.20-23 Għaliex jingħata d-dawl lill-imsejken?
- **SR** 87 (88), 2-3.4-5.6.7-8 Ħa tasal it-talba tiegħi għandek, Mulej.
- **E** Lq 9, 51-56 B'rieda sħiħa dar u telaq lejn Ġerusalemm.

**Liturġija tas-Sigħat**

tat-tifkira mill-Komun tal-verġni [Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**

Santa Tereża tal-Bambin Ġesù twieldet f'Alençon, Franza, fl-1873 mill-qaddisin Louis u Zelie Martin. Ta' ħmistax-il sena daħlet fil-karmelu ta' Lisieux fejn kien hemm diġa' tnejn minn ħutha. Tħarrġet ħafna fl-umiltà, fis-sempliċità evanġelika u fil-fiduċja f'Alla, u bil-kelma u bl-eżempju għallmet l-istess virtujiet lin-novizzi. Offriet ħajjitha għas-salvazzjoni tal-erwieħ u għall-missjonijiet. Mietet ta' 24 sena bit-tuberkulożi fit-30 ta' Settembru 1897. Ġiet maħtura patruna tal-missjonijiet u fl-1997 il-papa Ġwann Pawlu II iddikjaraha duttur tal-Knisja.

# 02 L-Erbgħa • Ottubru 2024

**L-Anġli Kustodji Mqaddsa – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-Anġli [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Eżodu 23, 20-23 L-anġlu tiegħi jimxi quddiemek.
- **SR** 90, 1-6.10-11 L-anġli tiegħu jibgħatlek, biex iħarsuk.
- **E** Mt 18, 1-5.10 L-anġli tagħhom fis-sema dejjem jaraw wiċċ il-Missier.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira [Ċ]. Fl-Uffiċċju tal-Qari u fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmi tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Mġarr – Id-Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Alla ħalaq lill-anġli biex jikkontemplaw il-glorja tiegħu wiċċ imb'wiċċ u jaqdu lilu u lill-bnedmin. L-anġli kustodji huma mogħtija lill-bnedmin biex jieqfu magħhom fil-bżonnijiet tagħhom u jbegħduhom mill-perikli.

# Il-Ħamis • Ottubru 2024 03

**tas-sitta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Ġob 19, 21-27 Jien naf lid-difensur tiegħi ħaj.
- **SR** 26 (27), 7-8a.8b-9abċ.13-14 Nemmen li għad nara t-tieba tal-Mulej f'art il-ħajjin.
- **E** Lq 10, 1-12 Jistrieħ is-sliem tagħkom fuqu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. – San Franġisk Borgia, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.S.B. – Beatu Kolumba Marmion, abbati – Tifkira (abjad)

# 04 Il-Ġimgħa • Ottubru 2024

**San Franġisk ta’ Assisi, djaknu – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Ġob 38, 1.12-21; 40, 3-5 Qatt ikkmandajt is-sebħ, qatt wasalt sa għejun il-baħar?
- **SR** 138 (139), 1-3.7-8.9-10.13-14ab Mexxini, Mulej, fit-triq ta’ dejjem.
- **E** Lq 10, 13-16 Min iwarrab lili jkun iwarrab lil dak li bagħatni.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi [Ċ]. Innu proprju fit-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum u fl-Għasar. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – Missierna San Franġisk ta’ Assisi, djaknu u fundatur tat-tliet ordnijiet – Solennità (abjad)
- O.P.; C.I.M. – San Franġisk ta’ Assisi, djaknu – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Franġisk twieled f’Assisi fl-1182. Wara żgħożija fiergħa, ċaħad il-ġid ta’ missieru u ngħaqad bis-sħiħ ma’ Alla. Ħaddan il-faqar, u għadda ħajja mfassla fuq l-Evanġelju; xandar lil kulħadd l-imħabba ta’ Alla. Lil dawk li riedu jimxu warajh tahom regoli mill-aħjar, li fl-1210 ġew approvati mill-papa Innoċenz III. Flimkien ma’ Santa Kjara, waqqaf ordni ta’ sorijiet klawstrali, kif ukoll għaqda ta’ nies li, waqt li jibqgħu jgħixu fid-dinja, jgħaddu ħajja ta’ ċaħda. Fl-1224, waqt li kien qed jitlob f’La Verna, irċieva f’ġismu l-marki tal-passjoni ta’ Kristu, li minħabba fihom bata ħafna fl-aħħar żmien ta’ ħajtu li seħħet, sentejn wara, fl-1226.

# Is-Sibt • Ottubru 2024 05

**tas-sitta u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **Santa Fawstina Kowalska, verġni – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Ġob 42, 1-3.5-6.12-17 Issa b'għajnejja rajtek, għalhekk inċedi u nindem.
- **SR** 118 (119), 66.71.75.91.125.130 Ħa jiddi wiċċek fuq il-qaddej tiegħek, Mulej.
- **E** Lq 10, 17-24 Ifirħu għax għandkom isimkom miktub fis-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna jew tal-verġni jew tal-qaddisin nisa: għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Naxxar (Santwarju tal-Ħniena Divina) – Santa Fawstina Kowalska, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.S.J. – Beatu Pietru Pattarini ta' Imola – Tifkira O (abjad)
- O.P. – Beatu Raymond ta' Capua, presbiteru – Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Beatu Albertu Marvelli– Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Belt Vittorja (Knisja tal-Kapuċċini) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1755) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Fawstina Kowalska, twieldet fl-1905 qrib Lòdz fil-Polonja; daħlet fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Madonna tal-Ħniena. Il-missjoni tagħha kienet li tħeġġeġ il-bnedmin ħalli jiftakru li Alla jħobbhom u jħenn għalihom, u għal dan inqdiet b'forom ġodda ta' devozzjoni lejn il-Ħniena ta' Alla u ħabirket biex il-ħajja spiritwali tiġġedded bl-għajnuna ta' dik id-devozzjoni.  Mietet fi Krakovja fl-1938.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-sebgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-sebgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

# 06 Il-Ħadd • Ottubru 2024

**Is-sebgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tas-sebgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Ġen 2, 18-24 Isiru ġisem wieħed.
- **SR** 127, 1-6 Iberikna l-Mulej il-jiem kollha ta' ħajjitna.
- **2L** Lhud 2, 9-11 Kemm dawk li jqaddes, u kemm dawk li jiġu mqaddsin, ilkoll huma mill-istess wieħed.
- **E** Mk 10, 2-16 Dak li għaqqad Alla, ma għandux jifirdu l-bniedem.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# It-Tnejn • Ottubru 2024 07

**L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Gal 1, 6-12 L-Evanġelju mhux mingħand bniedem irċevejtu jew tgħallimtu, imma kien irrivelat lili minn Ġesù Kristu.
- **SR** 110 (111), 1-2.7-8. 9 u 10ċ Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **E** Lq 10, 25-37 Il-proxxmu tiegħi min hu?

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. (G'mangia) – L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju – Solennità (abjad)
- Balzan – Id-Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.P. – L-Imqaddsa Verġni Marija tar-Rużarju – Festa (abjad)

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Proprju tal-Qaddisin u mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum antifoni proprji u salmi tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu u antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija fl-Uffiċċju tal-Qari u fit-Talb ta' Nofs il-Jum tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Din it-tifkira tnisslet mid-devozzjoni poplari u hi marbuta mar-rebħa li l-qawwiet Insara għamlu f'Lepanto u li waqqfet il-firxa tal-Imperu Ottoman fil-Mediterran, fis-7 ta' Ottubru tal-1571. Il-papa Piju V rabat din ir-rebħa mat-talba tar-Rużarju, li biha l-poplu Nisrani kien imħeġġeġ biex jitlob lill-Verġni Marija.

# 08 It-Tlieta • Ottubru 2024

**Arċidjoċesi ta' Malta**
**L-Anniversarju tad-dedikazzjoni tal-Katidral ta' Malta – Festa (abjad)**
**Djoċesi ta' Għawdex**
**tas-sebgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

## Arċidjoċesi ta' Malta

### Quddiesa
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja [3].

### Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin
- **1L** 1 Slat 8, 22-23.27-30 Ħarstek taqlagħhiex min fuq din id-dar. (p 15)
- **SR** 83, 3-5, 10-11 Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti! (p16)
- **E** Lq 19, 1-10 Illum 'il din id-dar ġietha s-salvazzjoni. (p 26)

### Liturġija tas-Sigħat
Uffiċċju tal-festa mill-Komun tal-konsagrazzjoni tal-knisja [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

### Ċelebrazzjonijiet oħra
- Mdina (Katidral) – L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni – Solennità (abjad)
- O.S.J. – San Ugo, konfessur – Tifkira (abjad)

### Mill-Martiroloġju Ruman
Skont it-tradizzjoni, meta n-Normanni ħadu lil Malta mill-Għarab, ħasbu għall-bini tal-katidral tal-Imdina u t-twaqqif tal-kapitlu għall-ħabta tal-1091. Il-katidral il-qadim ġarrab ħsarat kbar fit-terrimot tal-1693. Minfloku nbena ieħor ikbar u isbaħ fuq disinn ta' Lorenzo Gafà, iddedikat lil San Pawl u li ġie kkonsagrat fit-8 ta' Ottubru 1702, mill-Isqof Davide Cocco Palmieri. Il-katidral huwa l-Knisja ewlenija tad-djoċesi fejn l-isqof għandu il-Katedra tiegħu.

**Djoċesi ta’ Għawdex**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Gal 1, 13-24 Alla għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus.
- **SR** 138 (139), 1-3.13-14ab.14ċ-15 Mexxini Mulej fit-triq ta’ dejjem.
- **E** Lq 10, 38-42 Marta laqgħetu. Marija għażlet l-aħjar sehem.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta’ Għawdex

- Belt Vittorja (Kappella tal-Oratorju Don Bosco) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1989) – Solennità (abjad)

# 09 L-Erbgħa • Ottubru 2024

**tas-sebgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Djonisju, isqof, u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)**
*jew* **San Ġwann Leonardi, presbiteru – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Gal 2, 1-2.7-14 Għarfu l-grazzja li kienet mogħtija lili.
- **SR** 85 (86), 3-4.5-6.9-10 Il-Mulej kollu tieba u fedeltà.
- **E** Lq 11, 1-4 Mulej, għallimna nitolbu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. – San Ludovik Bertran, presbiteru – Tifkira (abjad)
- F.S.C. – San Jaime Hilario u San Cirillo Bertran u sħabu, martri ta’ Turon – Tifkira O (aħmar)
- O.S.A. – Beatu Antonju Patrizi, presbiteru – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Skont San Girgor ta’ Tours, fis-seklu tlieta Djonisju kien mibgħut Franza mill-papa u sar l-ewwel isqof ta’ Pariġi, fejn sofra l-martirju fuq l-għolja ta’ Montemartre, flimkien ma’ San Rustiku, saċerdot, u San Elewterju, djaknu, għall-ħabta tas-sena 285.

San Ġwann Leonardi twieled f’Lucca, it-Toscana, għall-ħabta tas-sena 1541; sar spiżjar, imbagħad ġie ordnat saċerdot u ta ruħu għall-predikazzjoni, l-aktar bit-tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal. Waqqaf l-Ordni tal-Kjeriċi Regolari ta’ Omm Alla, kif ukoll għaqda ta’ saċerdoti biex ixerrdu l-fidi, u b’hekk qiegħed il-pedament li fuqu aktar tard inbniet il-Kongregazzjoni tal-Propagazzjoni tal-Fidi. Miet Ruma fl-1609. Il-papa Ġwann Pawlu II, ħatru patrun tal-ispiżjara.

# Il-Ħamis • Ottubru 2024 10

**tas-sebgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Gal 3, 1-5 L-Ispirtu rċevejtuh mill-opri tal-Liġi jew mis-smigħ tal-fidi?
- **SR** Lq 1, 69-70.71-72.73-75 Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu.
- **E** Lq 11, 5-13 Itolbu u jingħatalkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Safi – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.S.A. – San Tumas ta' Villanova, isqof – Festa (abjad)
- O.S.B. – Santa Ġustina, verġni u martri – Tifkira O (aħmar)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – San Danjel u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)

# 11 Il-Ġimgħa • Ottubru 2024

**Arċidjoċesi ta' Malta**
**tas-sebgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Ġwanni XXIII, papa – Tifkira (abjad)**

**Djoċesi ta' Għawdex**
**L-Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Katidral – Festa (abjad)**

**Arċidjoċesi ta' Malta**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Gal 3, 7-14 Dawk li jemmnu jitbierku ma' Abraham.
- **SR** 9, 2-3.6 u 16.8-9 Il-Mulej jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja.
- **E** Lq 11, 15-26 Jekk jiena qiegħed inkeċċi x-xjaten bis-saħħa ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta' Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sliema (S. Girgor) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.F.M. (Ħal Far – Kappella San Ġwann XXIII) – San Ġwanni XXIII, papa – Solennità (abjad)
- O.S.A. – Beatu Elija tas-Sukkors Nieves, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. (Conv.); O.F.M. – San Ġwanni XXIII, papa – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Angelo Ġużeppi Roncalli twieled f'Sotto il Monte (Bergamo) fl-1881. Ta' ħdax-il sena daħal fis-seminarju ta' Bergamo, imbagħad kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju Ruman. Ġie ordnat saċerdot fl-1904 u nħatar segretarju tal-Isqof ta' Bergamo. Fl-1921 daħal fis-servizz tas-Santa Sede bħala President għall-Italja tal-Kunsill Ċentrali tal-Opera Pontifiċja tal-Propagazzjoni tal-Fidi; fl-1925 inħatar bħala Viżitatur Appostoliku u Delegat Appostoliku fil-Bulgarija; fl-1935 bħala Delegat Appostoliku fit-Turkija u l-Greċja; fl-1944 bħala Nunzju Appostoliku fi Franza. Fl-1953 inħatar kardinal u ġie nominat Patrijarka ta' Venezja. Ġie elett papa fl-1958. Sejjaħ sinodu għad-djoċesi ta' Ruma, waqqaf Kummissjoni għar-reviżjoni tal-Kodiċi tad-Dritt Kanoniku, sejjaħ il-Konċilju Ekumeniku Vatikan II. Miet fit-3 ta' Ġunju 1963.

**Djoċesi ta' Għawdex**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju proprju [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** 1 Slat 8, 22-23.27-30 Ħarstek taqlagħhiex min fuq din id-dar. (p 15)
- **SR** 83, 3-5, 10-11 Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti! (p16)
- **E** Lq 19, 1-10 Illum 'il din id-dar ġietha s-salvazzjoni. (p 26)

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa mill-Komun tal-konsagrazzjoni tal-knisja [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex
- Belt Vittorja (Knisja Katidrali) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1716) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Knisja Katidrali ta' Għawdex iddedikata lil Santa Marija kienet ikkonsagrata minn Ġakbu Cañaves, isqof ta' Malta u Għawdex, nhar il-11 ta' Ottubru, 1716 – festa tal-Maternità Divina tal-Madonna, l-unika domma Marjana sa dak iż-żmien. L-ewwel ħjiel ta' knisja parrokkjali fiċ-Ċittadella jmur lura għas-sena 1299. Fis-sena 1435, din il-knisja bdiet tissejjaħ Matriċi u lejn is-sena 1445 saret Kolleġġjata u grupp ta' qassisin bdew jiltaqgħu kuljum jirreċitaw l-Uffiċċju Divin. L-ewwel ġebla tal-knisja preżenti tqiegħdet fil-21 ta' Settembru, 1697, u nbniet fuq pjanta tal-arkitett Malti Lorenzo Gafà. Fl-1864 saret il-Katidral tad-Djoċesi ġdida ta' Għawdex.

# 12 Is-Sibt • Ottubru 2024

**tas-sebgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
**L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Gal 3, 22-29 Intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi.
- **SR** 104 (105), 2-3.4-5.6-7 Il-Mulej jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.
- **E** Lq 11, 27-28 Hieni l-ġuf li ġiebek! Aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. – San Serafin minn Montegranaro, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Conv. – San Serafin minn Montegranaro, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- S.J. – Beatu Jan Beyzyn, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – Beata Marija Tereza Fasce, verġni – Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tmienja u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tmienja u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Ottubru 2024 13

**It-tmienja u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tmienja u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Għerf 7, 7-11 Intbaħt li l-għana m'hu xejn ħdejn l-għerf.
- **SR** 89, 12-17 Imliena bit-tjieba tiegħek, Mulej.
- **2L** Lhud 4, 12-13 Il-Kelma ta' Alla tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb.
- **E** Mk 10, 17-30 Mur, bigħ li għandek, u ejja imxi warajja.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Qrendi – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

# 14 It-Tnejn • Ottubru 2024

**tat-tmienja u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Kallistu, papa u martri – Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Gal 4, 22-24.26-27.31 – 5, 1 Aħna m'aħniex ulied l-ilsira, imma wlied il-ħielsa.
- **SR** 112 (113), 1-2.3-4.5a u 6-7 Ikun isem il-Mulej imbierek, minn issa u għal dejjem!
- **E** Lq 11, 29-32 Ebda sinjal ma jingħata lil dan in-nisel ħlief is-sinjal ta' Ġona.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Kallistu jingħad li kien ilsir; wara li kiseb il-ħelsien ġie ordnat djaknu mill-papa Żefirinu u dan qabbdu jieħu ħsieb il-katakombi ta' Via Appia li aktar tard issejħu l-katakombi ta' San Kallistu. Imbagħad sar papa warajh fis-sena 217. Tħabat ħafna kontra l-eretiċi ta' żmienu. Miet martri fis-sena 222 u difnuh fiċ-ċimiterju ta' Kalepodju f'Via Aurelia, Ruma.

# It-Tlieta • Ottubru 2024 15

**Santa Tereża ta' Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Gal 5, 1-6 Biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma jkun jiswa ħlief biss il-fidi li taħdem permezz tal-imħabba.
- **SR** 118 (119), 41u 43.44-45.47-48 Ħa tinżel fuqi tjubitek, Mulej.
- **E** Lq 11, 37-41 Agħtu karità minn dak li hemm ġewwa, u taraw kif kollox ikunilkom nadif.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-verġni jew tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Mosta; O.P. (il-Belt) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.C.D. – Santa Tereża ta' Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja u omm tagħna – Solennità (abjad)
- O.Carm.; D.S.H. – Santa Tereża ta' Ġesù, verġni u duttur tal-Knisja – Festa (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Knisja ta' Manresa) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1931) – Solennità (abjad)
- Għasri (Knisja tal-Patroċinju) – Il-Patroċinju tal-Imqaddsa Verġni Marija – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Tereża twieldet f'Avila, Spanja, fl-1515. Daħlet fl-Ordni Karmelitan, imxiet 'il quddiem ħafna fit-triq tal-perfezzjoni u kellha rivelazzjonijiet mistiċi. Fost ħafna diffikultajiet indaħlet għar-riforma tal-Ordni tagħha bil-għajnuna ta' San Ġwann tas-Salib. Il-kitbiet tagħha fihom tagħlim għoli u l-esperjenzi axxetiċi u mistiċi li għaddiet minnhom hi stess. Mietet f'Alba de Tormes fl-1582. Ġiet iddikjarata duttur tal-Knisja mill-papa Pawlu VI fl-1970.

# 16 L-Erbgħa • Ottubru 2024

**tat-tmienja u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena- Ferja (aħdar)**
*jew* **Santa Edwiġe, reliġjuża – Tifkira (abjad)**
*jew* **Santa Margerita Marija Alacoque, verġni – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Gal 5, 18-25 Dawk li huma ta' Kristu Ġesù sallbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu.
- **SR** 1, 1-2.3.4 u 6 Min jiġi warajk, Mulej, ikollu d-dawl tal-ħajja.
- **E** Lq 11, 42-46 Ħażin għalikom intom il-Fariżej! Ħażin għalikom ukoll intom l-għorrief tal-Liġi!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- D.S.H. – Santa Margerita Marija Alacoque, verġni – Festa (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Fontana (Santwarju Qalb ta' Ġesù) – Santa Margerita Marija Alacoque, verġni – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Edwiġe twieldet fil-Bavarja għall-ħabta tal-1174; żewġuha lid-duka Enriku tas-Silesja u l-Polonja u kellha sebat itfal. Kienet mara ta' ħajja qaddisa, ħsiebha li tagħmel il-ġid lill-foqra u l-morda, li għalihom waqqfet djar u sptarijiet. Meta romlot daħlet soru fil-monasteru taċ-Ċisterċensi ta' Trebniz, fil-Polonja, li  kienet waqqfet hi stess. Mietet fl-1243.

Santa Margerita Marija Alacoque twieldet f'Verosvres fir-reġjun tal-Burgundija, Franza, fl-1647. Daħlet soru tal-Viżitazzjoni f'Paray-le-Monial, u għexet fit-triq tal-perfezzjoni; kellha rivelazzjonijiet mistiċi, l-aktar dwar id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù u bil-għajnuna tal-konfessur tagħha San Claudio de la Colombiere tħabtet ħafna biex ixxerridha fil-Knisja. Mietet fis-17 ta' Ottubru 1690. Ġiet ikkanonizzata mill-papa Benedittu XV fis-sena 1920.

# Il-Ħamis • Ottubru 2024 17

**Sant'Injazju ta' Antjokja, isqof u martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Efes 1, 1-10 Hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.
- **SR** 97 (98), 1.2-3ab.3ċd-4.5-6 Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu.
- **E** Lq 11, 47-54 Dan in-nisel ikollu jagħti kont ta' demm il-profeti kollha, ibda mid-demm ta' Abel sad-demm ta' Żakkarija.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Injazju kien dixxiplu tal-appostlu San Ġwann u t-tielet wieħed wara San Pietru li mexxa l-Knisja ta' Antjokja. Fi żmien l-imperatur Trajanu kkundannawh għall-mewt fl-amfiteatru u ħaduh Ruma, fejn sofra l-martirju fis-sena 107. Hu u sejjer Ruma kiteb seba' ittri lil diversi Knejjes, ittri mimlijin għerf u tagħlim kbir fuq Kristu, fuq it-twaqqif tal-Knisja u fuq il-ħajja nisranija.

# 18 Il-Ġimgħa • Ottubru 2024

**San Luqa, evanġelista – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli II [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 2 Tim 4, 10-17b Luqa waħdu baqa' miegħi.
- **SR** 144, 10-13.17-18 Ħbiebek ixandru l-ġmiel ta' saltnatek.
- **E** Lq 10, 1-9 Il-ħsad kbir, imma l-ħaddiema ftit.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Munxar (Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1925) – Solennità (abjad)
- Belt Vittorja (Knisja tal-Lunzjata) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1958) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Luqa twieled fl-ewwel seklu f'Antjokja minn ġenituri pagani, ikkonverta, issieħeb mal-appostlu San Pawl, u kiteb Evanġelju mibni fuq il-predikazzjoni tiegħu. Kiteb ukoll il-ktieb tal-Atti tal-Appostli, li fih ħallielna tagħrif fuq l-ewwel żmien tal-Knisja u fuq il-ġrajja tagħha sal-ewwel mawra ta' San Pawl f'Ruma. Fil-kapitli 27 u 28 tal-Atti tal-Appostli, San Luqa stess jgħid li kien sieħeb ta' San Pawl fin-nawfraġju u ż-żjara tiegħu f'Malta. Hu l-qaddis protettur tat-tobba u tal-artisti.



# 19 Is-Sibt • Ottubru 2024

**tat-tmienja u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **San Ġwann de Brébeuf u Sant'Iżakk Jogues, presbiteri u sħabhom, martri – Tifkira (aħmar)**
*jew* **San Pawl tas-Salib, presbiteru – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Efes 1, 15-23 Alla għamel lil Kristu Ras fuq il-Knisja kollha, li hi Ġismu.
- **SR** 8, 2-3a.4-5.6-7 Qegħedt lil Ibnek fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk.
- **E** Lq 12, 8-12 L-Ispirtu s-Santu jgħallimkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. – San Ġwann Brebeuf, Isaak Jogues, presbiteri u sħabhom, martri – Tifkira O (aħmar)
- O.F.M. Conv.; O.F.M. – San Pietru minn Alcantara, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. – San Pietru minn Alcantara, presbiteru – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Sannat (Knisja Parrokkjali ta' Santa Margerita) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1755) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Bejn l-1642 u l-1649 diversi missjunarji sofrew il-martirju fil-Kanada. Fosthom kien hemm il-presbiteri Ġiżwiti San Ġwann de Brébeuf, Sant'Iżakk Jogues, San Gabrijel Lalemant, Sant'Anton Daniel, San Karlu Garnier u San Natal Chabanel, ir-reliġjuż Ġiżwita San Ġwann de la Lande, u San Renatu Goupil, li għen fil-missjoni bħala tabib.

Pawlu Franġisku Danei twieled f'Ovada, l-Italja, fl-1694; f'żgħożitu ta ruħu għall-għajnuna tal-foqra u l-morda, u ħajjar oħrajn biex jingħaqdu miegħu f'dan l-appostolat. Ġie ordnat saċerdot fl-1727, u fl-1737 waqqaf l-ewwel dar tal-Kjeriċi Regolari tas-Salib u l-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu, imsejħin il-Passjonisti. Ipprietka fl-Italja kollha u għamel appostolat kbir. Miet f'Ruma fit-18 ta' Ottubru 1775.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tad-disgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tad-disgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# 20 Il-Ħadd • Ottubru 2024

**Id-disgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**
**ĠURNATA MISSJUNARJA**

**Quddiesa**
tad-disgħa u għoxrin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3]. Illum tista' ssir il-Quddiesa għall-Evanġelizzazzjoni tal-Popli (mill-Missal p 896-898; mill-Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin p 532).

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Is 53, 10-11 Is-sagrifiċċju ta' Kristu.
- **SR** 32, 4-5.18-19.20.22 Ħa tkun Mulej it-tjieba tiegħek fuqna, kif fik hi t-tama tagħna.
- **2L** Lhud 4, 14-16 Nersqu b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja.
- **E** Mk 10, 35-45 (42-45) Bin il-bniedem ġie biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- B'Kara (S. Elena) – Dedikazzjoni tal-Bażilka – Solennità (abjad)
- Seminarju (tal-Virtù) – L-Imqaddsa Verġni Marija 'Mater Admirabilis' – Solennità (abjad)



# 21 It-Tnejn • Ottubru 2024

**Arċidjoċesi ta' Malta**
**tad-disgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Djoċesi ta' Għawdex**
**Sant'Ursola u sħabha, verġni u martri, Protettriċi tad-Djoċesi – Tifkira O (aħmar)**

**Arċidjoċesi ta' Malta**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Efes 2, 1-10 Qajjimna ma' Kristu Ġesù u qegħedna fis-smewwiet miegħu.
- **SR** 99 (100), 2.3.4.5 Aħna l-poplu tiegħu u n-ngħaġ tal-mergħa tiegħu.
- **E** Lq 12, 13-21 Il-ħwejjeġ li ħejjejt għalik, ta' min ikunu?

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.P. (Rabat) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- Monasteru Sant'Ursola – Sant'Ursola, verġni u martri – Solennità (aħmar)
- U.S.A.M. – Sant'Ursola, verġni u martri – Festa (aħmar)
- S.J. – Beatu Diegu ta' San Vitores, presbiteru, u San Pedro Calungsod, martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. Cap – Beata Marilawrenza Llonc, verġni – Tifkira (abjad)

**Djoċesi ta' Għawdex**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [5].

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tal-verġni martri [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Belt Vittorja (Knisja Katidrali) – Sant' Ursola u sħabha, verġni u martri, Patruna tal-Belt Vittorja u protettriċi tad-Djoċesi – Solennità (aħmar)
- Belt Vittorja – Sant'Ursola u sħabha, verġni u martri, Patruna tal-Belt Vittorja u protettriċi tad-Djoċesi – Festa (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Ursola, sofriet il-martirju flimkien ma' oħrajn f'Köln, fil-Ġermanja; milli jidher sa mis-seklu ħamsa nbniet bażilka fil-post fejn sofrew il-martirju. Fis-sena 1614, Ewgenio Romirez-Maldonato, Gvernatur ta' Għawdex, irregala bust tal-qaddisa lill-Knisja Matriċi, illum Katidral. Mill-bidu nett, l-Għawdxin talbu l-interċessjoni ta' Sant'Ursola fil-ħtiġijiet tagħhom u hi ħelsithom mill-pesta, mill-kolera, mit-terrimoti, mill-ġradi, u minn flaġelli oħra. Is-Sinodu Djoċesan tas-sena 1620 iddikjara lil Sant'Ursola Patruna ta' Għawdex.

# 22 It-Tlieta • Ottubru 2024

**tad-disgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **San Ġwann Pawlu II, papa – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Efes 2, 12-22 Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed.
- **SR** 84 (85), 9ab-10.11-12.13-14 Il-Mulej is-sliem ixandar, għall-poplu tiegħu.
- **E** Lq 12, 35-38 Henjin dawk il-qaddejja li meta jiġi sidhom isibhom jishru!

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. – Anniversarju tal-Dedikazzjoni tal-Knisja – Solennità (abjad) Is-solennità ssir fil-ġurnata tal-lum jekk ma tkunx ġiet iċċelebrata fil-jum proprju tagħha.
- O.F.M. (Monasteru S. Klara) – Beata Ġużeppina Leroux, verġni u martri – Tifkira (aħmar)
- O.Carm. – San Ġwanni Pawlu II, papa u miktub fil-Labtu – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Kerċem (Knisja Parrokkjali tal-Madonna tas-Sokkors) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1911) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Karol Ġużeppi Wojtyla twieled fil-belt ta' Wadowice fil-Polonja fis-sena 1920. Wara li ġie ordnat saċerdot u temm l-istudji teoloġiċi fil-Belt ta' Ruma reġa' lura f'pajjiżu fejn wettaq diversi ħidmiet pastorali u akkademiċi. Wara żmien bħala Isqof Awżiljarju ta' Krakovja fis-sena 1964 ġie maħtur Arċisqof u ħa sehem fil-Konċilju Ekumeniku Vatikan II. Ġie elett papa u ħa l-isem ta' Ġwanni Pawlu II. B'ħerqa pastorali appostolika ħadem bla heda speċjalment fl-oqsma tal-familja, taż-żgħażagħ u tal-morda. Il-wirt kbir li ħalla lill-Knisja jinkludi fost ħafna oħrajn il-Maġisteru tiegħu, prinċipalment il-promulgazzjoni tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika u l-Kodiċi tal-Liġi Kanonika kemm għall-Knisja Latina kif ukoll għall-Knisja Orjentali. Strieħ fil-Mulej fil-Belt ta' Ruma fit-2 ta' April 2005, il-vġili tat-tieni Ħadd tal-Għid, jew tal-Ħadd tal-Ħniena Divina.

# L-Erbgħa • Ottubru 2024 23

**tad-disgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)** *jew* **San Ġwann minn Capestrano, presbiteru – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Efes 3, 2-12 Il-misteru ta' Kristu ġie rrivelat: il-pagani huma msejħa biex ikollhom sehem mill-istess wirt.
- **SR** Iż 12, 2-3.4bċd.5-6 Kollkom ferħana timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni.
- **E** Lq 12, 39-48 Lil min tawh ħafna, ifittxu li jieħdu ħafna mingħandu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tal-qaddisin irġiel: għar-reliġjużi [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Ġwann minn Capestrano, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- F.S.C. – Beatu Arnold Reche, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – San Guliermu, eremita u l-Beatu Ġwanni t-Tajjeb, presbiteru – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann twieled f'Capestrano, l-Abruzzi, fl-1386. Studja l-liġi, u mbagħad daħal fl-Ordni tal-Franġiskani Minuri; ġie ordnat saċerdot, u ngħata għax-xandir tal-kelma t'Alla u għall-ħidma appostolika fl-Italja u kważi fl-Ewropa kollha. Ħadem ħafna biex isaħħaħ il-ħajja nisranija u jeħodha kontra l-eretiċi ta' żmienu. Miet f'Ujlak, qrib ix-xmara Danubju, fl-Ungerija, fl-1456.

# 24 Il-Ħamis • Ottubru 2024

**tad-disgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)** *jew* **Sant'Anton Marija Claret, isqof – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Efes 3, 14-21 Tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla.
- **SR** 32 (33), 1-2.4-5.11-12.18-19 Bit-tieba tal-Mulej mimlija l-art.
- **E** Lq 12, 49-53 Ma ġejtx inġib il-paċi fid-dinja, imma l-firda.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Birgu – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Sant'Alwiġ Guanella, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.F.M. – Sant'Anton Galvao, presbiteru – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Anton Marija Claret twieled f'Sallent, Spanja, fl-1807. Ġie ordnat saċerdot, u għal ħafna snin dar il-Katalonja jipprietka. Fl-1849 waqqaf is-Soċjetà tal-Missjunarji Ulied il-Qalb bla tebgħa ta' Marija (Klaretani). Ġie maħtur isqof ta' Santiago f'Kuba, fejn ħabrek ħafna biex l-ilsiera jkollhom ħajja aħjar. Minħabba f'hekk il-ħajja tiegħu kienet mhedda diversi drabi. Reġa' lura fi Spanja, minn fejn mar Franza u miet f'Fontfroide ħdejn Narbonne fl-1870.

# Il-Ġimgħa • Ottubru 2024 25

**tad-disgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Efes 4, 1-6 Ġisem wieħed, Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda.
- **SR** 23 (24), 1-2.3-4ab.5-6 Aħna nfittxu 'l wiċċek, Mulej.
- **E** Lq 12, 54-59 Tafu taqrawh wiċċ is-sema, u wiċċ l-art ukoll; mela ż-żmien ta' issa kif ma tafux tfissruh?

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Knejjes tal-Kleru Djoċesan; S.D.B.; F.M.A. – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
  Is-solennità ssir fil-ġurnata tal-lum jekk ma tkunx ġiet iċċelebrata fil-jum proprju tagħha jew jekk mhux se tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd li ġej.
- O.S.A. – San Ġwann Stone, presbiteru u martri – Tifkira O (aħmar)
- O.P. – Beatu Pietru Geremia, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beata Marija ta' Ġesù Masia Ferragut u sħabha, martri – Tifkira (aħmar)

# 26 Is-Sibt • Ottubru 2024

**tad-disgħa u għoxrin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Madonna [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Ef 4, 7-16 Kristu hu r-Ras, li fih il-Ġisem kollu jikber fih innifsu.
- **SR** 121 (122), 1-2.3-4a.4b-5 Fraħt meta qaluli: "Sejrin f'dar il-Mulej!"
- **E** Lq 13, 1-9 Jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu, xorta waħda.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [E]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Conv.- Beatu Bonaventura minn Potenza, presbiteru – Tifkira (abjad)

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tletin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tletin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

**It-tletin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tletin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Ġer 31, 7-9 Il-Mulej salva l-poplu tiegħu.
- **SR** 125, 1-6 Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!
- **2L** Lhud 5, 1-6 Int qassis għal dejjem.
- **E** Mk 10, 46-52 Mgħallem, agħmel li jiena nara.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Illum tista' ssir is-solennità tad-Dedikazzjoni tal-knisja jekk ma tkunx ġiet iċċelebrata fil-jum proprju tagħha.

# 28 It-Tnejn • Ottubru 2024

**San Xmun u San Ġuda, appostli – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Efes 2, 19-22 Mibnija fuq is-sisien tal-appostli.
- **SR** 18, 2-5 Mal-art kollha jasal leħinhom.
- **E** Lq 6, 12-19 Ġesù għażel tnax, li semmiehom appostli.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa u mill-Komun tal-appostli [B]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu proprju. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmi tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Monasteru Santa Margerita (Bormla); B'Kara (Knisja ta' S.Pawl) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Isem Xmun huwa l-ħdax-il wieħed fil-lista tal-Appostli. Ma nafu xejn fuqu, ħlief li twieled f'Kana u kienu jgħidulu l-Imħeġġeġ.
Ġuda, imsejjaħ ukoll Taddew, kien bin Ġakbu; fl-aħħar ikla tal-Għid staqsa lill-Mulej għaliex kien se juri ruħu lid-dixxipli biss u mhux lid-dinja. U Ġesù wieġbu: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu."

# It-Tlieta • Ottubru 2024 29

**tat-tletin ġimgħa taż-żmien ta’ matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta’ wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta’ matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Efes 5, 21-33 Dan il-misteru – qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja – huwa kbir!
- **SR** 127 (128), 1-2.3.4-5 Hieni kull min jibża’ mill-Mulej.
- **E** Lq 13, 18-21 Iż-żerriegħa kibret u saret siġra.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Monasteru Santa Margerita (Bormla) – San Xmun u San Ġuda, appostli – Festa (aħmar)
- S.D.B.; F.M.A. – Beatu Mikiel Rua, presbiteru – Tifkira O (abjad)

Djoċesi ta’ Għawdex
- M.S.S.P. (Żebbuġ) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (2022) – Solennità (abjad)

# 30 L-Erbgħa • Ottubru 2024

**tat-tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Efes 6, 1-9 Aqduhom bil-qalb it-tajba, qiskom lill-Mulej u mhux lill-bnedmin.
- **SR** 144 (145), 10-11.12-13ab.13ċd-14 Ta' kelmtu l-Mulej fil-wegħdiet tiegħu kollha.
- **E** Lq 13, 22-30 Jiġu nies mil-Lvant u mill-Punent, u joqogħdu għall-mejda fis-Saltna ta' Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad) Is-solennità ssir fil-ġurnata tal-lum jekk ma tkunx ġiet iċċelebrata fil-jum proprju tagħha.
- S.J. – Beatu Dumink Collins, reliġjuż, martri – Tifkira (aħmar)
- O.C.D. – Beata Tereża ta' San Ġużepp Tauscher, verġni – Tifkira (abjad)

**tat-tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Efes 6, 10-20 Ħudu fuqkom l-armatura ta' Alla, ħalli tkunu tistgħu tieqfu u, wara li tkunu għamiltu ħilitkom kollha, iżżommu weqfin.
- **SR** 143 (144), 1.2.9-10 Imbierek il-Mulej, il-blata tiegħi.
- **E** Lq 13, 31-35 Ma għandux ikun li profeta jinqered barra minn Ġerusalemm.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa. Filgħaxija l-ewwel Għasar tas-solennità tal-Qaddisin kollha. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Żabbar – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- S.J. – Sant'Alfons Rodriguez, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. – Sant'Anġlu ta' Acri, presbiteru – Tifkira O (abjad)

# 01 Il-Ġimgħa • Novembru 2024

**Il-Qaddisin Kollha – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Apok 7, 2-4.9-14 Rajt kotra kbira li ħadd ma jista' jgħoddha.
- **SR** 23, 1-6 Dan huwa n-nisel ta' dawk li jfittxu 'l wiċċek, Mulej.
- **2L** 1 Ġw 3, 1-3 Naraw 'l Alla kif inhu.
- **E** Mt 5, 1-12a Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija komplimentari. It-tieni Għasar tas-solennità. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Nota**
Tinkiseb indulġenza plenarja b'suffraġju għall-mejtin meta:

a. bejn l-1 u t-8 ta' Novembru ssir żjara f'xi ċimiterju u jsir talb għall-mejtin;
b. illum jew għada ssir żjara f'xi knisja u jingħadu Missierna u Kredu.

Tingħata indulġenza parzjali lil min:

a. iżur ċimiterju u jitlob għall-mejtin;
b. min jitlob il-Lawdi jew l-Għasar mill-Uffiċċju tal-Mejtin;
ċ min jitlob l-invokazzjoni: *Agħtihom, O Mulej* ...

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Illum il-Knisja mqaddsa, li għadha pellegrina fuq l-art, tifraħ mal-Qaddisin kollha tas-sema u tagħtihom ġieħ solenni, waqt li tħabrek biex timxi fuq l-eżempji tagħhom u bl-għajnuna tat-talb tagħhom tittama li għad tirbaħ il-premju mwiegħed għal dejjem ta' dejjem quddiem il-kobor ta' Alla.

**L-Għid tal-Imwiet – (vjola)**

**Quddies**
proprju, qari proprju mill-Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin (p 719), prefazju tal-Mejtin [2].

Permezz tal-Kostituzzjoni Appostolika tal-papa Benedittu XV tal-10 ta' Awwissu 1915 kull presbiteru jista' jqaddes tliet Quddisiet. L-ewwel Quddiesa *ad mentem celebrantis*; it-tieni *pro omnibus fidelibus defunctis*; it-tielet *ad mentem Summi Pontificis*. Ma għandux ikun hemm aktar minn Quddiesa waħda fl-istess knisja u fl-istess ħin.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-mejtin [A]. Il-lezzjoni patristika fl-Uffiċċju tal-Qari tittieħed mill-Proprju tal-Qaddisin.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Ommna l-Knisja mqaddsa, wara li tiċċelebra bil-ferħ it-tifkira ta' wliedha kollha li jinsabu fis-sema, titlobhom jidħlu bit-talb tagħhom quddiem Alla għall-erwieħ kollha li marru qabilna bis-sinjal tal-fidi u raqdu bit-tama tal-qawmien mill-imwiet; u biex jitolbu wkoll għal dawk kollha li mietu sa mill-bidu tad-dinja, li Alla waħdu jaf il-fidi tagħhom, biex jitnaddfu minn kull tebgħa ta' dnub, jixxirku mal-qaddisin, u jgawdu d-dehra ta' Alla għal dejjem.

# 03 Il-Ħadd • Novembru 2024

**Il-wieħed u tletin Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tal-wieħed u tletin Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta’ matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** Dewt 6, 2-6 Isma’, O Iżrael: Ħobb lill-Mulej b’qalbek kollha.
- **SR** 17, 2-3a.3bċ-4.47.51ab Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi!
- **2L** Lhud 7, 23-28 Ġesù għandu saċerdozju li ma jintemm qatt.
- **E** Mk 12, 28b-34 Il-kmandament tal-imħabba ta’ Alla u tal-proxxmu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# It-Tnejn • Novembru 2024 04

**San Karlu Borromeo, isqof – Tifkira O (abjad)**

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex
- Żebbuġ (Kappella taċ-Ċimiterju) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1966) – Solennità (abjad)

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Fil 2, 1-4 Kunu fehma waħda u mlewni bil-ferħ.
- **SR** 130 (131), 1.2.3 Mulej, ħarisli ruħi fis-sliem.
- **E** Lq 14, 12-14 Stieden il-foqra, il-magħtubin, iz-zopop u l-għomja.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Karlu Borromeo twieled f'Arona, il-Lombardija, fl-1538; ġie ordnat saċerdot u ggradwa fil-liġi ċivili u kanonika. Il-papa Piju IV, zijuh, għamlu kardinal meta kellu 21 sena u isqof ta' Milan fl-1564. Ħa ħsieb tal-merħla afdata f'idejh: għamel bosta żjajjar pastorali u beda jwettaq id-digrieti tal-Konċilju ta' Trentu billi waqqaf seminarji u skejjel u ħabrek għall-formazzjoni tal-kleru. Waqt il-pesta tal-1576 hu nnifsu kien idur bil-morda. Miet fit-3 ta' Novembru 1584.

# 05 It-Tlieta • Novembru 2024

**tal-wieħed u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Fil 2, 5-11 Ċekken lilu nnifsu, għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet.
- **SR** 21 (22), 26b-27.28-30a.31-32 Mulej, nagħtik it-tifħir tiegħi f'ġemgħa kbira.
- **E** Lq 14, 15-24 Oħroġ fil-mogħdijiet u fl-għelieqi, u ġiegħel in-nies tidħol, ħalli dari timtela.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. – Il-Qaddisin kollha tal-Kumpanija ta' Ġesù – Festa (abjad)
- O.F.M. Cap.; O.F.M. Conv.; O.F.M. – Tifkira solenni tal-mejtin fl-Ordni Serafiku (vjola)
- O.Carm.; O.C.D. – Beata Franġiska t'Amboise, reliġjuża – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – Beatu Marjanu de la Mata Aparicio, presbiteru – Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – F'kull dar tiġi ċċelebrata Quddiesa b'suffraġju għall-benefatturi u aħwa tal-Familja Salesjana.

# L-Erbgħa • Novembru 2024 06

**tal-wieħed u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Fil 2, 12-18 Ħabirku għas-salvazzjoni tagħkom.
- **SR** 26 (27), 1.4.13-14 Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.
- **E** Lq 14, 25-33 Ħadd ma jista' jkun dixxiplu tiegħi jekk ma jitlaqx ġidu kollu.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Kirkop – San Leonardu, abbati – Solennità (abjad)
- O.P. – Beati Bonaventura Garcia Paredes, Ġjacint Serrano Lopez, presbiteri, u sħabhom martri fi Spanja – Tifkira (aħmar)
- O.Carm. – San Nonju ta' Santa Marija Alvarez Pereira, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.S.A. - Tifkira tar-Reliġjużi kollha mejtin tal-familja Agostinjana (vjola)
- S.J. – Tifkira tal-Ġiżwiti mejtin (vjola)
- O.C.D. - San Nonju ta' Santa Marija Alvarez Pereira, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- O.F.M. Conv. – Beatu Alfonz Lopez, presbiteru u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. (Monasteru S. Klara) – Beata Elena Enselmini, verġni – Tifkira (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beati Indri minn Palazuelo, Federik minn Berga, u sħabhom, martri tar-rivoluzzjoni ta' Spanja – Tifkira (aħmar)

# 07 Il-Ħamis • Novembru 2024

**tal-wieħed u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Fil 3, 3-8a Dak kollu li għalija kien qligħ, jien għaddejtu bħala telf minħabba Kristu.
- **SR** 104 (105), 2-3.4-5.6-7 Tifraħ il-qalb ta' dawk li jfittxu l-Mulej!
- **E** Lq 15, 1-10 Ikun hemm ferħ fost l-anġli ta' Alla għal midneb wieħed li jindem.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. – Il-Qaddisin kollha tal-Ordni tal-Predikaturi – Festa (abjad)
- O.C.D. – Beatu Franġisk Palau ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.S.B. – San Willibrord, isqof – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – Beatu Grazzja ta' Kotor, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- F.M.M. – Beata Marija Assunta, reliġjuża – Tifkira (abjad)

# Il-Ġimgħa • Novembru 2024 08

**tal-wieħed u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Fil 3, 17 – 4,1 Nistennew jiġi lis-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu.
- **SR** 121 (122), 1-2.3-4a.4b-5 Sejrin ferħana f'dar il-Mulej.
- **E** Lq 16, 1-8 Ulied din id-dinja jimxu bil-għaqal aktar minn ulied id-dawl ma' min hu tal-qatgħa tagħhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.C.D. – Santa Eliżabetta Catez tat-Trinità, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Conv.; O.F.M. – Beatu Ġwann Duns Scotus, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.P. – Anniversarju tal-mejtin kollha tal-Ordni – (vjola)
- O.Carm. – Santa Eliżabetta tat-Trinità, verġni – Tifkira (abjad)
- O.S.A. – Beatu Avelino Rodriguez, presbiteru u 97 sħabu, martri – Tifkira (aħmar)
- O.F.M. Cap. – Beatu Ġwann Duns Scotus, presbiteru – Tifkira (abjad)

# 09 Is-Sibt • Novembru 2024

**Id-Dedikazzjoni tal-Bażilka tal-Lateran – Festa (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tad-dedikazzjoni [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Eżek 47, 1-2.8-9.12 Rajt l-ilma ħiereġ mit-tempju.
  *jew* 1 Kor 3, 9b-11.16-17 Intom it-tempju ta' Alla.
- **SR** 45, 2-3.5-6.8-9 Tifraħ il-belt ta' Alla.
- **E** Ġw 2, 13-23 Ġesù tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju tad-dedikazzjoni [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Eżek 47, 1-2.8-9.12 Rajt l-ilma ħiereġ mit-tempju.
- **SR** 45, 2-3.5-6.8-9 Tifraħ il-belt ta' Alla.
- **2L** 1 Kor 3, 9b-11.16-17 Intom it-tempju ta' Alla.
- **E** Ġw 2, 13-23 Ġesù tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Kollox mill-Komun tad-Dedikazzjoni tal-Knisja, minbarra l-lezzjoni patristika. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona u salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, martri) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Bażilka tal-Lateran – Solennità (abjad)
- Kerċem (Knisja ta' Santa Luċija) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1952) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-Bażilka tal-Lateran hi ddedikata lis-Santissimu Salvatur, lil San Ġwann Battista u lil San Ġwann Evanġelista. It-tradizzjoni tgħidilna li bħal-lum, sa mis-seklu 12, isir l-anniversarju tad-dedikazzjoni tal-bażilka mibnija mill-imperatur Kostantinu fuq l-għolja tal-Lateran. Għall-ewwel din il-festa kienet issir f'Ruma biss, imbagħad bdew jagħmluha wkoll dawk li jużaw ir-rit Ruman, bħala ġieħ lill-bażilka li hi "l-Omm u r-ras tal-knejjes kollha tal-Belt u tad-Dinja", kif ukoll bħala sinjal tal-imħabba u l-għaqda mal-Katedra ta' Pietru, li, skont Injazju ta' Antjokja, "tippresiedi fuq il-ġemgħa kollha magħquda fl-imħabba".

# Il-Ħadd • Novembru 2024 10

**It-tnejn u tletin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tnejn u tletin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**
- **1L** 1 Slat 17, 10-16 L-armla għamlet ftira zgħira u ġibitha lil Elija.
- **SR** 145, 7-10 Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej!
- **2L** Lhud 9, 24-28 Kristu offra lilu nnifsu darba biss.
- **E** Mk 12, 38-44 L-armla fqira offriet iktar minn kulħadd.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Kirkop – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

# 11 It-Tnejn • Novembru 2024

**San Martin ta’ Tours, isqof – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Tit 1, 1-9 Aħtar presbiteri f’kull belt, skont ma ordnajtlek.
- **SR** 23 (24), 1-2.3-4ab.5-6 Dan hu n-nisel ta’ dawk li jfittxu ’l wiċċek, Mulej.
- **E** Lq 17, 1-6 Jekk jonqsok seba’ darbiet f’ġurnata, u jdur lejk seba’ darbiet u jgħidlek: ‘Jisgħobbija,’ aħfirlu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Proprju tal-Qaddisin u mill-Komun tar-ragħajja [Ċ]. Fit-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innijiet u antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Fit-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum antifoni proprji u salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Fl-Għasar antifoni proprji u salmodija mill-Komun tar-ragħajja. Mill-bqija mis-salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Baħrija – San Martin ta’ Tours, isqof – Solennità (abjad)
- O.S.B. – San Martin ta’ Tours, isqof – Festa (abjad)

Djoċesi ta’ Għawdex

- Belt Vittorja (Knisja ta’ San Franġisk) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1906) – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Martin twieled fil-Pannonja, illum l-Ungerija, minn ġenituri pagani għall-ħabta tas-sena 316. Kien suldat fl-eżerċtu Ruman, tgħammed ta’ tmintax-il sena u wara li telaq mis-servizz, waqqaf monasteru f’Ligugé, Franza, fejn għadda ħajja monastika taħt it-tmexxija ta’ Sant’Ilarju, isqof ta’ Poitiers. Ġie ordnat saċerdot, u sar isqof ta’ Tours. Kien eżempju ta’ ragħaj tajjeb, billi bena monasteri, għallem il-kleru, xandar l-Evanġelju, u kellu mħabba speċjali għall-foqra. Miet fis-sena 397.

# It-Tlieta • Novembru 2024 12

**San Ġosofat, isqof u martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri jew tar-Ragħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Tit 2, 1-8.11-14 Ngħixu bit-tieba, u nistennew it-tama hienja u d-dehra tal-glorja tal-kbir Alla u Salvatur tagħna, Ġesù Kristu.
- **SR** 36 (37), 3-4.18 u 23.27 u 29 Is-salvazzjoni tal-ġusti mill-Mulej.
- **E** Lq 17, 7-10 Aħna qaddejja li ma niswew għal xejn; għamilna biss dak li kellna nagħmlu.

**Liturġija tas-Sigħat**
tat-tifkira [Ċ] mill-Komun tal-martri jew tar-ragħajja. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – San Teodoru Studita, abbati – Tifkira (abjad)
  *jew* San Ġosofat, isqof u martri – Tifkira (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Ġwann Kuncewicz twieled fi Vladimir, l-Ukrajna, għall-ħabta tal-1580 minn ġenituri ortodossi; ħaddan il-fidi kattolika u daħal reliġjuż fl-Ordni ta' San Bażilju u ħa l-isem ta' Ġosafat. Ġie ordnat saċerdot u maħtur isqof ta' Polotsk; qeda l-ministeru episkopali billi ħadem ħafna għall-għaqda tal-Knisja. L-ortodossi ħaduha kontra tiegħu u qatluh f'Vitebsk waqt li kien qed jagħmel żjara pastorali.

# 13 L-Erbgħa • Novembru 2024

**tat-tnejn u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.A. – Il-Qaddisin kollha tal-familja Agostinjana – Festa (abjad)
- O.S.B. – Il-Qaddisin kollha li għexu skont ir-regola ta' San Benedittu – Festa (abjad)
- S.J. – San Stanislaw Kostka, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- S.O.C. – Sant'Agostina Pietrantoni, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. – San Diegu minn Alcalà – Tifkira O (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Beatu Artemidis Zatti, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- O.F.M. Conv. – San Diegu minn Alcalà – Tifkira (abjad)
- O.Carm. – Beata Marija Tereża ta' Ġesù Scrilli, verġni u fundatriċi – Tifkira (abjad)
- O.C.D. – San Albertu l-Kbir, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Tit 3, 1-7 Konna darba bla moħħ iżda Alla salvana minħabba l-ħniena tiegħu.
- **SR** 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6 Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.
- **E** Lq 17, 11-19 Ma kien hemm ħadd minnhom li raġa' lura biex jagħti glorja lil Alla ħlief dan il-barrani.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tar-IV ġimgħa.

# Il-Ħamis • Novembru 2024 14

**tat-tnejn u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Filem 7-20 Ilqgħu, mhux iktar bħala lsir, imma bħala ħuk għażiż.
- **SR** 145 (146), 7.8-9a.9bċ-10 Hieni min f'Alla ta' Ġakobb isib l-għajnuna tiegħu.
- **E** Lq 17, 20-25 Is-Saltna ta' Alla fostkom qiegħda.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.Carm.; O.C.D. – Il-Qaddisin kollha tal-Ordni Karmelitan – Festa (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Nikola Tavelić u sħabu, martri – Tifkira O (aħmar)
- S.J. – San Ġużepp Pignatelli, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.S.B. – L-aħwa mejtin kollha Benedittini – Tifkira O (vjola)

# 15 Il-Ġimgħa • Novembru 2024

**tat-tnejn u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Sant'Albertu l-Kbir, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)**

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. – San Albertu l-Kbir, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)
- O.Carm.; O.C.D. – Tifkira tal-mejtin kollha tal-Ordni – Tifkira O (vjola)
- S.D.B.; F.M.A. – Beata Madalena Morano, verġni – Tifkira (abjad)
- F.M.M. – Beata Marija tal-Passjoni, fundatriċi tal-Franġiskani Missjunarji ta' Marija – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Xagħra (Knisja ta' Ġesù Nazzarenu) L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (1931) – Solennità (abjad)

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ[6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 2 Ġw 4-9 Min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih.
- **SR** 118 (119), 1.2.10.11.17.18 Henjin dawk li jimxu fil-liġi tal-Mulej.
- **E** Lq 17, 26-37 Hekk ikun il-Jum li fih jidher Bin il-bniedem.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa.

**Nota**
Illum jaħbat l-anniversarju mill-mewt ta' Mons. Nikol J. Cauchi, Isqof emeritus ta' Għawdex (2010)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Albertu l-Kbir twieled f'Lauingen f'xatt id-Danubju, fil-Ġermanja, għall-ħabta tal-1206. Studja Padova u Pariġi. Daħal fl-Ordni tal-Predikaturi u għallem f'ħafna postijiet u fost l-istudenti kien hemm San Tumas ta' Aquino. Għal sentejn kien isqof ta' Regensburg, u tħabat bla heda għall-paċi bejn il-popli u l-istati. Kiteb ħafna opri ta' għerf kbir fuq it-teoloġija u x-xjenzi naturali. Miet f'Köln fl-1280.

# Is-Sibt • Novembru 2024 16

**tat-tnejn u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **Santa Margerita tal-Iskozja – Tifkira (abjad)**
*jew* **Santa Ġertrude, verġni – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** 3 Ġw 5-8 Aħna fid-dmir li nilqgħu lil ħutna, ħalli b'hekk nissieħbu magħhom fil-ħidma għat-tixrid tal-verità.
- **SR** 111 (112), 1-2.3-4.5-6 Hieni l-bniedem li jibża' mill-Mulej.
- **E** Lq 18, 1-8 Alla jagħmel ħaqq lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tar-IV ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Bormla – Dedikazzjoni tal-Oratorju – Solennità (abjad)
- O.S.B. – Santa Ġertrude, verġni – Festa (abjad)
- F.S.C. – Beatu Aurelio Maria u sħabu martri – Tifkira (aħmar)
- S.J. - Il-Qaddisin Rokku Gonzólez, Alfonsu Rodriguez u Ġwann del Castillo, presbiteri u martri – Tifkira (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Margerita tal-Iskozja twieldet għall-ħabta tal-1046 fl-Ungerija, fejn missierha kien eżiljat. Iżżewġet lil Malcolm Canmore, re tal-Iskozja, u kellha tmint itfal, li rabbiethom ta' Nsara u tathom edukazzjoni tajba. Għexet ħajja ta' ċaħda u ta' talb, u tat għajnuna kbira lill-foqra. Mietet fl-1093 u difnuha fil-knisja tal-monasteru ta' Dunfermline li kienet waqqfet hi stess.

Santa Ġertrude twieldet f'Eisleben, it-Turinġja, fl-1256; kienet għadha ċkejkna ħafna meta bagħtuha fil-monasteru tas-sorijiet Ċisterċiżi ta' Helfta, fejn studjat l-aktar il-Latin, il-mużika u l-pittura. Imbagħad biddlet ħajjitha u ngħatat għat-talb u l-kontemplazzjoni ta' Ġesù msallab. Kitbet ġabra ta' talb u eżerċizzi spiritwali, u tagħrif dwar ir-rivelazzjonijiet li kellha u d-devozzjoni tagħha lejn il-Qalb ta' Ġesù. Mietet fis-17 ta' Novembru 1301.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tlieta u tletin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tlieta u tletin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena B. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# 17 Il-Ħadd • Novembru 2024

**It-tlieta u tletin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena – (aħdar)**

**Quddiesa**
tat-tlieta u tletin Ħadd taż-żmien ta' matul is-sena, Glorja, Kredu, prefazju tal-Ħdud ta' matul is-sena [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Dan 12, 1-3 F'dak iż-żmien il-poplu tiegħek jinħeles.
- **SR** 15, 5. 8-11 Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.
- **2L** Lhud 10, 11-14.18 Kristu għamel perfetti għal dejjem 'il dawk li huwa jqaddes.
- **E** Mk 13, 24-32 Jiġbor flimkien il-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-Ħadd [D]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena B. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

# It-Tnejn • Novembru 2024 18

**tat-tlieta u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
**Id-dedikazzjoni tal-Bażilċi ta' San Pietru u San Pawl, appostli – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Appostli [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Apok 1, 1-4; 2, 1-5a Ġib quddiem għajnejk fiex waqajt u indem.
- **SR** 1, 1-2.3.4 u 6 Lir-rebbieħ nagħtih jiekol mis-siġra tal-ħajja.
- **E** Lq 18, 35-43 "Xi tridni nagħmillek?" – "Li nara, Mulej!"

*jew jekk issir it-tifkira tad-Dedikazzjoni:*

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**
- **1L** Atti 28, 11-16.30-31 Hekk wasalna Ruma.
- **SR** 97, 1-6 Il-Mulej għarraf is-salvazzjoni lill-ġnus.
- **E** Mt 14, 22-23 Għidli niġi ħdejk fuq l-ilma.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-appostli [Ċ]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, innu u antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- R.S.C.J. – Santa Filippina Duchesne – Festa (abjad)
- O.F.M. (Monasteru Santa Klara) – Beata Salomea minn Krakow, verġni – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Fis-seklu 4 il-papa Silvestru ddedika l-bażilka ta' San Pietru fuq l-għolja tal-Vatikan u l-papa Siriċju l-bażilka ta' San Paolo fuori le mura. L-anniversarji tad-dedikazzjoni ta' dawn il-bażilċi, mibnija fuq l-oqbra taż-żewġ appostli, kienu ilhom isiru f'Ruma sa mis-seklu 12; aktar tard daħlet fir-Rit Ruman kollu ċelebrazzjoni waħda f'ġieħ l-appostli San Pietru u San Pawl.

# 19 It-Tlieta • Novembru 2024

**tat-tlieta u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Apok 3, 1-6.14-22 Jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu.
- **SR** 14 (15), 2-3ab.3ċd-4ab.5 Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi.
- **E** Lq 19, 1-10 Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Naxxar (Santwarju tal-Ħniena Divina) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja (2016) – Solennità (abjad)
- O.S.J. – Il-Qaddisin kollha tal-Ordni – Tifkira O (abjad)
- O.C.D. – San Rafel Kalinowski ta' San Ġużepp, presbiteru- Tifkira O (abjad)
- O.F.M. (Monasteru Santa Klara) – Santa Anjeże ta' Assisi, verġni – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Conv. – Santa Anjeże ta' Assisi, verġni – Tifkira (abjad)
- O.S.B. – Santa Matilde, verġni – Tifkira (abjad)
- O.Carm. – San Rafel Kalinowski ta' San Ġużepp, presbiteru- Tifkira (abjad)

# L-Erbgħa • Novembru 2024 20

**tat-tlieta u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena - Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali I/2**

- **1L** Apok 4, 1-11 Qaddis il-Mulej, Alla li jista' kollox, li kien, u li hu, u li ġej!
- **SR** 150, 1-2.3-4.5-6 Qaddis, Qaddis, Qaddis il-Mulej, Alla li jista' kollox.
- **E** Lq 19, 11-28 Għax ma mortx tqiegħed flusi l-bank?

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.B. – Beata M. Fortunata Viti, verġni – Tifkira (abjad)
- O.F.M. – Beatu Baskal Fortuno Almela u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)

# 21 Il-Ħamis • Novembru 2024

**Il-Preżentazzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, qari proprju, prefazju tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Żakk 2, 14-17 Għajjat bil-ferħ, Sijon, għax il-Mulej ġej.
- **SR** Lq 1, 46-55 Hienja int, Verġni Marija, li ġibt fid-dinja 'l Bin il-Missier etern.
- **E** Mt 12, 46-50 Medd idu lejn id-dixxipli u qal: Dawn huma ommi u ħuti.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna minbarra l-partijiet proprji [Ċ]. Innijiet proprji fl-Uffiċċju tal-Qari u fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar. Antifoni proprji għall-Benedictus u għall-Magnificat. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Monasteru ta' Santa Katerina (il-Belt) – Il-Preżentazzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija – Solennità (abjad)
- D.S.H.; R.S.C.J. – Il-Preżentazzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
F'dan il-jum, li fih fis-sena 543 saret id-dedikazzjoni tal-knisja ta' Santa Marija l-Ġdida f'Ġerusalemm, issir iċ-ċelebrazzjoni tal-"konsagrazzjoni" ta' Marija Verġni lil Alla, li sa minn ċkunitha tatu lilha nfisha kollha kemm hi fl-Ispirtu s-Santu li mlieha bil-grazzja tiegħu fit-tnissil tagħha bla tebgħa.

# Il-Ġimgħa • Novembru 2024 22

**Santa Ċeċilja, verġni u martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Apok 10, 8-11 Jien ħadt il-ktejjeb u blajtu.
- **SR** 118 (119), 14.24.72.103.111.131 Kemm hi ħelwa l-wegħda tiegħek!
- **E** Lq 19, 45-48 Id-dar tiegħi għamiltuha għar tal-ħallelin.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tal-verġni [Ċ]. L-antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. – Beatu Salvator Lilli u sħabu, martri – Tifkira (aħmar)

**Mill-Martirloġju Ruman**
Santa Ċeċilja għexet bejn wieħed u ieħor fit-tielet seklu u l-kult tagħha tant kien imxerred f'Ruma li isimha ddaħħal fil-Kanone Ruman. Hi patruna tal-mużiċisti.

# 23 Is-Sibt • Novembru 2024

**tal-tlieta u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt – Tifkira (abjad)**
*jew* **San Klement I, papa u martri – Tifkira (aħmar)**
*jew* **San Kolumbanu, abbati – Tifkira (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tat-tifkira [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Apok 11, 4-12 Iż-żewġ profeti kienu jaħqru lil min jgħammar fuq l-art.
- **SR** 143 (144), 1-2.9-10 Imbierek il-Mulej, il-blata tiegħi.
- **E** Lq 20, 27-40 Mhuwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) ferjali [E] jew tat-tifkira [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- S.J. – Beatu Mikiel Pro, presbiteru u martri – Tifkira (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Klement kien it-tielet papa wara San Pietru li mexxa l-Knisja ta' Ruma fi tmiem l-ewwel seklu. Kiteb ittra sabiħa lill-Korintin, biex iwettaqhom fis-sliem u jsaħħaħhom fl-għaqda tal-qlub.

San Kolumbanu twieled f'Leinster, l-Irlanda, madwar is-sena 540; wara l-istudji tiegħu qabad ħajja monastika. Fetaħ monasteri fi Franza u fl-Italja. Miet fil-monasteru ta' San Pietru, f'Bobbio, fis-sena 615.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
ta' Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità ta' Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd. Matul din il-ġimgħa jingħadu s-salmi tat-tieni ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Novembru 2024 24

**Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena B**

- **1L** Dan 7, 13-14 Il-ħakma tiegħu, ħakma għal dejjem.
- **SR** 92, 1-2.5 Il-Mulej isaltan, il-kobor libes.
- **2L** Apok 1, 5-8 Kristu huwa l-prinċep tas-slaten tad-dinja.
- **E** Ġw 18, 33b-37 Int qiegħed tgħid li jien sultan.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmi tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Arċidjoċesi ta' Malta

- L-anniversarju mill-ordinazzjoni episkopali ta' Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna (2012).

# 25 It-Tnejn • Novembru 2024

**tal-erbgħa u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**
*jew* **Santa Katerina ta' Lixandra, verġni u martri – Tifkira (aħmar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa* jew tat-tifkira, prefazju komun jew tal-Martri [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Apok 14, 1-3.4b-5 Kellhom isem Kristu u isem Missieru miktub fuq ġbinhom.
- **SR** 23 (24), 1-2.3-4ab.5-6 Dan hu n-nisel ta' dawk li jfittxu 'l wiċċek, Mulej.
- **E** Lq 21, 1-4 Ra waħda armla fqira titfa' biċċtejn żgħar tal-flus.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tal-verġni [Ċ]. Salmodija tat-Tnejn tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Żejtun; Żurrieq; Monasteru ta' Santa Katerina (il-Belt) – Santa Katerina ta' Lixandra, verġni u martri – Solennità (aħmar)
- S.D.B.; F.M.A. – F'kull dar tiġi ċċelebrata Quddiesa b'suffraġju għall-qraba Salesjani mejtin (vjola)
- O.F.M.; O.F.M. Conv. – Sant'Umile minn Bisignano, reliġjuż – Tifkira (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Katerina jingħad li kienet verġni u martri minn Lixandra, fl-Eġittu, li għexet fir-raba' seklu. Sa minn età żgħira uriet dehen, għerf kbir u spirtu qawwi. Il-ġisem tagħha hu miżmum b'ġieħ kbir fil-monasteru tal-għolja tas-Sinaj.

# It-Tlieta • Novembru 2024 26

**tal-erbgħa u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Apok 14, 14-19 Midd il-minġel tiegħek u aħsad, għax waslet is-siegħa biex taħsad, għax il-ħsad tal-art misjur sewwa.
- **SR** 95 (96), 10.11-12.13 Il-Mulej ġej biex jagħmel ħaqq mill-art.
- **E** Lq 21, 5-11 Ma tibqax ġebla fuq oħra.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Leonardu minn Porto Maurizio, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- S.J. – San Ġwann Berchmans, reliġjuż – Tifkira O (abjad)
- O.S.B. – San Silvestru, abbati – Tifkira (abjad)

# 27 L-Erbgħa • Novembru 2024

**tal-erbgħa u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Apok 15, 1-4 Huma jgħannu l-kantiku ta' Mosé u l-kantiku tal-Ħaruf.
- **SR** 97 (98), 1.2-3ab.7-8.9 Kbar u tal-għaġeb l-għemejjel tiegħek, Mulej Alla li tista' kollox.
- **E** Lq 21, 12-19 Kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi. Imma xagħra waħda minn raskom ma tintilifx.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – San Franġisk Anton Fasani, presbiteru – Tifkira O (abjad)

# Il-Ħamis • Novembru 2024 28

**tal-erbgħa u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena –
Ferja (aħdar)**

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**
- **1L** Apok 18, 1-2.21-23; 19, 1-3.9a Iġġarrfet Babilonja l-kbira.
- **SR** 99 (100), 2.3.4.5 Henjin dawk li huma mistiedna għall-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf!
- **E** Lq 21, 20-28 Ġerusalemm tibqa' tintrifes taħt saqajn il-ġnus sa ma jkun għadda żmien il-ġnus.

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Sliema (S.Maris) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.F.M. Conv.; O.F.M. – San Ġakbu mill-Marche, presbiteru – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. – San Ġakbu mill-Marche, presbiteru – Tifkira (abjad)

# 29 Il-Ġimgħa • Novembru 2024

**tal-erbgħa u tletin ġimgħa taż-żmien ta' matul is-sena – Ferja (aħdar)**

**Liturġija tas-Sigħat**
ferjali [E]. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Quddiesa**
ta' wieħed mill-Ħdud taż-żmien ta' matul is-sena jew votiva jew *ad diversa*, prefazju komun [6].

**Lezzjonarju Ferjali II/2**

- **1L** Apok 20, 1-4.11 – 21, 2 Il-mejtin sar ħaqq minnhom fuq l-għemejjel tagħhom. Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema.
- **SR** 83 (84), 3.4.5-6a u 8a Din hi l-għamara ta' Alla mal-bnedmin.
- **E** Lq 21, 29-33 Meta taraw dan jiġri, kunu afu li s-Saltna ta' Alla hi fil-qrib.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Blata l-Bajda (Knisja tal-Midalja Mirakoluża) – Il-Madonna tal-Midalja Mirakoluża – Festa (abjad)
- O.F.M.; O.F.M. Conv.; O.F.M. Cap. – Il-Qaddisin kollha tal-Ordni Serafiku – Festa (abjad)
- O.Carm.; O.C.D. – Beati Dionisju tan-Nativitȧ, presbiteru u Redent tas-Salib, reliġjuż, martri – Tifkira (aħmar)
- O.S.A. – Beatu Federiku minn Ratisbona, reliġjuż – Tifkira (abjad)
- S.J. – Beatu Bernardu Franġisk de Hoyos, presbiteru – Tifkira (abjad)

# Is-Sibt • Novembru 2024 30

**Sant'Andrija, appostlu – Festa (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-appostli [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Rum 10, 9-18 Il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ permezz tax-xandir tal-kelma ta' Kristu.
- **SR** 18, 2-5 Mal-art kollha jasal leħinhom.
- **E** Mt 4, 18-22 Minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-festa mill-Komun tal-appostli minbarra l-partijiet proprji [B]. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifoni u salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Luqa – Sant'Andrija, appostlu – Solennità (aħmar)
- Sliema (Sacro Cuor) – Dedikazzjoni tal-Knisja – Solennità (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex

- Fontana (Knisja Parrokkjali) – Sant'Andrija, appostlu, patrun tal-parroċċa – Solennità (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Indrì, minn Betsajda tal-Galilija, qrib Kafarnahum, kien dixxiplu ta' Ġwanni l-Battista, imbagħad mar wara Kristu u ġibed lejh lil ħuh Pietru. Flimkien ma' Filippu ressaq xi pagani quddiem Kristu; f'jum ieħor qallu bit-tifel li kellu l-ħobż u l-ħut. Jingħad li, wara Għid il-Ħamsin, mar ixandar l-Evanġelju f'ħafna artijiet u li miet imsallab fl-Akaja, fil-Greċja.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-ewwel Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-ewwel Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena Ċ. L-ewwel ġimgħa tas-salterju.

# 01 Il-Ħadd • Diċembru 2024

**L-ewwel Ħadd tal-Avvent – (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ewwel Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent I [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena Ċ**

- **1L** Ġer 33, 14-16 Intalla' min-nisel ta' David rimja tas-sewwa.
- **SR** 24, 4bc-5ab.8-10.14 Lejk jiena nerfa' ruħi, Mulej.
- **2L** 1 Tess 3, 12 – 4, 2 Il-Mulej iqawwilkom qalbkom għal meta jiġi Sidna Ġesù.
- **E** Lq 21, 25-28.34-36 Il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ewwel Ħadd tal-Avvent [D]. L-Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena Ċ. Salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

# It-Tnejn • Diċembru 2024 02

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 4, 2-6 Fuq in-nies miġmugħa tinfirex il-glorja.
- **SR** 121 (122), 1-2.3-4a.4b-5.6-7.8-9 Immorru ferħana f'dar il-Mulej.
- **E** Mt 8, 5-11 Għad jiġu ħafna mil-Lvant u mill-Punent u joqogħdu fis-saltna tas-smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.S.J. – Imqaddsa Verġni Marija, ta' Liesse – Tifkira O (abjad)
- O.F.M. Cap. – Beata Marija Anġela Astorch, verġni – Tifkira (abjad)
- O.F.M. Conv. – Beatu Rafel Chylinski, presbiteru – Tifkira (abjad)

# 03 It-Tlieta • Diċembru 2024

**San Franġisk Saverju, saċerdot – Tifkira O (abjad)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Ragħajja [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 11, 1-10 Fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej.
- **SR** 71 (72), 2.7-8.12-13.17 Tħaddar f'jiemu l-ġustizzja, u s-sliem kotran għal dejjem.
- **E** Lq 10, 21-24 Ġesù tqanqal bil-ferħ mill-Ispirtu s-Santu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- O.P. (Birgu) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- S.J. – San Franġisk Saverju, presbiteru – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Franġisk Saverju twieled fi Spanja qrib Pamplona fl-1506; studja f'Pariġi u kien wieħed minn tal-ewwel li ngħaqad ma' Sant'Injazju ta' Loyola bħala membru fl-ordni tal-Ġiżwiti. Ġie ordnat saċerdot f'Ruma, u ngħata għall-ħidma ta' karità. Fl-1541 mar fil-Lvant u għal għaxar snin ħadem kemm felaħ biex ixandar l-Evanġelju fl-Indja u l-Ġappun, u ressaq kotra kbira għall-fidi. Miet fl-1552 fil-gżira ta' Sancian, iċ-Ċina.

# L-Erbgħa • Diċembru 2024 04

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**
*jew* **San Ġwann Damaxxenu, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 25, 6-10a Sidi l-Mulej jagħmel għall-popli kollha mejda b'ikel fin u jixxotta d-dmugħ minn fuq kull wiċċ.
- **SR** 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6 Ngħammar f'dar il-Mulej sakemm indum ħaj!
- **E** Mt 15, 29-37 Ġesù fejjaq ħafna morda u qasam il-ħobż.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tad-dutturi tal-Knisja jew tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.F.M. Cap. (Kalkara) – Santa Barbara, verġni u martri – Solennità (aħmar)
- U.S.A.M. (Sliema) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann Damaxxenu twieled f'Damasku għall-ħabta tas-sena 650 minn familja nisranija. Studja l-filosofija, issieħeb mal-irħieb fil-monasteru ta' San Saba qrib Ġerusalemm, u ġie ordnat saċerdot. Hu meqjus bħala l-aħħar missier tal-Knisja tal-Lvant. Kiteb xi innijiet liturġiċi, kif ukoll ħafna tagħlim teoloġiku, l-aktar dwar il-kult tax-xbihat imqaddsa b'reazzjoni għat-tagħlim tal-ikonoklastiċi li kienu jipprojbixxu l-użu tal-ikoni. Miet fis-sena 749. Ġie ddikjarat duttur tal-Knisja mill-papa Ljun XIII fl-1890.

# 05 Il-Ħamis • Diċembru 2024

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 26, 1-6 Jidħol il-poplu ġust li jżomm is-sewwa.
- **SR** 117 (118), 1 u 8-9.19-21.25-27a Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!
- **E** Mt 7, 21.24-27 Min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tal-Ħamis tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O. Carm. – Beatu Bartilmew Fanti, presbiteru – Tifkira (abjad)
- S.D.B.; F.M.A. – Beatu Filippu Rinaldi, presbiteru – Tifkira (abjad)
- O.S.B. – San Saba, abbati – Tifkira (abjad)
- O.S.B. – Beatu Plaċidu Riccardi, presbiteru – Tifkira (abjad)

# Il-Ġimgħa • Diċembru 2024 06

**tal-ewwel ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**
*jew* **San Nikola, isqof – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ[5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 29, 17-24 Dakinhar għajnejn l-għomja jaraw.
- **SR** 26 (27), 1.4.13-14 Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi.
- **E** Mt 9, 27-31 Żewġ għomja jitfejqu għax jemmnu fil-Mulej.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Ġimgħa tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Siggiewi – San Nikola, isqof – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Nikola kien isqof ta' Mira f'Liċja, illum it-Turkija. Ħa sehem fil-Konċilju ta' Nicea kontra l-Arjani, li kienu jiċħdu d-divinità ta' Kristu. Miet għal nofs is-seklu 4, u hu mweġġaħ fil-Knisja kollha, l-aktar mis-seklu 10 'l hawn.

# 07 Is-Sibt • Diċembru 2024

**Sant' Ambroġ, isqof u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 30, 19-21.23-26 Il-Mulej iħenn għalik mal-ħoss tal-għajta tiegħek.
- **SR** 146 (147), 1-2.3-4.5-6 Alla ġust hu l-Mulej; henjin dawk li jafdaw fih.
- **E** Mt 9, 35 – 10, 1.6-8 Ra n-nies u tħassarhom.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ jew tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Innu proprju fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum. Salmodija tas-Sibt tal-I ġimgħa.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Sant'Ambroġ twieled fi Treviri minn familja rumana għall-ħabta tas-sena 340; studja f'Ruma, u qeda uffiċċji ċivili għolja f'Sirmio. Fis-sena 374, meta kien prefett ta' Milan u għadu katekumenu, għażluh isqof tal-belt u ġie ordnat fis-7 ta' Diċembru. Ħadem b'reqqa tal-għaġeb f'dan il-ministeru, l-aktar bl-imħabba li wera lejn kulħadd li għamlitu tassew ir-ragħaj u l-imgħallem tal-fidili tiegħu. Fost dawk li kkonvertew bis-saħħa tiegħu nsibu lil Santu Wistin. Iddefenda bil-qawwa d-drittijiet tal-Knisja, ħadha kontra l-Arjani, u kiteb opri teoloġiċi ta' għerf kbir, kif ukoll xi innijiet liturġiċi li xi wħud minnhom għadhom użati sal-lum. Miet fil-vġili tal-Għid il-Kbir, 4 ta' April 397.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tieni Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena Ċ. It-tieni ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Diċembru 2024 08

**It-tieni Ħadd tal-Avvent – (vjola)**

**Quddiesa**
tat-tieni Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent I [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena Ċ**

- **1L** Bar 5, 1-9 Alla juri sbuħit Ġerusalemm lid-dinja.
- **SR** 125, 1-2ab.2ċd-3.4-5.6 Kbir f'għemilu l-Mulej magħna!
- **2L** Fil 1, 4-6.8-11 Kunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu.
- **E** Lq 3, 1-6 Il-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tieni Ħadd tal-Avvent [D]. L-Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji għas-sena Ċ. Salmodija tal-Ħadd tat-II ġimgħa.

# 09 It-Tnejn • Diċembru 2024

**It-Tnissil bla Tebgħa tal-Imqaddsa Verġni Marija – Solennità trasferita (abjad)**

**Quddiesa**
tas-solennità, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju proprju [2].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Ġen 3, 9-15.20 Innissel mibegħda bejn nislek u bejn nisel il-mara.
- **SR** 97, 1-4 Ngħannu lill-Mulej, għax għamel l-għeġubijiet.
- **2L** Efes 1, 3-6.11-12 Alla għażilna fi Kristu sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.
- **E** Lq 1, 26-38 Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-solennità [A]. Fl-Uffiċċju tal-Qari, salmodija mill-Komun tal-Madonna. Fit-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum, salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa. Fit-Talb ta’ Nofs il-Jum, antifona proprja, salmodija komplimentari. Fit-II Għasar, salmodija mill-Komun tal-Madonna. Kompieta ta’ wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-festa tat-tnissil bla tebgħa tal-Verġni Omm Alla kienet issir fis-Sirja sa’ mis-seklu ħamsa. Fit-8 ta’ Diċembru 1854, il-papa Piju IX bl-enċiklika *Ineffabilis Deus* iddefinixxa bħala domma ta’ fidi li l-Verġni mqaddsa Marija, mimlija bil-grazzja u mbierka fost in-nisa, għall-merti ta’ Kristu meqjusin minn qabel, Alla ħarisha minn kull tebgħa ta’ dnub sa mill-ewwel waqt tat-tnissil tagħha.

# It-Tlieta • Diċembru 2024 10

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija ta' Loreto – Tifkira (abjad)**

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tat-Tlieta tat-II ġimgħa.

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tal-Madonna [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 40, 1-11 Alla jfarraġ il-poplu tiegħu.
- **SR** 95 (96), 1-2.3 u 10aċ.11-12.13 Sidi l-Mulej ġej bil-qawwa.
- **E** Mt 18, 12-14 Alla ma jridx li jintilef wieħed minn dawn iż-żgħar.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- U.S.A.M. (Msida); Gudja (ta' Loreto) – Madonna ta' Loreto – Solennità (abjad).
- O.C.D – San Damasu I, papa – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Għajnsielem (Knisja Parrokkjali) – It-Translazzjoni tad-Dar tal-Madonna f'Loretu – Solennità (abjad)

# 11 L-Erbgħa • Diċembru 2024

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**
*jew* **San Damasu, papa – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tar-Ragħajja tal-Erwieħ [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Iż 40, 25-31 Il-Mulej ikattar il-qawwa lil min hu bla saħħa.
- **SR** 102 (103), 1-2.3-4.8 u 10 Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!
- **E** Mt 11, 28-30 Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tar-ragħajja tal-erwieħ [Ċ]. Salmodija tal-Erbgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- Gudja; Naxxar – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- O.Carm. (Valletta) – Beatu Franku minn Siena – Tifkira (abjad)
- O.C.D. – Santa Marija tal-Għaġeb ta' Ġesù, verġni – Tifkira O (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-papa Damasu twieled għall-ħabta tas-sena 305. Daħal fil-kleru ta' Ruma u sar papa fis-sena 366. Laqqa' sinodi kontra x-xiżmatiċi u l-eretiċi Arjani u Donatisti, qabbad lil San Ġirolmu jaqleb il-kotba tal-Iskrittura mqaddsa għal-Latin, xerred ħafna l-ġieħ tal-martri u żejjen l-oqbra tagħhom b'versi tiegħu. Miet fis-sena 384.

# Il-Ħamis • Diċembru 2024 12

**tat-tieni ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**
*jew* **L-Imqaddsa Verġni Marija ta' Gwadalupe – Tifkira (abjad)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata jew tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tal-Madonna [5].

**Lezzjonajru Ferjali III**
- **1L** Iż 41, 13-20 Jien il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael!
- **SR** 144 (145), 1 u 9.10-11.12-13ab Il-Mulej twajjeb u ħanin.
- **E** Mt 11, 11-15 Ħadd ma qam akbar minn Ġwanni l-Battista.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E] jew tat-tifkira mill-Komun tal-Madonna [Ċ]. Salmodija tal-Ħamis tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
O.Carm. (Balluta); Kalkara – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
L-Imqaddsa Verġni Marija ta' Gwadalupe hi omm il-poplu Messikan li jersaq fuq l-għolja Tepeyac, qrib il-belt tal-Messiku, biex jitlobha l-għajnuna. F'dan il-post kienet dehret lil San Ġwann Diegu Cuauhtlatoatzin. Hi l-ispirazzjoni tal-evanġelizazzjoni u l-għajnuna għall-fqar fil-Messiku u fl-Amerka Latina.

# 13 Il-Ġimgħa • Diċembru 2024

**Santa Luċija, verġni u martri – Tifkira O (aħmar)**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tal-Martri [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 48, 17-19 Li kieku tajt widen għall-kmandamenti tiegħi!
- **SR** 1, 1-2.3.4 u 6 Min jimxi warajk, Mulej, ikollu d-dawl tal-ħajja.
- **E** Mt 11, 16-19 La minn Ġwanni u lanqas minn Bin il-bniedem ma jridu jisimgħu.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tal-martri jew tal-verġni [Ċ]. Antifoni għall-Benedictus u għall-Magnificat proprji. Salmodija tal-Ġimgħa tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Tarxien (Erwieħ) – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)
- Mtarfa – Santa Luċija, verġni u martri – Solennità (aħmar)

Djoċesi ta' Għawdex

- Għarb (Bażilka tat-Tlugħ tal-Imqaddsa Verġni Marija fis-Sema "ta' Pinu") – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1932) – Solennità (abjad)
- Kerċem (Knisja ta' Santa Luċija) – Santa Luċija, verġni u martri – Solennità (aħmar)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Santa Luċija ħadet il-martirju f'Sirakuża, aktarx fil-persekuzzjoni ta' Djoklezjanu fil-bidu tar-raba' seklu. Il-kult tagħha xtered kważi fil-Knisja kollha sa minn żmien antik ħafna, u isimha ddaħħal fil-Kanone Ruman.

# Is-Sibt • Diċembru 2024 14

**San Ġwann tas-Salib, presbiteru u duttur tal-Knisja – Tifkira O (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tat-tifkira, prefazju tal-Avvent I jew tal-Qaddisin Verġni u Reliġjużi [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Sir 48, 1-4.9-11 Elija jerġa' jiġi.
- **SR** 79 (80), 2aċ u 3b.15-16.18-19 Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti.
- **E** Mt 17, 10-13 Elija ġa ġie, u huma baqgħu ma għarfuhx.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tat-tifkira mill-Komun tad-dutturi tal-Knisja [Ċ]. Salmodija tas-Sibt tat-II ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. – San Ġwann tas-Salib, presbiteru, duttur tal-Knisja u missier tagħna – Solennità (abjad)
- O. Carm. – San Ġwann tas-Salib, presbiteru u duttur tal-Knisja – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann tas-Salib twieled f'Fontiberos fi Spanja, qrib l-1542. Daħal mal-Karmelitani ta' Medina del Campo. Santa Tereża ta' Ġesù ħeġġitu biex jitħabat għar-riforma tal-Ordni u ndaħal għaliha minkejja diffikultajiet kbar. Kiteb opri spiritwali b'għerf kbir fuq il-ħajja mistika. Miet f'Oviedo, fl-1591.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tat-tielet Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat proprja għas-sena Ċ. It-tielet ġimgħa tas-salterju.

# 15 Il-Ħadd • Diċembru 2024

**It-tielet Ħadd tal-Avvent – (vjola jew roża)**

**Quddiesa**
tat-tielet Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent II [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena Ċ**

- **1L** Sof 3, 14-18a Minħabba fik il-Mulej jithenna b'hena kbir.
- **SR** Is 12, 2-3.4bċd.5-6 Kbir hu f'nofsok il-Qaddis ta' Iżrael.
- **2L** Fil 4, 4-7 Il-Mulej qorob.
- **E** Lq 3, 10-18 U aħna, x'għandna nagħmlu?

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-tielet Ħadd tal-Avvent [D]. Salmodija tal-Ħadd tat-III ġimgħa.

# It-Tnejn • Diċembru 2024 16

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja (vjola)**

**Quddiesa**
tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent I [5].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Num 24, 2-7.15-17a Għad titla' kewkba minn Ġakobb.
- **SR** 24 (25), 4bċ-5ab.6-7bċ.8-9 Triqatek, Mulej, għarrafni.
- **E** Mt 21, 23-27 Il-magħmudija ta' Ġwanni minn fejn kienet ġejja?

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-ġurnata [E]. Salmodija tat-Tnejn tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
- O.C.D. – Beata Marija tal-Anġli Fontanella, verġni – Tifkira (abjad)

Djoċesi ta' Għawdex
- Kerċem (Kappella tas-Sorijiet Karmelitani) – L-anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-knisja (1973) – Solennità (abjad)

# 17 It-Tlieta • Diċembru 2024

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tas-17 ta’ Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Ġen 49, 2.8-10 Ix-xettru minn id Ġuda ma jitneħħiex.
- **SR** 71 (72), 1-2.3-4ab.7-8.17 Tħaddar f’jiemu l-ġustizzja u s-sliem.
- Hallelujah: O Għerf tal-Għoli.
- **E** Mt 1, 1-17 Ktieb in-nisel ta’ Ġesù, bin David.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-17 ta’ Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum u fl-Għasar, antifoni tat-Tlieta qabel l-24 ta’ Diċembru. Salmodija tat-Tlieta tat-III ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- San Ġiljan – Dedikazzjoni tal-knisja parrokkjali – Solennità (abjad)

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tat-18 ta’ Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Ġer 23, 5-8 Inqajjem lil David rimja ġusta.
- **SR** 71 (72), 2.12-13.18-19 Tħaddar f’jiemu l-ġustizzja u s-sliem.
- Hallelujah: O Mexxej tad-dar ta’ Iżrael.
- **E** Mt 1, 18-24 Ġesù jitwieled minn Marija, għarusa ta’ Ġużeppi, bin David.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-18 ta’ Diċembru [E].
Fit-Tifħir ta’ Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni tal-Erbgħa qabel l-24 ta’ Diċembru. Salmodija tal-Erbgħa tat-III ġimgħa.

# 19 Il-Ħamis • Diċembru 2024

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tad-19 ta' Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Mħal 13, 2-7.24-25a Anġlu tal-Mulej iħabbar it-twelid ta' Sansun.
- **SR** 70 (71), 3-4a.5-6ab.16-17 Mulej, mimli fommi b'tifħirek u b'sebħek.
- Hallelujah: O Għerq ta' Ġesse.
- **E** Lq 1, 5-25 L-anġlu Gabrijel iħabbar it-twelid ta' Ġwanni l-Battista.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tad-19 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni tal-Ħamis qabel l-24 ta' Diċembru. Salmodija tal-Ħamis tat-III ġimgħa.

# Il-Ġimgħa • Diċembru 2024 20

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tal-20 ta' Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Iż 7, 10-14 Araw, ix-xebba titqal u tiled iben.
- **SR** 23 (24), 1-2.3-4ab.5-6 Araw, ġej il-Mulej, is-Sultan tal-glorja!
- Hallelujah: O Muftieħ ta' David.
- **E** Lq 1, 26-38 Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-20 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni tal-Ġimgħa qabel l-24 ta' Diċembru. Salmodija tal-Ġimgħa tat-III ġimgħa.

# 21 Is-Sibt • Diċembru 2024

**tat-tielet ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-21 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum antifoni tas-Sibt qabel l-24 ta' Diċembru. Salmodija tas-Sibt tat-III ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Pietru Kanisju presbiteru u duttur tal-Knisja, bil-mod indikat f'[F].

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja tal-21 ta' Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Pietru Kanisju presbiteru u duttur tal-Knisja, bil-mod indikat f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** Għan 2, 8-14 Il-maħbub tiegħi: arah, ġej, jaqbeż fuq il-muntanji. *jew* Sof 3, 14-18a Il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok.
- **SR** 32 (33), 2-3.11-12.20-21 Għannu, ġusti, bil-ferħ, lill-Mulej; għannulu għanja ġdida.
- Hallelujah: O Xemx tielgħa.
- **E** Lq 1, 39-45 Minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi?

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Pietru Kanisju twieled f'Nijmegen fl-Olanda, fl-1521; studja f'Köln, il-Ġermanja, u ssieħeb fis-Soċjetà ta' Ġesù; ġie ordnat saċerdot, u għal ħafna snin ħabrek bil-kitba u bil-prietki tiegħu biex iħares u jsaħħaħ il-fidi kattolika. Fost il-ħafna kitbiet tiegħu nsibu l-Katekiżmu Ġermaniż. Miet fi Friburg, fl-Isvizzera, fl-1597.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tal-Avvent.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tar-raba' Ħadd tal-Avvent. L-antifona għall-Magnificat *O Xemx tielgħa.* Ir-raba' ġimgħa tas-salterju.

# Il-Ħadd • Diċembru 2024 22

**Ir-raba' Ħadd tal-Avvent – (vjola)**

**Quddiesa**
tar-raba' Ħadd tal-Avvent, Kredu, prefazju tal-Avvent II [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena Ċ**

- **1L** Mik 5,1-4a Minnek joħroġli dak li jkun prinċep f'Iżrael.
- **SR** 79, 2aċ u 3b.15-16.18-19 Mulej, itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi.
- **2L** Lhud 10, 5-10 Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek.
- **E** Lq 1, 39-45 U minn fejn ġieni dan li omm Sidi tiġi għandi?

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tar-raba' Ħadd tal-Avvent [D]. Fl-Uffiċċju tal-Qari, versett, lezzjonijiet u responsorji tat-22 ta' Diċembru. L-antifona għall-Benedictus proprja għas-sena Ċ. L-antifona għall-Magnificat *O Sultan tal-Ġnus.* Salmodija tal-Ħadd tar-IV ġimgħa.

# 23 It-Tnejn • Diċembru 2024

**tar-raba' ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Quddiesa**
proprja tat-23 ta' Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].
Tista' ssir it-tifkira ta' San Ġwann de Kety, presbiteru, bil-mod indikat f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** Mal 3, 1-4.23-24 Nibagħtilkom 'l Elija l-profeta qabel ma jasal Jum il-Mulej.
- **SR** 24 (25), 4bċ-5ab.8-9.10 u 14 Erfgħu raskom, għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib.
- Hallelujah: O Għimanu-El.
- **E** Lq 1, 57-66 It-twelid ta' Ġwanni l-Battista.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tat-23 ta' Diċembru [E].
Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u fl-Għasar antifoni tat-Tnejn qabel l-24 ta' Diċembru. Salmodija tat-Tnejn tar-IV ġimgħa.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Ġwann de Kety, presbiteru u duttur tal-Knisja, bil-mod indikat f'[F].

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann twieled fir-raħal ta' Kety, djoċesi ta' Krakow, fl-1390; ġie ordnat saċerdot u għadda ħafna snin jgħallem fl-università ta' Krakow; sar kappillan tal-parroċċa ta' Olkusz. Kien bniedem ta' fidi safja, u għallimha bir-reqqa. Kien imżejjen bil-virtujiet, l-aktar bl-imħabba lejn il-foqra. Miet fl-1473.

# It-Tlieta • Diċembru 2024 24

**tar-raba' ġimgħa tal-Avvent – Ferja privileġġjata (vjola)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja tal-24 ta' Diċembru, qari proprju tal-ġurnata, prefazju tal-Avvent II [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** 2 Sam 7, 1-5, 8b-12. 14a.16 Is-saltna ta' David tibqa' għal dejjem quddiem il-Mulej.
- **SR** 88 (89), 2-3.4-5.27 u 29 It-tieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.
- Hallelujah: O Xemx tielgħa.
- **E** Lq 1, 67-79 Mill-għoli jiġi jżurna bħax-xemx tielgħa.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) Uffiċċju tal-24 ta' Diċembru [E]. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum antifoni proprji. Salmodija tat-Tlieta tar-IV ġimgħa.

**Filgħaxija**

**It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tal-vġili proprja, Glorja, Kredu – mal-kliem *U ħa l-ġisem* … kulħadd jinżel għarkopptejh, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena Ċ**
- **1L** Is 62, 1-5 Il-Mulej tgħaxxaq bik.
- **SR** 88 (89), 4-5.16-17.27.29 It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni.
- **2L** Atti 13, 16-17.22-25 Pawlu jixhed għal Kristu, Bin David.
- **E** Mt 1, 1-25 Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu bin David. *jew*
  Mt 1, 18-25 Marija jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd. Il-Kompieta ma tingħadx minn min jieħu sehem fil-Quddiesa ta' nofsillejl.

# 25 L-Erbgħa • Diċembru 2024

**It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu – Solennità (abjad)**

**Quddiesa**
tal-lejl tal-Milied, ta' Sbiħ il-Jum, ta' Jum il-Milied
tas-solennità, Glorja, Kredu – mal-kliem *U ħa l-ġisem* … kulħadd jinżel għarkopptejh, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [1].
Is-saċerdot li jqaddes tliet Quddisiet jista' jżomm l-elemosina tat-tlieta li huma (CIC kan. 951 § 1).

**Quddiesa ta' Nofsillejl – Lezzjonarju għall-Ħdud Sena Ċ**

- **1L** Is 9, 1-6 Ingħatalna iben.
- **SR** 95 (96), 1-2a.2b-3.11-12.13 Illum twildilna Salvatur, li hu Kristu l-Mulej.
- **2L** Tit 2, 11-14 Dehret il-grazzja ta' Alla lill-bnedmin kollha.
- **E** Lq 2, 1-14 Illum twildilkom Salvatur.

**Quddiesa tas-Sebħ – Lezzjonarju għall-Ħdud Sena Ċ**

- **1L** Is 62, 11-12 Arah ġej is-Salvatur tiegħek.
- **SR** 96 (97), 1.6.11-12 Illum jiddi fuqna d-dawl, għax twildilna l-Mulej.
- **2L** Tit 3, 4-7 Hu salvana minħabba fil-ħniena tiegħu.
- **E** Lq 2, 15-20 Sabu lil Marija u lil Ġużeppi u t-tarbija.

**Quddiesa ta' Binhar – Lezzjonarju għall-Ħdud Sena Ċ**

- **1L** Is 52, 7-10 Raw it-truf kollha tal-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
- **SR** 97 (98), 1.23ab.3ċd-4.5-6 Raw it-truf kollha tal-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
- **2L** Lhud 1, 1-6 Alla kellimna permezz ta' Ibnu.
- **E** Ġw 1, 1-18 (Ġw 1, 1-5.9-14) Il-Verb ħa l-ġisem u għammar fostna.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tas-Solennità [A]. Kompieta ta' wara t-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

# Il-Ħamis • Diċembru 2024 26

**San Stiefnu, protomartri – Festa (aħmar)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** Atti 6, 8-10; 7, 54-59 Qiegħed nara s-smewwiet miftuħa.
- **SR** 30, 3cd-4.6ab.7b.8a.16 F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi.
- **E** Mt 10, 17-22 L-Ispirtu ta' Missierkom jitkellem permezz tagħkom.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum ikunu tal-festa ta' San Stiefnu mill-Proprju tal-qaddisin. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Milied, salmi tal-Ħamis tar-IV ġimgħa u l-kumplament mill-uffiċċju tal-festa tal-ġurnata mill-Proprju tal-qaddisin. Għall-Għasar, l-innu, l-antifoni u s-salmi tat-tieni Għasar tal-Milied u l-kumplament mill-Proprju taż-żmien għas-26 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Stiefnu kien mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, wieħed mis-sebat "irġiel ta' isem tajjeb" li l-Appostli għażluhom biex jgħinuhom fil-qadi tal-ewwel komunità, u l-ewwel wieħed mid-dixxipli tal-Mulej li xerred demmu biex jagħti xhieda għal Ġesù, li hu rah fil-lemin ta' Alla, u talab għal dawk li kienu qegħdin iħaġġruh.

# 27 Il-Ġimgħa • Diċembru 2024

**San Ġwann, appostlu u evanġelista – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Ġw 1, 1-4 Dak li rajna u smajna, dan se nxandrulkom.
- **SR** 96, 1-2.5-6.11-12 Ifirħu, ġusti, fil-Mulej.
- **E** Ġw 20, 2-8 Id-dixxiplu l-ieħor ħaffef aktar minn Pietru, u laħaq qablu ħdejn il-qabar.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum ikunu tal-festa ta' San Ġwann mill-Proprju tal-qaddisin. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Milied, salmi tal-Ġimgħa tar-IV ġimgħa u l-kumplament mill-uffiċċju tal-festa tal-ġurnata mill-Proprju tal-qaddisin. Għall-Għasar, l-innu, l-antifoni u s-salmi tat-tieni Għasar tal-Milied u l-kumplament mill-Proprju taż-żmien għas-27 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex

- Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, martri) – San Ġwann, appostlu – Solennità (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Ġwann, Appostlu u Evanġelista, bin Żebedew, flimkien ma' ħuh Ġakbu u ma' Pietru, kien xhud tat-trasfigurazzjoni u tal-passjoni tal-Mulej. Minn fuq is-salib Ġesù tah lil Ommu Marija biex tkun Ommu. Fl-Evanġelju, fl-Ittri u fl-Apokalissi tiegħu juri ruħu bħala teologu li stħaqqlu jara l-glorja tal-Verb magħmul bniedem u xandar dak li ra.

# Is-Sibt • Diċembru 2024 28

**Il-Qaddisin Innoċenti Martri – Festa (aħmar)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
tal-festa, Glorja, qari proprju, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Quddies tal-Qaddisin**

- **1L** 1 Ġw 1, 5 – 2, 2 Id-demm ta' Ġesù Kristu jnaddafna minn kull dnub.
- **SR** 123, 2-5.7b-8 Ħajjitna ħelset mix-xbiek.
- **E** Mt 2, 13-18 Erodi qatel it-tfal subien kollha ta' Betlehem.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) L-Uffiċċju tal-Qari u t-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum ikunu tal-festa tal-Qaddisin innoċenti martri mill-Proprju tal-qaddisin. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Milied, salmi tas-Sibt tar-IV ġimgħa u l-kumplament mill-uffiċċju tal-festa tal-ġurnata mill-Proprju tal-qaddisin.

**Mill-Martiroloġju Ruman**
Il-festa tal-lum issir f'ġieħ it-tfal subien ta' minn sentejn 'l isfel li Erodi qatel f'Betlehem ta' Ġuda bil-ħsieb li fosthom joqtol ukoll lit-tfajjel Ġesù. Il-Knisja sa mill-ewwel sekli tathom ġieħ bħala l-ewwel xhieda ta' Kristu fost il-martri kollha li kienu se jxerrdu demmhom għal Alla u għall-Ħaruf tiegħu matul is-sekli.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tal-festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tal-festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd.

# 29 Il-Ħadd • Diċembru 2024

**Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi – Festa (abjad)**

**Quddiesa**
proprja, Glorja, qari proprju, Kredu, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [3].

**Lezzjonarju għall-Ħdud – Sena Ċ**

- **1L** 1 Sam 1, 20-22.24-28 Samwel mogħti lill-Mulej il-jiem kollha ta' ħajtu.
- **SR** 83 (84), 2-3.5-6.9-10 Henjin dawk li jgħammru f'darek, Mulej.
- **2L** 1 Ġw 3, 1-2.21-24 Nistgħu nissejħu wlied Alla, u hekk aħna tassew!
- **E** Lq 2, 41-52 Il-ġenituri sabu lil Ġesù fit-tempju, bilqiegħda f'nofs l-għalliema.

**Liturġija tas-Sigħat**
Uffiċċju tal-festa [B]. Antifoni għall-Benedictus u l-Magnificat proprji għas-sena Ċ. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum antifona proprja u salmodija tal-Ħadd tal-I ġimgħa.

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- U.S.A.M. (Sliema) – Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija, Ġużeppi – Solennità (abjad)

# It-Tnejn • Diċembru 2024 30

**is-sitt jum fost l-ottava tal-Milied (abjad)**

**Quddiesa**
proprja tas-sitt jum fost l-ottava tal-Milied, Glorja, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [4].

**Lezzjonarju Ferjali III**

- **1L** 1 Ġw 2, 12-17 Min jagħmel ir-rieda ta' Alla jibqa' għal dejjem.
- **SR** 95 (96), 7-8a.8b-9.10 Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art.
- **E** Lq 2, 36-40 Anna bdiet titkellem fuq it-tarbija ma' dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa.

**Liturġija tas-Sigħat**
tas-sitt jum fost l-Ottava tal-Milied. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, l-innu, l-antifoni u s-salmodija mit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum tal-Milied, filwaqt li l-kumplament mill-partijiet proprji tas-sitt jum fost l-ottava tal-Milied. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Milied u salmodija tat-Tnejn tal-I ġimgħa. Għall-Għasar, l-innu, l-antifoni u s-salmodija tat-tieni Għasar tal-Milied, u l-kumplament mill-Proprju taż-żmien għat-30 ta' Diċembru. Kompieta ta' wara l-ewwel jew it-tieni Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur.*

**Ċelebrazzjonijiet oħra**

- Żurrieq – Dedikazzjoni tal-knisja – Solennità (abjad)

# 31 It-Tlieta • Diċembru 2024

**is-seba' jum fost l-ottava tal-Milied (abjad)**

**Filgħodu**

**Quddiesa**
proprja tas-seba' jum fost l-ottava tal-Milied, Glorja, prefazju tal-Milied. Jekk tingħad l-Ewwel Talba Ewkaristika *Imseħbin* proprja [4]. Tista' ssir it-tifkira ta' San Silvestru, papa, kif imfisser f'[7].

**Lezzjonarju Ferjali III**
- **1L** 1 Ġw 2, 18-21 Għandkom id-dilka mill-Qaddis u dan tafuh ilkoll.
- **SR** 95 (96), 1-2.11-12.13 Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art.
- **E** Ġw 1, 1-18 Il-Verb sar bniedem.

**Liturġija tas-Sigħat**
(sat-Talb ta' Nofs il-Jum) tas-seba' jum fost l-Ottava. Fit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, l-innu, l-antifoni u s-salmodija mit-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum tal-Milied, filwaqt li l-kumplament mill-partijiet proprji tas-seba' jum fost l-ottava tal-Milied. Fit-Talb ta' Nofs il-Jum, antifona ta' żmien il-Milied u salmodija tat-Tlieta tal-I ġimgħa tas-salterju.
Tista' ssir it-tifkira ta' San Silvestru, papa, kif imfisser f'[F].

**Ċelebrazzjonijiet oħra**
Djoċesi ta' Għawdex
- Belt Vittorja (Bażilka San Ġorġ, martri) – San Silvestru I, papa, Fundatur tal-Bażilka Kostantinjana tal-Lateran – Festa (abjad)

**Mill-Martiroloġju Ruman**
San Silvestru sar papa fis-sena 314 u mexxa l-Knisja fiż-żmien li fih Kostantinu l-Kbir bena xi bażilki f'Ruma u l-eretiċi Donatisti u Arjani kienu qegħdin jagħmlu ħsara kbira lill-fidili. Miet fis-sena 335 u difnuh fiċ-ċimiterju ta' Prixxilla f'Via Salaria.

**Filgħaxija**

**Quddiesa**
tas-solennità tal-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla.

**Liturġija tas-Sigħat**
L-ewwel Għasar tas-solennità tal-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla. Kompieta ta' wara l-ewwel Għasar tal-Ħadd bit-talba *Żur*.

*Is-sena liturġika hija ż-żmien li fih il-Knisja tiċċelebra "l-misteru kollu ta' Kristu, mill-inkarnazzjoni u t-twelid sat-tlugħ fis-sema, sa Għid il-Ħamsin, sa ma sseħħ it-tama mqaddsa u l-miġja tal-Mulej"*

**Kummissjoni Liturġika Interdjoċesana**
**Kurja tal-Arċisqof, il-Furjana, Malta**